- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-aċċellerar tat-tranżizzjoni minn xandir analogu għal xandir diġitali (COM(2005)0204),

⁽¹⁾ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tranżizzjoni minn xandir analogu għal xandir diġitali (minn 'switchover' diġitali għall-'switch off' analogu)(COM(2003)0541),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar it-tranżizzjoni minn xandir analogu għal xandir diġitali: opportunità għal politika awdjoviżiva Ewropea u għad-diverstià kulturali? ⁽¹⁾
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar l-aċċellerar tat-tranżizzjoni minn xandir analogu għal xandir diġitali, ⁽²⁾
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill dwar it-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija, li saret fi Brussell mis-6 sat-8 ta' Ġunju 2007, dwar l-inizjattiva i2010 — Rapport Annwali tas-Soċjetà ta' l-Information 2007,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill dwar it-Trasport, it-Telekomunikazzjonijiet u l-Enerġija, li saret fi Brussell fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2004,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa CM/Rec(2007)3 tal-Kumitat tal-Ministri ta' l-Istati Membri dwar il-kompitu tal-media tas-servizz pubbliku fis-soċjetà ta' l-informazzjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0390/2007),
- A. billi jiġbed l-attenzjoni li l-bidla mit-televiżjoni analogha għal dik diġitali huwa pass kbir 'il quddiem lejn it-tixrid tal-kulturi u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali,
- B. billi t-televiżjoni diġitali tista' tagħmel użu minn teknoloġija tal-media ġdida sabiex tipprovi servizzi ta' informazzjoni u tista' għalhekk issaħħaħ il-koeżjoni soċjali u tgħin sabiex kulħadd jipparteċipa fis-soċjetà ta' l-informazzjoni,
- C. billi jenfasizza li, b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-bidla b'suċċess għat-TV diġitali hija prerekwiżit għall-iżvilupp tas-servizzi diġitali interattivi,
- D. billi jiġbed l-attenzjoni lejn il-potenzjal ekonomiku kbir tas-settur tas-servizzi tat-TV diġitali u l-importanza tiegħu bħala sors ta' impjeg,
- E. billi, madankollu, kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva marbuta mas-settur diġitali ma tistax titqies biss bħala kwistjoni ta' infrastruttura u ta' data teknika, u billi dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati b'konformità ma' l-oġettivi tal-politika, fi ftitxija kontinwa biex jingħata valur miżjud lill-utenti,
- F. billi fuq livell Ewropew u dak nazzjonali s-salvagwardji għandhom jiġu stabbiliti sabiex jipprevjenu milli l-kompetizzjoni u l-liġi tas-suq waħedhom jikkontrollaw id-deċiżjonijiet importanti li għandhom jittieħdu,
- G. billi l-pożizzjoni preċedenti tal-Parlament Ewropew li, jekk jitqiesu d-differenzi tas-sitwazzjonijiet, l-impożizzjoni ta' standard Ewropew uniku ma tkunx l-aħjar soluzzjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet mix-tieqa, u li għal issa tkun azzjoni għaqlija li jintużaw miżuri volontarji ta' standardizzazzjoni ggwidati mill-industrija, kif urew xi eżempji nazzjonali pożittivi,

⁽¹⁾ ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 120.

⁽²⁾ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p.115.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- H. billi s-settur tat-televiżjoni diġitali fl-Unjoni Ewropea diġà jgawdi minn varjetà wiesgħa ta' standards Ewropej b'saħħithom,
- I. billi huwa importanti li ċ-ċittadini Ewropej jiksbu l-vantaġġi kollha mill-benefiċċji potenzjali tat-TV diġitali,
- J. billi l-iżvilupp tas-servizzi interattivi li kien minimu meta mqabbel mal-previżjonijiet ottimisti li għamlu l-esperti,
- K. billi l-varjetà wiesgħa ta' opportunitajiet tekniċi maħluqa mix-xandir diġitali, bħall-interattività, m'għandhiex tkun sors ġdid ta' inugwaljanza, billi żżid is-'separazzjoni diġitali' ma' dik soċjali u kulturali,
- L. billi jinsab imħasseb dwar iż-żieda ta' dan ir-riskju għall-kategoriji anqas privileġġjati, minħabba l-ispejjeż addizzjonali tal-materjal neċessarju,
- M. billi t-tranżizzjoni minn televiżjoni analoga għal televiżjoni diġitali qed tagħmilha possibbli li tinħareġ spectrum capacity u li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi, li jagħtu spinta lill-kompetittività Ewropea f'dan is-settur,
- N. billi t-teknoloġiji l-ġodda għandhom jiġu mgħallma sew sa mill-iżgħar età possibli u s-sistemi edukattivi għandhom jadattaw malajr u bl-aktar mod effettiv għat-tibdil kulturali u soċjali li ġabu magħhom it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni l-ġodda, il-konverġenza u l-era diġitali,
- O. billi għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari għall-aċċess u l-padrnanza ta' l-informazzjoni l-ġdida u tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni minn nies b'diżabilità;
- P. billi s-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva jinkludu s-sottotitoli multilingwi, b'hekk jippermetti t-televiżjoni diġitali li ssaħħaħ id-djalogu interkulturali u t-tagħlim tul il-ħajja,
- Q. billi jfakkar li l-aċċess għal aktar servizzi għandu jimxi id fid mal-libertà ta' l-informazzjoni u ta' l-espressjoni,
- R. billi jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li waqt il-proċess tat-transizzjoni kollu, għandu jkun hemm attenzjoni biex ma jiddgħajfux is-servizzi awdjoviżivi pubbliċi, iżda, għall-kuntrarju, għandu jiġi appoġġjat ix-xogħol tagħhom bħala servizz pubbliku, filwaqt li tiġi mħarsa l-vitalità tas-servizzi awdjoviżivi privati,

Il-Benefiċċji li jinkisbu mill-effetti pożittivi tat-teknoloġija

1. Jafferma li l-teknoloġiji awdjoviżivi l-ġodda għandhom jippermettu x-xandir ta' informazzjoni pluralista u programmi ta' kwalità, li jkunu aċċessibbli għal numru dejjem ikbar ta' ċittadini;
2. Jenfasizza li r-rispett lejn il-pluraliżmu ta' l-informazzjoni u lejn id-diversità tal-kontenut ma jiġix awtomatikament garantit bil-progress teknoloġiku iżda għandu jiġi implimentat mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u Ewropej permezz ta' politika attiva, soda u attenta;
3. Jikkunsidra li, minħabba l-irwol tat-televiżjoni f'soċjetà globalizzata, l-għażliet tekniċi u leġiżlattivi relatati ma' l-interoperabilità m'għandhomx ikunu ta' natura ekonomika biss iżda wkoll ta' natura soċjali u kulturali, u jenfasizza li fuq kolloxx għandha tingħata attenzjoni lill-interessi ta' l-utenti;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

4. Jenfasizza li t-twaqqif ta' pjattaformi diġitali huwa essenzjali għaż-żamma ta' żona publika komuni tal-media wara li tiġi skartata t-teknoloġija analoga u jitlob lill-Istati Membri biex jipromwovw l-provvista ta' servizzi tat-televiżjoni diġitali mingħajr wires b'riċezzjoni garantit mill-pjattaformi proprjetarji kollha;
5. Għaldaqstant, jikkunsidra li tkun ħaġa tajba li l-Kummissjoni tressaq rapport dwar ir-riżultati ta' l-iskambju ta' Prattiki tajba, tal-fora u tal-gruppi ta' ħidma fost il-partijiet interessati, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, ta' l-utenti u tat-telepettaturi;
6. Jenfasizza li l-użu ta' soluzzjonijiet tekniċi interoperabbli li mill-aspett teknoloġiku huma newtrali, jipprovdi mod ta' promozzjoni ta' l-investment u ta' l-innovazzjoni f'dan is-settur, biex b'hekk tingħata spinta lill-kompetizzjoni u tiġi mħarsa l-għażla tal-konsumatur;

Suċċess fit-tranżizzjoni diġitali u l-promozzjoni ta' standards miftuħa

7. Isostni li s-suċċess tat-tranżizzjoni mit-TV analoga għal dik diġitali fl-iqsar żmien possibbli, huwa prerekwiżit u prijorità; huwa mħasseb dwar il-possibilità ta' ttardjar biex tintlaħaq l-iskadenza ta' 2012;
8. Huwa ta' l-opinjoni li l-iżvilupp koordinat tat-televiżjoni diġitali fil-livell Komunitarju huwa essenzjali jekk l-utenti jridu jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq intern u sabiex jitnaqqas il-prezz tat-tagħmir tar-riċezzjoni tat-televiżjoni u biex tikber l-espansjoni tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattivi; għaldaqstant, iheg-geġ lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja lill-Istati Membri fit-tfassil ta' pjan ta' azzjoni komuni fil-livell Komunitarju;
9. Jitlob lill-Istati Membri sabiex iħaffu t-tranżizzjoni għat-televiżjoni diġitali, filwaqt li jikkunsidraw id-domanda tas-suq u fatturi topografiċi u reġjonali demografiċi, u jitlob lil daww l-Istati Membri li għadhom ma fasslux pjan nazzjonali għal bidla kompleta għat-televiżjoni diġitali sabiex jagħmlu dan sa l-aħħar ta' l-2008;
10. Jinsisti li l-miżuri, adottati mill-Istati Membri rigward l-espansjoni tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva, għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' l-għajnuna ta' l-istat;
11. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju ta' l-interoperabilità sabiex tissaħħaħ il-fiduċja ta' l-utent fis-servizzi l-ġodda u biex is-suq jiżviluppa b'mod pożittiv fuq il-bażi ta' standards ta' interoperabilità miftuħa;
12. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika u l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju b'suċċess;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol li għamlet il-Kummissjoni u l-irwol vitali u neċessarju tagħha fil-koordinazzjoni tal-partijiet interessati kollha;
14. Jappoġġja bis-sħiħ l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-intenzjoni tagħha li tikkoopera bis-sħiħ ma' l-Istati Membri bil-għan li ssir il-bidla għat-TV diġitali b'suċċess u li jiġu ffaċilitati s-servizzi diġitali interattivi;
15. Itenni li l-impożizzjoni ta' standard uniku b'mezzi legali mhijiex l-aħjar soluzzjoni iżda hi biss sanzjoni finali, u ma jaqbilx ma' l-intervent tas-suq waħdu bħala soluzzjoni għall-problema ta' l-interattività;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

16. Għaldaqstant jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li tkun ħaġa tajba li jkomplu jiġu promossi standards miftuħa bħall-MHP u l-MHEG-5, li huma rikonoxxuti mill-entitajiet ta' standards Ewropej, fir-rigward tal-bidla għat-TV diġitali u għas-servizzi ta' l-interoperabilità, u jsostni li dawn l-istandards miftuħa huma l-aktar xierqa sabiex tiġi żgurata n-newtralità tat-teknoloġiji tan-networks u l-moviment ħieles ta' l-informazzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati l-bżonnijiet speċjali tal-pajjiżi fejn il-kapaċitajiet ta' frekwenzi huma limitati;

17. Jenfasizza li, meta jitqies l-eżempju ta' 'brevetti sottomarini', li ħareġ ħames snin wara li ġie implimentat l-istandard ta' l-MPH, wieħed jistenna li l-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa fuq il-liċenzji jkunu ġusti u ipubbligiżżati fil-bidu ta' kull żvilupp ta' standard miftuħ, sabiex dan ikollu suċċess;

18. Jenfasizza l-importanza ta' ftehim volontarju bejn il-fornituri tas-servizz tat-televiżjoni diġitali dwar it-twaqqif ta' numru ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-implimentazzjoni ta' standards adottati mill-Istitut Ewropew ta' l-Istandards tat- Telekomunikazzjoni;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi b'mod attiv l-introduzzjoni ta' standards Ewropej għat-televiżjoni diġitali miftuħa fir-reġjuni kollha tad-dinja u sabiex tħeġġeġ il-koperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam, u b'hekk tiżgura l-akbar aċċess għall-kontenut diġitali;

20. Jiddispijaċih li t-televiżjoni interattiva fl-UE kellha inqas suċċess kummerċjali milli kien mistenni; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina r-raġunijiet għal dan il-fenomeni u sabiex tressaq rapporti regolari dwar l-isforzi li għamlu l-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jiżviluppaw is-suq tat-TV diġitali u l-bosta ramifikazzjonijiet ta' dan;

21. Jikkunsidra li huwa essenzjali li l-konsumaturi jkollhom aktar informazzjoni dwar l-opportunitajiet li joffru l-pjattaformi diġitali u dwar it-tagħmir neċessarju, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet tekniċi u kulturali informati;

22. Jenfasizza li kwalunkwe intervent pubbliku m'għandux ikun diskriminatorju jew jiffavurixxi xi operatur tas-suq jew ieħor;

23. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali, billi xxerred l-aħjar Prattiki, biex jisfruttaw il-potenzjal tat-teknoloġiji l-ġodda ħalli l-komunikazzjoni maċ-ċittadini tagħhom issir b'mod aktar effettiv;

Il-bżonn li jiġu kkunsidrati l-impatt u l-kunfidenza fl-użu tat-teknoloġiji l-ġodda

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-iżviluppi futuri tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva, u jirrakkomanda li l-fornituri tas-servizz tat-televiżjoni diġitali jieħdu passi attivi biex jinfurmaw lill-utenti dwar is-servizzi interattivi li jeżistu;

25. Jikkunsidra li huwa essenzjali li tiġi żgurata s-sigurtà ta' l-utenti u l-ħarsien tad-data personali u l-privatezza tagħhom, u jisħaq fuq l-importanza tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva;

26. Jenfasizza l-importanza li ssir diskussjoni fuq livell Ewropew dwar l-implikazzjonijiet soċjali u kulturali tas-soċjetà diġitali u l-adattament tas-sistemi edukattivi nazzjonali għat-tibdil kulturali u soċjali li jġibu magħhom it-teknoloġiji l-ġodda;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

27. Itenni l-importanza li l-persuni ta' kull età jiġu mgħallma dwar id-dinja diġitali u l-media;
28. Jistieden lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu mekkaniżmi li jiggarantixxu struttura mhux diskriminatorja għal programmi gwida elettroniċi li jistgħu jgħinu lill-utenti jifhmu s-servizzi diġitali li qed jiġu offruti;
29. Jindika li l-mudell awdjoviżiv Ewropew huwa bbażat fuq dikotomija kreattiva bejn is-servizzi awdjoviżivi pubbliċi u privati u jisħaq li taħt l-ebda ċirkostanza t-teknoloġiji l-ġodda m'għandhom ifixklu dak il-bilanċ billi jdgħajjfu l-kompetitività tas-settur pubbliku; ifakkar li s-settur pubbliku għandu jkompli jkollu aċċess garantit għall-pjattaformi diġitali;

*
* *
*

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.

P6_TA(2007)0498**Data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd (COM(2007)0196 — C6-0152/2007 — 2007/0070(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0196),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0152/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-sajd ((A6-0407/2007),

1. japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. jistieden lill-Kummissjoni sabiex għalhekk tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250 (2) tat-Trattat KE;
3. jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
5. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 6

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-politika komuni tas-sajd jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jitqies kif inhu xieraq l-approċċ ibbażat fuq il-flotta lejn il-ġestjoni tas-sajd, il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ekosistemiku, il-ħtieġa għal kwalità aħjar, komplettezza u aċċess usa' għad-data dwar is-sajd, appoġġ aktar effiċjenti għall-għoti tal-parir xjentifiku u l-promozzjoni tal-koopezzjoni fost l-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-politika komuni tas-sajd jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jitqies kif inhu xieraq l-approċċ ibbażat fuq il-flotta lejn il-ġestjoni tas-sajd, il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ekosistemiku, il-ħtieġa għal kwalità aħjar, komplettezza u aċċess usa' għad-data dwar is-sajd, appoġġ aktar effiċjenti għall-għoti tal-parir xjentifiku u l-promozzjoni tal-koopezzjoni fost l-Istati Membri. **L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiġu mistennija li jiggarantixxu ċertu livell suffiċjenti ta' kunfidenzjalità rigward data proċessata, karatteristiċi ta' l-utent aħħari u leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti dwar il-kwistjoni.**

Emenda 2

Premessa 9

(9) L-obbligi marbuta ma' l-aċċess għad-data koperta b'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi **ta' l-Istati Membri skond** id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunill 90/313/KEE fir-rigward ta' l-informazzjoni ambjentali kif definita fl-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva.

(9) L-obbligi marbuta ma' l-aċċess għad-data koperta b'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi, **tad-dritt-tijiet u ta' l-eċċezzjonijiet previsti mid-**Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunill 90/313/KEE fir-rigward ta' l-informazzjoni ambjentali kif definita fl-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva.

Emenda 3

Premessa 14

(14) Id-data msemmija f'dan ir-Regolament għandha tiddaħħal f'databases kompjuterizzati sabiex tkun aċċessibbli lil utenti aħħarin awtorizzati li jkunu jistgħu jaqsmuha bejniethom. **Huwa fl-interess tal-komunità xjentifika li d-data li ma tip-permettix identifikazzjoni personali tkun disponibbli lil kwalunkwe parti interessata fl-analiżi ta' data bħal din.**

(14) Id-data msemmija f'dan ir-Regolament għandha tiddaħħal f'databases kompjuterizzati sabiex tkun aċċessibbli lil utenti aħħarin awtorizzati li jkunu jistgħu jaqsmuha bejniethom.

Emenda 4

Premessa 16 a (ġdida)

(16a) **Meta l-utent aħħari ma jkunx organu pubbliku, organu ta' riċerka xjentifika rikonoxxut, organizzazzjoni internazzjonali ta' l-amministrazzjoni tas-sajd jew organu assoċjat ma' xi wieħed minn dawn għal skopijiet ta' amministrazzjoni jew ta' riċerka dwar sajd, u meta dan ikun persuna, organu jew assoċjazzjoni privata, l-awtorità pubblika għandu jkollha l-possibilità li titlob ħlas għall-għoti ta' l-informazzjoni stipulata f'dan ir-Regolament. L-ammont ta' dan il-ħlas għandu madankollu jkun raġjonevoli.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 5

Artikolu 2, punt g)

(g) "utenti aħħarin" tfisser **persuni fiżiċi jew ġuridiċi nkella organizzazzjonijiet li għandhom interess fl-analiżi xjentifika tad-data dwar is-settur tas-sajd;**

(g) "utenti aħħarin" tfisser **l-organiżmi nazzjonali u internazzjonali, kemm jekk ikunu ta' natura xjentifika u kemm jekk ma jkunux, li huma msieħba u jaġixxu attivament fir-riċerka dwar is-sajd u l-ġestjoni tas-sajd; il-livell ta' involviment ta' l-utent aħħari fil-ġestjoni u r-riċerka tas-sajd jiddetermina l-livell ta' aċċess għad-data primarja, dettaljata jew aggregata;**

Emenda 6

Artikolu 7, paragrafu 4, punt c)

c) meta talba uffiċjali għad-data tkun saret minn utent aħħari u d-data ma tingħatax fil-ħin lill-utent aħħari kkonċernat.

c) meta talba uffiċjali għad-data tkun saret minn utent aħħari u d-data ma tingħatax fil-ħin lill-utent aħħari kkonċernat, **u dejjem skond l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2003/4/KE.**

Emenda 7

Artikolu 7, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Il-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-livelli differenti ta' sanzjonijiet skond il-livell ta' nuqqas ta' konformità, kif ukoll skond il-kunċetti ta' "talba uffiċjali għad-data" u ta' "programm nazzjonali mhux komplut".

Emenda 8

Artikolu 7 a (ġdida)

Artikolu 7 a

Ħlasijiet

1. Meta l-utent aħħari ma jkunx organu pubbliku, organu ta' riċerka xjentifika rikonoxxut, organizzazzjoni internazzjonali ta' l-amministrazzjoni tas-sajd jew organu assoċjat ma' xi wieħed minn dawn għal skopijiet ta' amministrazzjoni jew ta' riċerka dwar sajd, u meta dan ikun persuna, organu jew assoċjazzjoni privata, l-awtorità pubblika għandu jkollha l-possibilità li titlob ħlas għall-ġhoti ta' l-informazzjoni stipulata f'dan ir-Regolament. L-ammont ta' dan il-ħlas għandu madankollu jkun raġjonevoli.

2. Meta jintalab ħlas, l-awtorità pubblika għandha tippubblika u tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' min jitlobhom l-iskala ta' dawn il-ħlasijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet meta l-ħlas jista' jew ma jistax jintalab.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 9

Artikolu 10, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Fid-definizzjoni ta' l-ispiża li għandha tiġi inkluża fil-Programm Nazzjonali trid tiġi kkunsidrata l-ispiża li tirriżulta mill-programmi ta' self-sampling.

Emenda 10

Artikolu 13, paragrafu 2, punt b)

b) data dettaljata u aggregata miksuba mid-data primarja miġ-bura skond il-programmi nazzjonali tiġi vvalidata qabel ma tintbagħat lill-utenti aħħarin;

b) data dettaljata u aggregata miksuba mid-data primarja miġ-bura skond il-programmi nazzjonali tiġi vvalidata qabel ma tintbagħat lill-utenti aħħarin **skond l-Artikolu 2;**

Emenda 11

Artikolu 15, paragrafu 1

1. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data primarja inkorporata fid-databases kompjuterizzati nazzjonali tkun direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi mill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tivverifika li d-data fil-fatt teżisti.**

1. **Sabiex tiġi verifikata l-eżistenza ta' data primarja li l-ġbir tagħha ikun obligatorju skond dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tagħmel verifiki fuq il-post fuq id-databases nazzjonali.**

Emenda 12

Artikolu 15, paragrafu 2

2. Mingħajr preġudizzju **għall-obbligi stabbiliti minn regoli Komunitarji oħra, l-Istati Membri għandhom jikkonkludu ftehimiet mal-Kummissjoni dwar l-aċċess kompjuterizzat sabiex jiġi ggarantit l-aċċess dirett għad-databases tagħhom.**

2. Mingħajr preġudizzju **għad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1, il-Kummissjoni, bil-kollaborazzjoni ta' l-Istati Membri, tista' tiżviluppa pjattaforma ta' l-informatika għall-iskambju ta' l-informazzjoni li tippermetti li jsiru dawn il-verifiki.**

Emenda 13

Artikolu 15 paragrafu 3

3. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data primarja miġ-bura fl-iskemi ta' stħarriġ fuq il-baħar tiġi trażmessa lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u lil korpi xjentifiċi xierqa fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.**

3. **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data primarja miġ-bura fl-iskemi ta' stħarriġ fuq il-baħar tiġi trażmessa lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u lil korpi xjentifiċi xierqa fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 14

Artikolu 15, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Il-Kummissjoni għandha tippermetti l-aċċess għal din id-data li tkun tista' tinkludi data individwali, pereżempju ta' bastimenti. Madankollu, għandha tħares il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni rigward l-aġent ekonomiku. B'hekk il-Kummissjoni tkun tista' jkollha aċċess għad-data aggregata, u mhux għal dik individwali skond il-modalitajiet ta' aggregazzjoni kif definiti fir-Regolament ta' applikazzjoni.

Emenda 15

Artikolu 17

L-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li d-data **dettaljata u aggregata** tkun disponibbli għall-utenti aħħarin b'appoġġ għall-analiżi xjentifiċi:

- a) bħala bażi għall-pariri għall-ġestjoni tas-sajd;
- b) fl-interess tad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-iżvilupp tal-politika;
- c) għall-pubblikazzjoni **fil-ġurnali ta' riċerka** jew għal skopijiet **edukattivi**.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li d-data tkun disponibbli għall-utenti aħħarin, **kif mifhum fl-Artikolu 2, punt g, filwaqt li tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità tagħhom**, b'appoġġ għall-analiżi xjentifiċi **filwaqt li jiġi kkunsidrat dan li ġej:**

- a) **data dettaljata** bħala bażi għall-pariri għall-ġestjoni tas-sajd;
- b) **data aggregata:**
 - fl-interess tad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-iżvilupp tal-politika;
 - għall-pubblikazzjoni għal skopijiet **xjentifiċi**.

Emenda 16

Artikolu 18

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data dettaljata u aggregata rilevanti tiġi pprovduta immedjatament lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali rilevanti u lil korpi xjentifiċi xierqa fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data dettaljata u aggregata rilevanti tiġi pprovduta immedjatament lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali rilevanti u lil korpi xjentifiċi xierqa fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd skond l-obbligi internazzjonali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

Emenda 17

Artikolu 19 paragrafu 2

2. Meta tintalab data dettaljata u aggregata għall-pubblikazzjoni f'ġurnali ta' riċerka jew għal skopijiet edukattivi, l-Istati Membri jistgħu, sabiex iħarsu l-interessi professjonali ta' l-aġenti responsabbli mill-ġbir tad-data, iżommu d-data milli tiġi trażmessa lill-utenti aħħarin għal perjodu ta' sentejn wara d-data

2. Meta tintalab data dettaljata u aggregata **'lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 17, u b'mod partikulari** għall-pubblikazzjoni f'ġurnali ta' riċerka jew għal skopijiet edukattivi, l-Istati Membri jistgħu, sabiex iħarsu l-interessi professjonali ta' l-aġenti responsabbli mill-ġbir tad-data, iżommu d-data milli tiġi trażmessa lill-utenti aħħarin għal perjodu ta' sentejn wara d-data

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

tal-ġbir tad-data. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-utenti aħħarin u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjonijiet bħal dawn. F'każijiet ġustifikati kif jixraq, il-Kummissjoni tista' tawtorizza estensjoni ta' dak il-perjodu.

tal-ġbir tad-data. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-utenti aħħarin u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjonijiet bħal dawn. F'każijiet ġustifikati kif jixraq, il-Kummissjoni tista' tawtorizza estensjoni ta' dak il-perjodu.

Emenda 18

Artikolu 19, paragrafu 3, parti introduttorja

3. **L-Istati** Membri jistgħu jirrifjutaw li jittrażmettu id-data dettaljata u aggregata rilevanti **biss**:

3. **L-Istati Membri jistgħu japplikaw, mutatis mutandis, il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE. B'mod partikolari, l-Istati** Membri jistgħu jirrifjutaw li jittrażmettu id-data dettaljata u aggregata rilevanti:

Emenda 19

Artikolu 19, paragrafu 3, punt a)

(a) jekk ikun hemm ir-riskju li jiġu identifikati persuni fiżiċi u/ jew entitajiet ġurdiċi, **f'liema każ l-Istat Membru jista' jipproponi mezzi alternattivi li jiżguraw l-anonimità sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' l-utent aħħari.**

(a) jekk ikun hemm ir-riskju li jiġu identifikati persuni fiżiċi u/ jew entitajiet ġurdiċi;

Emenda 20

Artikolu 19, paragrafu 3 ba (ġdid)

ba) fil-każ ta' data dettaljata, meta min jitlobha ma jkunx jista' juri li din it-tip ta' data hija indispensabbli għal xogħol ta' ġestjoni u ta' riċerka kif dikjarat.

Emenda 21

Artikolu 25, punt 1 a (ġdid)

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tintbagħat, il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena:

a) **rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa l-mezzi użati minn kull Stat Membru, kemm huma adatti l-metodi li ntużaw, kif ukoll ir-riżultati li nkisbu rigward il-ġbir u l-ġestjoni tad-data kif stipulat fir-Regolament (KE)Nru 2371/2002;**

b) **rapport dwar l-użu mill-Komunità tad-data miġbura fil-qafas ta' dan ir-regolament.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0499

Kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti (emenda għall-Artikolu 23 tar-Regoli ta' Proċedura)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-emenda ta' l-Artikolu 23 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar il-kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti (2007/2066 (REG))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal emenda tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (B6-0039/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0355/2007),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
 2. Jagħmilha ċara li din l-emenda tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

TEST ATTWALI

EMENDI

Emenda 1

Artikolu 23, paragrafu 2

2. Il-Membri *Mhux Affiljati* għandhom jiddelegaw **tnejn** minn fosthom sabiex *jattendu* għal-laqqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma *jkollhom id-dritt* għall-vot.

2. Il-Membri *mhux affiljati* għandhom jiddelegaw **wieħed** minn fosthom sabiex *jattendi* għal-laqqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma *jkollu d-dritt* għall-vot.

P6_TA(2007)0500

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fid-dawl ta' l-Istatut tal-Membri

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fid-dawl ta' l-Istatut tal-Membri (2006/2195(REG))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2006 u t-tħabbira fis-seduta plenarja tas-7 ta' Settembru 2006,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0368/2007),

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
2. Jagħmilha ċara li l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tal-leġislatura tiegħu li tibda fl-2009;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikunu infurmati.

TEST ATTWALI

EMENDI

Emenda 1

Artikolu 8

Ħlas ta' spejjeż u indennizzi

Il-Bureau għandu joħloq regoli dwar il-ħlas ta' spejjeż u indennizzi lill-Membri.

Implimentazzjoni ta' l-Istatut tal-Membri

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, ir-regoli dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu stabbiliti mill-Bureau.

Emenda 2

Artikolu 39, paragrafu 1

1. Il-Parlament jista' jagħmel talba lill-Kummissjoni sabiex tressaq quddiemu kull proposta xierqa skond l-Artikolu 192, it-tieni paragrafu, tat-Trattat KE billi tadotta riżoluzzjoni fuq il-bażi ta' rapport fuq inizjattiva proprja li jsir mill-kumitat responsabbli. Ir-riżoluzzjoni għandha tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri li jiffurmaw il-Parlament. Il-Parlament jista', fl-istess ħin, jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' din il-proposta.

1. Il-Parlament jista', billi jadotta riżoluzzjoni fuq il-bażi ta' rapport fuq inizjattiva proprja li jsir mill-kumitat responsabbli **imħejji skond l-Artikolu 45**, jagħmel talba lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 192 tat-Trattat KE, sabiex tressaq quddiemu kull proposta xierqa sabiex jiġu adottati atti ġodda jew jiġu emendati atti eżistenti. Ir-riżoluzzjoni għandha tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri li jiffurmaw il-Parlament. Il-Parlament jista', fl-istess ħin, jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' din il-proposta.

Emenda 3

Artikolu 39, paragrafu 1a (ġdid)

1a. Kull Membru jista' jressaq proposta għal att Komunitarju fil-qafas tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skond l-Artikolu 192 tat-Trattat KE.

Emenda 4

Artikolu 39, paragrafu 1b (ġdid)

1b. Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu jirreferiha lill-kumitat responsabbli għall-kunsiderazzjoni. Qabel ma ssir din ir-riferenza, il-proposta għandha tiġi tradotta f'dawk il-lingwi uffiċjali li ċ-chairman ta' dak il-kumitat jikkunsidra meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja. Il-kumitat għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur minn meta ssir ir-riferenza u wara li jkun instema' l-awtur tal-proposta.

Fejn il-kumitat jiddeċiedi li jippreżenta proposta lill-Parlament skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 45, l-awtur tal-proposta għandu jissemma b'ismu fit-titolu tar-rapport.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST ATTWALI

EMENDI

Emenda 5

Artikolu 39, paragrafu 2

2. **Qabel jagħti bidu għall-proċedura skond l-Artikolu 45, il-kumitat responsabbli għandu jstabbilixxi, fil-każi li ġejjin, li l-ebda proposta ta' dan it-tip m'hi qed tiġi ppreparata** *imħassar*

- a) *proposta ta' dan it-tip mhix inkluża fil-Programm Leġislattiv Annwali; jew*
- b) *il-preparazzjonijiet ta' proposta ta' dan it-tip għadhom ma bdewx jew ġew imtawla iktar milli previst; jew*
- c) *il-Kummissjoni ma rrispondietx pożittivament għal talbiet preċedenti magħmula mill-kumitat responsabbli jew li kienu f'riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament bil-maġġoranza tal-voti mixħuta.*

Emenda 6

Artikolu 45, paragrafu 1

1. Kumitat li jkollu l-ħsieb li jħejji rapport u li jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament dwar xi suġġett li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tiegħu, li dwaru la kien ikkonsultat u lanqas intalab jagħti opinjoni skond l-Artikolu 179(1), jista' jagħmel dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti. Meta din l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għandha dejjem tingħata raġuni.

1. Kumitat li jkollu l-ħsieb li jħejji rapport u li jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament dwar xi suġġett li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tiegħu, li dwaru la kien ikkonsultat u lanqas intalab jagħti opinjoni skond l-Artikolu 179(1), jista' jagħmel dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti. Meta din l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għandha dejjem tingħata raġuni. **Fejn is-suġġett tar-rapport ikun proposta mressqa minn Membru skond l-Artikolu 39(1a), l-awtorizzazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' l-Istatut tal-Membri u l-Artikolu 192 tat-Trattat KE ma jiġux sodisfatti.**

Emenda 7

Artikolu 150, paragrafu 6 subparagrafu 1

6. Emendi għandhom jitqiegħdu għall-vot biss wara li jkunu ġew stampati u mqassma fil-lingwi uffiċjali kollha, ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk joġġezzjonaw mhux inqas minn erbgħin Membru.

6. Emendi għandhom jitqiegħdu għall-vot biss wara li jkunu ġew stampati u mqassma fil-lingwi uffiċjali kollha, ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk joġġezzjonaw mhux inqas minn erbgħin Membru. **Il-Parlament għandu jevita li jieħu deċiżjonijiet li jwasslu sabiex Membri li jużaw lingwa partikolari jkunu żvantaġġjati b'mod inaċċettabbli.**

Emenda 8

Anness I artikolu 2 paragrafu 1 aa (ġdid)

aa) kull salarju li l-Membru jirċievi fit-twettiq ta' mandat f'Parlament ieħor,

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST ATTWALI

EMENDI

Emenda 9

Anness I, Artikolu 4

Sakemm jiġi introdott statut għall-Membri tal-Parlament Ewropew sabiex jissostitwixxi d-diversi regoli nazzjonali, għal dak li għandu x'jaqsam ma' dikjarazzjoni ta' l-assi, il-Membri huma suġġetti għad-dmirijiet imposti fuqhom mil-liġijiet ta' l-Istat Membru li fih ikunu ġew eletti f'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni tal-assi.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dikjarazzjoni ta' l-assi, il-Membri huma suġġetti għad-dmirijiet imposti fuqhom mil-liġijiet ta' l-Istat Membru li fih ikunu ġew eletti f'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni tal-assi

Emenda 10

Anness VII, paragrafu C a (ġdid)

Ca. Kunflitti ta' interess personali

Bl-approvazzjoni tal-Bureau u fuq il-bażi ta' deċiżjoni motivata, Membru jista' jiġi mċaħħad mid-dritt li jispjazzjoni dokument Parlamentari jekk, wara li jkun instema' l-Membru kkonċernat, il-Bureau jasal għall-konklużjoni li tali spezzjoni toħloq ħsara mhux aċċettabbli għall-interessi istituzzjonali tal-Parlament jew għall-interess pubbliku u li l-Membru kkonċernat ikun qed ifittex li jispjazzjona d-dokument għal raġunijiet privati u personali. Il-Membru jista' jagħmel appell bil-miktub, li għandu jinkludi ir-raġunijiet kontra din id-deċiżjoni fi żmien xahar minn meta tiġi notifikata. Il-Parlament għandu jasal għal deċiżjoni dwar l-appell mingħajr dibattitu waqt is-sessjoni parzjali li tiġi wara li jkun tressaq l-appell.

P6_TA(2007)0501

Statistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (COM(2007)0046 — C6-0062/2007 — 2007/0020(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0046),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0062/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0365/2007),

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi il-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2007)0020**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Novembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ||,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-Data ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tal-Programm Statistiku || b'konformità ma' l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill || 89/382/KEE, Euratom ⁽³⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) ⁽⁵⁾, iddikjarat li l-element statistiku tas-sistema ta' l-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika għandu jiġi żviluppat, b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu kif ikun meħtieġ tal-programm statistiku tal-Komunità biex titħeġġeġ is-sinerġija u tiġi evitata d-dublikazzjoni.
- (2) L-informazzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika ġiet żviluppata sistematikament permezz tal-programmi Komunitarji għas-saħħa pubblika. Mibnija fuq din il-ħidma, issa ħarġet lista ta' Indikaturi tas-Saħħa fil-Komunità Ewropeja (ECHI — European Community Health Indicators) li tagħti perspettiva ġenerali ta' l-istatus tas-saħħa, il-fatturi determinanti tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa. Sabiex ikun disponibbli s-sett tad-data statistika minima meħtieġa għall-kalkolu ta' l- || ECHI, l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa għandha tkun konsistenti, meta jkun rilevanti u possibbli, ma' l-iżviluppi u l-kisbiet li jirriżultaw mill-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-25 ta' Ottubru 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU C 295, 7.12.2007, p.1.

⁽³⁾ ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

⁽⁴⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007.

⁽⁵⁾ ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (3) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ||tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar Strateġija Komunitarja ġdida għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (2002-2006)⁽¹⁾ talbet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jitħaffef ix-xogħol pendenti ta' armonizzazzjoni ta' l-istatistika dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol u l-mard fuq il-post tax-xogħol, sabiex ikun hemm data komparabbli disponibbli li biha tista' ssir valutazzjoni oġġettiva ta' l-impatt u l-effettività tal-miżuri li jittieħdu taħt l-istrateġija Komunitarja l-ġdida, **kif ukoll li ssir enfasi, f'sezzjoni speċifika, fuq il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata ż-żieda fil-proporzjon ta' nisa fis-suq tax-xogħol u li wieħed iwieġeb għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom fir-rigward tal-politika dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.** Barra minn dan, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ||tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea dwar il-mard fuq il-post tax-xogħol⁽²⁾ irrakkomandat li l-Istati Membri għandhom progressivament jagħmlu l-istatistika tagħhom dwar il-mard fuq il-post tax-xogħol waħda kompatibbli ma' l-iskeda Ewropea, b'konformità mal-ħidma li qed titwettag fl-armonizzazzjoni ta' l-istatistika Ewropea tal-mard fuq il-post tax-xogħol.
- (4) Fl-2002 il-Kunsill Ewropew ta' Barcellona rrikonoxxa tliet prinċipji ta' gwida għar-riforma fis-sistemi tal-kura tas-saħħa: aċċessibilità għal kulħadd, kura ta' kwalità għolja u sostenibilità finanzjarja għal temp ta' żmien twil. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni || ta' l-20 ta' April 2004 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *bit-titolu* "l-immodernizzar tal-protezzjoni soċjali għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa u kura tas-saħħa fit-tul ta' kwalità għolja li jkun aċċessibbli u sostenibbli: appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali li jużaw il-"metodu ta' koordinazzjoni miftuħa" (COM(2004)0304), ipproponiet li tinbeda ħidma biex jiġu identifikati indikaturi possibbli għall-għanijiet konġunti li jiġu żviluppanti sistemi ta' kura msejsa fuq l-attivitajiet li jitwettqu fil-kuntest tal-programmi ta' azzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa, l-istatistika tas-saħħa ta' l-Eurostat u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li stabbiliet is-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità⁽³⁾ tinkludi azzjoni dwar l-ambjent u s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja bħala preċedenza ewlenija, filwaqt li għamlet talba għad-definizzjoni u l-iżvilupp ta' indikaturi tas-saħħa u l-ambjent. Barra minn dan, mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 ħareġ li qed tintalab l-inklużjoni ta' indikaturi tal-bijodiversità u s-saħħa, taħt it-titolu "ambjent", fil-bażi tad-data ta' l-indikaturi strutturali użati fir-Rapport tar-Rebbiegħa annwali lill-Kunsill Ewropew; l-indikaturi tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol huma inklużi wkoll f'din il-bażi tad-data, taħt it-titolu "impjegji". Is-sett ta' l-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli adottat mill-Kummissjoni fl-2005 jinkludi wkoll tema dwar l-indikaturi tas-saħħa pubblika.
- (6) Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010 (COM(2004)0416) *finali* jirrikonoxxi l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità, il-komparabbiltà u l-aċċessibilità tad-data dwar l-istatus tas-saħħa fir-rigward ta' mard u disturbi marbuta ma' l-ambjent, bl-użu tal-Programm Statistiku Komunitarju.
- (7) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ||tal-15 ta' Lulju 2003 li tippromwovi l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-impjeg u fis-soċjetà⁽⁴⁾, talbet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinġabar materjal statistiku dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità, inkluż dwar l-iżvilupp tas-servizzi u l-benefiċċji għal dan il-grupp. Barra minn dan, il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' Ottubru 2003 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *bit-titolu* Opportunitajiet ugwali għall-persuni b'diżabilità — Pjan ta' azzjoni Ewropew (COM(2003)0650), iddeċidiet li tiżviluppa indikaturi tal-kuntest li huma komparabbli fl-Istati Membri kollha sabiex tivvaluta l-effettività tal-politika dwar id-diżabilità. Din indikat li għandu jsir użu massimu mis-sorsi u l-istrutturi tas-Sistema Statistika Ewropea, partikolarment permezz ta' l-iżvilupp tal-moduli armonizzati tas-servejs, biex tinkiseb l-informazzjoni statistika komparabbli internazzjonalment għall-monitoraġġ tal-progress.
- (8) Sabiex tkun żgurata r-rilevanza u l-komparabbiltà tad-data u tkun evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol, l-attivitajiet ta' l-Eurostat fil-qasam tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol iridu jitwettqu b'kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet speċjali tagħha, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), kif ukoll l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD), fejn ikun rilevanti u possibbli. B'mod partikolari, sistema tal-ġbir ta' l-istatistika dwar is-Sistemi ta' Rendikont tas-Saħħa (Systems of Health Accounts) ġiet implimentata reċentement flimkien ma' l-OECD u d-WHO.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 5.7.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 25.9.2003, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 175, 24.7.2003, p. 1.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (9) Il-Kummissjoni (l-Eurostat) diġà tiġbor fuq bażi regolari, data statistika dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol mill-Istati Membri li jipprovdu din id-data fuq bażi volontarja. Barra minn dan, din tiġbor ukoll data dwar dawk l-oqsma minn sorsi oħra. Dawn l-attivitajiet huma żviluppati b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri. Fil-qasam ta' l-istatistika tas-saħħa pubblika b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni huma mmexxija u organizzati skond l-istruttura ta' sħubija bejn l-Eurostat u l-Istati Membri. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa ta' aktar affidabbiltà, koerenza, kopertura, azzjonijiet f'waqthom u puntwalità fir-rigward tal-ġbir tad-data statistika eżistenti u huwa neċessarju wkoll li jiġi żgurati li aktar ġbir imqabbel u żviluppat ma' l-Istati Membri jiġi implimentat sabiex jinkiseb is-sett tad-data statistika minima meħtieġa fil-livell Komunitarju fl-oqsma tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.
- (10) Il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja speċifika hija rregolata bir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità ⁽¹⁾.
- (11) *Dan ir-Regolament* || jiżgura rispett sħiħ tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali kif stipulat fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (12) Id-Direttiva || 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu tat-tali data ⁽²⁾ u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu tat-tali data ⁽³⁾ għandhom japplikaw fil-kuntast ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżiti statistiċi li jinjalghu fl-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika, mill-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli u sostenibbli, u mill-istrateġija tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, kif ukoll ir-rekwiżiti li jinjalghu b'raba ma' l-indikaturi strutturali, l-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-ECHI u settijiet oħra ta' indikaturi meħtieġa li jiġu żviluppati għal skopijiet ta' monitoraġġ ta' l-azzjonijiet politiċi u l-istrateġiji Komunitarji u nazzjonali fl-oqsma tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, jikkostitwixxu interess pubbliku sostanzjali.
- (13) It-trażmissjoni tad-data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika hija rregolata mis-sett ta' regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 322/97 u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾. Il-miżuri li kienu ttieħdu b'konformità ma' dawk ir-Regolamenti jiżguraw il-protezzjoni fiżika u loġika tad-data kunfidenzjali u jiżguraw li l-ebda żvelar illegali jew użu mhux għal skop statistiku ma jsir meta tiġi pproċessata l-istatistika Komunitarja u tixxerred.
- (14) Fil-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistika Komunitarja taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u Komunitarji għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Prattika Ewropew għall-Istatistika, adottat mill-Kumitat tal-Programm Statistiku fl-24 ta' Frar 2005 u mehmuż mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *dwar l-indipendenza, l-integrità u l-kontabbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u Komunitarji* u ppromulgat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2005 *dwar l-istess suġġett* (COM(2005)0217).
- (15) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, ma *jistax jintlaħaq* biżżejjed mill-Istati Membri u *jista'* għalhekk *jintlaħaq* aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

⁽¹⁾ ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, || 31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 ||.

⁽³⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill || 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni⁽¹⁾.
- (17) B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddetermina d-definizzjonijiet, is-suġġetti u l-analiżi (inklużi l-varjabbli u l-klassifikazzjonijiet — *inter alia, fejn ikun possibbli u neċessarju, klassifikazzjoni skond is-sess u l-età*), sorsi kull meta jkunu rilevanti u provvedimenti ta' data u ta' metadata (inklużi l-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti taż-żmien) fir-rigward ta' l-oqsma msemmija fl-Artikolu 2 u fl-Annessi I sa V għal dan ir-Regolament. **Huwa importanti li s-sess u l-età jiġu inklużi fil-varjabbli ta' l-analiżi peress li dan jippermetti li jittieħed kont ta' l-impatt tad-differenzi bejn is-sessi u l-etajiet fuq is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.** Peress li dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw jew iħassru elementi mhux essenzjali f'dan ir-Regolament, *inter alia* billi jħassru uħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament bl-addizzjoni ta' elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolamentari bi skrutinju pprovduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (18) **Iffinanzjar kumplimentari għall-ġbir ta' data fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza se jiġi pprovdut fil-qafas tal-Programm tal-Komunità għax-Xogħol u s-Solidarjetà Soċjali — Progress kif stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006⁽²⁾. Fi ħdan dan il-qafas għandhom jintużaw riżorsi finanzjarji biex jgħinu l-Istati Membri jkomplu jibnu l-kapaċitajiet nazzjonali biex jimplementaw titjib u għodod ġodda għall-ġbir ta' data statistika fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol,**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. **L-istatistika għandha tiġi prodotta b'konformità ma' standards dwar l-imparzjalità, l-affidabilità, l-oġġettività, l-effettività tan-nefqa u l-konfidenzjalità statistika.**

2. L-istatistika għandha tinkludi, fl-għamla ta' sett tad-data minima, l-informazzjoni meħtieġa għal azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika, għall-appoġġ ta' l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli **b'mod universali** u sostenibbli kif ukoll għal azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

3. L-istatistika għandha tipprovdi d-data għal indikaturi strutturali, indikaturi ta' żvilupp sostenibbli u l-ECHI, kif ukoll settijiet ta' indikaturi oħra li jeħtieġu li jiġu żviluppati għal skopijiet ta' azzjonijiet Komunitarji ta' monitoraġġ fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu statistika lill-Kummissjoni (l-Eurostat) dwar id-dominji li ġejjin:

— l-istatus tas-saħħa u l-fatturi determinanti għas-saħħa, kif iddefiniti fl-Anness I,

— il-kura tas-saħħa, kif iddefinita fl-Anness II,

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).*

⁽²⁾ **ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- il-kaġunijiet tal-mewt, kif iddefiniti fl-Anness III,
- l-inċidenti fuq ix-xogħol, kif iddefiniti fl-Anness IV,
- il-mard fuq il-post tax-xogħol u problemi ta' saħħa u mard ieħor marbut max-xogħol, kif iddefiniti fl-Anness V.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

- a) “statistika Komunitarja” għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;
- b) “produzzjoni ta' statistika” għandha t-tifsira mogħtija lilha fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;
- c) “saħħa pubblika” tfisser l-elementi kollha marbuta mas-saħħa taċ-ċittadini u r-residenti Ewropej, jiġifieri l-istatus tas-saħħa tagħhom, inklużi l-morbożità u d-diżabilità, id-determinanti li jaffettwaw l-istatus tas-saħħa, il-ħtiġijiet ta' kura tas-saħħa, ir-riżorsi allokatati għall-kura tas-saħħa, il-provvista tal-kura tas-saħħa u l-aċċess **universali** għaliha kif ukoll in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-finanzjament tagħha, u l-kaġunijiet tal-mortalità;
- d) “saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol” tfisser l-elementi kollha marbuta mal-prevenzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema ta' l-Unjoni Ewropea fuq ix-xogħol fl-attivitajiet tagħhom fil-preżent jew fl-imgħoddi, b'mod partikolari inċidenti fuq ix-xogħol, mard fuq il-post tax-xogħol u problemi oħra ta' saħħa u mard marbut max-xogħol.

Artikolu 4

Sorsi

L-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol minn sorsi, li skond id-dominji u s-suġġetti u skond il-karatteristiċi tas-sistemi nazzjonali, għandhom jikkonsistu jew f:

- a) servejs eżistenti jew ippjanati fid-djar, jew servejs simili jew moduli ta' servejs, inkella
- b) sorsi amministrattivi nazzjonali jew sorsi ta' rappurtaġġ eżistenti jew ippjanati.

Artikolu 5

Metodoloġija, manwali u studji pilota

1. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tfassal, jew skond il-każ li jkun ittejjeb jew taġġorna, manwali, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet fuq oqfsa, kunċetti jew metodoloġiji li jikkonċernaw l-statistika Komunitarja pproċessata skond dan ir-Regolament.

2. L-esperjenza u l-għarfien espert nazzjonali għandhom jintużaw għall-iżvilupp imsemmi fil-paragrafu 1. Fil-metodi użati għall-implimentazzjoni tal-għbir tad-data għandhom jitqiesu, inkluż fil-każ ta' attivitajiet preparatorji, l-ispeċifitajiet nazzjonali, il-kapaċitajiet u l-għbir tad-data eżistenti, fil-qafas ta' strutturi kollaborattivi ma' l-Istati Membri stabbiliti mill-Kummissjoni (l-Eurostat). Il-metodoloġiji għall-għbir regolari li jirriżulta minn proġetti b'dimensjoni statistika mwettqa taħt programmi oħra tal-Komunità bħall-programmi tas-saħħa pubblika jew programmi ta' riċerka għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

3. Fil-metodoloġiji statistiċi u l-ġbir tad-data li għandhom jiġu żviluppati għall-kompilazzjoni ta' l-istatistika dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fil-livell Komunitarju għandha titqies il-ħtieġa għall-koordinazzjoni, kull meta jkun rilevanti, ma' l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' l-istatistika u l-konsistenza tal-ġbir tad-data. **Fi ħdan l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkunsidrati l-istudji u l-istħarriġ ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol. Barra l-Unjoni Ewropea, il-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari ma' l-ILO u d-WHO, għandhom ikomplu jissaħħu.**

4. Kull meta jiġu identifikati rekwiżiti ġodda ta' data jew kwalità insuffiċjenti ta' data fid-dominji msemmija fl-Artikolu 2, il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tagħti bidu għal studji-pilota li jiġu kkompletati fuq bażi volontarja mill-Istati Membri. L-għan ta' dawn l-istudji-pilota għandu jkun dak li jittestjaw il-kunċetti u l-metodi u jivvalutaw il-vijabbiltà tal-ġbir relatat tad-data, inklużi l-kwalità statistika, il-komparabbiltà u l-effikaċja fl-infiq, skond il-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Prattika dwar l-Istatistika Ewropea. Il-modalitajiet użati f'dawn l-istudji għandhom jiġu miftiehma fil-qafas ta' l-istrutturi kollaborattivi ma' l-Istati Membri.

Artikolu 6

It-trażmissjoni, it-trattament, it-tixrid u l-pubblikazzjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-mikrodata jew, skond id-dominju u s-suġġett ikkonċernat, id-data aggregata, inkluża d-data kunfidenzjali kif iddefinita fl-Artikolu 13 tar-Regolament ||(KE) Nru 322/97, u l-metadata, meħtieġa skond dan ir-Regolament u l-miżuri għall-implimentazzjoni tagħha, lill-Kummissjoni (l-Eurostat) b'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Komunità dwar it-trażmissjoni tad-data suġġetta għall-kunfidenzjalità stipulati fir-Regolamenti ||(KE) Nru 322/97 u (Euratom, KEE) Nru 1588/90. Dawk id-dispożizzjonijiet tal-Komunità għandhom japplikaw għat-trattament tad-data mill-Eurostat, safejn id-data tkun ikkunsidrata kunfidenzjali kif iddefinita bl-Artikolu 13 tar-Regolament ||(KE) Nru 322/97.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-data u l-metadata meħtieġa skond dan ir-Regolament f'forma elettronika skond standard ta' skambju maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Id-data għandha tiġi pprovduta b'konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti, fl-intervalli previsti, u tal-perjodi ta' referenza indikati, fl-Annessi.

3. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tieħu l-passi meħtieġa biex ittejjeb it-tixrid, l-aċċessibbiltà u d-dokumentazzjoni ta' l-informazzjoni statistika, b'konformità mal-prinċipji tal-komparabbiltà, affidabbiltà u kunfidenzjalità statistika stabbiliti fir-Regolament ||(KE) Nru 322/97.

Artikolu 7

Kriterji tal-kwalità u rapporti

1. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data trażmessa.

2. Il-Kummissjoni (l-Eurostat), b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, għandha tiżviluppa standards komuni rrakkomandati biex tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data pprovduta, skond il-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' Prattika dwar l-Istatistika Ewropea. Dawn l-istandards għandhom jiġu ppubblikati fil-manwali u l-linji gwida metodoloġiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-aħjar kwalità possibbli tad-data trażmessa.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

4. Kull ħames snin l-Istati Membri għandhom jgħaddu żewġ rapporti lill-Kummissjoni (l-Eurostat), imħejjija skond l-istandards imsemmija fil-paragrafu 2, dwar il-kwalità tad-data trażmessa u tas-sorsi tad-data. L-ewwel rapport ikun dwar l-istatistika tas-saħħa pubblika u t-tieni wieħed dwar l-istatistika tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Kull ħames snin, il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha theggi rapport dwar il-komparabbiltà tad-data mxerrda.

Artikolu 8

Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2). Il-miżuri għandhom ikopru d-dominji msemmija fl-Artikolu 2:

- id-definizzjonijiet,
- is-suġġetti u l-analiżi, inklużi l-kwantitajiet varjabbli u l-klassifikazzjonijiet,
- is-sorsi kull meta jkunu rilevanti,
- il-provvista ta' data u metadata, inklużi l-perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien.

Artikolu 9

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni ||89/382/KEE, Euratom ||.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

||

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ||,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

ANNEX I

DOMINJU: STATUS TAS-SAĦĦA U D-DETERMINANTI TAS-SAĦĦA

(a) Għanijiet

L-għan ta' dan id-dominju huwa l-preżentazzjoni f'waqtha ta' l-istatistika dwar l-istatus u d-determinanti tas-saħħa.

(b) Skop

Dan id-dominju għandu jiġi kkompilat prinċipalment minn servejs tal-popolazzjoni jew moduli ta' servejs dwar is-saħħa. Data mir-reġistri jew sorsi amministrattivi oħra tista' tintuża wkoll meta tkun qed tingħata kopertura u informazzjoni komplementari jew għal xi suġġetti speċifiċi bħall-morbożità jew inċidenti u korrimenti. Meta jkun rilevanti, il-persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet kif ukoll tfal b'etajiet minn 0 sa 14-il sena għandhom jiġu inklużi, meta jkun xieraq, suġġetti għal xi studji-pilota ta' suċċess.

(c) Perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data

L-istatistika għandha tiġi ppreżentata minn ta' l-anqas kull ħames snin; tista' tkun meħtieġa perjodiċità aktar spissa għal xi għbir speċifiku ta' data bħal dak tal-morbożità jew ta' l-inċidenti u l-korrimenti; l-ewwel sena ta' referenza, l-intervall u l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data għal kull wieħed mis-sorsi u mis-suġġetti għandhom jiġu speċifikati u miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi msemmija fl-Artikolu 8.

(d) Suġġetti koperti

Is-sett tad-data minima li għandu jiġi pprovdut irid ikopri l-lista ta' suġġetti kif ġej:

- l-istatus tas-saħħa, inklużi l-perċezzjonijiet dwar is-saħħa, il-funzjonament u d-diżabilità fiżiċi u mentali, u l-morbożità,
- **monitoraġġ ta' kull marda li l-okkorrenza tagħha tiżdied jew tonqos,**
- l-inċidenti u l-korrimenti, inklużi dawk marbuta mas-sigurtà tal-konsumatur, u **l-ħsara relatata ma' l-alkoħol u mad-droga,**
- l-istil ta' ħajja u l-fatturi ambjentali, soċjali u dawk dwar il-post tax-xogħol,
- **protezzjoni kontra l-eventwallità ta' pandemiji u mard li jittieħed,**
- l-aċċess u l-użu tal-faċilitajiet preventivi u ta' kura tas-saħħa (|| survey tal-popolazzjoni),
- l-informazzjoni demografika u soċjoekonomika ta' l-isfond dwar l-individwi.

Mhux is-suġġetti kollha għandhom neċessarjament jiġu pprovduti waqt kull waħda mill-preżentazzjonijiet tad-data. Il-kwantitajiet varjabbli, l-analiżijiet u l-mikrodata meħtieġa għandhom jittieħdu mil-lista ta' hawn fuq.

Jekk jintużaw servejs bħala sorsi, l-iżvilupp ta' l-istrumenti tas-servej tas-saħħa u t-tfassil tal-karatteristiċi rakkomandati u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-formulazzjoni, il-kampjun u s-siwi tas-servej, u r-realizzazzjoni għandhom jitwettqu skond il-linji gwida mfassla mill-Istati Membri. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet dwar id-data miġbura u s-servejs li jkunu ġew applikati għandhom jiġu miftiehma fil-kuntest tal-miżuri implimentattivi rilevanti u msemmija fid-dettall fil-manwali u l-linji gwida.

(e) Metadata

Fil-preżentazzjoni tad-data statistika koperta minn dan id-dominju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata meħtieġa li għandha tkun miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi (inkluż dwar il-karatteristiċi tas-servej) kif ukoll l-informazzjoni dwar kull speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

ANNEX II

DOMINJU: KURA TAS-SAĦĦA

(a) Għanijiet

L-għan ta' dan id-dominju huwa l-preżentazzjoni f'waqtha ta' l-istatistika dwar il-kura tas-saħħa.

(b) Skop

Dan id-dominju jkopri l-attivitajiet totali mwettqa jew minn istituzzjonijiet inkella minn individwi li jkunu qed jippruvaw, permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-għarfien u t-teknoloġija medika, paramedika u ta' l-infermiera, jilhq u l-għan tas-saħħa kif ukoll l-attivitajiet amministrattivi u maniġerjali relattivi.

Id-data għandha tiġi kkompilata prinċipalment minn sorsi amministrattivi.

(c) Perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data

L-istatistika għandha tiġi ppreżentata darba fis-sena; fl-ewwel sena ta' referenza, l-intervall u l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data għal kull wieħed mis-sorsi u mis-suġġetti għandhom jiġu speċifikati u miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi msemmija fl-Artikolu 8.

(d) Suġġetti koperti

Is-sett tad-data minima li għandu jiġi pprovdut irid ikopri l-lista ta' suġġetti kif ġej:

- l-istituzzjonijiet u r-riżorsi tal-kura tas-saħħa,
- l-utilizzazzjoni u s-servizzi individwali u kollettivi tal-kura tas-saħħa,
- in-nefċiet u l-finanzjament tal-kura tas-saħħa, u
- ||elementi oħra ta' sostenn għall-istrategġija nazzjonali għall-iżvilupp ta' kura tas-saħħa u ta' kura għal temp ta' żmien twil ta' kwalità għolja, aċċessibbli u sostenibbli.

Mhux is-suġġetti kollha għandhom neċessarjament jiġu pprovduti waqt kull waħda mill-preżentazzjonijiet tad-data. Il-kwantitajiet varjabbli u l-analiżijiet meħtieġa għandhom jittieħdu mil-listi ta' hawn fuq. Is-sett tad-data għandu jiġi stabbilit skond il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tar-Rendikont tas-Saħħa ta' l-OECD u l-Lista Mqassra Internazzjonali għat-Tabulazzjoni tal-Morbożità fl-Isptarijiet tad-WHO. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jiġu miftiehma fil-kuntest tal-miżuri implimentattivi rilevanti u msemmija fid-dettall fil-manwali u l-linji gwida.

(e) Metadata

Fil-preżentazzjoni tad-data statistika koperta minn dan id-dominju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata meħtieġa li għandha tiġi miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi (inklużi s-sorsi, id-definizzjonijiet u l-kompilazzjonijiet) kif ukoll l-informazzjoni dwar kull speċifità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

ANNEX III

DOMINJU: KAĠUNIJET TAL-MEWT

(a) Għanijiet

L-għan ta' dan id-dominju huwa l-preżentazzjoni f'waqtha ta' statistika komparabbli dwar il-kaġunijiet tal-mewt.

(b) Skop

Dan id-dominju jkopri l-istatistika tal-kaġunijiet tal-mewt kif meħuda miċ-ċertifikati mediċi tal-mewt b'konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. L-istatistika li għandha tiġi kkompilata tirreferi għall-kaġun prinċipali li huwa ddefinit mid-WHO bħala "l-marda jew il-korriment li tkun tat bidu għas-sensjela ta' okkorrenzi morbużi li jkunu wasslu direttament għall-mewt, jew għaċ-ċirkostanzi ta' l-inċident jew vjolenza li pproduċew il-korriment fatali". L-istatistika għandha tiġi kkompilata għar-residenti Ewropej u għat-trabi tagħhom li jitwiieldu mejta.

(c) Perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data

L-istatistika għandha tiġi ppreżentata darba fis-sena. L-ewwel sena ta' referenza għandha tiġi speċifikata u miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi msemmija fl-Artikolu 8. Id-data għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard mit-tieni sena wara s-sena ta' referenza. Data provviżorja jew li tkun ġiet ikkalkulata tista' tiġi pprovvduta qabel. Fil-każ ta' inċidenti ta' saħħa fuq skala pubblika, jista' bħala żieda jiġi stabbilit għbir speċjali, jew dwar l-imwiet kollha jew dwar kaġunijiet speċifiċi ta' l-imwiet.

(d) Suġġetti koperti

Is-sett tad-data minima li għandu jiġi pprovvdut irid ikopri l-lista ta' suġġetti kif ġej:

- il-karatteristiċi tal-mejjet/mejta,
- ir-reġjun,
- il-karatteristiċi tal-mewt, inkluż il-kaġun prinċipali tal-mewt.

Il-kwantitajiet varjabbli u l-analiżijiet meħtieġa għandhom jittieħdu mil-lista ta' hawn fuq. Id-data dwar il-kaġunijiet ta' l-imwiet għandha tiġi stabbilita fil-qafas tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard tad-WHO u għandhom jiġu segwiti r-regoli ta' l-Eurostat u r-rakkomandazzjonijiet tan-NU u d-WHO għall-istatistiċi tal-popolazzjoni. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jiġu miftiehma fil-kuntest tal-miżuri implimentattivi rilevanti u msemmija fid-dettall fil-manwali u l-linji gwida.

(e) Metadata

Fil-preżentazzjoni tad-data statistika koperta minn dan id-dominju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata meħtieġa li għandha tiġi miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi kif ukoll l-informazzjoni dwar kull speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

ANNEX IV

DOMINJU: INĊIDENTI FUQ IX-XOGĦOL

(a) Għanijiet

L-għan ta' dan id-dominju huwa l-preżentazzjoni f'waqtha ta' statistika dwar inċidenti fuq ix-xogħol.

(b) Skop

Inċident fuq il-post tax-xogħol huwa ddefinit bħala "okkorrenza distinta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali". Id-data għandha tinġabar, għall-forza tax-xogħol kollha kemm hi, dwar inċidenti fatali fuq ix-xogħol u inċidenti fuq ix-xogħol li jirriżultaw f'aktar minn 3 ijiem ta' assenza minn fuq ix-xogħol, bl-użu ta' sorsi amministrattivi kkomplementati b'sorsi addizzjonali rilevanti. Parti sekondarja limitata tas-sett tad-data bażika dwar l-inċidenti li jirriżultaw fanqas minn 4 ijiem ta' assenza minn fuq ix-xogħol jista' jinġabar, meta jkun disponibbli, fil-qafas tal-kollaborazzjoni ma' l-ILO.

(c) Perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data

L-istatistika għandha tiġi ppreżentata darba fis-sena. L-ewwel sena ta' referenza għandha tiġi speċifikata u miftiehma bħala parti mill-miżuri implimentattivi msemmija fl-Artikolu 8. Id-data għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard minn Ġunju tat-tieni sena wara s-sena ta' referenza. Data provviżorja tista' tiġi pprovduta qabel.

(d) Suġġetti koperti

Is-sett ta' mikrodata minima li għandu jiġi pprovdut irid ikopri l-lista ta' suġġetti kif ġej:

- il-karatteristiċi tal-persuna korruta u l-korriment,
- il-karatteristiċi ta' l-intrapriża u l-post tax-xogħol,
- il-karatteristiċi ta' l-ambjent tax-xogħol,
- il-karatteristiċi ta' l-inċident, inkluża s-sekwenza ta' l-okkorrenzi li kkaratterizzaw il-kaġunijiet u ċ-ċirkostanzi ta' l-inċident.

Il-kwantitajiet varjabbli u l-analiżijiet meħtieġa, kif ukoll l-għażliet u s-siwi tal-kampjuni marbuta magħhom, għandhom jittieħdu mil-lista ta' hawn fuq fil-qafas tal-metodoloġija ta' l-ESAW (*Statistiki Ewropej dwar inċidenti fuq il-post tax-xogħol*). Dawn għandhom jiġu miftiehma fil-kuntest tal-miżuri implimentattivi u msemmija fid-dettall fil-manwali u l-linji gwida.

(e) Metadata

Fil-preżentazzjoni tad-data koperta minn dan id-dominju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata dwar il-popolazzjoni koperta mill-istatistika, u r-rati tar-rappurtaġġ ta' inċidenti fuq ix-xogħol iddefiniti f'ib), u fejn ikun rilevanti, il-karatteristiċi tal-kampjun, kif ukoll l-informazzjoni dwar kull speċifità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

ANNEX V

DOMINJU: MARD FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL U PROBLEMI
TA' SAĦĦA U MARDIET OĦRA MARBUTA MAX-XOGĦOL

(a) Għanijiet

L-għan ta' dan id-dominju huwa l-preżentazzjoni f'waqtha ta' l-istatistika dwar każijiet ta' mard fuq il-post tax-xogħol u problemi ta' saħħa u mardiet marbuta max-xogħol.

(b) Skop

Każ ta' mard fuq il-post tax-xogħol huwa ddefinit bħala każ magħruf mill-awtoritajiet nazzjonali responsabli mill-għarfien ta' mard fuq il-post tax-xogħol. Għandha tinġabar id-data dwar il-mard fuq il-post tax-xogħol u l-imwiet minn inċidenti dovuti għal mard fuq il-post tax-xogħol. Fxi każ ta' problema ta' saħħa u marda marbuta max-xogħol ma tkunx qed issir referenza neċessarjament għall-għarfien minn xi awtorità u d-data rilevanti tista' tinġabar prinċipalment minn servejs tal-popolazzjoni. **Problemi tas-saħħa u mard relatati max-xogħol huma daww il-problemi tas-saħħa u l-mard li jistgħu jiġu kkawżati, aggravati jew parzjalment ikkawżati mill-kondizzjonijiet tax-xogħol. Dan jinkludi problemi tas-saħħa fiżiċi u psikosoċjali.**

(c) Perjodi ta' referenza, intervalli u limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data

Għall-mard fuq il-post tax-xogħol, l-istatistika għandha tiġi ppreżentata darba fis-sena sa mhux aktar tard mill-ewwel tliet xhur tat-tieni sena wara s-sena ta' referenza. Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista ta' għbir ieħor ta' data għandhom jiġu speċifikati u miftiehma ma' l-Istati Membri.

(d) Suġġetti koperti

Is-sett tad-data minima li għandu jiġi pprovdut irid ikopri l-lista ta' suġġetti kif ġej:

- il-karatteristiċi tal-persuna *marida*, **inklużi s-sess, l-età u l-istatus ta' l-impjeg**, u *tal-marda* jew il-problemi tas-saħħa marbuta magħha,
- il-karatteristiċi ta' l-intrapriża u l-post tax-xogħol, **inklużi d-daqs u s-settur ta' l-intrapriża**,
- il-karatteristiċi ta' l-aġent jew fattur kawżattiv.

Mhux is-suġġetti kollha għandhom neċessarjament jiġu pprovduti waqt kull waħda mill-preżentazzjonijiet tad-data. Il-kwantitajiet varjabbli u l-analiżijiet meħtieġa għandhom jittieħdu mil-lista ta' hawn fuq u għandhom jiġu miftiehma ma' l-Istati Membri.

(e) Metadata

Fil-preżentazzjoni tad-data statistika koperta minn dan id-dominju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata meħtieġa dwar il-popolazzjoni koperta mill-istatistika, kif ukoll l-informazzjoni dwar kull speċifità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0502

L-Istatuti ta' l-Aġenzija Fornitriċi Euratom *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Istatuti ta' l-Aġenzija Fornitriċi Euratom (COM(2007)0119 — C6-0131/2007 — 2007/0043(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0119),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54(2) tat-Trattat tal-Euratom, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0131/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0376/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jikkunsidra li l-ispiża ta' l-Aġenzija Fornitriċi Euratom għall-baġit ta' l-Unjoni Ewropea trid tkun kompatibbli mal-limitu massimu rilevanti tal-qafas finanzjarju plurijennali l-ġdid u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (IIA) ⁽¹⁾;
3. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġit ma tiddeterminax minn qabel l-eżitu tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 ta' l-IIA li tapplika għall-ħolqien ta' l-Aġenzija Fornitriċi Euratom;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 119, it-tieni inċiż, tat-Trattat Euratom;
5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
6. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Ċitazzjoni 1 a (għida)

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 47 tagħha,

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 2

Anness, Artikolu 1, paragrafu 1, punt (a)

- a) twettaq il-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattat;
- a) twettaq il-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattat **u minn leġiżlazzjoni sekondarja**;

Emenda 3

Anness, Artikolu 1, paragrafu 1, punt (b)

- b) twettaq il-kompiti l-oħra mogħtija lilha mill-Kummissjoni.
- b) **għal dak il-għan, twettaq il-kompiti mogħtija lilha skond l-Artikolu 52 u l-artikoli sussegwenti tat-Trattat**;

Emenda 4

Anness, Artikolu 1, paragrafu 1 a (għdid)

Ia. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti partikulari li ġejjin, billi tagħxi, skond l-objettivi tat-Trattat, bħala osservatriċi ta' l-enerġija fil-qasam tal-forniment tal-materjali u s-servizzi nukleari:

- a) **timmonitorja u tanalizza l-forniment u d-domanda kif ukoll ix-xejriet tas-suq li jaffettwaw is-sigurtà tal-forniment tal-materjal nukleari;**
- b) **tippovdi lill-Istati Membri u lill-industrija b' surveys tas-suq perjodiċi dwar il-ħażniet ta' materjal nukleari ta' l-Unjoni Ewropea u dwar il-kopertura tal-kuntratti fit-tul ta' l-utilitajiet ta' l-Unjoni Ewropea, u bi studji perjodiċi dwar ir-riskju tas-suq, bil-għan li:**
- **jiggu evitati nuqqasijiet jew interruzzjonijiet fil-forniment tal-materjal nukleari fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-fjuwil nukleari (mit-tħaffir għall-konverżjoni, l-arrikkiment u l-fabbrikazzjoni),**
 - **tiġi żgurata l-viżjoni fit-tul li hi meħtieġa biex jinholq qafas għall-investment fl-impjanti ta' fabbrikazzjoni u fl-esplorazzjonighat-tħaffir ta' minjieri,**
 - **tiġi preservata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq;**
- c) **b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 11, tiġi żviluppata kompetenza ta' livell għoli u jiġi prodott it-tagħrif u l-istudji prospettivi, u b'mod partikulari rapport ta' prospettiva dwar il-forniment u d-domanda, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-forniment u surveys perjodiċi dwar ix-xejriet tan-negozju, ibbażati fuq analiżi rilevanti magħmula b'mod konġunt mill-Kumitat Konsultattiv, sabiex tkun tista' tagħti pariri lill-industrija, tifformula rakkomandazzjonijiet għall-produtturi u l-utilitajiet u tagħmel proposti lill-Kummissjoni għal regolamentazzjoni fl-oqsma rilevanti.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 5

Anness, Artikolu 2, paragrafu 1

1. L-Aġenzija għandha personalità ġuridika skond l-Artikolu 54 tat-Trattat. L-Aġenzija għandha tkun rikonoxxuta bħala istituzzjoni bi status ta' interess pubbliku, u għandha topera fuq bażi mingħajr skop ta' lukru.

1. L-Aġenzija għandha personalità ġuridika skond l-Artikolu 54 tat-Trattat. **Għandha tgawdi f'kull Stat Membru l-iżjed kapaċità legali estensiva mogħtija lil persuni legali skond il-liġi nazzjonali. B'mod partikulari, għandu jkollha l-kapaċità li tikseb u tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli, u li tieħu sehem fil-proċeduri legali.** L-Aġenzija għandha tkun rikonoxxuta bħala istituzzjoni bi status ta' interess pubbliku, u għandha topera fuq bażi mingħajr skop ta' lukru.

Emenda 6

Anness, Artikolu 2, paragrafu 3

3. L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha f'wieħed mill-postijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-**Kummissjoni** għandha tieħu deċiżjoni f'dan ir-rigward.

3. L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha f'wieħed mill-postijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-**Kunsill** għandu jieħu deċiżjoni f'dan ir-rigward, **fuq proposta mill-Kummissjoni, wara li jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv.**

Emenda 7

Anness, Artikolu 2, paragrafu 4

4. Tista' fuq l-inizjattiva tagħha tieħu kull miżura oħra rigward l-organizzazzjoni interna tagħha li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-Komunità.

4. Tista' fuq l-inizjattiva tagħha tieħu kull miżura oħra rigward l-organizzazzjoni interna tagħha li tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Komunità, **sakemm dawn il-miżuri ma jkollhomx implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti. Hija għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn "il quddiem flimkien l-"awtorità baġitarja") dwar kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tagħha, b'mod partikulari kwalunkwe proġett relatat ma' proprjetà bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini, u għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.**

Emenda 8

Anness, Artikolu 3, paragrafu 1

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jinħatar mill-Kummissjoni.

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jinħatar mill-Kummissjoni, **wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv. Dan għandu jaħdem għall-Aġenzija fuq bażi full-time u m'għandux jaġixxi bħala aġent tal-Kummissjoni.**

Emenda 9

Anness, Artikolu 3, paragrafu 3, inċiżi minn 2 sa 5

— mill-**amministrazzjoni ta' kuljum** ta' l-Aġenzija;

— mill-**immaniġġjar** ta' l-Aġenzija, **l-amministrazzjoni u r-riżorsi tagħha, inklużi l-kwistjonijiet tal-persunal;**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT— **mill-ġestjoni tar-riżorsi ta' l-Aġenzija;**

— mit-tħejjija ta' l-abbozz tad-dikjarazzjoni ta' l-estimi tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija, u l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha;

— **mill-affarijiet kollha tal-persunal.**

— mit-tħejjija ta' l-abbozz tad-dikjarazzjoni ta' l-estimi tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija, u l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha;

— **mit-twettiq ta' kwalunkwe studju u mill-produzzjoni ta' kwalunkwe rapport speċifiku li jkun meqjus neċessarju skond l-Artikolu 1(1a) u mit-trażmissjoni ta' dawn l-istudji u r-rapporti lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;**

— **mill-iżgurar li l-kompiti speċifikati fl-Artikolu 1 jkunu mwettqa skond l-interess ġenerali tal-Komunità.**

Emenda 10

Anness, Artikolu 3, paragrafu 4

4. **Kull** sena d-Direttur Ġenerali għandu jgħaddi lill-Kummissjoni rapport li jkopri l-attivitajiet ta' l-Aġenzija tul is-sena preċedenti u programm ta' ħidma għas-sena sussegwenti.

4. **Kull sena, sal-31 ta' Marzu**, id-Direttur Ġenerali, **wara li jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv**, għandu jgħaddi lill-Kummissjoni rapport li jkopri l-attivitajiet ta' l-Aġenzija tul is-sena preċedenti u programm ta' ħidma għas-sena sussegwenti. **Dan ir-rapport annwali għandu jiġi mressaq mid-Direttur Ġenerali flimkien ma' programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Istati Membri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv.**

Emenda 11

Anness, Artikolu 4, paragrafu 1

1. **Id-Direttur Ġenerali u l-persunal ta' l-Aġenzija għandhom ikunu uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej regolati bir-regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u bir-regoli adottati flimkien ma' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej bil-ħsieb li jiġu applikati dawn ir-regolamenti tal-Persunal. L-uffiċjali għandhom jinħatru u l-pagi tagħhom jiġihallu mill-Kummissjoni.**

1. **Ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati flimkien ma' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej bil-ħsieb li jiġu applikati dawn ir-regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol għandhom japplikaw għall-persunal ta' l-Aġenzija.**

Emenda 12

Anness, Artikolu 4, paragrafu 1 a (ġdid)

Ia. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Aġenzija għandha teżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità tal-ħatra.

Emenda 13

Anness, Artikolu 5, paragrafu 5

5. Kull att ta' l-Aġenzija li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 53 tat-Trattat jista' jkun riferut lill-Kummissjoni mill-parti kkonċernata fi żmien **għaxart ijiem tax-xogħol** minn meta tasal in-notifika, jew, fin-nuqqas ta' notifika, fi żmien **għaxart ijiem tax-xogħol** wara l-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas ta' notifika u pubblikazzjoni, il-perjodu għandu jiddekorri mill-jum li fih il-parti kkonċernata ssir taf dwar l-att.

5. Kull att ta' l-Aġenzija li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 53 tat-Trattat jista' jkun riferut lill-Kummissjoni mill-parti kkonċernata fi żmien **ħmistax-il ġurnata tax-xogħol** minn meta tasal in-notifika, jew, fin-nuqqas ta' notifika, fi żmien **ħmistax-il ġurnata tax-xogħol** wara l-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas ta' notifika u pubblikazzjoni, il-perjodu għandu jiddekorri mill-jum li fih il-parti kkonċernata ssir taf dwar l-att.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 14

Anness, Artikolu 7, paragrafu 3

3. Id-dħul ta' l-Aġenzija għandu jikkonsisti minn kontribuzzjoni mill-Komunità, interessi mill-kontijiet bankarji u dħul mill-kapital tagħha u investimenti bankarji, u fejn meħtieġ, tariffa kif *prevista* fl-Artikolu 54 tat-Trattat u self.

3. Id-dħul ta' l-Aġenzija għandu jikkonsisti minn kontribuzzjoni mill-Komunità **mdaħħla fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea (taqsima tal-Kummissjoni)**, interessi bankarji u dħul mill-kapital tagħha u mill-investimenti bankarji tagħha, u, fejn meħtieġ, tariffa kif *stabbilit* mill-Artikolu 54 tat-Trattat u self. **Il-finanzjament ta' l-Aġenzija huwa suġġett għal ftehim mill-awtorità baġitarja, kif previst mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.**

Emenda 15

Anness, Artikolu 7, paragrafu 4

4. L-infiq ta' l-Aġenzija għandu **jkun magħmul mill-**ispejjeż amministrattivi **tal-persunal tagħha u tal-Kumitat Konsultattiv, kif ukoll** spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti konklużi ma' terzi persuni.

4. L-infiq ta' l-Aġenzija għandu **jinkludi** l-ispejjeż **tal-persunal tagħha**, u l-ispejjeż amministrattivi, **infrastrutturali u operattivi** tagħha, **inklużi** spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti konklużi ma' terzi persuni.

Emenda 16

Anness, Artikolu 7, paragrafu 5a (ġdid)

5a. L-istima għandha tiġi trażmessa mill-Kummissjoni lill-awtorità baġitarja flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

Emenda 17

Anness, Artikolu 7, paragrafu 6

6. Abbażi ta' l-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, l-estimi li tqis neċessarji għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali.

6. Fuq il-bażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, l-estimi li tqis neċessarji għall-organigramma u l-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, **li hija għandha tressaq quddiem l-awtorità baġitarja skond l-Artikolu 272 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunita' Ewropea.**

Emenda 18

Anness, Artikolu 7, paragrafu 7

7. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja, l-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju ta' l-Aġenzija u għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment ta' l-Aġenzija, li għandu **jidher** separat mill-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni.

7. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja, l-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju ta' l-Aġenzija u għandha tadotta l-organigramma ta' l-Aġenzija, li għandha **tiġi ppubblikata** b'mod separat **fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 19

Anness, Artikolu 7, paragrafu 9

9. Kwalunkwe *tibdil fil-pjan ta' stabbiliment* u fil-baġit ta' l-Aġenzija għandu jkun is-suġġett ta' baġit li jemenda **addottat bl-istess proċedura tal-baġit inizjali. Tibdil fil-pjan ta' stabbiliment jitressqu lill-awtorità baġitarja. Il-baġits li jemendaw jintbagħtu bħala informazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.**

9. Kwalunkwe *bdil fl-organigramma* u fil-baġit ta' l-Aġenzija għandu jkun is-suġġett ta' baġit li jemenda **u għandu jkun adottat skond il-proċedura stipulata fil-paragrafi 5 sa 8.**

Emenda 20

Anness, Artikolu 8, paragrafu 10

10. Ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-Aġenzija għandu jiġi adottat skond l-Artikolu 183 tat-Trattat.

10. Ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-Aġenzija għandu jiġi adottat skond l-Artikolu 183 tat-Trattat. **Huwa għandu jkun konsistenti mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾, sakemm ma jkunx meħtieġ speċifikament għall-ħidma ta' l-Aġenzija u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.**

⁽¹⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

Emenda 21

Anness, Artikolu 10, paragrafu 2, subparagrafu 2

Id-dispożizzjonijiet dwar din l-imposta għandhom jiġu stipulati f'deċizzjoni implimentattiva.

Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kunsill, għandha tid-determina r-rata ta' l-imposta u t-termini li fuqhom din għandha tinżamm. Il-Kummissjoni għandha taġixxi fuq proposta mid-Direttur Ġenerali li għandu jikseb l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv msemmi fl-Artikolu 11. Id-dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti prattiċi ta' din l-imposta għandhom jiġu stipulati f'deċizzjoni implimentattiva.

Emenda 22

Anness, Artikolu 11, paragrafu 1, subparagrafu 2

1. Il-Kumitat Konsultattiv (hawn taħt: imsejjaħ il-'Kumitat') għandu jkun kompost minn membru wieħed għal kull Stat Membru **li ma jkollu l-ebda** attivitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari u żewġ membri għal kull Stat Membru **li jkollu** attivitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Madankollu, Stat Membru jista'

1. Il-Kumitat Konsultattiv (hawn taħt: imsejjaħ il-'Kumitat') għandu jkun kompost minn membru wieħed għal kull Stat Membru **li ma jkollu l-ebda** attivitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari u żewġ membri għal kull Stat Membru **li jkollu** attivitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. **Għandu jkollu membru wieħed**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

jagħżel li ma jipparteċipax **fi**h. Kull membru jista' jkollu sostitut tiegħu li jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat **apparti** l-membri sħiħ, **imma dan ma jkunx jista' jivvota jekk il-membri sħiħ ikun preżenti**. Jekk membru jirriżenja jew ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu, għandu jinħatar suċċessur għaż-żmien li fadal fil-kariga.

addizzjonali għal kull Stat Membru li jkollu attivitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari u li jikkontribwixxi iżjed minn EUR 300 000. Madankollu Stat Membru jista' jagħżel li ma jipparteċipax **fil-Kumitat**. Kull membru jista' jkollu sostitut tiegħu li jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat **meta** l-membri sħiħ ma **jkunx disponibbli**. Jekk membru jirriżenja jew ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu, għandu jinħatar suċċessur għaż-żmien li fadal fil-kariga.

Emenda 23

Anness, Artikolu 11, paragrafu 2, subparagrafu 2

Il-membri tal-kumitat u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru mill-Istat Membru rispettiv tagħhom abbażi tal-livell ta' esperjenza rilevanti jew għarfien espert fil-qasam taċ-ċiklu ta' fjuwil nukleari jew tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija nukleari. It-tul taż-żmien tal-kariga huwa ta' tliet snin. Il-mandat tal-membri jista' jiġġedded **darba biss**.

Il-membri tal-kumitat u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru mill-Istat Membru rispettiv tagħhom abbażi tal-livell ta' esperjenza rilevanti jew għarfien espert fil-qasam taċ-ċiklu ta' fjuwil nukleari jew tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija nukleari. It-tul taż-żmien tal-kariga huwa ta' tliet snin. Il-mandat tal-membri jista' jiġġedded.

Emenda 24

Anness, Artikolu 12, paragrafu 1 a (għdid)

1a. Il-Kumitat jista' jinnomina żewġ membri bħala konsulenti ta' l-uffiċjali eżekuttivi. L-uffiċjali eżekuttivi u l-konsulenti tagħhom għandhom jiffurmaw il-Bureau tal-Kumitat u għandu jkollhom il-kompitu li jżommu r-relazzjonijiet neċessarji f'isem il-Kumitat. Il-Bureau għandu jaġixxi bħala ħolqa bejn il-membri tal-Kumitat u d-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija u għandu jikkoordina l-attività tal-Kumitat, b'mod partikulari fir-rigward tal-preparazzjoni, il-valutazzjoni u l-ewwazzjoni tar-rapporti tiegħu u l-pubblikazzjoni tal-kompetenzi esperti tiegħu.

Emenda 25

Anness, Artikolu 12, paragrafu 2

2. Iż-żmien tal-kariga tal-Presidenti u tal-Viċi-Presidenti għandu jkun tliet snin. Il-mandat tal-ħatra m'għandux ikun jiġġedded, u l-presidenza għandha talterna bejn in-naħat differenti ta' l-industrija. Il-mandat tal-President jew ta' Viċi Presidenti għandu jintemm awtomatikament, jekk il-mandat tal-ħatra tiegħu bħala membru tal-Kumitat jispiċċa mingħajr ma jerġa' jiġġedded.

2. Iż-żmien tal-kariga tal-Presidenti, tal-Viċi-Presidenti u **taż-żewġ konsulenti għall-uffiċjali eżekuttivi** għandu jkun tliet snin. Il-mandat tal-ħatra għandu jiġġedded **darba biss**, u l-presidenza għandha talterna bejn in-naħat differenti ta' l-industrija. Il-mandat tal-President jew ta' Viċi Presidenti **jew ta' kwalunkwe konsulent għall-uffiċjali eżekuttivi** għandu jintemm awtomatikament, jekk il-mandat tal-ħatra tiegħu bħala membru tal-Kumitat jispiċċa mingħajr ma jerġa' jiġġedded.

Emenda 26

Anness, Artikolu 13, paragrafu 1

1. Il-Kumitat għandu jassisti l-Aġenzija fit-tweqqif tal-kompiti tagħha permezz ta' opinjonijiet u informazzjoni. Għandu jservi ta' rabta bejn l-Aġenzija u kemm il-produtturi kif ukoll l-utenti fl-industrija nukleari.

1. Il-Kumitat għandu jassisti l-Aġenzija fit-tweqqif tal-kompiti tagħha permezz ta' opinjonijiet **u billi jipprovdi analiżi u informazzjoni. Din l-assistenza għandha testendi wkoll għat-thej-jiġja tar-rapporti, l-eżerċizzji ta' sħarriġ u l-analiżi msemmija fl-Artikolu 1(1a)**. Għandu jservi ta' rabta bejn l-Aġenzija u kemm il-produtturi kif ukoll l-utenti fl-industrija nukleari.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 27

Anness, Artikolu 13, paragrafu 2

2. Il-Kumitat jista' jiġi kkonsultat fuq kull kwistjoni fil-kompetenza ta' l-Aġenzija bil-fomm waqt il-laqgħat tiegħu jew bil-kitba bejn tali laqgħat. Il-Kumitat jista' wkoll joħroġ opinjonijiet rigward kull kwistjoni fuq l-inizjativa ta' mhux inqas minn terz tal-membri tiegħu.

2. Il-Kumitat jista' jiġi kkonsultat fuq kull kwistjoni fil-kompetenza ta' l-Aġenzija bil-fomm waqt il-laqgħat tiegħu jew bil-kitba bejn tali laqgħat. **Il-Kumitat għandu, b'mod partikulari, ikun ikkonsultat meta din id-Deċiżjoni tistipula dan b'mod espliċitu.** Il-Kumitat jista' wkoll joħroġ opinjonijiet rigward kull kwistjoni fuq l-inizjativa ta' mhux inqas minn terz tal-membri tiegħu.

Emenda 28

Anness, Artikolu 13, paragrafu 3 (c)

(c) meta tiġi applikata imposta fuq tranżazzjonijiet, maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-Aġenzija (l-Artikolu 54(5) tat-Trattat);

(c) meta tiġi applikata imposta fuq tranżazzjonijiet, maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-Aġenzija (l-Artikolu 54(5) tat-Trattat) **u r-rata tagħha;**

Emenda 29

*Anness, Artikolu 13, paragrafu 3, punt (c a) (ġdid)***(ca) il-kriterji għas-self, kif imsemmija fl-Artikolu 6(3);**

Emenda 30

*Anness, Artikolu 13, paragrafu 3, punt (c b) (ġdid)***(cb) il-kriterji għad-definizzjoni tal-prattiki ta' l-ipprezzar li huma projbiti mill-Artikolu 68 tat-Trattat;**

Emenda 31

*Anness, Artikolu 13, paragrafu 3, punt (d a) (ġdid)***(da) iż-żamma tal-Kont Speċjali tal-Minerali u l-Materjali Fissili msemmijin fl-Artikolu 88 tat-Trattat;**

Emenda 32

Anness, Artikolu 13, paragrafu 3, punt (e)

(e) ir-regolament finanzjarju tal-baġit annwali, **tal-kontijiet, ir-rapport dwar is-suq u l-programm ta' ħidma ta' l-Aġenzija.**

(e) ir-regolament finanzjarju tal-baġit annwali ta' l-Aġenzija **u l-kont speċjali ta' l-Aġenzija msemmi fl-Artikolu 171(2) tat-Trattat;**

Emenda 33

*Anness, Artikolu 13, paragrafu 3, punt (e a) (ġdid)***(ea) ir-rapport annwali u l-programm ta' ħidma.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 34

Anness, Artikolu 14, paragrafu 1, parti introduttorja

1. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fis-sede ta' l-Aġenzija:

1. Il-Kumitat għandu jiltaqqa' **mill-President** fis-sede ta' l-Aġenzija:

Emenda 35

Anness, Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)

(a) normalment darbtejn fis-sena;

(a) normalment darbtejn fis-sena **u kull meta jitqies neċessarju mill-President;**

Emenda 36

Anness, Artikolu 14, paragrafu 6

6. Is-segretarjat għall-Kumitat għandu jkun provdut mill-Aġenzija.

6. Is-segretarjat għall-Kumitat għandu jkun provdut mill-Aġenzija. **Is-segretarjat, b'kollaborazzjoni mal-President, għandu jfassal l-aġenda li għandha tiġi approvata mill-Kumitat, jibgħat id-dokumenti rilevanti kollha lill-membri tal-Kumitat mill-inqas ħmistax-il jum ta' xogħol qabel id-data ta' laqgħa u jipprepara l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat u tal-laqgħat ta' l-uffiċjali eżekuttivi.**

Emenda 37

Anness, Artikolu 14, paragrafu 7

7. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar ta' membru tal-Kumitat għandhom jiġu rimborsati mill-Aġenzija.

7. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar ta' membru tal-Kumitat wieħed minn **kull Stat Membru** għandhom jiġu rimborsati mill-Aġenzija.

Emenda 38

Anness, Dispożizzjonijiet Finali u Artikolu 15

Dispożizzjonijiet finali

imħassar

Artikolu 15 — Kapaċità ġuridika ta' l-Aġenzija

F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandu jkollha l-kapaċità ġuridika l-aktar wiesgħa li tista' tingħata lil persuni ġuridiċi li jaqgħu taħt il-liġijiet tagħhom. B'mod partikolari tista', takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti fi proċeduri ġuridiċi.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0503

L-irwol ta' l-isport fl-edukazzjoni**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-irwol ta' l-isport fl-edukazzjoni (2007/2086(INI))***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 149, 150 u 152 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Nru.29 dwar l-isport, annessa mat-Trattat ta' Amsterdam, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-isport, ippreżentata fil-Kunsill Ewropew ta' Helsinki fl-10 u 11 ta' Diċembru 1999 (COM(1999)0644) u d-Dikjarazzjoni ta' Nizza dwar il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-isport u l-funzjoni soċjali tiegħu fl-Ewropa fl-Anness IV tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza (7 sad-9 ta' Diċembru 2000),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Isport (COM(2007)0391),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar 'Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimient, il-Piż Żejjed u l-Obeżità (COM(2007)0279),
- wara li kkunsidra l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-programm tas-Sena Ewropea ta' l-Edukazzjoni permezz ta' l-Isport (EYES 2004) (COM(2005)0680),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-titjib ta' l-edukazzjoni fiżika u ta' l-isport għat-tfal u ż-żgħażaġh fil-pajjiżi Ewropej kollha, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-30 ta' April 2003 (Rec(2003)6),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni intitolata 'Il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u ta' l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni ta' piż żejjed, obeżità u mard kroniku' (COM(2005)0637),-
- wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament Ewropew bl-isem 'Is-sitwazzjoni preżenti u l-prospetti għall-edukazzjoni fiżika fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 1997 dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-isport ⁽¹⁾ u tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar in-nisa u l-isport ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tal-futbol professjonali fl-Ewropa ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2005 dwar id-doping fl-isport ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 149 ta' l-Abbozz tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-abbozz tat-Trattat ta' Liżbona,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0415/2007),

⁽¹⁾ ĠU C 200, 30.6.1997, p 252.

⁽²⁾ ĠU C 68 E, 18.3.2004, p.605.

⁽³⁾ *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0100.

⁽⁴⁾ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p.590.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- A. billi l-edukazzjoni fiżika hij l-uniku suġġett skolastiku li jfittex li jipprepara lit-tfal għal stil ta' ħajja b'saħħitha u jiffoka fuq l-iżvilupp ġenerali fiżiku u mentali tagħhom, kif ukoll jagħtihom valuri soċjali importanti bħall-imparzjalità, id-dixxiplina miegħek innifsek, is-solidarjetà, l-ispirtu ta' tim, it-tolleranza u l-ispirtu ta' logħob ġust,
- B. filwaqt li l-piż żejjed ikkawżat mill-ħajja sedentarja u mid-dieta ħażina, li jista' jikkawża problemi ta' saħħa u problemi psiko-soċjali u mard assoċjat ma' kumplikazzjonijiet, bħal pressjoni għolja, diabete, u mard tal-qalb u vaskulari, qed jaffetwa proporzjon dejjem jikber tal-popolazzjoni ta' l-UE, inklużi madwar kwart tat-tfal,
- C. billi l-edukazzjoni fiżika u l-isport fl-iskola huma fost l-iktar għodda importanti għall-integrazzjoni soċjali, iżda billi għal xi komunitajiet ta' minorità jew reliġjużi, u għal tfal b'diżabilitajiet, il-parteċipazzjoni sħiħa fil-edukazzjoni fiżika f'ħafna każijiet mhix garantita u tqajjem numru ta' problemi li diffiċli jissolvew,
- D. billi n-numru tal-lezzjonijiet dedikati għall-edukazzjoni fiżika naqas fl-aħħar għaxar snin, mhux biss fl-iskejjel primarji iżda ukoll f'dawk sekondarji, u billi hemm diverġenzi wiesgħa wisq bejn l-Istati membri dwar l-għoti ta' stabbilimenti u apparat,
- E. billi l-programmi ta' taħriġ ta' l-għalliema tal-edukazzjoni fiżika jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, u hemm Prattika li dejjem qed tinfirex aktar li biha l-edukazzjoni fiżika qed jiġi mgħallem fl-iskola minn għalliema li m'għandhomx it-taħriġ speċjalizzat adegwat,
- F. billi m'hemmx koordinazzjoni xierqa mmirata biex jiġu rrikonċiljati l-attivitatiet sportivi ta' l-iskola u dawk barra mill-iskola, u biex isir użu aħjar ta' stabbilimenti eżistenti, u billi r-rabta bejniethom tvarja minn Stat Membru għal ieħor,
- G. billi l-ġenituri għandhom rwol kruċjali fin-network ta' sħubija f'dan il-qasam, u billi l-appoġġ tal-ġenituri għall-attivitatiet sportivi tat-tfal huwa ta' importanza vitali, peress illi huma l-ġenituri li jagħtu l-eżempju lit-tfal tagħhom u huwa huma li jippermettu lit-tfal li jkollhom aċċess għall-istabbilimenti u għall-programmi,
- H. billi l-oqfsa legali li jirregolaw l-edukazzjoni fiżika u l-isport, u dawk li jirregolaw il-finanzjament ta' l-UE għal dawn l-attivitatiet, huma t-tnejn inċerti bl-istess mod,
- I. billi huwa konxju tal-fatt li s-saħħa pubblika u l-protezzjoni taż-żgħażaġħ huma prijoritajiet ta' l-UE u għal din ir-raġuni għandu jsir enfasi speċjali fuq il-ġlieda kontra d-doping fl-isport,
- J. billi huwa konxju li l-isport huwa wieħed mill-metodi l-aktar effettivi fil-ġlieda kontra t-tipjip, speċjalment fost iż-żgħażaġħ,
1. Jafferma mill-ġdid l-interess leġittimu ta' l-UE fl-isports, b'mod partikolari l-aspetti soċjali u kulturali tiegħu, kif ukoll il-valuri edukattivi u soċjali li l-isports jitrażmetti bħall-awtodixxiplina, l-isfida għal-limiti personali, is-solidarjetà, il-kompetizzjoni pożittiva, ir-rispett għall-avversarji, l-inklużjoni soċjali, l-oppożizzjoni għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, l-ispirtu ta' team, it-tolleranza, u l-ispirtu ta' logħob ġust;
 2. Jenfasizza s-sinifikat ta' l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet msemmija hawn fuq ta' Amsterdam u ta' Nizza, speċjalment dwar il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-isports fl-Ewropa u l-funzjoni soċjali tiegħu, li għandhom jitqiesu meta jkunu implimentati politiki komuni;
 3. Jenfasizza li, fis-soċjetà multikulturali tagħna, l-isports jista' u jrid ikun parti integrali mill-edukazzjoni formali u informali u li studji wrew li attivitajiet fiżika regolari ttejjeb il-benesseri mentali u fiżiku, filwaqt li għandha effetti tajbin fuq il-kapaċità għat-tagħlim;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

4. Jistieden lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżguraw li jsir aktar enfasi fuq l-iżvilupp tas-saħħa fil-programmi ta' taġlim ta' l-iskola u ta' qabel l-iskola billi jkunu inkoraġġuti forom speċifiċi ta' attività fiżika adattati għall-grupp ta' età ta' qabel l-iskola u li jqajjmu kuxjenza fi klabbis u assoċjazzjonijiet biex jiżguraw, per eżempju, li t-tfal jistgħu jibdeu jagħmlu attività fiżika fl-aktar stadju bikri possibbli, għall-benefiċċju ta' l-iżvilupp u s-saħħa tagħhom, u għalhekk jiggarantixxu li l-edukazzjoni fiżika ikollha pożizzjoni skond il-profil ta' l-istituzzjoni u l-livell korrispondenti ta' l-istudju;
5. Jirrimarka li l-isport u l-attività fiżika jistgħu jagħtu kontribut importanti fil-għlieda kontra xejriet negattivi ta' saħħa, bħalma hija l-ħajja sedentarja u l-obeżità; jirreferi għall-Eurobarometer dwar is-Saħħa, l-lkel u n-Nutrizzjoni f' Novembru 2006 li jindirizza l-karatteristiċi fiżiċi u ta' saħħa ta' l-Ewropej, id-dieta tagħhom, u l-problemi tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' l-obeżità u n-nuqqas ta' eżerċizzju;
6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn tfal minn età żgħira u lejn il-ġenituri tagħhom, dwar il-bżonn ta' stil ta' ħajja b'saħħtu, u l-attività fiżika regolari u dwar ir-riskji għas-saħħa relatati ma' dieta ħażina;
7. Jilqa' l-gruppi ta' ħidma informali li twaqqfu mill-Kummissjoni u mill-Kunsill fil-qasam ta' l-isport, u jipproponi li dawn il-gruppi ta' ħidma jagħtu aktar attenzjoni lit-tisħiħ tar-rabta bejn is-saħħa u l-edukazzjoni fiżika fl-iskola;
8. Jipproponi li l-ħidma tal-grupp ta' esperti involuti fil-Pjattaforma ta' l-UE dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa' mwaqqfa mill-Kummissjoni f'Marzu 2005, tkun imsaħħa permezz tal-parteċipazzjoni ta' l-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika u l-esperti fl-isport;
9. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw, u fejn meħtieġ jimplimentaw, bidliet fl-orjentazzjoni ta' l-edukazzjoni fiżika bħala suġġett, filwaqt li jieħdu kont tas-saħħa u tal-ħtiġijiet u ta' l-aspettattivi soċjali tat-tfal;
10. Jistieden lill-Istati Membri biex l-edukazzjoni fiżika ssir obligatorja fi skejjel primarji u sekondarji, u jaċċettaw il-prinċipju li t-timetable għandha tiggarrantixxi tallinqas 3 lezzjonijiet ta' l-edukazzjoni fiżika fil-ġimgħa, filwaqt li l-iskejjel għandhom jippruvaw jeċċedu kemm jista' jkun dan il-minimu preskritt;
11. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet responsabbli sabiex jipromwovw kuxjenza dwar il-ġisem u s-saħħa permezz ta' grad ta' integrazzjoni ogħla bejn l-isport u s-suġġetti akkademiċi;
12. Jistenna l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-Isport u s-Saħħa dwar x' għandu jkun l-ammont minimu rakkomandat kuljum ta' eżerċizzju jew il-promozzjoni ta' attività fiżika fl-iskejjel;
13. Jilqa' l-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-isport, li tirrapreżenta pass importanti lejn l-iżvilupp futur ta' l-inizjattivi tal-Komunità fil-qasam sportiv, u jispera li l-kwistjoni ta' l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel tiffirma parti mill-Pjan ta' Azzjoni 'Pierre de Coubertin' (SEC(2007)0934);
14. Jilqa' l-White Paper tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwqar 'Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa', li tidentifika bħala prijorità l-prevenzjoni, l-aktar permezz tal-promozzjoni ta' l-eżerċizzju u ż-żieda fin-numru ta' parteċipanti fl-isport;
15. Jilqa' l-kisbiet tas-Sena Ewropea ta' l-Edukazzjoni permezz ta' l-Isport (EYES 2004), li enfasizzat l-irwol ta' l-isport fl-edukazzjoni u ġibdet l-attenzjoni għall-irwol soċjali mifruż ħafna ta' l-isport;
16. Jenfasizza li r-riżultati ta l-programm-EYES 2004 iridu jintużaw bis-sħiħ, billi jkunu sfruttati l-prattiki tajbin u billi jiġu żviluppati aktar f permezz ta' inizjattivi ġodda li jirċievu finanzjament pubbliku u privat jew ikunu promossi fl-ispirtu ta' responsabilità soċjali korporattiva;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

17. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali li jtella' Logħob Olimpiċi għaż-Żgħażaġħ mill-2010, attività li se tikkontribwixxi biex iż-żghażaġh ikunu konxji ta' l-ispirtu Olimpiku u tal-valur ta' l-isport;
18. Jikkunsidra li l-edukazzjoni u t-taħriġ sportivi, b'enfasi partikolari fuq ideali Olimpiċi, huma strument effettiv għall-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġjati u d-djalogu multikulturali, u għall-promozzjoni ta' xogħol volontarju: jikkunsidra barra minn hekk li għandhom irwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-vjolenza;
19. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jimmodernizzaw u jtejbu l-politiki tagħhom dwar l-edukazzjoni fiżika, l-iktar biex jiżguraw li jkun hemm bilanċ bejn l-attivitajiet fiżiċi u intellettuali fl-iskejjel, biex jinvestu f-faċilitajiet sportivi ta' kwalità u biex jieħdu miżuri xierqa biex jagħmlu l-bini ta' l-isports u l-kurrikuli ta' l-isports aċċessibbli għall-istudenti kollha, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa għall-bżonnijiet ta' l-istudenti b'diżabilità; jissuġġerixxi li għandu jkun hemm appoġġ għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet sportivi sabiex kull student ikollu opportunità reali biex jipparteċipa fi sports differenti; jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-ħtieġa li jidded il-ħin dedikat għall-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel; biex jippromwovu r-rikonoxximent legali ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li jikkontribwixxu għal integrazzjoni aħjar ta' attivitajiet sportivi fl-iskejjel u fiċ-ċentri ta' qabel l-iskola; jiffavorixxi l-għoti ta' inċentivi għal klubbs sportivi li jkollhom ftehim ta' kollaborazzjoni ma' skejjel, stabbilimenti edukattivi, ċentri taż-żghażaġh, u organizzazzjonijiet komunitarji jew volontarji involuti fi proġetti ta' taġlim tul il-ħajja;
20. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu l-kundizzjonijiet għall-konformità man-numru minimu preskritt ta' lezzjonijiet ta' l-edukazzjoni fiżika, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-eżerċizzju regolari jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex titnaqqas l-ispiża tal-kura tas-saħħa;
21. Jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw li jkun hemm taġlim ta' l-edukazzjoni fiżika fil-livelli kollha, inkluż fl-iskejjel primarji, minn għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika speċjalizzati;
22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, fl-ispirtu tal-proċess ta' Bolonja, jassiguraw livell għola ta' konverġenza bejn il-programmi ta' taħriġ għall-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika f'kull livell ta' l-iskola u jassiguraw it-taħriġ professjonali kontinwu ta' l-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika li jintegra l-aspetti speċifiċi tal-ġeneru, u biex joħlqu sistema ta' superviżjoni indipendenti fl-interess li tiġi ggarantita l-kwalità;
23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'koperazzjoni ma' kulleġġi ta' edukazzjoni fiżika, biex jipprovdu edukazzjoni sħiħa ta' kwalità għolja, li tgħin lill-atleti biex ikollhom il-ħiliet neċessarji kollha biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew biex ikomplu l-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u lil hinn minn hekk;
24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jagħtu taħriġ dwar il-kwistjoni tal-ġeneru lill-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika billi jinkludu dan l-aspett fil-kurrikulu tagħhom; jappella sabiex ma jibqax jitbaxxa l-grad ta' l-istatus ta' l-edukazzjoni fiżika bħala suġġett u ta' l-istatus ta' l-għalliema li jgħallmuha; jenfasizza l-importanza tal-possibilità tal-koedukazzjoni fl-isport għat-tfal fin-'nursuries' u fl-iskejjel primarji kif ukoll l-għażla bejn klassijiet ta' koedukazzjoni u klassijiet ta' sess wieħed mil-livell sekondarju 'l quddiem bil-għan li l-bniet jitħeġġu sabiex jippruvaw l-isports li tradizzjonalment huma pprattikati mill-irġiel; jenfasizza l-ħtieġa li jkun esplorati forom oħra ta' attività fiżika, li jistgħu jkun pprattikati fuq bażi mhux obbligatorja, preferibbilment barra mill-edukazzjoni obbligatorja ta' l-istat;
25. Jikkunsidra li l-kwalifiki miksuba permezz ta' attività sportiva għandhom ikunu rikonoxxuti taħt is-sistema ta' referenza komuni inkorporata fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki futur; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tinkludi l-isports fil-qasam ta' applikazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Trasferiment ta' Credits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali; jikkunsidra li iktar trasparenza u għarfien reċiproku ta' liċenzji u diplomi għall-provediment ta' servizzi fis-settur sportiv fl-UE jikkontribwixxu għall-moviment ħieles tal-persuni (studenti, irġiel u nisa sportivi, ħaddiema u min iħaddem) kif ukoll għall-assimilazzjoni fuq perjodu ta' żmien fit-tul ta' atleti fis-suq tax-xogħol, u li jikkontribwixxu wkoll għall-koeżjoni soċjali fl-Ewropa u biex jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, minħabba li dan huwa qasam b'potenzjal għoli għall-ohlqien ta' l-impjeggi;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda u tappoġġja riċerka multi-dixxiplinari fil-qasam ta' l-isport u l-edukazzjoni fiżika, u biex xxerred l-aħjar Prattika; jirrakkomanda li toħloq prinċipji bażiċi għas-survey pan-Ewropew dwar il-politiki u l-prattiki ta' l-edukazzjoni fiżika li l-Kunsill ta' l-Ewropa ddefinixxa bħala prijorità;
27. Jenfasizza li l-użu ta' sustanzi li jtejbju l-prestazzjoni jmur kontra l-valuri ta' l-isport bħala attività soċjali, kulturali u edukattiva; jistieden ukoll lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika, kemm fl-iskejjel u kemm barra mill-iskejjel, jinfurmaw lill-istudenti dwar il-perikli fiżiċi u psikoloġiċi ta' l-użu ta' sustanzi ta' doping;
28. Jistieden lill-Istati Membri sabiex iwettqu studju tal-parteċipazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-bniet u tas-subien fl-iskejjel u barra mill-iskejjel u sabiex jipprovdu r-riżorsi meħtieġa biex iżidu aktar l-isports offruti u b'hekk iżidu l-parteċipazzjoni tal-bniet fl-isports; itenni l-ħtieġa li l-effettività ta' dan l-infiq pubbliku tkun immoniterjata u evalwata permezz ta' baġitjar u studju ta' impatt li jieħu kont tal-perspettiva tal-ġeneru;
29. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex, meta jiżviluppaw politiki fil-qasam ta' l-isport u l-edukazzjoni fiżika, jinkludu l-aspetti tal-ġeneru billi jieħdu kont b'mod sistematiku tad-differenzi bejn il-kundizzjonijiet, sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-irġiel f'dawn il-politiki; jistieden lill-Eurostat sabiex jiżviluppa indiktauri u jikseb statistiki ta' kwalità mtejbja dwar il-parteċipazzjoni ta' l-irġiel u tan-nisa fl-isport fil-livelli kollha;
30. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, filwaqt li jieħdu kont sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex ifasslu strumenti xierqa li jistgħu jippromwovu aktar l-investiment u l-apparat fl-attivitajiet sportivi li fihom jieħdu sehem iż-żgħażaġh;
31. Jilqa' l-inklużjoni ta' referenza diretta u mhux ambigwa għall-valur soċjali, kulturali u ekonomiku ta' l-isport, li tiffirma l-bażi għall-qafas legali ta' azzjoni Komunitarja fil-futur fit-test tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-Abbozz tal-Trattat ta' Liżbona;
32. Jipproponi li l-Programm ta' l-UE dwar is-Saħħa Pubblika jagħti aktar attenzjoni lill-iffurmar ta' għar-fien dwar l-irwol prominenti ta' l-edukazzjoni, l-edukazzjoni fiżika u l-isport fil-qasam tas-saħħa pubblika;
33. Jirrikonoxxi li r-raġunijiet tas-saħħa m'humix biżżejjed biex jinkoraġġixxu attivitajiet sportivi regolari; ihegġegħ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jipromwovu l-promozzjoni ta' l-isports marbut ma' attivitajiet ta' divertiment u dawksocjali;
34. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq linjigwida ċari dwar ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-istat, billi tistipula liema tip ta' għajnuna ta' l-istat hija meqjusa bħala aċċettabli u meħtieġa fl-interess li jitwettqu b'suċċess il-funzjonijiet soċjali, kulturali, tal-ħarsien tas-saħħa u edukazzjonali ta' l-isport, inkluż appoġġ finanzjarju jew mod ieħor mogħti mill-awtoritajiet ta' l-istat għall-ħolqien jew għall-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet sportivi ta' l-iskejjel, u għat-titjib u d-diversifikazzjoni ta' tagħmir u faċilitajiet u eżistenti, minħabba li f'ħafna skejjel it-tagħmir ta' l-isport mhux xieraq jew huwa mikdud ħafna;
35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika oqsma fejn l-azzjoni ta' l-UE tista' tippovdi valur miżjud fir-rigward ta' l-azzjoni diġà meħuda minn organizzazzjonijiet sportivi u awtoritajiet ta' l-Istati Membri; jikkunsidra li l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni huwa mezz xieraq biex tinkiseb koperazzjoni aħjar fil-livell Ewropew fil-qasam speċifiku tal-politika dwar l-edukazzjoni fiżika u ta' l-isports għal kulħadd;
36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra u tifformula politika għal dawk interessati, għal dawk involuti fit-teħid ta' deċizzjonijiet u għaċ-ċittadini, biex tkun iffaċilitata l-konsultazzjoni fir-rigward ta' azzjoni Ewropea dwar l-irwol ta' l-isports fl-edukazzjoni.
37. Jirrakkomanda li l-fondi strutturali ta' l-UE jintużaw għall-ħolqien u għall-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi fl-iskola u faċilitajiet sportivi oħrajn f'żoni żvantaġġati;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

38. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tapplika għall-provediment ta' servizzi fis-settur sportiv bl-istess mod bħal attivitajiet oħra fil-qafas tal-politiki kollha tal-Komunità;
39. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw ugwaljanza fl-oppurtunitajiet billi jieħdu passi biex iwaqqfu kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġens, reliġjon jew oriġini etnika, biex jippromwovu metodu li jinvolvi aktar koperazzjoni bbażat fuq l-informazzjoni, aktar fehim, u espożizzjoni aktar wiesgħa għall-pubbliku, li tinkludi metodi ta' diversità u metodu ta' taħlit flimkien, u anki biex tkun garantita aċċess għal livell bażiku ta' edukazzjoni fiżika għat-tfal b'diżabilitajiet u u, fejn ikun possibbli, għal aktar oppurtunitajiet;
40. Peress li l-isport huwa mezz ta' soċjalizzazzjoni, komunikazzjoni, integrazzjoni soċjali u, xi drabi jgħallem l-ispirtu ta' tim, dak li hu ġust u r-rispett tar-regoli, jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jintensifikaw il-programmi ta' l-isport u l-edukazzjoni fiżika għaż-żgħażaġh f'ċentri ta' riabilitazzjoni għall-minuri;
41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-koperazzjoni, u jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' eżempji ta' l-aħjar prassi bejn l-assoċjazzjonijiet ta' l-isport fl-iskejjel jew barra mill-iskejjel, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet volontarji u tas-soċjetà ċivili li jmexxu attivitajiet sportivi;
42. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw b'mod attiv forum ta' attivitajiet fiżika li jistgħu jsiru mill-familji, u biex itejbu d-djalogu bejn il-ġenituri, l-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika u l-assoċjazzjonijiet sportivi barra mill-iskejjel;
43. Jenfasizza l-ħtieġa li s-soċjetà Ewropea ssir iktar konxja dwar l-irwol modern u l-importanza edukattiva ta' l-isports, billi l-organizzazzjonijiet edukattivi u sportivi jkunu inkoraġġuti biex jstabbilixxu u jiżviluppaw sħubijiet mill-qrib u objettivi konġunti u billi tkun promossa s-solidarjetà bejn is-setturi professjonali u tad-dilettanti, u biex il-komunità edukattiva ssir sensitiva għall-bżonn li jkunu indirizzati l-problemi ta' stil ta' haġja sedentarja billi jkun promoss l-isports fl-iskola;
44. Jenfasizza l-importanza ta' l-irwol edukattiv u r-responsabilità ta' l-assoċjazzjonijiet u tal-klabbs sportivi, kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni ta' Nizza;
45. Jirrikonoxxi l-irwol soċjali u kulturali vitali li l-klabbs u l-assoċjazzjonijiet sportivi jista' jkollhom fil-komunitajiet lokali u nazzjonali tagħhom; jikkunsidra li l-iskejjel, iċ-ċentri ta' taħriġ, il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet sportivi għandhom ikunu iktar involuti f'diversi forum ta' involviment u parteċipazzjoni tal-popolazzjoni lokali permezz ta' djalogu soċjali aħjar, preferibbilment li jkun inbeda minn awtoritajiet lokali (dipartimenti tas-saħħa, l-affarijiet soċjali u l-edukazzjoni); jitlob li tingħata attenzjoni sabiex ikun żgurat li l-klabbs sportivi jiffunzjonaw mingħajr fanatiżmu biex b'hekk jiġu rrispettati l-ideali sportivi u soċjali;
46. Jenfasizza l-irwol ta' l-organizzazzjonijiet sportivi u l-inizjattivi bħall-Olimpjadi Speċjali, li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilitajiet fl-isports kif ukoll fis-soċjetà; jinkoraġġixxi ħafna biex l-appoġġ ta' l-Istati Membri u ta' l-UE jibqa' u jżid ix-xogħol ta' dawk l-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi;
47. Ifaħħar ix-xogħol tal-voluntiera fl-organizzazzjonijiet sportivi kollha u jirrikonoxxi li l-biċċa l-kbira minn dawn l-organizzazzjonijiet ma jstgħux jeżistu mingħajr voluntiera; għalhekk jirrakkomanda li jkun hemm "credits" jew xi forma ta' rigal fl-livell Ewropew għal servizz volontarju sabiex dan ix-xogħol jiġi pomoss u aktar rikonoxxut;
48. Jistieden lill-Kummissjoni biex titgħallem mill-esperjenzi tal-programm ta' "l-iskejjel li jemmnu fl-isports" mibdi mill-Presidenza Lussemburġiża u biex b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri tfassal sett uniformi ta' kriterji għall-għoti ta' din it-tikketta, kif ukoll il-kundizzjonijiet għal premju ta' l-isports Ewropew li għandu jingħata biex jiġu rikonoxxuti inizjattivi ġodda;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

49. Jistieden lill-Kummissjoni, biex filwaqt li tibni fuq l-esperjenzi tal-programm EYES 2004 u fil-qafas tal-programmi Tagħlim tul il-Ħajja, Żgħażaġħ u Ewropa għaċ-Ċittadini, toħloq inizjattivi ġodda mmirati biex tgħolli l-profil, u tqajjem iżjed kuxjenza fis-soċjetà, dwar l-irwol ta' l-isport u ta' l-edukazzjoni fiżika mhux biss fl-edukazzjoni u l-kulturali, iżda wkoll fl-interess ta' l-integrazzjoni soċjali u l-ħarsien tas-saħħa, partikularment permezz tal-prevenzjoni ta' l-obezià u l-istress fl-iskejjel; jistieden b'mod partikulari biex l-inizjattivi sportivi jkunu żviluppati bħala parti mill-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja;
50. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-mobilità Ewropea għall-għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika u dawk li jħarrġu fil-edukazzjoni fiżika, bħala parti minn Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja, b'hekk ikun possibbli għalihom li jitgħallmu dwar l-aħjar prassi u jieħdu esperjenza minn skambji;
51. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-faċilitajiet ta' l-isport ikunu ddisinjati biex joffru aċċess faċli għal spettaturi u/jew parteċipanti b'diżabilità;
52. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-isport differenti offruti jinkoraġġixxu lit-tfal biex jadottaw attitudni b'moħħ miftuħ lejn id-dinja u jiżviluppaw valuri bħar-rispett proprju, ir-rispett lejn l-oħrajn, is-solidarjetà, l-għarfien, il-konnoxxenza proprja u t-tolleranza;
53. Jirrikonoxxi li l-isports għandu rwol importanti fit-tagħlim tul il-ħajja, u li l-istudenti ta' kull età għandhom jiġu meġhuna jipparteċipaw;
54. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħtu attenzjoni partikulari għal sitwazzjonijiet fejn it-talenti tat-tfal jiġu sfruttati bil-għan ta' suċċess f'kompetizzjonijiet sportivi u jenfasizza li attivitajiet sportivi professjonali li jinvolvu t-tfal għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-aħjar interessi tagħhom;
55. Jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-bniet u tan-nisa f'attivitajiet sportivi fil-livelli kollha; jikkunsidra l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-non-diskriminazzjoni bħala objettivi li jiffurmaw parti integrali mill-funzjonijiet edukattivi u soċjali ta' l-isport; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat l-istess aċċess u parteċipazzjoni għan-nisa u għall-irġiel u għas-subien u għall-bniet fil-livelli kollha u fil-funzjonijiet u fl-oqsma kollha ta' l-isport, irrispettivament mill-isfond soċjali, l-aktar għal nies b'diżabilità, minħabba li nisa b'diżabilità jistgħu jiġu ffaċċjati minn diskriminazzjoni multipla; barra minn hekk jenfasizza l-irwol importanti ta' l-isport għas-saħħa pubblika, speċjalment fil-ġlieda kontra l-obezià li fil-preżent taffettwa 21 miljun tifel u tifla fl-UE;
56. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu attenzjoni partikulari għas-saħħa fiżika u mentali ta' tfajliet adoloxxenti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet ta' l-ogħla livell, u sabiex jevalwaw bl-akbar kura l-effetti li ċerti esigjenzi jista' jkollhom fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva tat-tfajliet adoloxxenti u fuq l-iżvilupp fiżiku u mentali tagħhom, bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe effetti li jmorru kontra l-irwol edukattiv importanti ta' l-isport;
57. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tidentifika l-aħjar Prattiki fil-ġlieda kontra l-fastidji sesswali u l-abbużi fl-isport; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri ta' prevenzjoni u ta' eliminazzjoni kif ukoll jiżviluppaw kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-istrumenti ta' azzjoni legali li huma disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-għadd kbir ħafna ta' riżoluzzjonijiet dwar dan is-suġġett, l-aktar ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Marzu 2000 dwar il-prevenzjoni ta' fastidji sesswali u l-abbuż min-nisa, miż-żgħażaġh u mit-tfal fl-isport (Riżoluzzjoni ta' Bratislava) u r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-5 ta' Ġunju 2003;
58. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiggarrantixxu opportunitajiet u trattament indaq għall-irġiel u għan-nisa fl-aċċess għat-taħriġ u meta jseguw karriera fl-isport;
59. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu passi sabiex iqajmu l-kuxjenza fost dawk kollha li jaħdmu fil-qasam ta' l-isport (klabbs, federazzjonijiet, eċċ) dwar l-importanza li l-perspettiva tal-ġeneru tiddaħħal fid-deċizzjonijiet kollha u fl-azzjonijiet kollha mnedija minnhom, u dwar il-ħtieġa li meta jkunu qed jitħejjew attivitajiet, fost l-objettivi tagħhom tiddaħħal l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

60. Jenfasizza l-importanza ta' l-eżerċizzju fiżiku biex tkun ikkontrollata l-obeżità u jiġu megħluba drawwiet ta' stil ta' ħajja li m'humiex tajbin għas-saħħa, b'hekk ikun ta' benefiċċju kbir għas-saħħa ta' kull individwu, madanakollu jesprimi tħassib, li iktar sigħat ta' xogħol u l-kundizzjonijiet ta' llum tax-xogħol b'mod ġenerali, mhux qed iħallu lill-ħaddiema jagħmlu eżerċizzji fiżiċi regolari u jsiru iktar involuti fl-isports;
61. Jirrikonoxxi li l-isports huwa settur li joħloq l-impjiegi u li oqsmha oħra, bħall-edukazzjoni, il-mediċina, il-media u l-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tagħmir u prodotti speċjalizzati, huma marbuta direttament ma' dan is-settur;
62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Komitat Olimpiku Internazzjonali.

P6_TA(2007)0504

L-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija (2006/2293(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija" (COM(2006)0231) u l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt ta' l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija (SEC(2006)0620),
 - wara li kkunsidra s-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (EAP) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġijka, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kyoto fir-rigward tal-konnessjonijiet diretti u indiretti tagħhom mal-funzjonijiet tal-ħamrija u l-ħarsien tal-ħamrija,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2003 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Strateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija" ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Komitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0411/2007),
- A. billi l-ħamrija hija komponent ewlieni ta' l-ambjent ġeografiku, hija l-ħolqa li tgħaqqad l-art (il-litosfera), l-arja (l-atmosfera) u l-ilma (l-idrosfera) u hija l-bażi għal funzjonijiet essenzjali għall-ħajja fid-dinja; billi diversi linji politiċi Komunitarji għandhom l-għan li jipproteġu dawn il-funzjonijiet u l-evalwazzjoni ta' impatt mill-Kummissjoni turi li, minkejja dawn il-linji politiċi, il-qerda, l-erożjoni u d-degradazzjoni tal-ħamrija qed jiżdidu, filwaqt li l-isforzi maħsuba sabiex jiġu rkuprati l-fertilità u l-funzjonijiet produttivi tal-ħamrija mhumiex qed jilhqgħu l-effetti mixtieqa, u qed iwasslu għal impatt li qed jikber fuq oqsmha ambjentali oħrajn, kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali,

⁽¹⁾ ĠU L242 10.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 87 E, 7.4.2004, p. 395.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- B. billi l-ħarsien globali tal-ħamrija u tal-funzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali, ekoloġiċi u kulturali tagħha huwa prekondizzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali internazzjonali ewlenin, bħall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, is-salvagwardja ta' ilma suffiċjenti u nadif, il-ġlieda sabiex ma jkomplix jitbaxxew il-livelli ta' l-ilma ta' taħt l-art, il-prevenzjoni ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, il-ħarsien tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, il-formazzjoni ta' l-isteppe u d-deforestazzjoni, kif ukoll azzjonijiet maħsuba għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ħamrija u għat-twaqqif tal-proċessi li jwasslu għall-degradazzjoni jew għall-qerda sħiħa tal-ħamrija,
- C. billi l-istruttura u l-karatteristiċi tal-ħamrija huma r-riżultat ta' proċess ta' formazzjoni tal-ħamrija u ta' proċessi ġeomorfoloġiċi u ġeoloġiċi li jieħdu eluf ta' snin, u għalhekk jagħmluha riżors li ma jiġġeddid; billi, għalhekk, il-prevenzjoni ta' kwalunkwe tip ta' ħsara lis-saffi tal-ħamrija (erożjoni, qerda, degradazzjoni, imluħa, eċċ.) u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija hija ħafna iżjed effiċjenti f'sens ta' nfiq mill-irkupru tal-funzjonijiet tagħha,
- D. billi l-inizjattivi nazzjonali volontarji u l-miżuri nazzjonali eżistenti huma importanti sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' ħarsien akbar tal-ħamrija,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istrateġija tematika tal-Kummissjoni għall-ħarsien tal-ħamrija, li ssegwi l-komunikazzjoni tagħha ta' l-2002 dwar is-suġġett (COM(2002)0179) li turi biċ-ċar il-hteġa ta' miżuri ta' ħarsien effettiv u produttiv tal-ħamrija fl-Istati Membri ta' l-UE, u l-proposta biex tkun adottata direttiva ta' qafas dwar il-ħarsien tal-ħamrija;
 2. Jinnota li d-degradazzjoni tal-ħamrija għandha kawżi u impatt lokali u reġjonali, u li l-effetti transkonfinali iżolati huma kkawżati minn fatturi ġeomorfoloġiċi reġjonali u għalhekk jirrikjedu miżuri intergovernattivi;
 3. Jirrimarka li l-attivitajiet tal-bniedem jaffettwaw il-funzjonijiet u l-użu tal-ħamrija b'diversi modi u li strateġija Komunitarja għalhekk trid tgħin biex tħares dawk l-artijiet fejn tista' tiġi pprattika l-biedja li l-aktar jinsabu mhedda, pereżempju b'konnessjoni ma' tibdil fl-użu ta' l-art, żoni industrijali kontaminati, l-impermeabilità (sealing) tal-ħamrija u l-erożjoni;
 4. Huwa mħasseb dwar il-konsegwenzi tad-degradazzjoni tal-ħamrija, kemm naturali u kemm bħala riżultat ta' l-attività tal-bniedem; jenfasizza l-hteġa ta' strateġija Ewropea biex tidentifika u tirrimedja l-problemi marbuta mad-degradazzjoni tal-ħamrija;
 5. Jemmen bis-sħiħ li d-diversità enormi ta' tipi ta' ħamrija (320, b'għadd kbir ta' sottotipi) toħloq il-hteġa li, minbarra strateġiji nazzjonali minn isfel għal fuq, ikun hemm strateġija Ewropea bbażata fuq il-prevenzjoni, l-għarfien pubbliku, l-informazzjoni u l-identifikazzjoni taż-żoni ta' riskju sabiex din il-problema tiġi ffaċċjata fuq livell Ewropew; jistieden lill-Istati Membri li m'għandhomx leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tal-ħarsien tal-ħamrija biex jiffaċċjaw ir-responsabilità tagħhom f'dan il-qasam, filwaqt li jqisu wkoll ir-responsabilitajiet tas-sidien; iqis, b'mod partikulari, li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandu jkollhom irwol ewlieni fit-tfassil ta' l-għanijiet u tal-pjani għall-ħarsien tal-ħamrija;
 6. Huwa tal-fehma li t-tisħiħ ta' l-istrateġija tematika huwa meħtieġ għall-Istati Membri kollha, u li d-dinamika tat-tweqqif ta' din l-istrateġija tiżdied b'mod kunsiderevoli jekk jiżdiedu miżuri ta' għajjnuna finanzjarja fil-qafas tar-riżorsi ta' l-appropriazzjonijiet baġitarji disponibbli għar-reġjuni ta' koeżjoni;
 7. Jinnota li l-ħamrija hi riżors komuni; jenfasizza li filwaqt li l-ilma, l-arja u l-bijodiversità jgawdu minn leġiżlazzjoni Komunitarja speċifika, il-ħamrija, li hija fattur kruċjali fil-produzzjoni sostenibbli fuq perjodu ta' żmien fit-tul ta' l-ikel, ta' l-għalf, tal-fibri u, iktar u iktar spiss, tal-bijomassa, ma tgawdix minn leġiżlazzjoni ta' dan it-tip;
 8. Jenfasizza li, f'konformità mal-prinċipji ta' leġiżlazzjoni aħjar, direttiva ta' qafas ta' l-UE hija ġġustifikata bis-sħiħ billi l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-UE, li l-ewwel għandha tiġi supplimentata, u ta' l-għażliet volontarji bbażati fuq it-trasferiment ta' tagħrif speċjalizzat għadhom jikxfu nuqqasijiet fil-ħarsien tal-ħamrija;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

9. Jitlob li regoli ġodda Ewropej, jekk ikunu għadhom ikkunsidrati neċessarji, jitqiesu biss fuq il-bażi ta' miżuri bħal dawn, u li f'dak il-każ jiġu stipulati standards li jorbtu rigward it-titjib;
10. Jaqbel mal-Kummissjoni li hemm il-ħtieġa għal direttiva ta' qafas dwar il-ħarsien tal-ħamrija, minħabba l-irwol importanti tal-ħamrija biex jiġu indirizzati sfidi internazzjonali bħat-tnaqqis fil-produttività tal-ħamrija, fis-servizzi ta' ekosistemi u fil-bijodiversità, ikkawżati mid-deforestazzjoni, it-tnaqqis fil-kwalità ta' l-ilma, il-formazzjoni ta' l-istepa, l-erożjoni kontinwa tal-ħamrija, l-għargħar rikorrenti u ċ-ċedimenti ta' masas ta' art, u biex tkun żgurata produzzjoni ta' l-ikel suffiċjenti u bla periklu;
11. Jemmen li d-direttiva ta' qafas hija miżura adegwata għall-ħarsien tal-ħamrija, li tqis kif xieraq il-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tat-Trattat KE), u hija suġġetta għall-proporzjonalità (l-Artikolu 5, it-tielet paragrafu tat-Trattat KE), u tista' tippermetti lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux hekk li jiżviluppaw politiki dwar il-ħamrija mingħajr ma joħolqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni; jemmen li d-direttiva ta' qafas għandha tirrikonoxxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja li diġà teżisti u m'għandhiex iżżid piżijiet amministrattivi bla bżonn fuq l-Istati Membri, fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u fuq is-sidien ta' l-art;
12. Jirrimarka li l-livell għoli ta' diversità tal-ħamrija, l-oqsma bi problemi differenti li jiddependu mir-reġjun u l-pjanijiet dettaljati nazzjonali eżistenti dwar il-ħarsien tal-ħamrija jridu jitqiesu billi jkun żgurati li l-Istati Membri jżommu livell konsiderevoli ta' flessibilità meta jfasslu l-qafas leġiżlattiv; jenfasizza li l-ħamrija hi qasam ta' politika li, minħabba d-diversità kbira tiegħu, jeħtieġ soluzzjonijiet mfasla speċifikament li hemm bżonn ikunu żviluppati fuq livelli lokali u reġjonali;
13. Jikkonkludi li tinħtieġ demarkazzjoni ċara bejn din id-direttiva u standards leġiżlattivi Ewropej oħrajn relatati mal-ħarsien tal-ħamrija sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni regolatorja;

Sinerġija ma' politiki Komunitarji oħrajn

14. Jipproponi li jsiru evalwazzjoni u analiżi fil-fond tad-direttivi li diġà ġew introdotti fl-Unjoni Ewropea, bħad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art u d-Direttiva dwar in-Nitrati, u li jiġi evalwat u analizzat sa liema punt l-Istati Membri qed jilhqgħu l-kriterji ta' kundizzjonalità applikabbli għall-bdiewa; iqis li, fuq il-bażi ta' din l-analiżi, jistgħu jtfasslu miżuri li jorbtu, jekk dan ikun meħtieġ, sabiex jipromwovu l-kwalità tal-ħamrija; jinnotta li se jkun possibbli wkoll, fuq il-bażi ta' din l-analiżi, li jsir skambju ta' informazzjoni fi ħdan l-UE sabiex tiġi promossa l-kwalità tal-ħamrija;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-ħarsien tal-ħamrija li huma f'leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar l-arja, l-ilma, l-iskart, il-bidla fil-klima, il-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, l-agrikoltura, l-enerġija, il-prodotti, l-industrija, it-trasport u l-iżvilupp reġjonali, u biex, qabel tmiem l-2008, tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar kif din il-leġiżlazzjoni tista' tintuża aħjar sabiex titħares aktar il-ħamrija;
16. Jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet tal-ħamrija għandhom jittejbu f'bosta reġjuni Ewropej, iżda jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforzi akbar biex tiggarantixxi konsistenza mal-leġiżlazzjoni attwali;
17. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jevita d-duplikar, il-kontradizzjonijiet u l-inkonsistenzi rigward ir-regoli eżistenti ta' l-UE;
18. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-ażżjonijiet u l-iskedi tagħha fir-reviżjoni tad-Direttivi dwar is-Sewage Sludge u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis u fl-evalwazzjoni ta' sinerġiji possibbli bejn il-miżuri għall-ħarsien tal-ħamrija u l-miżuri li jaqgħu inter alia taħt id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa s-sinerġiji possibbli mad-Direttiva dwar l-Iskart;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kemm jista' jkun malajr direttiva dwar l-immaniġġjar sod tal-bijoskart bil-għan li jitnaqqas l-ammont ta' bioskart li jintefa' fil-miżblijiet jew li jinharq fl-inċineratur u biex minflok tippromwovi l-produzzjoni tal-kompost u tal-bijogass; jirrimarka li l-kompost u r-residwi ttrattati mill-produzzjoni tal-bijogass li jkunu ta' kwalità xierqa jistgħu jappoġġjaw bil-kbir il-preservazzjoni u ż-żieda tal-materja organika fil-ħamrija;

Bidla fil-klima

20. Jirrikonoxxi li bidla fl-użu tal-ħamrija tista' tirriżulta f'żieda fit-trażżin tal-karbonju jew f'żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, pereżempju fil-każ tad-deforestazzjoni, jew meta jitnixxfu artijiet tal-pit b'riżultat ta' fitotissija jew tisqija bl-ilma mhux xierqa, jew meta jibdeu jinħaddmu l-artijiet bil-ħaxix permanenti jew minħabba l-ħrit ħażin ta' għub l-għoljiet; jirrikonoxxi li mhux biss l-użu tal-ħamrija għandu impatt qawwi fuq il-bidla fil-klima, iżda li l-istess bidla fil-klima tista' tirriżulta f'degradazzjoni jew erożjoni kbira tal-ħamrija;

21. Jirrikonoxxi li l-bidla fil-klima, permezz ta' tibdiliet fit-temperaturi u fix-xita, jista' jkollha impatti kbar fuq iċ-ċikli bijoġeokimiċi fil-ħamrija li jaffettwaw il-fertilità tal-ħamrija; jirrikonoxxi wkoll li, fi klima li qed tinbidel, b'mod speċjali l-bidliet fin-nutrijenti tal-ħamrija u fil-bilanċi ta' l-ilma u l-effett tagħhom fuq il-produzzjoni ta' l-ikel, fuq it-trasport ta' nutrijenti u ta' sustanzi li jniġġsu u fuq id-disponibilità ta' l-ilma, jeħtieġu aktar attenzjoni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis miżuri, li jinkludu taxxa minima komuni, pereżempju, fuq it-telf ta' karbonju; dawn it-taxxi jridu jinġabru fuq livell nazzjonali u d-dħul minnhom irid jintuża sabiex tiġi solvuta l-problema tat-tniġġis li ttiprovdi l-bażi għat-taxxa, pereżempju, sabiex jiġu żviluppati sistemi li jinvolvu t-trażżin tal-karbonju;

23. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu l-importanza ta' l-irwol tal-politiki dwar il-ħamrija kemm fil-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u kemm fl-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima fin-negozjati tagħhom dwar reġim li jkun applikabbli wara l-2012 taħt il-UNFCCC;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi iżjed riċerka dwar l-irwol tal-ħamrija fit-tkabbir tal-kapaċità taż-żamma ta' l-ilma u fil-għlieda sabiex il-livelli ta' l-ilma ta' taħt l-art ma jkomplux jitbaxxew, fil-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u fl-adattament għaliha, u biex tidentifika l-aqwa Prattiki possibbli dwar miżuri li jżidu t-trażżin tal-karbonju fil-ħamrija, u biex tgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar dan qabel tmiem l-2009, meta studju tal-Kummissjoni li għadu għaddej ikun laħaq ta xi riżultati;

Agrikoltura

25. Jinnota li art agrikola produttiva hija riżors dinji dejjem aktar skars u li dan jeħtieġ Prattiki agrikoli sostenibbli li jippreservaw il-kwalitajiet siewja tal-ħamrija;

26. Jirrikonoxxi li Prattiki agrikoli mhux sostenibbli jista' jkollhom effetti ħżiena ħafna fuq il-ħamrija u fuq il-limijiet li jinsabu 'l bogħod mis-sors minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-bilanċi bijoġeokimiċi sensitivi u tal-bijodiversità tal-ħamrija;

27. Jirrimarka li l-agrikoltura u l-forestrija għandhom irwol kruċjali fiż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u biex il-ħamrija tingħata ħajja mill-ġdid, u li hemm ħafna interess proprju min-naħa ta' dawk involuti fil-biedja u fil-forestrija li jżommu l-art tagħhom f'kundizzjoni tajba bħala bażi ta' produzzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi evitata l-impermeabilità permanenti tal-ħamrija li għandha valur ekoloġiku jew produttiv għoli, u li l-ħamrija ma titħalliex tinkesa b'uċuħ artifiċjali minħabba żvilupp urban u infrastrutturi oħra, b'mod speċjali dik li tinsab f'żoni bħall-pjanuri tax-xmajjar, art fertili tal-biedja u żoni kostali; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi kollha mil-livell lokali sal-livell Komunitarju sabiex jagħtu attenzjoni partikulari lil din ta' l-aħħar, li tinsab taħt pressoni qawwija minħabba l-attivitajiet tal-bniedem;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi prijoritajiet dwar kif l-art ta' l-Ewropa għandha tintuża biex il-ħamrija tiġi protetta bl-aħjar mod possibbli u sabiex tinholq bażi għal livelli għolja ta' bijodiversità u ta' trażżin ta' karbonju; barra mit-trażżin fil-ħamrija, għandu jkun żgurat li jkunu inklużi wkoll l-imsaġar, l-ilqugħ mir-riħ (shelter belts) u, mhux l-anqas, l-agroforestrija;
29. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi katalogu ta' Prattiki Agrikoli u ta' l-effetti differenti tagħhom fuq il-ħamrija, sabiex l-aqwa Prattiki Agrotekniċi jkunu jistgħu jiġu promossi b'mod konformi mal-karatteristiċi tal-biedja u tal-benefiċċji tagħha għall-ħamrija u għall-ambjent f'sens iktar wiesa';
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi eżempji ta' Prattiki Agrikoli sostenibbli li jaħdmu favur il-konservazzjoni tal-ħamrija;

Bijodiversità

31. Iqis li hu kruċjali li jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni u li jiġi żgurat li s-Sitt EAP u l-leġiżlazzjoni ambjentali ta' l-UE bħad-Direttiva dwar l-Ambjent Naturali u l-Għasafar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jkunu rrispettati bis-sħiħ; jemma ukoll li, fejn meħtieġ, il-politiki tal-Komunità għandhom jiġu riveduti, sabiex ikun hemm prevenzjoni aħjar tat-tnaqqis fil-bijodiversità;

Riċerka

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi iżjed riċerka fuq l-irwol tal-ħamrija fil-ħarsien tal-bijodiversità u tal-bijodiversità tal-ħamrija, fl-oqsma tal-proċessi li fuqhom huma msejsa l-funzjonijiet tal-ħamrija, it-tibdiliet fl-ispazji u temporali fil-proċessi tal-ħamrija, il-kawżi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tat-theddiet lill-ħamrija, il-fatturi li jinfluwenzaw l-irwoli utilitarji tal-ħamrija u proċeduri u teknoloġiji operazzjonali għall-ħarsien u r-restawrazzjoni tal-ħamrija. Fil-proposta għas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka (2007-2013) ⁽¹⁾, li jkopri r-riċerka fil-funzjonijiet tal-ħamrija bħala parti mill-oqsma prijoritarji dwar "l-Ambjent" u "l-Ikel, l-Agrikoltura u l-Bijoteknoloġija", hemm l-ewwel passi lejn din id-direzzjoni;

Deżertifikazzjoni u formazzjoni ta' l-isteppe

33. Iqis li l-proċess li qed imur għall-agħar ta' deżertifikazzjoni u ta' formazzjoni ta' l-isteppe li qed jaffettwa diversi reġjuni fl-Unjoni huwa riżultat ta' pressjoni sinifikanti tal-bniedem, ikkawżat mid-deforestazzjoni ta' żoni kbar u t-tinxif eċċessiv ta' l-artijiet bil-ħaxix, u li l-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent naturali għadhom ma ġewx riflessi b'mod xieraq jew indirizzati b'kuxjenza suffiċjenti f'ċerti korpi Komunitarji; jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar riċerka u kuxjenza madwar il-Komunità;
34. Jirrimarka, f'dan ir-rigward, li 14-il Stat Membru huma affettwati mid-deżertifikazzjoni, u li t-13 l-oħra, anke jekk mhumiex fil-fatt affettwati, huma suġġetti għal pressjonijiet ambjentali reġjonali jew lokali bħala ma huma l-erożjoni jew it-tmelli;
35. Iqis li d-direttiva ta' qafas għandha ssaħħaħ bil-kbir l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra d-Deżertifikazzjoni u għandha ssaħħaħ l-isforzi fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tad-deżertifikazzjoni u l-formazzjoni ta' l-isteppe fil-pajjiżi milqutin ta' l-Unjoni Ewropea; jemma li l-għerf u l-kompetenzi miġbura fil-kuntest ta' l-Istrateġija Tematika għall-Ħamrija għandhom ikunu trasferiti u maqsuma mal-pajjiżi tat-Tielet Dinja li huma milquta mid-deżertifikazzjoni;
36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq komunikazzjoni dwar id-deżertifikazzjoni u l-formazzjoni ta' l-isteppe, l-ewwel fl-UE u mbagħad mad-dinja kollha, li jkun fiha deskrizzjoni preċiża tar-reġjuni milquta jew li aktarx se jiġu milquta mill-proċess ta' deżertifikazzjoni u l-formazzjoni ta' l-isteppe, flimkien ma' analiżi ddettaljata tal-kawżi u l-effetti soċjo-ekonomiċi fuq ir-reġjuni, u li tidentifika l-azzjonijiet Komunitarji adegwati li jgħinu biex jiġu limitati l-effetti negattivi ta' dawn il-proċessi;

⁽¹⁾ Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p.1).

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

Kontaminazzjoni

37. Iqis li l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija hija importanti ħafna biex jiġu ppreservati l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tal-ħamrija kif ukoll il-kwalità tal-ħamrija u biex jiġi żgurat il-ħarsien ta' elementi oħra ta' l-ambjent naturali, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni Komunitarja preżenti u tal-ġejjieni tkun konformi ma' dan l-objettiv;

38. Jemmen li hemm bżonn ta' approċċ sistematiku għall-identifikazzjoni tas-siti kontaminati, li jkun ibbażat fuq il-monitoraġġ ta' parametri oġġettivi u fuq lista komuni ta' attivitajiet, ħalli tinġabar l-informazzjoni meħtieġa u jiġu stabbiliti bażijiet ta' dejta biex ikunu mmaniġġjati l-effetti tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija, u b'hekk jingħata sinjal lill-operaturi ekonomiċi sabiex dawn jieħdu miżuri preventivi u effettivi bil-għan li jevitaw il-kontaminazzjoni fil-ġejjieni;

39. Jenfasizza li, sabiex tintlaħaq soluzzjoni xierqa u pproporzjonata għall-problema, il-proċedura għall-identifikazzjoni ta' art kontaminata trid tkun bil-kundizzjoni ta' l-eżistenza ta' suspett ta' riskju (approċċ ibbażat fuq ir-riskju);

40. Jenfasizza li, flimkien mad-diversi proċeduri ta' rimedjazzjoni bħalma huma d-dikontaminazzjoni u l-istabbilizzazzjoni, għandhom jiġu inklużi possibiltajiet oħra, bħalma huma miżuri adegwati ta' ħarsien u limitazzjoni jew ir-rikors għal proċessi naturali ta' tnaqqis ta' sustanzi li jniġġsu;

41. Jappoġġja l-Kummissjoni fl-approċċ tagħha biex iżżid l-għarfien pubbliku dwar is-siti kontaminati jew is-siti li jistgħu jiġu mhedda b'kontaminazzjoni u biex iżżid it-trasparenza fit-tranżazzjonijiet ta' l-art ibbażati fuq pjanijiet lokali ta' żvilupp ta' l-art, b'mod partikulari permezz tat-twaqqif tar-rapport dwar l-istejtus tal-ħamrija u speċjalment għall-inħawi fejn twettqu jew qed jitwettqu attivitajiet li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw tniġġis;

42. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' pjattaforma madwar l-Ewropa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri peress li dan jippromwovi t-trasferiment ta' tagħrif speċjalizzat u jista' jwitti t-triq għal sinerġiji; iħeġġeġ li, meta jitqiesu s-sistemi eżistenti fl-Istati Membri, sabiex ikun hemm ħolqien volontarju ta' pjattaforma bħal din bħala parti minn strateġija ta' l-UE għall-ħarsien tal-ħamrija, approċċ pramatiku għandu jkun fil-mira sempliċement għal raġunijiet ta' spejjeż;

43. Jenfasizza li l-ħtiġijiet ta' rappurtażjoni u dokumentazzjoni stipulati fid-direttiva ta' qafas iridu jkunu ristretti għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex ma jiġix impost piż eċċessiv fuq l-irħula, il-muniċipalitajiet u r-reġjuni; b'mod partikulari, l-Istati Membri jeħtieġu li jkunu kapaċi jużaw is-sistemi ta' rappurtażjoni tagħhom stess;

Monitoraġġ, impatti tad-diżastri naturali, taħriġ u edukazzjoni

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-ħarsien tal-ħamrija u r-rabtiet tagħha mal-bidla fil-klima, il-bijodiversità, id-deforestazzjoni, it-tnixxif ta' l-art, id-deżertifikazzjoni, il-formazzjoni ta' l-isteppe, il-livelli li qed jitbaxxew ta' l-ilma ta' taħt l-art, l-aċidifikazzjoni, l-erożjoni u r-riskji li kibru bħala riżultat ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, ikunu indirizzati fil-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) u fl-INSPIRE bħala kwistjoni ta' prijorità;

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi iżjed riċerka dwar ir-riskju li kiber ta' l-għargħar u taċ-ċedimenti ta' mases ta' art li jirriżultaw mit-telf ta' porożità u mill-inżul (subsidence) tal-ħamrija, u dwar l-impatti li kibru ta' l-għargħar, taċ-ċedimenti ta' mases ta' art u ta' l-attività sismika kkaġunati minn żieda fid-densità tal-popolazzjoni u fl-attivitàjiet fiż-żoni ta' max-xtut, fil-baċini tax-xmajjar u fl-inħawi ta' madwar il-vulkani u finhawi fejn hemm emissjonijiet tad-CO₂ u tad-SO₂ fuq skala kbira, u biex tidentifika l-aqwa Prattiki biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji li żdiadu;

46. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-inizjattiva u biex tiżviluppa skemi sabiex tinkoraġġixxi t-trasferiment ta' tagħrif speċjalizzat marbut ma' l-aħjar Prattika skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ħarsien tal-ħamrija;

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

47. Jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika metodi aktar strutturali sabiex ittejjeb it-taħriġ u l-edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea dwar il-klassifikazzjoni, it-teħid ta' kampjuni u l-monitoraġġ tal-ħamrija u l-aqwa prattiki possibbli dwar il-ħarsien tal-ħamrija, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, it-tkabbir ta' l-għerf dwar l-importanza u l-ħtieġa tal-ħarsien tal-ħamrija u wkoll il-promozzjoni ta' l-aqwa prattiki agrotekniċi fil-biedja bil-għan li tiġi rkuprata l-funzjoni produttiva tal-ħamrija;

*
* *
*

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0505

Emenda tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità (COM(2006)0818 — C6-0011/2007 — 2006/0304(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0818),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0011/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0402/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

P6_TC1-COD(2006)0304

Pożizzjoni tal-parlament ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Novembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-direttiva 2008/.../ke tal-parlament ewropew u tal-kunsill li temenda d-direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fi ħdan l-skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni ||,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità ||⁽⁴⁾ stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità sabiex tippromwovi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod effettiv fl-ispiża u ekonomikament effiċjenti.
- (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *il-Bidla fil-Klima*, li kienet approvata fisem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *il-Bidla fil-Klima*⁽⁵⁾, huwa li tinkiseb stabbilizzazzjoni fil-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjieni indħil perikoluż antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Il-Komunità stqarret diversi drabi li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. Riċerka u xogħol xjentifiċi ta' dan l-aħħar jindikaw li sabiex tintlaħaq din il-mira ta' temperatura fit-tul jeħtieġ li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jillhqu l-quċċata fi żmien għoxrin sena u dan ikun segwit minn tnaqqis sostanzjali ta' mill-anqas 15% u forsi wkoll ta' 50% meta mqabbel ma' livelli ta' l-1990. Il-livelli ta' tnaqqisiet ikkwantifikati li l-Istati għandhom jaslu għalihom mill-2013 sabiex jintlaħaq l-għan ta' l-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għandhom ma ġewx iffissati fil-proċess internazzjonali tal-bidla fil-klima. Għalkemm din id-Direttiva għandha tkun konsistenti mal-kontribut ta' l-UE lejn il-mira tat-temperatura fil-medda t-twila, il-metodi u l-bażi ta' l-allokazzjoni ta' kwoti lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru skond din id-Direttiva wara dik id-data għandhom jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi u ta' żviluppi politiċi fuq livell internazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 27.7.2007, p. 47.

⁽²⁾ ĠU C 305, 15.12.2007, p. 15.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007.

⁽⁴⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

⁽⁵⁾ ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11. *Rettifika fil-ĠU L 146, 11.6.1994, p. 27.*

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (3) Il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *il-Bidla fil-Klima* tesiġi li l-partijiet jifformulaw u jimplementaw programmi nazzjonali u, fejn jixraq reġjonali, b'miżuri biex tittaffa l-bidla fil-klima.
- (4) Il-Protokoll ta' Kyoto, li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 fir-rigward ta' l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar *il-Bidla fil-Klima* u tat-twettiq konġunt ta' l-obbligi tiegħu ⁽¹⁾, jeħtieġ li l-pajjiżi żviluppati jsewgu l-limitazzjoni jew it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni mhux ikkontrollati bil-Protokoll ta' Montreal, li jopera permezz ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO).
- (5) Għalkemm il-Komunità mhijiex Parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago ta' l-1944, l-Istati Membri kollha huma Partijiet kontraenti għal dik il-Konvenzjoni kif ukoll membri ta' l-ICAO, u jissoktaw fl-appoġġ tagħhom għax-xogħol fl-iżvilupp ta' strumenti bbażati fuq is-suq u jaħdmu ma stati oħrajn fuq livell globali. Fis-sitt laqgħa tal-Kumitat ICAO dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent mill-Avjazzjoni fl-2004, ġie miftiehem li sistema ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet speċifiċi ma' l-avjazzjoni bbażata fuq strument legali ġdid taħt l-awspiċi ta' l-ICAO deher mhux attraenti biżżejjed biex ma jgħix segwit. Madankollu, ir-Riżoluzzjoni 35-5 ta' l-Assemblea ICAO m'approvax strument ġdid legali iżda minflok tapprova "***l-iżvilupp ulterjuri ta' sistema*** ta' skambju miftuħ ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ***għall-avjazzjoni internazzjonali***" u l-possibilità li l-Istati, jinkorporaw emissjonijiet minn avjazzjoni internazzjonali fl-iskemi tagħhom ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet.
- (6) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità stabbilit bid-Deċiżjoni *Nru 1600/2002/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ ipprova li l-Komunità tidentifika u tistabblixi azzjonijiet speċifiċi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni, fil-każ li ebda azzjoni bħal din tkun ġiet miftiehma fi ħdan l-ICAO sa l-2002. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2002, Diċembru 2003 u Ottubru 2004, il-Kunsill kemm-il darba sejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tippromovi azzjoni li tnaqqas l-impatt tal-bidla fil-klima mit-trasport internazzjonali bl-ajru.
- (7) Il-politiki u l-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-livell ta' l-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha ta' l-ekonomija Komunitarja, u mhux biss fi ħdan is-setturi ta' l-industrija u ta' l-enerġija, sabiex jiġi ġġenerat it-tnaqqis sostanzjali meħtieġ fl-emissjonijiet. Jekk l-impatt fuq il-bidla fil-klima mis-settur ta' l-avjazzjoni jissokta bir-rata li għaddej biha bħalissa, dan ipatti b'mod negattiv sinifikanti għat-tnaqqis li sar mis-setturi l-oħra sabiex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima.
- (8) ***Sabiex tgħin fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-inġenji ta' l-ajru, il-Kummissjoni għandha tagħmel studju tal-fattibilità sa l-2009 dwar il-possibilità li jiġu stipulati standards ta' emissjonijiet għall-magni ta' l-inġenji ta' l-ajru.***
- (9) Fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Settembru 2005 ⁽³⁾ il-Kummissjoni adottat strateġija dwar it-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. Bħala parti minn pakkett ta' miżuri komprensivi, l-istrateġija pppromoviet l-inklużjoni ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u pprovdiet għall-ħolqien ta' grupp ta' ħidma magħmul minn bosta partijiet interessati dwar l-avjazzjoni bħala parti mit-tieni fażi tal-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima biex jikkunsidraw mezz kif tista' tiġi mdaħħla l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2005 il-Kunsill *irrikonoxxa* li, mil-lat ekonomiku u ambjentali l-inklużjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja tidher la-ħjar mod kif timxi 'l quddiem u talab il-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2006. *Fir-riżoluzzjoni* tiegħu ta' l-4 ta' Lulju 2006 ⁽⁴⁾, il-Parlament Ewropew għaraf li l-iskambju ta' l-emissjonijiet għandu rwol potenzjali bħala parti minn pakkett komprensiv ta' miżuri li jindirizzaw l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima, sakemm dan jifassal b'mod xieraq.
- (10) ***Minbarra l-għodda ekonomika hemm potenzjal konsiderevoli li jitbaxxew l-emissjonijiet fit-titjib teknoloġiku u operazzjonali li għandu jiġi msaħħaħ issa aktar minn qatt qabel.***

⁽¹⁾ ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ COM(2005)0459.

⁽⁴⁾ ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 119.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (11) *Huwa biss permezz ta' mmaniġġjar effiċjenti aktar tat-trasport ta' l-ajru li l-konsum ta' fjuwil jista' jtniżżel sa 12 % u b'hekk jagħti kontribut għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO₂. Konsewwentement, il-proġetti ta' l-Ajru Uniku Ewropew u SESAR għandhom jiġu implimentati malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. Huwa qabel kollox l-obbligu ta' l-Istati Membri, kif ukoll tal-Komunità, li b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru jieħdu azzjoni immedjata u deċiża sabiex jistabbilixxu taqsimiet funzjonali ta' l-ajru, taqsimiet ta' l-ajru flessibbli u użu flessibbli ta' l-ajru. F'dan ir-rigward, għandu jingħata appoġġ lill-Inizjattiva AIRE (Inizjattiva ta' Interoperabilità Atlantika għat-Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet) miftehema bejn l-UE u l-Amminis-trazzjoni ta' l-Avjazzjoni Federali ta' l-Istati Uniti.*
- (12) *Ir-riċerka u t-teknoloġija huma ċ-ċavetta għall-innovazzjoni u biex jintlaħaq aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni. Il-produtturi ta' l-inġenji ta' l-ajru u l-muturi, kif ukoll il-produtturi tal-fjuwil, huma mħeġġa biex jagħmlu riċerka dwar u jimplimentaw bidliet fl-oqsma rispettivi tagħhom, li jagħtu kontribut sinifikattiv għat-tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima. Il-Komunità għandha tkompli tappoġġa l-Inizjattiva Konġunta Teknoloġika (JTI) "Clean Sky" fis-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka (FP7) li timmira biex tnaqqas radikalment l-impatt tat-trasport ta' l-ajru fuq l-ambjent. Il-Komunità għandha tkompli taġġti appoġġ qawwi lill-ħidma ta' l-ACARE (Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka Aeronawtika fl-Ewropa), b'mod partikolari lill-Aġenda Strateġika ta' Riċerka (SRA), li tistabilixxi miri ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet għall-indus-trija tat-trasport ta' l-ajru ta' 50 % għad-dijossidu tal-karbonju għal kull passiġġier-kilometru u 80 % għall-ossidju tan-nitroġenu sa l-2020.*
- (13) *Is-sussidji lill-ajruporti f'xi każijiet jagħtu inċentivi żbaljati dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet b'ef-fett serra. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tirrispetta b'mod sħiħ il-liġi eżistenti tal-kompetiz-zjoni.*
- (14) *L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jitnaqqas il-kontribut ta' l-avjazzjoni għall-bidla fil-klima globali billi tinkludi l-emissjonijiet minn attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema Komunitarja.*
- (15) *L-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom l-aktar kontroll dirett fuq it-tip ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma u fuq il-mod kif jittajru u għalhekk għandhom ikunu responsabbli li jikkonformaw ma' l-obbligi imposti minn din id-Direttiva. Operatur jista' jiġi identifikat permezz ta' l-użu ta' designator ta' l-ICAO jew ta' kwalunkwe designator rikonnoxxut u wżat għall-identifikazzjoni tat-titjira. Jekk l-identità ta' l-operatur mhix magħrufa, is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru għandu jitiqes bħala l-operatur ta' l-inġenju ta' l-ajru sakemm ma jippruvax min kien l-operatur.*
- (16) *Jeħtieġ li jkunu żgurati kundizzjonijiet indaqs bejn l-ajruporti u bejn l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru. Għalhekk titjiriet internazzjonali lejn u mill-Unjoni Ewropea u titjiriet fl-UE għandhom jiġu inklużi mill-bidu fl-iskema Komunitarja.*
- (17) *Mill-2011, l-emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaslu fi jew li jtilqu minn ajruporti Komunitarji għandhom jiġu inklużi. Jekk pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt fuq il-bidla fil-klima ta' titjiriet lejn ajruport Komunitarju li jtilqu minn dak il-pajjiż u li huma talanqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, l-ambitu ta' l-iskema Komunitarja għandu jiġi emendat sabiex it-titjiriet minn dak il-pajjiż jiġu esklużi. Il-bidla fil-klima hija fenomenu globali li teħtieġ soluzzjonijiet glo-bali. Il-Komunità tqis din id-Direttiva bħala l-ewwel pass importanti. Partijiet li mhumiex fl-UE huma mistiedna jikkontribwixxu bl-ideat tagħhom għad-dibattitu sabiex jiżviluppaw aktar dan l-istrument tal-politika. Sabiex issemma' l-vuċi ta' terzi persuni, il-Kummissjoni għandha tkun f'kuntatt permanenti magħhom kemm qabel kif ukoll matul l-implimentazzjoni ta' din id-Diret-tiva. Jekk l-Unjoni Ewropea taqbel ma' terza persuna dwar skema komuni li għandha talanqas l-istess effetti pożittivi għall-ambjent bħad-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tipproponi emenda għad-Direttiva. F'kull każ, il-Kummissjoni tista' tipproponi li titjiriet li ġejjin minn pajjiżi terzi ma jkunux koperti bl-iskema jekk il-pajjiż terz għandu sistema fis-seħħ li għandha talanqas l-istess benefiċċju ambjentali bħal din id-Direttiva.*
- (18) *L-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali minħabba rilaxx tad-dijossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, il-fwar ta' l-ilma u s-sulfat u l-partiċelli tan-nugrufun. Skond il-Grupp Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima huwa stmat li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni huwa attwalment darbtejn sa erba' darbiet ogħla mill-effetti ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju tiegħu weħedhom fil-passat. Ir-*

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

riċerka Komunitarja reċenti tindika li l-impatt totali ta' l-avjazzjoni jista' tkun ta' madwar darbtejn ogħla mill-impatt tad-dijossidu tal-karbonju waħdu. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-estimi ma jqis l-effetti li huma ferm inċerti tas-sħab tat-tip cirrus. F'konformità ma' l-Artikolu 174(2) tat-Trattat, il-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u għalhekk l-impatti kollha fuq l-avjazzjoni għandhom jiġu indirizzati sal-massimu possibbli. **L-awtoritajiet ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-Ajru għandhom japplikaw miżuri effettivi sabiex jevitaw il-ħolqien ta' traċċi ta' kondensazzjoni u ta' sħab ta' tip cirrus permezz ta' bidliet fil-mudelli tat-titjiriet, b'mod partikolari billi jassiguraw li t-titjiriet jevitaw li jgħaddu minn żoni fejn minħabba kundizzjonijiet speċifiċi atmosferiċi hija prevista l-formazzjoni ta' sħab bħal dawn. Barra minn hekk, huma għandhom jipromwovu bis-sħiħ ir-riċerka dwar l-ifformar ta' traċċi ta' kondensazzjoni u ta' sħab ta' tip cirrus, inklużi miżuri effettivi ta' mitigazzjoni (pereżempju fjuwil, magni, maniġġjar tat-traffiku) li ma jaffettwawx b'mod negattiv l-għanijiet ambjentali l-oħrajn. Sakemm il-Kummissjoni tipproponi leġislazzjoni oħra li tiffoka b'mod speċifiku fuq il-problema ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu fl-avjazzjoni, għandu jiġi applikat multiplikatur għal kull tunnellata ta' emissjonijiet tas-CO₂.**

- (19) **Huma meħtieġa azzjonijiet oħra li jissupplimentaw din id-Direttiva. Għandhom għalhekk jitwaqqfu gruppi ta' studju sabiex jeżaminaw mezzi oħra ta' azzjoni.**
- (20) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni, għandha tiġi speċifikata metodoloġija ta' allokkazzjoni armonizzata. Biex jiġi żgurat l-aċċess għall-operaturi ġodda ta' l-inġenji ta' l-ajru, proporzjon tal-kwoti se jiġi allokat bl-irkant skond ir-regoli li jittejjew mill-Kummissjoni. Operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jieqfu bl-operat tagħhom għandhom jibqgħu jiġu allokatu kwoti sa tmiem il-perjodu li għalih il-kwoti bla ħlas kienu diġa allokatu.
- (21) **Minkejja l-fatt li huwa diffiċli għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jaqilbu għal sorsi ta' enerġija alternattiva (rinovabbli), is-settur ta' l-avjazzjoni xorta għandu jikseb tnaqqis konsiderevoli ta' emissjonijiet li hu konformi mal-mira tat-tnaqqis globali ta' l-UE ta' 20 sa 30% meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990. Għal kull perjodu ta' impenn ta' l-iskema tal-Komunità li se tiġi inkluża fih l-avjazzjoni, li jiddependi fuq il-perjodu ta' referenza użat għall-avjazzjoni f'dak il-perjodu ta' impenn, il-mira għall-avjazzjoni għandha tiġi stabbilita abbażi ta' l-isforzi medji mitluba mis-setturi kollha ta' sors fiss fl-Istati Membri kollha.**
- (22) L-avjazzjoni tikkontribwixxi għall-impatt kumplessiv tal-bidla fil-klima mill-attivajiet tal-bniedem. Dħul mill-irkant ta' kwoti għandhom jiġu wżati għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ||serra u għall-adattament ma' l-impatti tal-bidla fil-klima, **fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u għall-finanzjament ta' riċerka u ta' l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament. Sabiex sa ċertu punt jitnaqqas il-piż fuq iċ-ċittadini, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll biex jitnaqqas t-taxxi u l-ħlasijiet fuq il-modi tat-trasport favur l-ambjent, bħat-trasport bil-ferrovija u bil-karozzi tal-linja. Għandu jintuża wkoll biex ikopri l-ispejjeż ġustifikati ta' l-Istati Membri sabiex jamministraw din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll dan id-dħul biex inaqqsu jew anke jeliminaw kwalunkwe problema ta' aċċessibilità u kompetittività li tirriżulta għar-reġjuni l-iktar imbegħda u problemi għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku b'konnessjoni ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar miżuri li jittieħdu f'dan ir-riġward.**
- (23) Sabiex l-infiq ta' l-iskema jkun aktar effettiv, l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu jistgħu jużaw **il-kwoti maħruġa għal stallazzjonijiet f'setturi oħrajn ta' skemi ta' skambju ta' emissjonijiet, Tnaqqis Ċertifikat ta' Emissjonijiet (CERs) u l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' Emissjonijiet (ERUs) mill-attivajiet ta' proġetti biex jissodisfaw l-obbligi li jċedu l-kwoti** ■
- (24) **Bħala riżultat ta' l-iskema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet, l-industrija li tuża l-enerġija b'mod intensiv hija diġà taħt pressjoni minħabba prezzijiet tas-CO₂ għoljin b'mod sinifikanti. Hemm it-theddida reali ta' telf ta' karbonju jekk settur ieħor sinifikanti jiġi inkluż fl-iskema li għandha tixtri l-permessi għall-emissjonijiet. Biex jiġi evitat it-telf tal-karbonju mill-industrija li tuża l-enerġija b'mod intensiv, per eżempju mis-settur tas-siment, tal-gir jew ta' l-azzar, il-Kummissjoni se teżamina l-għażliet differenti bħall-miri settorjali jew l-aġġustamenti tad-dazji doganali u tipubblika rapport qabel tmiem l-2008 dwar kif għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni.**
- (25) Sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru, kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jiġi ġestit minn kull Stat Membru ikkonċernat; L-Istati Membri għandhom jintalbu jiżguraw li l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li għalihom inħarġet liċenzja operattiva f'dak l-Istat, jew inkella l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru mingħajr liċenzja operattiva jew ġejjin minn pajjiżi terzi u li l-emissjonijiet tagħhom f'sena bażi huma dovuti l-aktar lil dak l-Istat Membru, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (26) Sabiex tinżamm l-integrità tas-sistema tal-kontijiet ta' l-iskema Komunitarja fid-dawl tal-fatt li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali għad mhumiex integrati fl-obbligi ta' l-Istati Membri skond il-Protokoll ta' Kyoto, il-kwoti allokat għas-settur ta' l-avjazzjoni għandhom jiġu wżati biss biex jilhq u l-obbligi għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru biex iċedu l-kwoti skond din id-Direttiva. Madankollu, l-operturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu jistgħu ipartu kwota mogħtija lis-settur ta' l-avjazzjoni għal kwota li tista tintuża mill-operturi kollha fl-iskema permezz ta' l-amministratur tar-reġistru tagħhom.
- (27) **Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru, l-Istati Membri għandhom isegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħhom, skond linji gwida speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni.**
- (28) L-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru (Eurocontrol), jista' jkollu informazzjoni li jgħin l-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom skond din id-Direttiva.
- (29) Id-dispożizzjonijiet ta' l-iskema Komunitarja li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza, ir-rappurtar u l-verifikar ta' l-emissjonijiet u mal-multi applikabbli għall-operaturi għandhom japplikaw ukoll għall-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru.
- (30) **Din id-Direttiva m'għandhiex twaqqaf lill-Istati Membri milli jżommu jew jistabbilixxu politiki jew miżuri kumplimentari u paralleli oħrajn li jittrattaw l-impatti totali tas-settur ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima.**
- (31) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri għall-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁽¹⁾.
- (32) B'mod partikolari il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta miżuri għall-bejgħ bl-irkant tal-kwoti ta' avjazzjoni mhux meħtieġa li jinħarġu mingħajr ħlas u biex temenda l-attivitajiet dwar l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meta pajjiż terz jintroduċi miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt mill-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima. Peress li daww il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfasla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (33) Ladarba l-għan ta' l-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq meta l-Istati Membri jaġixxu individwalment u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jidher f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (34) Id-Direttiva 2003/87/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-intestatura ta' Kapitolu I li ġejja tiddaħħal qabel l-Artikolu 1:

"Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali"

(¹) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
- a) fil-punt (b), jiżdied dan li ġej: “jew ir-rilaxx mill-inġenju ta' l-ajru, waqt li jkun qed iwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni kif elenkata fl-Anness I, tal-gassijiet speċifikati fir-rigward dik l-attività”;
- b) il-punt (f) huwa mibdul b'dan li ġej:**
- “f) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna li topera jew tikkontrolla stallazzjoni stazzjonarja jew, meta din tkun prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kwalunkwe persuna li tingħatalla s-setgħa ekonomika fuq il-funzjonament tekniku ta' l-istallazzjoni stazzjonarja;”**
- c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:
- “o) “operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru” tfisser il-persuna **jew organizzazzjoni identifikata mill-kodiċi ICAO tagħha** li topera inġenju ta' l-ajru fiż-żmien li jwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew, **meta l-kodiċi ICAO** ma jkunx magħruf, **id-detentur taċ-Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew** mis-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru, is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru. **Dan jirrikjedi dispożizzjoni armonizzata fir-Reġistri ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali ta' l-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru, kif ukoll is-sid, ikunu dejjem identifikati fejn possibbli, skond il-Konvenzjoni ta' Cape Town dwar l-Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli;**
- p) “operatur ġdid” ifisser kwalunkwe persuna jew operatur li jwettaq attività marbuta ma' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I u li għadu ma applikax għal allokkazzjoni tal-kwoti skond l-Artikolu 3d. Din l-attività m'għandhiex tkun, parzjalment jew b'mod totali, proprjetà ta' l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru li ppreżenta applikazzjoni għal allokkazzjoni ta' kwoti;**
- (q) “Stat Membru amministrattiv” tfisser l-Istat Membru responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-iskema fir-rigward ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond l-Artikolu 18a;
- (r) “emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni” tfisser emissjonijiet mit-titjiriet kollha li jaqgħu fl-ambitu ta' l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li jtilqu minn Stat Membru jew li jaslu fi Stat Membru minn pajjiż terz;
- (s) “emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni” ifissru l-medja ta' l-emissjonijiet annwali fis-snin kalendarji 2004, 2005 u 2006 mill-inġenji ta' l-ajru li jwettqu attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I;
- t) “kwoti ta' l-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni” tfisser il-kwoti li jkunu allokatil lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru fil-bidu ta' kull perjođu ta' negozjati.”**
- (3) Il-Kapitolu II li ġej u l-intestatura għall-Kapitolu III u l-Artikolu 3e jiddaħħlu wara l-Artikolu 3:

“Kapitolu II

L-avjazzjoni

Artikolu 3a

Ambitu tal-Kapitolu II

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-allokkazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' l-attivitàjiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3b

Il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni

1. **Il-kwantità** totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokatil lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru għandha tkun ekwivalenti għal **90%** tat-total ta' l-emissjonijiet storiċi relatati ma' kull sena.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

2. *Skond l-għażla għal mira ta' tnaqqis ta' dijossidu tal-karbonju wara l-2012 ta' 30 % jew 20 % bl-1990 bħala sena bażi, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwantità totali ta' kwoti allo-kati lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru fil-perjodi ta' wara skond l-Artikolu 11(2) skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(2a). Din ir-reviżjoni 'l isfel għandha tip-provdi mekkaniżmu li jiżgura li tinżamm l-effettività ambjentali ta' l-iskema. Għandu jkun hemm dispożizzjoni għal reviżjonijiet sussegwenti 'l isfel tal-kwantità totali tal-kwoti allo-kati.*

|

3.. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni abbażi tad-dejta disponibbli.

Artikolu 3c

Il-metodu għall-allokkazzjoni ta' kwoti għall-avjazzjoni

1. **Mill-2011, 25 % tal-kwoti għandhom jinbiegħu bl-irkant.** |

2. Għall-perjodi fil-ġejjieni, il-persentaġġ għall-bejgħ bl-irkant **li jirreferi għalih il-paragrafu 1 se jiżded skond il-livell massimu ta' bejgħ bl-irkant f'setturi oħra.**

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament bid-dispożizzjonijiet iddettalji dwar l-irkant tal-kwoti mhux meħtieġa minn Stati Membri biex jinħarġu mingħajr ħlas skond il-paragrafi 1 u 2. L-għadd tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant minn kull Stat Membru għandu jkun f'proporzjon mas-sehem tiegħu tat-total ta' l-emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni ta' l-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrappurtata skond l-Artikolu 14(3) u verifikati skond l-Artikolu 15. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2), is-sena ta' referenza tkun l-2010 u għal kull perjodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 11(2) is-sena ta' referenza tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xaħar wara l-bidu tal-perjodu li għalih jirreferi l-irkant.

Dak ir-Regolament, imfassal biex jemenda l-elementi mhux essenzjali f'din id-Direttiva billi jissupplimentaha, għandu jiġi adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(2a).

4. **Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament li jstipula dispożizzjonijiet dettalji għat-twaqqif ta' riserva Ewropea ta' kwoti. Il-persentaġġ ta' kwoti li għandhom jinżammu bħala riserva għall-benefiċċju ta' operaturi ġodda potenzjali ta' l-inġenji ta' l-ajru f'kull perjodu għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni filwaqt li tqis l-istudji tal-previżjonijiet tas-suq maħruġa mill-korpi adegwati.**

5. Dħul mill-irkant ta' kwoti ta' l-avjazzjoni | għandu jintuża għall-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett | serra ugħall-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima **fl-UE u fpajjiżi terzi, speċjalment fpajjiżi li qed jiżviluppaw, u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni, speċjalment fis-settur ta' l-avjazzjoni, u l-adattament, u biex ikopri l-ispejjeż ta' l-Istat Membru amministrattiv relatati ma' din id-Direttiva. Sabiex sa ċertu punt jitnaqqas il-piż fuq iċ-ċittadini, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll biex jitnaqqas t-taxxi u l-ħlasijiet fuq il-modi tat-trasport favur il-klima, bħat-trasport bil-ferrovija u bil-karozzi tal-linja. Għandu jintuża wkoll biex ikopri l-ispejjeż ġustifikati ta' l-Istati Membri sabiex jamministraw din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll dan id-dħul biex inaqqas jew anke jeliminaw kwalunkwe problema ta' aċċessibilità u kompetittività li tirriżulta għar-reġjuni l-iktar imbiegħda u problemi għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku b'konnessjoni ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jagħharfu lill-Kummissjoni dwar miżuri li ttieħdu skond dan il-paragrafu.**

6. It-tagħrif mogħti lill-Kummissjoni abbażi ta' din id-Direttiva ma jeżonerax lill-Istati Membri mill-obbligat tan-notifika skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

Artikolu 3d

L-allokazzjoni u l-ħruġ tal-kwoti lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru

1. Għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2), kull-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru jista' japplika għal allokazzjoni ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas skond l-Artikolu 3c. Applikazzjoni tista' ssir permezz ta' sottomissjoni lill-**awtorità kompetenti fl-Istat** Membru amministrattiv ta' dejta ivverifikata f'tunnellati l-kilometru għall-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li twettqu minn dak l-operatur matul is-sena kalendarja li tintemm 24 xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat magħha skond l-Annessi IV u V. Kwalunkwe applikazzjoni għandha ssir mill-anqas 21 xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat magħha.

2. Għall-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu relatat ma' l-applikazzjoni l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet li jkunu rċevew skond il-paragrafu 1.

3. Għallinqas ħmistax-il xahar qabel il-bidu ta' kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar dan li ġej:

(a) Il-kwantità totali tal-kwoti li għandha tiġi allokata għal dak il-perjodu skond l-Artikolu 3b;

I

(b) il punt ta' riferiment li għandu jintuża sabiex jiġu allokati kwoti mingħajr ħlas lill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew sottomessi lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2.

Il punt ta' riferiment imsemmi f'punt (b) jiġi kkalkolat permezz tad-diviżjoni tan-numru tal-kwoti *allokati b'xejn* bit-total tad-dejta f'tunnellati l-kilometru inkluża fl-applikazzjonijiet sottomessi lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2.

4. Fi żmien tliet xhur mid-data minn meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond il-paragrafu 3, kull Stat Membru amministrattiv għandu jikkalkula u jippubblika:

a) l-allokazzjoni totali tal-kwoti għal dak il-perjodu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru li l-applikazzjoni tiegħu/tagħha kien ippreżentaha lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 2, ikkalkulata permezz tal-multiplikazzjoni tad-dejta tat-tunnellati-kilometru inkluża fl-applikazzjoni mal-punt ta' riferiment ippubblikat taħt punt (b) tal-paragrafu 3; u

b) l-allokazzjoni tal-kwoti għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal kull sena li għandha tiġi determinata permezz tad-diviżjoni ta' l-allokazzjoni totali tiegħu tal-kwoti għal dak il-perjodu ikkalkulata taħt punt (a) bin-numru ta' snin matul il-perjodu li fiha dak il-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru qed iwettaq attività ta' l-avjazzjoni elenkata fl-Anness I.

5. Sat-28 ta' Frar 2011 u sat-28 ta' Frar f'kull sena sussegwenti, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru amministrattiv għandha toħroġ għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru in-numru ta' kwoti allokati għal dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għal dik is-sena.

6. Il-Kummissjoni għandha timplimenta miżuri fir-rigward ta' l-allokazzjoni ta' kwoti biex tipprovi għal operaturi ġodda fl-avjazzjoni.

“Operaturi ġodda fl-avjazzjoni” tfisser operatur ta' inġenji ta' l-ajru li ngħatalu **Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru (AOC) għall-ewwel darba wara l-bidu ta' perjodu stipulat fl-Artikolu 11(2) u li attwalment beda operazzjonijiet f'dak il-perjodu.**

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

7. F'każ ta' inkorporazzjoni jew ta' takeover bejn bosta trasportaturi matul perjodu partikolari, il-kwoti li ġew allokati lilhom jew li huma kisbu jibqgħu ta' l-entità l-ġdida. F'każ li trasportatur ma jkomplix jopera, il-kwoti korrispondenti jiġu mqiegħda fis-suq sekondarju tal-kwoti mill-Istat ta' rabta tiegħu. Fil-bidu tas-sena sussegwenti, il-parti tal-kwoti li jkun għad baqa' terġa' titqiegħed għall-bejgħ bl-irkant, tenet kont tar-ritmu ġenerali ta' tnaqqis tal-kwoti awtorizzati.

8. Fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba matul il-perjodu 2010-2012, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta dwar il-parti ta' permessi għall-emissjonijiet li s-settur ta' l-avjazzjoni huwa awtorizzat li jixtri fis-suq sekondarju tas-sistemi usa' ta' permessi għall-emissjoni.

Kapitolu III

Stallazzjonijiet stazzjonarji

Artikolu 3e

Ambitu tal-Kapitolu III

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I minbarra l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni."

(4) **Fl-Artikolu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"a) l-istallazzjoni jew l-inġenju ta' l-ajru u l-attivitajiet tagħhom inkluża t-teknoloġija użata;"

(5) Fl-Artikolu 6(2)(e), wara "kwoti" jiddaħħlu l-kliem, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II.

(6) L-intestatura ta' Kapitolu IV li ġeja tiddaħħal qabel l-Artikolu 11:

"Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet li japplikaw għal stallazzjonijiet ta' l-avjazzjoni u dawk stazzjonarji"

(7) Fl-Artikolu 11a jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Bla ħsara għall-paragrafu 3, matul kull perjodu msemmi fl-**Artikolu 11(2)**, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru juża **kwoti maħruġa skond il-Kapitolu III**, s-CERs u l-ERUs minn attivitajiet ta' proġetti sa persentaġġ tan-numru tal-kwoti li huwa meħtieġ iċedi skond l-Artikolu 12(2a); dan il-persentaġġ ikun il-tal-persentaġġi speċifikati mill-Istati Membri **għall-użu ta' CERs u ERUs** għall-perjodu skond il-paragrafu (1).

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan il-persentaġġ mill-anqas sitt xhur qabel il-bidu ta' kull perjodu msemmi fl-**Artikolu 11(2)**.

Il-persentaġġ ta' CERs u ERUs li jista' jintuża fir-rigward ta' attivitajiet ta' avjazzjoni għandu jiġi rivedut flimkien ma' l-użu tagħhom f'setturi oħra bħala parti mir-reviżjoni ta' l-iskema tal-kummerċ ta' l-emissjonijiet."

(8) Fl-Artikolu 11b(2), il-kelma "stallazzjonijiet" tinbidel b"attivitajiet.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- (9) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:
- a) fil-paragrafu 2, wara "bl-iskop" jiddaħħlu l-kliem li jintlaħqu l-obbligi ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond il-paragrafu 2a jew;
 - b) il-paragrafi 2a sa 2g li ġejjin jiddaħħlu:

"2a. L-Istati Membri amministrattivi għandhom jiżguraw li, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jċedi numru ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet totali matul is-sena kalendarja preċedenti minn attivitajiet ta' avjazzjoni mwettqa minnu elenkati fl-Anness I, kif verifikati skond l-Artikolu 15. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwoti ċeduti skond dan il-paragrafu huma sussegwentement imħassra.

2b. Sakemm ma jkunx hemm miżuri Komunitarji li jagħtu inċentivi għat-tnaqqis tar-rilaxxi ta' l-ossidi tan-nitroġenu minn inġenji ta' l-ajru li jkunu qed jagħmlu attività ta' avjazzjoni elenkati fl-Anness I u li jiżguraw l-istess livell ambizzjuż rigward il-protezzjoni ta' l-ambjent bħal din id-Direttiva, għall-iskopijiet tal-paragrafu 2a u bħala deroga mill-Artikolu 3(a), l-ammont ta' dijossidu karboniku għandu jkun diviż b'fattur ta' impatt ta' 2, fil-każ li kwota, differenti minn kwota ta' l-emissjoni ta' l-avjazzjoni, jew minn CER jew minn ERU, tippermetti lill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru li jirrilaxxa.

2c. Kull sena, operatori ta' inġenji ta' l-ajru li jixtiequ li jċedu kwoti għall-iskopijiet tal-paragrafu 2a milli għal kwoti ta' emissjonijiet ta' l-avjazzjoni, għandhom ikunu mitluba jippreżentaw lill-Istat Membru li jamministra, data verifikata ta' tunnelli kull kilometru għall-attivitajiet ta' l-avjazzjoni elenkati fl-Anness I imwettqa f'din is-sena kalendarja.

2d. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina indikatur ta' effiċjenza għal operatori kollha ta' l-inġenji ta' l-ajru, ibbażat fuq id-data li trid titressaq skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, ikkalkulat bid-diviżjoni tat-total ta' emissjonijiet mill-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru bis-somma tad-data ta' tunnelli kull kilometru. Ibbażat fuq dan l-indikatur ta' effiċjenza għall-ewwel sena li għalih hija disponibbli d-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika indikatur ta' mira ta' effiċjenza għall-2010, 2015 u 2020 fuq il-bażi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet għal qligħ għal kull tunnelli kull kilometru (RTK) ta' 3.5 % kull sena, li jqis il-mira volontarja ta' titjib ta' 3.5 % fl-effiċjenza tal-fjuwil ta' l-ajruplani kull sena sa l-2020.

2e. Dawk l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li, għal sena partikulari, ikollhom indikatur ta' effiċjenza b'valur 'il fuq mill-indikatur tal-mira ta' effiċjenza kalkulat mill-Kummissjoni għal dik is-sena, għandhom jintalbu li jċedu biss kwoti ta' l-emissjonijiet ta' l-avjazzjoni biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2a.

2f. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkunsidra l-impenn ta' l-operaturi ta' l-ajru biex iżidu l-effiċjenza tal-magni ta' l-inġenji ta' l-ajru b'50 % fl-2020, tirrapporta lill-Parlament Ewropew fl-2010 u fl-2015 dwar il-progress imwettaq fil-kisba ta' din il-mira.

2g. Hekk kif tkun disponibbli evidenza xjentifika suffiċjenti se jkun propost multiplikatur xieraq li jqis l-effetti ta' sħab cirrus ikkawżat mill-attività ta' l-avjazzjoni."

- c) fil-paragrafu 3, wara "kwoti" jiddaħħlu l-kliem, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II;

(10) Fl-Artikolu 13(3), "L-Artikolu 12(3) 'jinbidel bl-'Artikolu 12(2a) jew (3)".

(11) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

- a) fil-paragrafu 1:
 - i) wara "dawk l-attivitajiet" jiddaħħlu l-kliem "u ta' dejta ftunnelli kull kilometru għall-iskop ta' l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 3d";
 - ii) il-kliem " , sat-30 ta' Settembru 2003" huma mħassra; u

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

- b) fil-paragrafu 3:
 - i) il-kelma "ta' stallazzjoni" tinbidel għal "jew operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru";
 - ii) il-kliem "minn dik l-istallazzjoni" jinbidlu għal "matul kull sena kalendarja mill-istallazzjoni, jew, mill-1 ta' Jannar 2010, l-inġenji ta' l-ajru li topera".

(12) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

- a) fl-ewwel sub-paragrafu:
 - i) il-kelma "operaturi" tinbidel għal "operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru";
 - ii) wara "l-Anness V" jiddaħħlu il-kliem "skond dan l-Artikolu";
- b) fit-tieni sub-paragrafu:
 - i) il-kelma "operatur" tinbidel għal "operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru";
 - ii) wara "l-Anness V" jiddaħħlu il-kliem "skond dan l-Artikolu"; u
- c) wara t-tieni *paragrafu*, jiżdied dan il-paragrafu:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għall-verifikazzjoni tar-rapporti sottomessi minn operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru skond l-Artikolu 14(3) u l-applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 3d skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 23(2)."

(13) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

- a) fil-paragrafu 1, il-kliem "sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003" jitħassru;
- b) fil-paragrafu 2:
 - i) il-kelma "operaturi" tinbidel għal "operaturi u operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru";
 - ii) il-kliem "l-Artikolu 12(3)" jinbidlu bil-kliem "din id-Direttiva"; u
- c) fil-paragrafu 3:
 - i) il-kelma "operatur" tinbidel għal "operatur jew operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru";
 - ii) fit-tieni sentenza, il-kliem "minn dik l-istallazzjoni" jitħassru.

(14) Jiddaħħlu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

"Artikolu 18a

Stat Membru Amministrattiv

1. L-Istat Membru amministrattiv fir-rigward ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru għandu jkun:
 - a) fil-każ ta' operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa mill-Istat Membru skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar tat-trasportaturi bl-ajru^(*), l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja operattiva fir-rigward ta' dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru; u
 - b) fil-każijiet kollha l-oħra, l-Istat Membru bl-akbar ammont ta' emissjonijiet stmati u dovuti lill-avjazzjoni minn titjriet mwettqa minn dak l-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru fis-sena ta' bażi.
2. Abbażi ta' l-aħjar informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) Sa l-1 ta' Frar 2009, tippubblika lista ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li wettqu attività ta' l-avjazzjoni clenkata fl-Anness I fi jew wara l-1 ta' Jannar 2006 li tispeċifika l-Istat Membru amministrattiv għal kull operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru skond il-paragrafu 1; u

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

b) sa l-1 ta' Frar ta' kull sena sussegwenti, taġġorna l-lista biex tinkludi l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru li sussegwentement wettqu attività ta' l-avjazzjoni kif elenkata fl-Anness I.

3. Għall-iskopijiet ta' paragrafu 1, 'sena ta' bażi' ifisser, fir-rigward ta' operatur li beda jopera fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar 2006, l-ewwel sena kalendarja ta' l-operat; u f'kull każ ieħor, is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2006.

4. Biex ikun żgurat trattament ugwali ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru, il-Kummissjoni għandha tadotta linjigwida speċifiċi biex tarmonizza l-amministrazzjoni ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru mill-Istati Membri li jamministraw.

Artikolu 18b

Għajnuna mill-Eurocontrol

Għall-iskopijiet tat-twettiq ta' l-obbligi tagħha skond l-Artikoli 3b(3) u 18a, il-Kummissjoni tista' titlob l-għajnuna ta' l-Eurocontrol **u għandha tinnomina organizzazzjoni newtrali li lilha l-linji ta' l-ajru għandhom jipprovdur direttament id-data.**

(¹) ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.”

(15) Il-paragrafu 2a li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 23:

“2a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.”

(16) Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

“Artikolu 25a

Miżuri ta' pajjiżi terzi biex inaqqsu l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima

Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-impatt tal-bidla fil-klima minn titjiriet li huma tal-anqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha temenda din id-Direttiva **biex jiġi evitat ħlas doppju u biex jiġi ggarantit trattament ugwali.**

Dik l-emenda, imfassla biex l-elementi mhux essenzjali f'din id-Direttiva jiġu emendati, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(2a).”

(17) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

- a) fil-paragrafu 3(b), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II,”; u
- b) fil-paragrafu (4), wara “kwoti” jiddaħħlu l-kliem “, minbarra kwoti maħruġa taħt il-Kapitolu II,”.

(18) L-intestaturi li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 30:

“Kapitolu V

Dispożizzjonijiet Finali”

(19) L-Annessi I, IV u V huma emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... (*). Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u b'tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan.

3. Jekk il-pajjiżi terzi jew gruppi ta' tali Stati jiftehm u ma' l-Unjoni Ewropea dwar skema komuni ta' skambju ta' l-emissjonijiet li talanqas tagħti l-istess benefiċċju ambjentali bħall-iskema f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tipproponi emenda għal din id-Direttiva biex tiġi addattata għar-regoli ta' l-iskema komuni.

Artikolu 3

|| Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi ||,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

ANNEX

L-Annessi I, IV u V għad-Direttiva 2003/87/KE jiġu emendati kif ġej:

- wara li kkunsidra r-rapport intitolat "Dinja aktar sikura: responsabilità tagħna lkoll" tal-Panel ta' Livell Għoli dwar Theddidiet, Sfidi u l-Bidla ta' l-1 ta' Diċembru 2004,
- wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Flibetà akbar: lejn l-iżvilupp, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd" tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-21 ta' Marzu 2005,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 60/1 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-24 ta' Ottubru 2005 li tikkonferma r-responsabilità li għandu kull Stat illi jipproteġi l-popolazzjonijiet tiegħu minn ġenoċidji, reati tal-gwerra, sterminju etniku u reati kontra l-umanità, u r-responsabilità li għandha l-komunità internazzjonali li tgħin fil-protezzjoni, filwaqt illi torbot lill-komunità internazzjonali li tid-diskuti u tiddefinixxi l-kunċett ta' sigurtà umana,
- wara li kkunsidra l-Communiqué u l-Qafas għal Azzjoni tal-Forum ta' Fribourg, Żvizzera, tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2000,
- wara li kkunsidra l-Analiżi tar-Rispons Umanitarju, ippubblikata mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni ta' l-Affarijiet Umanitarji (OCHA) f'Awissu 2005,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-għoti ta' għajjnuna umanitarja fpajjiżi terzi,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2002 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Konnessjoni bejn l-għajjnuna ta' emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp — evalwazzjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2002 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titlu "Il-kostruzzjoni ta' sħubija effettiva man-Nazzjonijiet Uniti fl-oqasma ta' l-iżvilupp u ta' l-Affarijiet Umanitarji" ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2003 dwar ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni rigward l-għajjnuna umanitarja 2000 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2000 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: L-evalwazzjoni u l-gejjeni ta' l-attivitajiet umanitarji tal-Komunità (Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru. 1257/96) ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' Protezzjoni Ċivili (tfassil mill-ġdid) ⁽⁵⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 284E, 21.11.2002, p. 108.

⁽²⁾ ĠU C 180E, 31.7.2003, p. 538.

⁽³⁾ ĠU C 38E, 12.02.2004, p. 85.

⁽⁴⁾ ĠU C 135, 7.5.2001, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU C 313 E, 20.12.2006, p.100.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-riforma tan-Nazzjonijiet Uniti⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0372/2007),

Il-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq bit-titolu "Lejn Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja" u l-inizjattiva li tiġi adottata dikjarazzjoni konġunta (il-Konsensus) dwar il-prinċipji, l-objettivi u l-istrateġiji ta' l-UE għall-twassil ta' għajnuna umanitarja lil pajjiżi terzi;
2. Jinsisti li jeħtieġ li l-Konsensus ikun iktar ċar u speċifiku sabiex itejjeb il-politika umanitarja Ewropea u sabiex jiġi żgurat li l-potenzjal ta' l-UE bħala donatur umanitarju jiġi sfruttat bis-sħiħ, u jemmen li l-impenn ta' l-Unjoni sabiex ikun hemm koeżjoni bejn l-għajnuna umanitarja, ir-rijabilitazzjoni u l-għajnuna għall-iżvilupp trid tissaħħaħ permezz tal-Konsensus, filwaqt li tiġi rikonoxxuta n-natura distinta tal-prinċipji applikati għal kull waħda minnhom;
3. Iqis illi l-Konsensus għandu jiċċara kif l-aħjar li jingħaqdu u jiġu koordinati d-diversi risorsi tal-KE u ta' l-Istati Membri, fid-dawl tal-vantaġġi kumparattivi rispettivi tagħhom;
4. Jinnota n-numru dejjem jikber ta' atturi differenti involuti f'sitwazzjonijiet ta' kriżijiet umanitarji, u jemmen li l-Konsensus għandu jipprovdi gwida u tweġibiet għar-riskji l-ġodda u għall-isfidi ta' implimentazzjoni u koordinazzjoni, filwaqt illi jafferma mill-ġdid l-impenn ta' l-UE li tosserva l-prinċipji umanitarji u l-IHL; ifakkar li l-UE hija l-ikbar donatur ta' għajnuna umanitarja fid-dinja; u barra minn hekk jemmen li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, li permezz tagħhom l-għajnuna umanitarja se tkun rikonoxxuta bħala qasam ta' politika ta' l-UE fiha nnifisha fl-abbozz tat-Trattat ta' Liżbona, jikkostitwixxu rikonoxximent milqugħ pozzittivament ta' dan il-fatt;

Parti I: Il-Viżjoni ta' l-UE dwar l-Għajnuna Umanitarja**a) Objettivi komuni**

5. Hu tal-fehma li l-Konsensus għandu jkun fih definizzjoni dettaljata ta' l-objettivi ta' l-Għajnuna Umanitarja ta' l-UE, ibbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru. 1257/96 tal-Kunsill kif ukoll fuq il-Prinċipji u l-Prattika Tajba għad-Donazzjonijiet Umanitarji (GDH) fuq imsemmija, u li fost dawn l-objettivi, għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-iktar gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u l-minoranzi etniċi, fosthom ir-refuġjati li jaħarbu minn żoni ta' kunflitt;
6. Jenfasizza li azzjoni umanitarja effettiva, inkluża l-għajnuna f'ikel ta' emerġenza, għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet, orjentata lejn il-kisba ta' riżultati u mmexxija mill-prinċipju li meta wieħed isalva l-għajxien, ikun qed isalva l-ħajjiet; jenfasizza wkoll li l-għajnuna umanitarja mhijiex għodda ta' għestjoni tal-kriżijiet u għandha tiġi allokata b'mod trasparenti u purament fuq il-bażi tal-ħtiġijiet reali u indipendentement minn kull konsiderazzjoni politika; jenfasizza b'mod partikulari li meta jsir għoti ta' l-għajnuna f'ikel, wieħed għandu jipprova b'kull mod li jevita kwalunkwe effett negattiv fuq is-swieq lokali jew id-dipendenza ġejjiena, u għandu jagħti kontribut għas-sigurtà ta' l-ikel fuq medda twila ta' żmien; jappoġġja sforzi internazzjonali għar-riforma tal-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna f'ikel sabiex jiġi żgurat rispett ta' dawn il-prinċipji;
7. Jenfasizza li l-għajnuna umanitarja għandha tqis l-autożvilupp u l-autosuffiċjenza u ma jridx ikun immirat li jagħmel il-pajjiżi jew ir-reġjuni benefiċjarji dipendenti ħafna fuq aktar għajnuna jew assistenza esterna;

(¹) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 549.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

b) Valuri, prinċipji u prattika tajba komuni

8. Jenfasizza li l-azzjoni umanitarja ta' l-UE għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji umanitarji mħaddna mill-“Prinċipji u l-Prattika Tajba għad-Donazzjonijiet Umanitarji” (GHD):

- il-prinċipju ta' l-umanità, jiġifieri ċ-ċentralità li jiġu salvati l-ħajjiet u li jittaffew is-sofferenzi kull fejn dawn jeżistu;
- il-prinċipju ta' l-imparzjalità, jiġifieri l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biss fuq il-bażi tal-hteġa, mingħajr diskriminazzjoni bejn jew fost il-popolazzjonijiet affettwati;
- il-prinċipju tan-newtralità, jiġifieri li l-azzjoni umanitarja m'għandhiex tiffavorixxi lil ebda naħa waqt kunflitt armat jew kunflitt ieħor fejn issir dan it-tip ta' azzjoni; u
- il-prinċipju ta' l-indipendenza, jiġifieri l-awtonomija ta' l-oġġettivi umanitarji minn oġġettivi politiċi, ekonomiċi, militari jew oġġettivi oħra li kwalunkwe attur jista' jkollu fir-rigward ta' oqsma fejn tkun qed tiġi mwettqa azzjoni umanitarja;

Barra minn hekk, l-azzjoni umanitarja għandu jkollha żewġ prijoritajiet:

- l-immedjatezza, jiġifieri enfasi akbar fuq l-eleminazzjoni tad-dewmien mhux raġonevoli kollu fil-provviżta ta' għajjnuna umanitarja u li fejn ikun xieraq, isiru mistoqsijiet dwar kwalunkwe dewmien;
- l-effettività, jiġifieri li għandu jkun possibbli li jitkejlu r-riżultati għal skopijiet ta' responsabbilizzazzjoni demokratika;

iqis li, fid-dawl tas-saħħa u l-influenza tagħha bħala l-akbar donatur internazzjonali, l-UE għandha b'mod konsistenti tippromwovi dawn il-prinċipji sabieħ tiżgura aċċess għall-popolazzjonijiet affettwati minn kriżijiet u r-rispett lejn l-ispazju umanitarju;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnedi Sħubija Umanitarja Tajba, li ssaħħaħ ir-riforma umanitarja dinjija billi tgħaqqad lid-donaturi, l-imsieħba li jimplementaw u l-benefiċjarji fi pjattaforma konġunta kif ukoll l-adozzjoni mill-UE fl-2005 ta' linji gwida operattivi dwar il-promozzjoni tar-rispett ta' l-IHL; jixtieq li jara lill-UE ikollha rwol ewlieni fil-monitoraġġ tad-difiża, il-promozzjoni, it-tixrid u l-inferzar tar-rispett lejn l-IHL, inkluż minn atturi mhux ta' l-Istat, sabieħ jiġi preservat l-ispazju umanitarju; jixtieq li jara lill-Istati Membri kollha li għadhom m'għamlux dan li jintrabtu bla riserva mal-Prinċipji u l-Prattika Tajba għall-Għajjnuna Umanitarja (GHD) fuq imsemmija; jenfasizza l-hteġa li dawn il-prinċipji jissarrfu fi prattika u li l-osservanza tagħhom tiġi evalwata fuq bażi regolari (bi-annwali) mill-istituzzjonijiet ta' l-UE u mir-rapporteur permanenti tal-Parlament dwar l-għajjnuna umanitarja;

10. Iqis li għandha tingħata attenzjoni ikbar lis-sikurezza u l-protezzjoni tal-ħaddiema li jqassmu l-għajjnuna, li ħafna drabi jkun preżenti fin-nħawi perikolużi; jiddeplora l-fatt li ħafna drabi dawn jispiċċaw vittmi ta' vjolenza bla skop, jingħataw sentenzi ta' ħabs jew jinżammu ostaġġi; jikkundanna bil-qawwa kollha l-azzjonijiet kollha li jsiru kontra l-ħaddiema li jqassmu l-għajjnuna;

11. Jinnota r-rikonoxximent tal-kunċett ta' "responsabilità ta' protezzjoni" fir-Riżoluzzjoni 60/1 tan-Nazjonijiet Uniti b'rispons għaż-żieda fil-ksur ta' l-IHL u d-drittijiet tal-bniedem u n-nuqqas ta' poter jew ta' volontà tal-gvernijiet illi jipproteġu ċ-ċittadini tagħhom stess; ifakkar li l-għajjnuna umanitarja tikkostitwixxi wieħed mill-mezzi għad-dispożizzjoni tal-komunità internazzjonali sabieħ tikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' popolazzjonijiet mhedda u jenfasizza li l-interess ta' UE li ma tibqax inattiva fil-konfront ta' dan it-tip ta' ksur; jitlob li jkun hemm dibattitu politiku b'reqqa fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet ta' l-UE dwar id-dritt, u fil-fatt id-dmir, ta' interventzjoni f'każijiet ta' ksur serju ta' l-IHL u/jew id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jitqiesu wkoll il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport msemmi hawn fuq mill-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Intervenzjoni u s-Sovranità ta' l-Istat dwar "Ir-responsabilità tal-protezzjoni" ta' Diċembru 2001;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

12. Jemmen li l-UE għandha tiżviluppa inizjattivi sabiex issarraff f'realtà il-kunċett ta' "responsabilità tal-protezzjoni", filwaqt li tagħti preċedenza lill-azzjoni preventiva, il-mezzi ċivili u appoġġ għal gvernijiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom; jenfasizza li miżuri b'impożizzjoni, fosthom l-intervenzjoni militari, jistgħu jintużaw biss bħala l-aħħar għażla u strettament skond il-liġi internazzjonali; b'mod partikulari jtenni li, meta jikkunsidra l-użu tal-forza, il-Kunsill tas-Sigurtà għandu dejjem iqis il-ħames kriterji tal-leġittimità proposti fir-rapport fuq imsemmi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-21 ta' Marzu 2005 u appoġġjat mill-Parlament: is-serjetà tat-theddida, skop xieraq, l-aħħar għażla, mezzi proporzjonali u ċans raġonevoli ta' suċċess; jaqbel li l-prinċipji relatati ma' l-użu tal-forza u l-awtorizzazzjoni tagħha għandhom ikunu stipulati f'riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà.

Parti II: Insarrfu l-Prinċipji fi Prattika: Qafas komuni għall-Għajnuna Umanitarja ta' l-UE*a) Koordinazzjoni, koerenza u kumplimentarità ta' l-UE*

13. Iqis li l-Konsensus għandu jħaddan il-prinċipji ta' koordinazzjoni, koerenza tal-politiki, kumplimentarità u armonizzazzjoni tal-proċeduri fost l-Istati Membri, hekk kif diġà intqal fil-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp imsemmi hawn fuq, u li l-Komunità għandha tagħmel użu sħiħ mill-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 u tisfrutta l-kapaċitajiet tad-DG ECHO fl-irwol tiegħu ta' federazzjoni; jenfasizza madankollu li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ta' l-UE għandhom isaħħu l-isforzi ta' koordinazzjoni internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikulari dawk ta' l-OCHA u mhux jirrepetuhom, u għandhom jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali u lokali; jistieden lill-UE sabiex tistabbilixxi atlas tad-donaturi ta' l-għajnuna umanitarja ta' l-UE, simili għall-eżerċizzju mwettaq għall-għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-UE;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew li sar fi Brussell fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2007 dwar il-ħtieġa li l-politika ta' l-għajnuna umanitarja tkun rikonoxxuta b'mod sħiħ bħala politika ta' l-UE bis-saħħa tad-drittijiet tagħha, u għaldaqstant jikkunsidra li l-Komunità u l-Istati Membri għandhom irawmu diskussjoni strateġika tal-politika ta' l-azzjoni umanitarja f'forum xieraq tal-Kunsill permezz tal-ħolqien ta' Grupp ta' Ħidma speċifiku tal-Kunsill (bħal pereżempju Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Għajnuna Umanitarja (Cohuma)), li tagħti lok għal metodi koeżivi li jiżguraw li titfassal azzjoni b'ħeffa u konsistenti;

b) Il-provvista ta' għajnuna adegwata u effettiva

15. Iqis li l-Konsensus għandu jkun fih impenn qawwi mill-UE sabiex il-provvisti ta' għajnuna umanitarja ikunu iktar adegwati u sabiex ikun hemm tbassir u flessibilità iktar adegwati fl-għoti ta' fondi, permezz ta' dispożizzjonijiet baġitarji annwali adegwati u bil-quddiem; jenfasizza li l-UE għandha tagħti prijorità lil dawk il-kriżijiet umanitarji li huma nieqsa mill-fondi, traskurati jew minsija u li għandhom jiġu esplorati mekkaniżmi innovattivi sabiex jikkwantifikaw aħjar il-differenza bejn il-ħtiġijiet u l-fondi eżistenti u sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet umanitarji globali qed ikunu sodisfati;

16. Iqis li l-UE għandha tippożizzjona lilha nnifisha b'mod ċar fil-proċess tar-riforma umanitarja globali, u b'mod partikulari li tappoġġja l-Fond Ċentrali ta' Rispons għall-Emerġenzi (CERF) bħala suppliment siewi għall-firxa ta' strumenti ta' finanzjament disponibbli, fejn dan jirrappreżenta finanzjament addizzjonali li ma jċaqlaqx l-appoġġ għal operazzjonijiet u msieħba umanitarji oħra, li tilqa' l-approċċ ta' gruppi tematiċi ("clusters") u li tippromwovi l-inklużività ta' firxa wiesgħa ta' atturi umanitarji;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi mwaqqaf qafas komuni ta' l-UE għall-evalwazzjoni tal-bżonnijiet u t-qassim ta' analiżi ta' l-esperti; ifakkar li l-UE għandha tagħti preferenza lil sorsi lokali u reġjonali fejn dan ikun possibbli;

18. Jenfasizza li f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u b'mod speċjali fil-każ ta' emerġenzi kkawżati minn diżastri naturali, l-ewwel 48 siegħa huma kruċjali sabiex jiġu salvati l-ħajjiet, u li l-komunità internazzjonali wriet li r-rispons immedjat tagħha mhuwiex effiċjenti biżżejjed; iqis li l-UE għandha tilqa' din l-isfida, min-naħa l-waħda, billi ssaħħaħ il-prevenzjoni, l-istat ta' tħejjija u l-kapaċità ta' rispons lokali, u fuq in-naħa l-

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

oħra, billi ttejjeb il-koordinazzjoni, il-mekkaniżmi ta' twissija bikrija u l-pożizzjonar minn qabel u adegwat tal-materjal u tal-ħażniet fil-livell internazzjonali; jistieden lill-UE sabiex tappoġġja u tikkumplementa l-isforzi internazzjonali mmexxija mill-OCHA u min-NU sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet għar-rispons rapidu, inkluż l-aċċess fil-pront għall-finanzjament kif ukoll għal timijiet "stand-by" għal operazzjonijiet ta' emerġenza;

19. Iqis li l-UE għandha tinvesti aktar sabiex tifhem u timmonitorja l-fatturi ta' vulnerabilità tal-popolazzjoni; jistieden b'mod partikulari lill-UE sabiex tiżgura li fl-operazzjonijiet umanitarji kollha ikunu sodisfati l-ħtiġijiet ta' l-emerġenzi tas-saħħa, b'mod partikulari fir-rigward tas-saħħa riproduttiva, skond l-istandards rispettivi ta' l-iSPHERE;

20. Jappoġġja l-isforzi magħmula mill-Federazzjoni Internazzjonali u s-Soċjetajiet nazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar biex jidentifikaw problemi u jagħmlu rakkomandazzjonijiet fil-qasam tal-Liġijiet Internazzjonali ta' Rispons għad-Diżastri (IDRL), u huwa ħerqan li jara r-riżultati tat-30 Konferenza Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, li għandha ssir f'Novembru 2007;

c) Diversità u kwalità fi sħubija

21. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi enfasizzat l-appoġġ ta' l-UE għall-pluralità ta' l-imsieħba li jimplementaw, b'mod partikulari l-NGOs, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Moviment tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, u jappoġġja l-kriterji proposti minnha għall-għażla ta' l-imsieħba; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-aġenziji ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri l-ġodda (l-UE-12, jiġifieri l-għaxar Stati Membri l-ġodda, li daħlu fl-UE fl-2004, u l-Bulgarija u r-Rumanija, li daħlu fl-UE fl-2007) jiġu integrati b'mod sħiħ fl-attivitajiet ta' għajjuna umanitarja; iqis li l-Konsensus għandu jirrikonoxxi u jiddefinixxi aktar id-diversi rwoli, mandati u vantaġġi kumparattivi tad-diversi atturi umanitarji, sabiex jiġi evitat konflitt ta' mandati u kompetizzjoni bejniethom għar-riżorsi u li l-UE għandha tappoġġja ż-żieda fil-kapaċitajiet fi ħdan komunità umanitarja b'attenzjoni partikulari għall-kapaċità lokali u reġjonali; jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-irwol ta' l-NGOs, lis-Soċjetajiet Nazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar u lill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili, kemm min-Nofsinhar kif ukoll mit-Tramuntana, mhux biss fil-provvista ta' l-għajjuna, iżda wkoll fl-iżvilupp ta' politiki li jirreflettu l-bżonnijiet u t-tħassib reali ta' l-imsieħba lokali fin-Nofsinhar u fil-kisba ta' l-appoġġ taċ-ċittadini Ewropej;

22. Jemmen li l-UE għandha tiżviluppa strateġiji sabiex tilħaq donaturi mhux tradizzjonali li l-fondi tagħhom huma spiss maħsuba u / jew kundizzjonati, bil-għan li jiġi promoss mudell ta' għajjuna bbażata fuq il-bżonnijiet, il-prinċipji ta' l-IHL u l-kunċett ta' l-isħubija; jenfasizza madankollu li dawn is-sorsi ġodda ta' finanzjament ma jridux jirriżultaw fi tnaqqis tal-fondi ġejjin mill-Istati Membri ta' l-UE u mill-Kummissjoni;

23. Iqis li l-għajjuna umanitarja ta' l-UE għandha tiġi implimentata permezz ta' organizzazzjonijiet umanitarji li jaderixxu b'mod sħiħ mal-prattika tajba u għandhom impenn li jippromwov u r-responsabbilizzazzjoni, l-effiċjenza u l-effettività fl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni umanitarja;

d) Effettività, kwalità u responsabilità

24. Jemmen li r-responsabilità lejn komunitajiet effettwati minn diżastri, bħala l-benefiċjarji primarji, tikkostitwixxi l-qalba ta' kwalunkwe evalwazzjoni ta' l-effettività ta' għajjuna umanitarja, u li l-Konsensus għandu jirrefletti dan il-prinċipju; iqis b'mod partikulari li l-UE għandha tinkoraġġixxi inizjattivi voluntarji ta' responsabilità min-naħa ta' l-NGOs;

25. Iqis li l-UE għandha tippromwovi l-użu tal-linji gwida u l-prinċipji tal-Kumitat Permanenti ta' l-Aġenziji dwar l-attivitajiet umanitarji, il-Prinċipji ta' Gwida dwar l-Ispostament Intern, il-Kodiċi ta' Mġieba ta' l-1994 għall-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar u l-NGOs għall-Għajjuna f'każijiet ta' Diżastri u tal-Karta Umanitarja tal-proġett Sphere;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

e) *L-użu ta' riżorsi u kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili u dawk militari barra t-territorju ta' l-UE*

26. Jerġa' jafferma li r-riżorsi u l-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili u dawk militari għandhom jintużaw b'mod li jikkumplimenta u jappoġġja x-xogħol ta' organizzazzjonijiet umanitarji u jkun limitat għal dawk il-każijiet jew oqsma fejn jistgħu jipprovdu valur miżjud reali, u wara analiżi minn qabel bir-reqqa tas-sitwazzjoni;

27. Iqis li l-UE għandha tiddefinixxi b'mod ċar u tiżgura l-irwoli u l-mandati ta' l-atturi tal-protezzjoni ċivili u dawk militari f'operazzjonijiet umanitarji, b'mod partikulari f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt fejn l-imparzjalità u l-indipendenza huma kruċjali sabiex ikun garantit aċċess sikur għal vittmi ta' diżastri u t-twassil effiċjenti ta' għajjnuna umanitarja;

28. Jemmen li l-UE għandha tiegħu l-impenn li tippromwovi b'mod attiv l-applikazzjoni tal-Linji Gwida ta' l-MCDA u ta' Oslo min-naħa ta' l-atturi kollha involuti f'operazzjonijiet umanitarji u biex tiżgura li l-prinċipji ewlenin li dawn fihom ma jiġux imdgħajfa.

29. Iqis li skond linji gwida internazzjonali, ir-rikors għal riżorsi tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istat f'emerġenzi kumplessi għandu jkun l-eċċezzjoni, filwaqt li r-riżorsi u l-kapaċitajiet militari b'appoġġ għal operazzjonijiet umanitarji għandhom jintużaw biss bħala "l-aħħar għażla" u fiż-żewġ każijiet, dejjem bil-gwida ta' organizzazzjonijiet umanitarji tan-NU u skond il-prinċipju tas-sensittività tal-kunflitt;

f) *Il-promozzjoni ta' tnaqqis fir-riskji ta' diżastri u ta' thejġja għad-diżastri*

30. Jinnota n-numru u l-frekwenza dejjem tikber ta' diżastri naturali u l-impatt devastanti tagħhom; jirrikonoxxi wkoll id-diffikultà dejjem akbar li ssir distinzjoni bejn diżastri naturali u dawk li jirriżultaw minn azzjoni tal-bniedem; jirrikonoxxi li r-riskji huma determinati kemm mill-attività umana u n-nuqqas ta' ppjanar daqs kemm minn perikli naturali; jitlob għal strateġija marbuta biż-żmien sabiex it-Tnaqqis tar-Riskji ta' Diżastru (DRR) jiġi integrat b'mod sistematiku fl-għajjnuna għall-iżvilupp u fl-għajjnuna umanitarja kollha ta' l-UE, iggwidata mill-HFA; jirrikonoxxi li mingħajr l-integrazzjoni sistematika tad-DRR, l-intervenzjonijiet għall-iżvilupp jissograw li mingħajr ma jridu jżidu l-vulnerabilità għad-diżastri;

31. Jinnota li l-isfida enormi tal-gejġeni tal-bidla fil-klima, fil-forma ta' kundizzjonijiet ta' temp estremi u riżorsi naturali li qed jonqsu, b'implikazzjonijiet serji għas-sigurtà u l-iżvilupp, li huma firxa li tinkludi vulnerabilità akbar tal-fqar, kunflitti vjolenti dwar riżorsi naturali li qed jonqsu, kif ukoll flussi migratorji fuq skala kbira; jenfasizza t-theddiet imposti mill-bidla tal-klima għat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, u jitlob għall-integrazzjoni tad-DRR u miżuri ta' adattament fl-istrateġiji għat-tnaqqis tal-faqar (Dokumenti ta' Strateġija dwar it-Tnaqqis tal-Faqar jew PRSPs); jenfasizza li ikunu effettivi, l-intervenzjonijiet tad-DRR immirati li jnaqqsu l-kawżi tal-vulnerabilità għandu jkollhom konverġenzi sinjifikanti mal-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima;

32. Jenfasizza li strateġiji tad-DRR, ibbażata fuq l-HFA, għandhom jappoġġjaw azzjoni mill-komunitajiet u awtoritajiet lokali f'approċċ għal medda twila ta' żmien sabiex titnaqqas il-vulnerabilità għad-diżastri, kif suġġerit mill-esperjenza tal-mekkaniżmu ta' finanzjament u tal-programm għal thejġja għad-diżastri tad-DG-ECHO (DIPECHO);

33. Jitlob lill-UE sabiex talloka mill-inqas 10 fil-mija tal-fondi addizzjonali ġodda għal baġits ta' assistenza umanitarja għat-tnaqqis tar-riskji ta' diżastru u sabiex iżżid b'mod sinjifikanti ir-riżorsi għad-DRR fi ħdan il-baġits ta' għajjnuna għall-iżvilupp; jinsisti dwar il-ħtieġa li fuq medda medja u twila ta' żmien, jinbidel l-approċċ ta' l-għajjnuna umanitarja internazzjonali għal tisħiħ qawwi tad-DRR;

g) *Tisħiħ tal-konnessjoni ma' strumenti oħra ta' għajjnuna*

34. Jitlob lill-UE sabiex b'kollaborazzjoni ma' l-atturi umanitarji internazzjonali u fuq il-bażi ta' l-aħjar Prattiki u l-lezzjonijiet meħuda, tħejji linji gwida għat-tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-għajjnuna ta' emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp (l-inizjattiva LRRD), sabiex jiġu evitati l-lacunae potenzjali bejn ir-rispons ta'

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

emerġenza u l-fażijiet ta' rijabilitazzjoni u żvilupp; iqis li l-UE għandha tibbaża dan l-approċċ fuq il-prinċipju li "ma ssirx ħsara" u fl-għaxar prinċipji ta' "Rikostruzzjoni aħjar"; jenfasizza l-oġġettiv li jimla l-vojt bejn l-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp permezz ta' l-aħjar użu possibbli tal-firxa ta' strumenti ta' finanzjament ta' l-UE;

35. Jirrikonoxxi wkoll li l-għarfien u l-kuxjenza tar-rabtiet bejn l-ghajjnuna umanitarja u l-iżvilupp hija nieqsa kemm fost il-ħaddiema ta' l-iżvilupp kif ukoll fost il-persunal ta' l-ghajjnuna umanitarja; jistieden lill-UE sabiex tagħti prijorità lil programmi ta' taħriġ ta' persunal f'dan il-qasam;

36. Jenfasizza l-ħtieġa li jiċċara r-relazzjonijiet bejn l-attivitatijiet appoġġjati mill-Kummissjoni permezz ta' l-istrument ta' stabbiltà għall-prevenzjoni, l-immaniġġjar u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet ((bħad-diżarm, id-demobilizzazzjoni, it-tindif tal-mini, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-popolazzjonijiet imċaqalqa/refuġjati, eċċ.), u l-azzjonijiet konkomitanti implimentati mid-DG ECHO skond il-mandat tiegħu u skond prinċipji umanitarji;

h) Implimentazzjoni tal-Konsensus dwar l-Għajjnuna Umanitarja

37. Jitlob li jkun hemm inklużjoni fil-Konsensus ta' pjan direzzjonali wiesa' u konkret għall-implimentazzjoni tiegħu, inklużi l-perjodi ta' żmien għal proġetti u inizjattivi maġġuri sabiex jittieħdu mid-donaturi kollha ta' l-UE fil-ħames snin li ġejjin;

38. Jitlob li ssir evalwazzjoni regolari ta' l-implimentazzjoni u tal-progress tal-Konsensus, li tinvolvi lill-Parlament bis-sħiħ u fuq l-istess livell ma' l-istituzzjonijiet l-oħra f'dan l-eżerċizzju; jitlob għat-twaqqif ta' struttura interistituzzjonali xierqa u djalogu strutturat mal-Parlament f'dan il-qasam;

*

* *

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0509

Il-Protezzjoni tal-ħamrija *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (COM(2006)0232 — C6-0307/2006 — 2006/0086(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0232),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0307/2006),

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0410/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0086

Pożizzjoni tal-parlament ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Novembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ||,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Il-ħamrija essenzjalment hija riżorsa li ma tiġġeddidx, minħabba li r-rati ta' tħarbit jistgħu jkunu rapidi ħafna, filwaqt li l-proċessi ta' formazzjoni u riġenerazzjoni jseħħu estremament bil-mod. Hija sistema dinamika ħafna li taqdi bosta funzjonijiet u tagħti servizzi li huma essenzjali għall-attivitajiet tal-bniedem u s-sopravivenza ta' l-ekosistemi. Dawn il-funzjonijiet tal-ħamrija huma li tipproduċi l-bijomassa, taħżen, tiffiltra u tittrasforma n-nutrijenti u l-ilma, tospita l-ġabra tal-bijodiversità, isservi bħala pjattaforma għall-parti l-kbira ta' l-attivitajiet tal-bniedem, tipprovdli l-materja prima, taħżen il-karbon u tikkonserva l-wirt ġeoloġiku u arkeoloġiku.
- (2) It-tħarbit jew it-titjib tal-ħamrija għandhom impatt kbir fuq oqsma oħra ta' interess Komunitarju, **bħall-kwalità** ta' l-ilmijiet tal-wiċċ u tal-pjan, is-saħħa **u l-ħajja** tal-bniedem, *il-bidla* fil-klima, **id-degradazzjoni jew** il-protezzjoni tan-natura u l-bijodiversità, u s-sikurezza alimentari.

⁽¹⁾ ĠU C 168, 20.7.2007, p. 29.

⁽²⁾ ĠU C 146, 30.6.2007, p.34.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2007.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- (3) Il-ħamrija hija riżorsa naturali li tinsab dejjem iktar taħt pressjoni ambjentali u għandha fiha nnifisha tiġi protetta mit-tħarbit. Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1600/2002/KE tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità ⁽¹⁾ tinkludi l-għan tal-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' użu sostenibbli tal-ħamrija.
- (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill "Lejn Strateġija Tematika dwar il-Protezzjoni tal-Ħamrija" ⁽²⁾ tidentifika **l-għaxar** proċessi ewlenin tat-tħarbit li **t-tipi differenti ta'** ħamrija fl-UE **huma esposti għalihom**. Dawn huma l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kontaminazzjoni, is-salinizzazzjoni, il-kompattazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità, l-issiġillar, **id-deżertifikazzjoni**, iż-żerzqiq minn għnub l-għoljiet u l-għargħar. █
- (5) Fil-Komunità hemm varjabbiltà kbira bejn it-tipi ta' ħamrija, u hemm differenzi enormi fil-qagħdiet strutturali, fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi, sew fi ħdan profili individwali kif ukoll bejn tipi differenti ta' ħamrija. Dawn il-kundizzjonijiet u ħtiġijiet diversi fil-Komunità għandhom jiġu kkunsidrati, minħabba li jirrikjedu soluzzjonijiet speċifiċi differenti **biex jiġi indirizzat it-tħarbit tal-ħamrija**.
- (6) Il-leġiżlazzjoni Komunitarja, pereżempju fl-oqsma ta' l-iskart, il-kimika, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis industrijali, il-bidla fil-klima, l-ilma, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, **diġà qed tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ħamrija u tista' tissupplimenta dan il-qafas**, li jipprovdi prinċipji u miri komuni bil-għan tal-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija fil-Komunità.
- █
- (7) L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-iżgurar tal-protezzjoni tal-ħamrija, fuq il-bażi **ta' objettivi komuni u r-rispett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja eżistenti, sabiex il-ħamrija tintuża b'mod sostenibbli sabiex kemm il-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll dawk futuri jkunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom**.
- (8) Qafas komuni **jippermetti** lill-Istati Membri **u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jipproteġu l-ħamrija tagħhom mingħajr** distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi. **Fl-istess waqt, jagħti garanziji u trasparenza fi ħdan is-suq intern għall-ħamrija fl-Istati Membri. Qafas bħal dan għandu jiġi adottat fuq il-bażi ta' sħarriġ komprensiv ta' l-istatus tal-ħamrija u tal-miżuri meħuda diġà fl-Istati Membri**.
- (9) Għadarba **t-tħarbit tal-ħamrija jista' jkollu impatti serji** fuq in-natura █, l-ilma, is-sikurezza alimenterari, il-bidla fil-klima, l-agrikoltura u █ s-saħħa tal-bniedem **u ladarba, minkejja l-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti, it-tħarbit tal-ħamrija probabbilment se jiżdied, hemm bżonn ta' direttiva li tippermetti l-ħarsien tal-ħamrija fl-Istati Membri kollha, għalkemm dan għandu jsir biss** skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif jidher fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jidher f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (10) Minħabba li xi politiki settorjali jistgħu jew jaggravaw jew itaffu l-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija, jeħtieġ li jkun hemm integrazzjoni ulterjuri ta' aspetti tal-protezzjoni tal-ħamrija f'dawn il-politiki. Din id-Direttiva għandha tipprovdi biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw l-impatt ta' dawn il-politiki fuq il-prevenzjoni tal-proċessi tat-tħarbit tal-ħamrija u l-protezzjoni tal-funzjonijiet tagħha.
- (11) **L-agrikoltura dejjem tat kontribut pożittiv għaż-żamma ta' l-istruttura tal-ħamrija u tal-karatteristiċi tagħha, u minn dejjem kienet il-mekkaniżmu indispensabbli għall-konservazzjoni tal-kwalità organika tal-ħamrija u għenet tippreżerva s-saff veġetali u tevita d-deżertifikazzjoni**.

⁽¹⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.⁽²⁾ COM(2002)0179.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- (12) *Ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-politika agrikola komuni għandha tistabbilixxi miżuri ta' miri għaż-żamma u t-titjib tal-fertilità tal-ħamrija, tal-kontenut ta' materja organika u tal-kapaċità ta' sekwestrar tal-karbonju.*
- (13) *Sabiex jiġi evitat kwalunkwe rduppar ta' leġiżlazzjoni eżistenti fl-oqsma ta' l-agrikoltura u l-ambjent, u meta wieħed iqis il-prinċipju ta' sussidjarjetà relatat ma' l-ekokundizzjonalità, kull Stat Membru għandu jiddeċiedi li jimplimenta l-ekokundizzjonalità, waqt li jqis il-klima, l-agrikoltura u l-karatteristiċi tal-ħamrija tiegħu.*
- (14) *B'kuntrastr ma' l-arja u l-ilma, fil-Komunità, il-ħamrija fil-parti l-kbira tagħha hija proprjetà privata. Madankollu, hija riżorsa naturali ta' interess komuni, li jeħtieġ li tiġi protetta għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Fl-interess pubbliku għalhekk, l-utenti ta' l-art għandhom **jiġu mħeġġa** jieħdu miżuri ta' prekawżjoni **biex jevitaw it-tħarbit tal-ħamrija.***
- (15) *Il-fertilità tal-ħamrija hija l-bażi tal-ħajja. L-għan ta' kull attività agrikola jrid ikun li tinżamm u tittejjeb dik il-fertilità.*
- (16) *Is-siġillar qed **joħloq dejjem aktar tħassib għaliex jista' jimpedixxi dawk il-funzjonijiet tal-ħamrija li jipprovdu servizzi vitali għall-attivitàjiet umani u għas-sopravivenza ta' l-ekosistemi mingħajr ma jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli skond l-Istrateġija Mġedda ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli kif adottata mill-Kunsill Ewropew fil-15-16 ta' Ġunju 2006. Dan jirrikjedi użu aktar sostenibbli tal-ħamrija. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm miżuri adegwati biex jiġi limitat is-siġillar tal-ħamrija li joriġina minn proġetti ta' żvilupp li probabbilment jimpedixxu b'mod sinifikanti l-funzjonijiet tal-ħamrija u li ma jikkontribwixxux biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inċentivi sabiex iseħħ l-iżvilupp ta' spazju industrijali u urban fuq siti li huma diġà użati għal skopijiet industrijali u urbani, u għandhom jillimitaw l-użu ta' l-artijiet naturali (greenfield sites). L-Istati Membri għandhom jaraw ukoll li l-oqfsa regolatorji għall-ippjanar ta' l-użu ta' l-art ikunu favur ir-rijabilitazzjoni u għandhom jikkonsidraw it-twaqqif ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' l-ippjanar ta' malajr għat-tranġar. Fejn is-siġillar għandu jseħħ f'tali ċirkustanzi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-effetti tiegħu jkunu mtaffa, pereżempju billi jieħdu ħsieb li jkun hemm metodi ta' bini u drenaġġ li jikkonservaw l-ikbar għadd possibbli ta' funzjonijiet tal-ħamrija, u li dan ma jikkaġunax effetti ħżiena fuq l-ambjent li joħonqu l-benefiċċji.***
- (17) *L-aċidifikazzjoni tal-ħamrija hija problema importanti, f'ċerti partijiet tal-Komunità, li hemm bżonn li tiġi indirizzata. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri addattati sabiex jiżguraw li prattiki ta' l-użu ta' l-art li m'humix xierqa ma jnaqqas il-pH tal-ħamrija. Fl-istess ħin, il-karatteristiċi ta' ħmieri li huma aċidi b'mod naturali (eż. żoni tal-pit) jew li jiffurmaw ambjenti naturali speċifiċi m'għandhomx jiġu modifikati.*
- (18) *Politika mmirata u effiċjenti għall-protezzjoni tal-ħamrija tirrikjedi **objettivi komuni għall-protezzjoni tal-ħamrija. Madankollu, fl-istess ħin jeħtieġ li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jieħdu miżuri fil-livell xieraq u ta' l-iskala xierqa, u jidentifikaw żoni ta' prijorità fuq il-bażi ta' għarfien xjentifiku dwar il-karatteristiċi tal-ħamrija lokali, il-proċessi ta' tħarbit tal-ħamrija u ċ-ċirkostanzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Hemm bżonn ta' skambju effettiv ta' informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi xjentifiċi fl-Istati Membri, dwar l-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' prijorità u dwar il-kodiċi ta' prattika tajba.***
- I**
- (19) *Programmi bħal dawn ta' miżuri **u kodiċi ta' prattika tajba** għandhom jikkunsidraw ukoll l-impatt soċjali u ekonomiku tal-miżuri previsti; għandhom jiġu riveduti kull tant żmien u jstgħu jibnu fuq obbligi, pjanijiet u programmi li diġà huma stabbiliti skond il-leġiżlazzjoni **u finanzjament** Komunitari jew ftehimiet internazzjonali.*

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- (20) Din id-Direttiva għandha tagħti kontribut biex twaqqaf id-deżertifikazzjoni **u t-tnaqqis** tal-bijodiversità, **u biex ittaffi l-bidla fil-klima u tiffaċilita l-adattazzjoni għaliha, kwistjonijiet li huma problemi ambjentali internazzjonali, b'impatti serji lokali u reġjonali, li fihom it-tarbit tal-ħamrija għandu rwol sinifikanti; għandha wkoll ittejjeb** il-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, **il-Konvenzjoni Qafas dwar il-Bidla fil-Klima u l-Protokoll ta' Kyoto** li l-Komunità hija parti **fihom**, u se ttejjeb l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet ambjentali internazzjonali.
- (21) F'konformità mal-prinċipju tal-prevenzjoni kif stipulat fl-Artikolu 174 tat-Trattat tal-KE, din id-Direttiva għandha tagħti kontribut għall-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-introduzzjoni fil-ħamrija ta' sustanzi perikolużi, biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħamrija u jiġu kkonservati l-funzjonijiet tal-ħamrija.
- (22) L-industrijalizzazzjoni preċedenti, inkella Prattiki ta' ġestjoni ħżiena jew mhux flokhom, ħallew warajhom mijiet ta' eluf ta' siti kkontaminati fil-Komunità, li jirrikjedu strateġija komuni għall-ġestjoni tal-kontaminazzjoni storika tal-ħamrija biex l-effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent jiġu prevenuti u mtaffija.
- (23) Biex b'suċċess jipprevjenu u jillimitaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ikkawżati mill-kontaminazzjoni tal-ħamrija, **hu meħtieġ li tingħata prijorità lill-identifikazzjoni u t-tranġar tas-siti** li, skond l-evalwazzjoni ta' l-Istati Membri, jirrappreżentaw riskji serji f'dan ir-rigward. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċess, inkluża skeda, għall-evalwazzjoni tar-riskji, l-identifikazzjoni tas-siti, l-informazzjoni għall-pubbliku, l-informazzjoni ta' xerrejja potenzjali fil-każ ta' tranżazzjonijiet dwar l-art, l-ordni ta' prijorità u l-fondi għat-tranġar. Dan il-proċess għandu jipprevjeni kwalunkwe koinċidenza ma' leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja eżistenti u għandu biss iżid rekwiżiti addizzjonali jekk il-leġiżlazzjoni kurrenti mhix biżżejjed skond l-evalwazzjoni ta' l-Istat Membru. Hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni approfondit għall-promozzjoni ta' l-aħjar Prattiki għall-evalwazzjoni tar-riskju, l-identifikazzjoni, l-informazzjoni tal-pubbliku u t-tranġar.**
- I**
- (24) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, għandha l-għan li tipromwovi l-integrazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali fil-politiki tal-Komunità, f'konformità mal-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽¹⁾,

(¹) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

1. **L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, bbażat fuq il-bżonn li tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ħamrija, b'mod partikulari minħabba l-bidla fil-klima, biex jittaffu l-konsegwenzi tagħha u għar-restawr u t-tranġar ta' ħamrija mħarbta, fil-waqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit, u jiġi rikonoxxut li l-ħamrija, bħall-ilma, hija riżorsa komuni ta' l-umanità, ekosistema, riżorsa li ma tiġġeddidx u bażi għall-funzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u kulturali li ġejjin:**

- a) **ta' bażi għall-ħajja u għall-bijodiversità;**
- b) **li taħżen, isservi ta' l-qugh, tiffiltra u tittrasforma n-nutrijenti, is-sustanzi u l-ilma, u tippreserva r-riżorsi ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' l-ilma ta' taħt l-art;**
- c) **ta' bażi għall-produzzjoni tal-bijomassa fl-agrikoltura u fil-kultivazzjoni tal-foresti;**
- d) **li tippovdi ambjent fiżiku u kulturali għall-bnedmin u għall-attivitajiet tal-bniedem, inklużi għal bliet, għal infrastruttura, għal rikreazzjoni u kif ukoll għal forom oħra ta' użu pubbliku u ekonomiku;**
- e) **li tkun maħżen ta' materja prima;**
- f) **li sservi bħala ħażna tal-karbonju;**
- g) **li taqdi rwol ta' arkivju tal-wirt ġeoloġiku, kulturali, ġeomorfoloġiku u arkeoloġiku.**

Għal dak il-għan, tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' tħarbit **serju** tal-ħamrija **li jista' jiġi evitat**, ikkawżat minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-bniedem, **filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq ukoll il-kawżi naturali**, li jnawru l-kapaċità tal-ħamrija biex taqdi dawk il-funzjonijiet. **Fejn hu xieraq, din tistipula miżuri li jtejbu l-karatteristiċi u l-funzjonijiet tal-ħamrija. Il-miżuri** jinkludu l-mitigazzjoni ta' l-effetti ta' dawk il-proċessi, u r-ristawr u t-tranġar ta' ħamrija mħarbta għal livell ta' funzjonalità li talanqas ikun konsistenti ma' l-użu **sostenibbli** tal-preżent u dak approvat għall-ġejjieni.

2. **Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ħamrija li tifforma s-saff tal-wiċċ ta' l-art tad-dinja, inklużi l-komponenti likwidi u f'forma ta' gass, sakemm tkun twettaq il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.**

3. **Din id-Direttiva ma tapplikax għal dawk il-meded ta' art li fir-rigward tagħhom, qabel ... (*)**, kienu ttieħdu **deċiżjonijiet ta' rijabilitazzjoni jew kienu ġew rijabilitati, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti, sabiex il-meded ta' l-art ikkonċernati ma jkunu ta' l-ebda periklu sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) l-espressjoni 'siġillar' tfisser l-għata permanenti tal-wiċċ tal-ħamrija permezz ta' materjal impermeabli;

(*) **Data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.**

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- 2) “sustanzi perikolużi” tfisser sustanzi jew preparazzjonijiet skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifika, l-ippakkettar u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi ⁽¹⁾ u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/45/KE tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri rigward il-klassifika, l-ippakkettar u l-ittikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi ⁽²⁾, **inklużi sustanzi li għandhom proprjetajiet persistenti u bjoakkumulattivi u tossiċi jew proprjetajiet persistenti ħafna u bjoakkumulattivi ħafna u kif ukoll sustanzi radjoattivi li jista' jkollhom impatt ta' dannu fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq l-ambjent jew fuq il-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1);**
- 3) “**aċidifikazzjoni**” tfisser tnaqqis tal-pH tal-ħamrija kkawżat permezz ta' azzjoni mill-bniedem;
- 4) “**il-kompattazzjoni**” tfisser proċess ta' densifikazzjoni li fih jitnaqqsu l-porożità u l-permeabilità totali jew bl-arja, li jwassal għal bidliet serji u li jdumu perjodu ta' żmien twil fl-istruttura tal-ħamrija;
- 5) “**ħamrija ta' valur**” tfisser ħamrija li jisthoqqlha protezzjoni minħabba l-karatteristiċi speċifiċi, l-istrutturi, il-valur ekoloġiku, kulturali u/jew storiku eċċezzjonali tagħha jew minħabba l-użu li jsir minnha;
- 6) “**żoni ta' prijorità bi hteġġa ta' protezzjoni speċjali**” tfisser żoni fejn, minħabba l-vulnerabilità tagħhom ikkawżata mit-tipi ta' ħamrija, mill-kundizzjonijiet klimatiċi u prattiki ta' l-immaniġġjar ta' l-art, hemm provi deċisivi jew raġunijiet leġittimi għas-suspett li wieħed mill-proċessi ta' tħarbit imsemmija fl-Artikolu 6 seħħ jew hemm il-probabilità li jseħħ;
- 7) “**ħamrija kkontaminata b'mod ġeoġeniku**” tfisser ħamrija fejn hemm preżenza kkonfermata, ikkawżata minn sorsi ġeoġeniċi bħal materjal ġenitur u l-attività vulkanika, ta' sustanzi li huma ta' tali livell li l-Istati Membri jikkunsidraw li jistgħu jippreżentaw riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, meta jqisu l-użu attwali jew l-użu approvat għall-futur tal-ħamrija;
- 8) **utenti ta' l-art** tfisser persuni li jwettqu azzjonijiet li għandhom impatt dirett jew indirett fuq il-ħamrija jew li jipplanaw jew jiddelegaw azzjonijiet li għandhom impatt fuq il-ħamrija;
- 9) “**wirt ġeoġeniku**” jinkludi ħamrija, oġġetti ġeomorfoloġiċi u ġeoġeniċi u proċessi;
- 10) “**sit imniġġes**” tfisser sit fejn hemm preżenza kkonfermata fuq jew fil-ħamrija, ikkawżata minn attivitajiet tal-bniedem, ta' sustanzi ta' tali livell li l-Istati Membri jqisu li l-ħamrija toħloq riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, meta jitqies l-użu attwali jew futur tas-sit;
- 11) “**tranġar**” tfisser miżuri
 - a) għat-tneħħija jew tnaqqis ta' sustanzi dannużi (miżuri ta' dikontaminazzjoni),
 - b) għall-prevenzjoni jew tnaqqis ta' tifrix ta' sustanzi dannużi fuq tul ta' żmien, bla ma jitneħħew is-sustanzi dannużi (miżuri ta' sigurtà),
 - c) għat-tneħħija jew tnaqqis ta' tibdil dannuż tan-natura tal-ħamrija li jista' jkun fiżiku, kimiku jew bijoloġiku;
- 12) “**miżuri ta' protezzjoni u ta' restrizzjoni**” tfisser miżuri oħra, li jipprevjenu jew irazznaw l-periklu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, speċjalment restrizzjonijiet ta' użu;
- 13) “**telf ta' materjal organiku**” tfisser tnaqqis kontinwu ta' ammonti organiċi fil-ħamrija permezz ta' mineralizzazzjoni għad-CO₂.

⁽¹⁾ ĠU 196, 16.8.1967, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 850).

⁽²⁾ ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 3

L-integrazzjoni

Fl-iżvilupp ta' politiki settorjali li x'aktar li jaggravaw jew itaffu l-proċessi tat-tarbit tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw, jiddeskrivu, u jevalwaw l-impatti ta' dawn il-politiki fuq dawn il-proċessi, partikolarment fl-oqsma ta' l-ippjanar ta' l-ispazji reġjonali u urbani, it-trasport, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, il-kultivazzjoni tal-foresti, l-estrazzjoni tal-materja prima, il-kummerċ u l-industrija, il-politika dwar il-prodotti, it-turiżmu, il-bidla fil-klima, l-ambjent, in-natura u l-pajsaġġ.

L-Istati Membri għandhom jipubblikaw dawk ir-riżultati.

Fejn hu xieraq, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jintegraw miżuri jew politiki li jippreservaw jew itejbu l-funzjoni tal-ħamrija bħala ħażna tal-karbonju fil-politiki jew strateġiji futuri tagħhom dwar il-ħamrija, fuq il-bażi tar-riżultati tar-riċerka u t-titjib teknoloġiku l-aktar riċenti.

Artikolu 4

Miżuri ta' prekawzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe utent ta' l-art li l-azzjonijiet tiegħu **jistgħu jikkawżaw danni fit-tul u sostanzjali lil waħda jew iktar mill-funzjonijiet** tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1) ikollu l-obbligu li jieħu **prekawzjonijiet proporzjonati** biex dawn l-effetti ħżiena **jevitahom, inaqqashom** jew **jikkontrollahom, safejn dan ikun raġonevoli fid-dawl ta' l-iskop li għalih qed tintuża l-art u ta' l-użu approvat għall-futur.**

2. **Għall-iskop tal-paragrafu 1 u sa...(*)**, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw **kodiċi volontarji ta' Prattika tajba rigward il-ħarsien tal-ħamrija għal dawk l-attivitajiet li b'mod raġonevoli wieħed jista' jistenna li jxeklu b'mod sinifikanti l-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1).** Dawn il-kodiċi ta' Prattika tajba jistgħu jibnu fuq kodiċi tal-Komunità jew nazzjonali eżistenti u jista' jkun fihom elementi li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Anness I.

Sa ...(**), il-Kummissjoni għandha tiffaċilita d-distribuzzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni jew kodiċi ta' Prattika tajba li diġà jeżistu fl-Istati Membri fir-rigward tal-ħarsien tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1), inklużi l-wirt kulturali, il-parki naturali u ż-żoni ta' valur ġeoloġiku.

Artikolu 5

Promozzjoni ta' ċerti prodotti

Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-użu ta' ċerti prodotti li jikkontribwixxu l-aktar għaż-żamma jew għaż-żieda tal-kontentut ta' materja organika tal-ħamrija u għall-prevenzjoni tad-deżertifikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll l-użu ta' fertilizzanti u kompost li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li jżidu l-fertilità u l-attività bijoloġika tal-ħamrija.

(*) 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 6

Is-sigilliar

1. Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jillimitaw is-sigilliar, u **biex jimminimizzaw l-effetti tiegħu, sal-punt neċessarju, b'mod partikulari meta proposta ta' proġett ta' żvilupp tkun tinvolvi s-sigilliar tal-ħamrija, u meta:**

- (a) **il-proġett ikun tat-tip elenkat jew fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent⁽¹⁾ u jkun jirrikjedi evalwazzjoni skond dik id-direttiva;**
- (b) **l-evalwazzjoni tkun tindika li huwa probabbli li jkun hemm impatti bħala riżultat tas-sigilliar li jimpedixxu b'mod sinifikanti waħda jew aktar mill-funzjonijiet tal-ħamrija elenkati fl-Artikolu 1(1).**

Dan jippermetti ż-żamma ta' l-akbar għadd possibbli ta' dawk il-funzjonijiet.

2. **L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri li huma xierqa, b'mod partikulari dawk imsemmija fil-paragrafu 3, filwaqt li jqisu l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' tali miżuri.**

3. **Minħabba li s-sigilliar huwa proċess irriversibbli, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw kodiċi ta' Prattika tajba fir-rigward tas-sigilliar li:**

- jippreservaw il-baċini tax-xmajjar u l-kurrenti naturali ta' l-ilma;
- jipprevjenu ż-żieda fir-riskji ta' għargħar li tirriżulta mis-sigilliar;
- jippromwovu aċċess kif xieraq għaż-żoni ta' ħdura fl-ibliet li qed jikbru;
- jippreservaw strutturi ġeomorfoloġiċi ta' valur tal-ħamrija, il-pajsaġġi karatteristiċi u ż-żoni tal-kosta;
- jippreservaw siti arkeoloġiċi, għerien preistoriċi u siti storiċi;
- jevitaw l-impatt viżiv ta' l-industriji ta' l-estrazzjoni;
- jiffaċilitaw pjanar spazjali industrijali u urban fuq żoni li diġà huma affettwati minn pjanar industrijali u urban; u
- jippromwovu investimenti f'siti industrijali żdingati (brownfields).

Artikolu 7

Metodoloġija

1. **L-istat tal-ħamrija għandu jkun immonitorjat filwaqt li titqies l-informazzjoni disponibbli u, fejn ikun meħtieġ, tiġi ġenerata informazzjoni ġdida permezz ta' l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħall-GMES (Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurta') u l-INSPIRE⁽²⁾. B'mod partikulari, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' teknoloġiji diġitali u l-kartografija diġitali.**

⁽¹⁾ ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

⁽²⁾ Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għal Informazzjoni Ġeografika fil-Komunita' Ewropea (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

2. *Għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' prijorità skond l-Artikolu 8, l-Istati Membri jistgħu joqogħdu fuq evidenza empirika eżistenti jew fuq il-mudelli. Jekk jintużaw il-mudelli, għandhom isiru sforzi biex dawn jiġu validati permezz tat-tqabbil tar-riżultati fuq il-bażi ta' data empirika, li ma tkunx intużat għall-iżvilupp tal-mudell innifsu. Għandu jkun permess li l-Istati Membri jużaw l-informazzjoni miġbura bit-teknoloġiji l-ġodda imsemmija fil-paragrafu 1 għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' prijorità.*

3. *L-iskala tal-monitoraġġ għandha tiġi determinata skond id-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri.*

Kapitolu II

Il-prevenzjoni tar-riskju, il-mitigazzjoni u r-ristawr

L-EWWEL SEZZJONI

L-identifikazzjoni taż-żoni ta' prijorità

Artikolu 8

L-identifikazzjoni taż-żoni **ta' prijorità li għandhom bżonn ta' ħarsien speċjali kontra** l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, **it-telf tal-bijodiversità tal-ħamrija**, il-kompattazzjoni, is-salinizzazzjoni, **iż-żerżiq** minn ġnub l-għoljiet, **id-deżertifikazzjoni jew l-aċidifikazzjoni**

1. Sa...(*), l-Istati Membri għandhom jidentifikaw iż-żoni ta' prijorità **fit-territorju nazzjonali tagħhom, iż-żoni ta' prijorità kif definiti fl-Artikolu 2(6), li skond stimi tagħhom jirrikjedu ħarsien speċjali kontra** wieħed jew aktar mill-proċessi li ġejjin tat-tħarbit tal-ħamrija:

- a) erożjoni **;**
- b) it-tnaqqis fil-materja organika **;**
- (c) **żieda fid-densità tal-massa u tnaqqis fil-porożità tal-ħamrija (kompattazzjoni);**
- (d) is-salinizzazzjoni **;**
- (e) żerżiq minn ġnub l-għoljiet **;**
- f) **ċediment ta' l-art;**
- g) **deżertifikazzjoni;**
- h) **effetti ħżiena tal-bidla fil-klima fuq il-ħamrija;**
- i) **telf tal-bijodiverità tal-ħamrija;**
- j) **aċidifikazzjoni.**

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom **jiddeterminaw il-livell amministrattiv u d-daqs ġeografiku xierqa, iwettqu evalwazzjonijiet, fejn xieraq skond l-evalwazzjonijiet tagħhom, skond il-kriterji fl-Anness II u jipprovdū informazzjoni dwar il-metodi ta' evalwazzjoni użati, permezz ta' proċedura skond l-Artikolu 19.**

Fl-identifikazzjoni taż-żoni, l-Istati Membri għandhom iqisu l-effetti ta' dawk il-proċessi ta' degradazzjoni tal-ħamrija, fl-iggravar ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra u d-deżertifikazzjoni, it-telf tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem u l-ħsara lill-wirt kulturali. Fl-identifikazzjoni ta' dawn iż-żoni, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prattiki attwali ta' l-użu ta' l-art li diġà qed jimmiraw li jiġġieldu dawn il-proċessi ta' tħarbit.

(*) 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

2. Iż-żoni **I** identifikati skond il-paragrafu 1 għandhom jiġu ppubblikati u riveduti talanqas darba kull għaxar snin.

3. *Sa ... (*)*, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija f'Artikolu 22(3), toħloq linji ta' gwida, bbażati fuq l-aqwa Prattiki, għad-definizzjoni u l-identifikazzjoni ta' żoni ta' prijorità.

I

IT-TIENI SEZZJONI

L-istabbiliment ta' miri u programmi ta' miżuri

Artikolu 9

Programmi ta' miżuri kontra l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kompattazzjoni, is-salinizzazzjoni u ż-żerżiq minn għub l-għoljiet

1. Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli 1(1), fir-rigward taż-żoni ta' **prijorità** li jkunu ġew identifikati skond l-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom, fil-livell li jkun floku, **jiżguraw li fejn huma jqisu l-aktar xieraq bħala livell ġeografiku u amministrattiv, jifformulaw miri għat-tnaqqis tar-riskju biex jiġġieldu kontra l-proċessi ta' degradazzjoni, u li l-miżuri meħtieġa jittieħdu, fosthom l-istrateġiji jew programmi ta' miżuri ta' kura integrata territorjali, u fejn huwa possibbli, miri ta' restawr fejn hemm raġunijiet leġittimi biex wieħed jissuspetta li proċess wieħed jew aktar ta' degradazzjoni qed iseħħ jew probabbli jseħħ fil-ġejjieni qrib**, skeda għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri u stima ta' l-allokazzjoni tal-mezzi privati jew pubbliċi għall-finanzjament ta' dawk il-miżuri.

2. **Sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni ta' l-isforzi, il-programmi ta' miżuri skond il-paragrafu 1 jistgħu jkunu mibnija fuq l-obbligi, il-pjanijiet u l-programmi diġà mwaqqfa skond leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja, inklużi dawk stipulati skond il-Politika Agrikola Komuni, inkluż Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa⁽¹⁾, u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)⁽²⁾, jew ftehimiet internazzjonali, u jistgħu jqisu l-miżuri elenkati fl-Anness III għal din id-Direttiva.**

3. **Għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prijorizzazzjoni ta' azzjoni skond l-iskala tal-proċess tad-degradazzjoni fit-territorju nazzjonali tagħhom u l-effetti ta' tali tħarbit fuq il-bidla fil-klima u d-deżertifikazzjoni.**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri jkunu ta' spiża effikaċi u teknikament fattibbli, u għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ta' l-impatt, inkluża l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji, qabel l-introduzzjoni tal-programmi ta' miżuri.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni, skond l-Artikolu 19, dwar l-għanijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1) u dwar il-miżuri meħuda.

L-għażla tal-miżuri għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri.

4. **B'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lill-impatti soċjali u ekonomiċi**

(*) 4 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(1) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2007 (ĠU L 284, 30.10.2007, p. 11).

(2) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2012/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 8).

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

5. Meta **żoni li jkunu jeħtieġu ħarsien speċjali kontra** proċessi differenti tat-tarbit tal-ħamrija li jseħħu fl-istess ħin, l-Istati Membri jistgħu **jistabbilixxu** miri għat-tnaqqis tar-riskju għar-riskji kollha li jkunu ġew identifikati, flimkien mal-miżuri xierqa għall-ilħiq ta' dawk il-miri.

6. Il-programmi ta' miżuri għandhom jifasslu **sa...** (*), u għandu jiġi applikat mhux aktar tard minn ... (**).

Il-programmi ta' miżuri għandhom jiġu ppubblikati u riveduti tal-anqas darba kull ħames snin.

7. L-Istati Membri li diġà għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika fis-seħħ biex jiproteġu l-ħamrija tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-obbligi skond dan l-Artikolu, bil-kundizzjoni li l-leġiżlazzjoni tagħhom tiżgura mill-inqas livell ta' protezzjoni ekwivalenti.

Artikolu 10

L-użu agrikolu tal-ħamrija

1. Kull Stat Membru, skond il-klima, il-karatteristiċi tal-ħamrija u l-agrikoltura tiegħu, kif ukoll skond l-aqwa prattiki agrikoli tiegħu, għandu jiddeċiedi dwar il-politika agrikola tiegħu stess f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħamrija.

2. Rigward l-użu agrikolu tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-għażla ta' l-uċuh tar-raba' u ta' metodi jew programmi ta' afforestazzjoni li għandhom effett ta' benefiċċju fuq il-materja organika fil-ħamrija u fuq il-fertilità tal-ħamrija u li jistgħu jevitaw żerżiq minn għub l-għoljiet u deżertifikazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw ukoll il-prattiki agrikoli li jiffavorixxu l-kapaċità tal-ħamrija li tiffiltra u żżomm l-ilma, bl-għan li tkun evitata l-kompattazzjoni u l-erożjoni.

4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipromwovu u jisfruttaw ir-riċerka b'mod partikulari rigward il-funzjonijiet ta' l-uċuh tar-raba' differenti fir-rigward tal-bidla fil-klima u l-iżolament tal-karbonju bl-għan li jkun integrat dan l-għarfien b'bażi xjentifika fl-iżvilupp tal-politika dwar il-ħamrija.

5. L-użu tal-kompost għandu jkun inkoraġġit bl-għan li tinżamm il-fertilità tal-ħamrija, jittejbu l-livelli ta' materja organika fil-ħamrija u tkun miġġielda l-erożjoni. Għal dak il-għan l-Istati Membri għandhom jadottaw standards ta' kwalità għall-kompost.

6. Sa... (**), il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal direttiva dwar skart bijoloġiku fejn ikunu mfassla standards ta' kwalità għall-użu ta' l-iskart bijoloġiku sabiex tittejjeb il-ħamrija.

7. L-iżvilupp ta' standards skond il-'cross compliance' u l-miżuri agri-ambjentali skond l-iżvilupp rurali li għandhom l-għan li jħarsu l-ħamrija fiż-żoni identifikati skond l-Artikolu 8 għandhom iqisu l-isforzi u l-piż possibbli li jistgħu jinvolvu.

(*) 9 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(***) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Kapitolu III**Il-kontaminazzjoni tal-ħamrija**

L-EWWEL SEZZJONI

Il-prevenzjoni u l-inventarju

Artikolu 11

Il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija

1. Għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jittieħdu fil-livell amministrattiv xieraq** miżuri xierqa u proporzjonati li:
- (a) għandhom l-għan li jevitaw l-introduzzjoni b'intenzjoni jew mingħajr intenzjoni ta' sustanzi perikolużi fuq jew fil-ħamrija permezz ta' rimi illegali, tnixxija jew ħruġ. Il-miżuri għandhom ikunu ibbażati fuq evalwazzjoni tal-probabilità ta' jekk l-attivitajiet li jinvolvu sustanzi perikolużi fuq jew fil-ħamrija jistgħux iwasslu għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija;**
 - (b) jillimitaw it-tqegħid b'mod intenzjonat jew mhux intenzjonat ta' sustanzi perikolużi fuq jew fil-ħamrija, ħliet għal dawk li jiġu ddepożitati mill-arja u dawk ikkawżati minn fenomeni naturali ta' karattru eċċezzjonali, inevitabbli u mhux reżistibbli, jew li jieħdu sehem fit-trattament jew fit-titjib tal-ħamrija, sabiex jevitaw l-akkumulazzjoni tant qawwija li ttleff il-funzjonijiet tal-ħamrija jew twasal għal riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.**
2. **Biex ikunu konformi ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jillimitaw it-tfigħ ta' sustanzi perikolużi fl-art permezz ta' ilma użat għat-tisqija, użu ta' fertilizzanti, u skart mifrux fuq l-art skond il-leġiżlazzjoni attwali Komunitarja f'dawn l-oqsma.**
3. **Il-miżuri favur il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija adottati mill-Komunità jew minn proċeduri nazzjonali ta' approvazzjoni bil-għan li jħarsu l-ħamrija huma meqjusa bħala miżuri ta' prekawzjoni b'konformità mal-paragrafu 1.**
4. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħamrija kontaminata tiġi tranġata filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-prekawzjoni, tas-sostenibiltà, tal-proporzjonalità u li min iniġġes iħallas.**
5. **Bil-għan li jiġu ppreservati l-funzjonijiet tal-ħamrija u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu żgurati l-ħarsien ta' l-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, l-attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, is-sikurezza ta' l-ikel, l-istandards ta' kwalità għolja u/jew prodotti tal-biedja u sistemi ta' produzzjoni ċertifikati, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati sabiex:**
- jippromwovu prattiki tal-ġestjoni ta' l-art xierqa u sostenibbli;**
 - inaqqsu l-periklu tal-kontaminazzjoni fil-ħamrija tal-foresta u ta' l-għelieqi;**
 - jintegraw u jaġġornaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki;**
 - jippromwovu kampanji speċifiċi ta' monitoraġġ f'żoni pilota li jirrappreżentaw sistemi speċifiċi ta' ħamrija u ta' produzzjoni.**
6. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iwaqqfu ġerarkija ta' miżuri li jipproteġu l-ħamrija mit-tniġġis, u għandha tingħata l-prijorità lill-prevenzjoni.**

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Mhux aktar tard minn...⁽¹⁾, il-Kummissjoni għandha, b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3), tadotta lista prijoritarja ta' sustanzi perikolużi fuq jew fil-ħamrija li jista' jkollhom proprjetajiet tossiċi persistenti u bijo-kumulattivi, jew persistenti u bijo-kumulattivi ħafna, jista' jkollhom effetti negattivi fuq żmien twil u li ma jistgħux jitranġaw jew ifixklu l-funzjonijiet endokrini. Għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' referenza Ewropej ibbażati fuq l-evalwazzjoni tar-riskju għal dawn is-sustanzi.

Artikolu 12

Proċedura għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-evalwazzjoni ta' siti potenzjalment kontaminati

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li s-siti kontaminati** fit-territorji tagħhom **jiġu identifikati**.

Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom.

I.

- a) jinnominaw awtorità jew awtoritajiet kompetenti biex ikunu responsabbli għall-identifikazzjoni kemm ta' siti kontaminati kif ukoll ta' siti li jistgħu jiġi kontaminati u għall-immaniġġjar ta' l-inventarju relatat;
- b) sa...⁽²⁾, **I** ikunu identifikaw il-post tal-anqas ta' dawk is-siti li fihom ikunu qed isseħħu jew ikunu seħħew fl-imġhoddi **l-attivitajiet li jniġġsu l-ħamrija li ġejjin**:
 - **stabilimenti fejn ikunu jew kienu preżenti sustanzi perikolużi fi kwantitajiet daqs jew aktar mill-ammonti indikati fil-Partijiet 1 u 2, il-kolonna 2, ta' l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll il-perikoli ta' aċċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikolużi** ⁽¹⁾ (Seveso),
 - **l-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-triġġis** ⁽²⁾. Dawn l-attivitajiet għandhom jitqiesu kif speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 96/61/KE, ħlief għall-attivitajiet imwettqa minn mikroimpriżi, kif definiti fil-punt 3 ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE **I** ⁽³⁾, u dawk li jirrigwardaw it-trobbija tal-bhejjen;
 - **stallazzjonijiet tal-minjieri, inklużi faċilitajiet għall-iskart ta' estrazzjoni kif kopert mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ⁽⁴⁾,
 - **landfills ta' skart kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE** ⁽⁵⁾.

Fit-twettiq ta' l-investigazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-proċeduri ta' identifikazzjoni stallazzjonijiet li jkunu qed joperaw li jkun inħarġilhom permess biex joperaw li jkun jinkludi obbligi għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u biex perjodikament jimmonitorjaw l-istat tal-ħamrija. Informazzjoni dwar dawn l-eżenzjonijiet għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

⁽¹⁾ Tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

⁽²⁾ 8 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

⁽³⁾ ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

⁽⁶⁾ ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

⁽⁷⁾ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Għall-identifikazzjoni l-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-lista ta' attivitajiet fl-Anness IV.

L-identifikazzjoni għandha tiġi aġġornata kull tant żmien;

- c) għas-siti identifikati skond il-punt (b), għandhom ikejlu l-livelli ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi perikolużi, li għandhom jiġu ristretti għal sustanzi ttrattati fis-siti, identifikati skond il-punt (b);
- d) iwettqu evalwazzjoni tar-riskju fuq is-siti fejn il-livelli ta' sustanzi perikolużi jistgħu jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent filwaqt li jqisu l-użu attwali u l-użu approvat għall-ġejjieni tas-siti.
- Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jibbażaw l-evalwazzjoni tar-riskji li s-sustanzi fuq jew fil-ħamrija jirrappreżentaw għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent fuq metodoloġiji li jqisu:**
- il-konċentrazzjoni ta' sustanzi perikolużi,
 - il-preżenza konfermata ta' rotta jew mod kif is-sustanza perikoluża tista' tilħaq lil xi ħadd jew lil xi ħaġa li tista' tikkawżalhom xi ħsara,
 - il-preżenza konfermata ta' riċevitur, li tista' ssirlu xi ħsara;
- e) jirrapportaw dwar l-investigazzjoni u l-metodi ta' evalwazzjoni użati minnhom għall-evalwazzjoni tar-riskju skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18.

3. Il-passi għall-identifikazzjoni stipulati fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu, jekk ikunu għadhom ma twettqux, skond l-iskeda li ġejja:

- a) sa... (*), għal talanqas 10 % tas-siti;
- b) sa... (**), għal talqas 60 % tas-siti;
- c) sa... (***), għall-bqija tas-siti.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarji nazzjonali jew reġjonali ta' siti kontaminati. L-inventarju għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u jiġi aġġornat mill-inqas kull seba' snin fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija lilhom jew iġġenerat f'isimhom, b'mod partikulari biex jinkludi siti kontaminati ġodda li ġew identifikati u biex jeskludi siti li ġew rimedjati u m'għadhomx ta' riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

Fit-tfassil ta' l-inventarju, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data u l-informazzjoni li hija diġà disponibbli fuq livell nazzjonali.

5. Fejn ikun jixraq, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lid-distinzjoni bejn it-tniġġis antropoġeniku u l-kontaminazzjoni geoġenika. It-tipi differenti ta' ħamrija li jkunu kkontaminati geoġenikament kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) għandhom jiġu evalwati mil-lat tar-riskji li għandhom għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

(*) 9 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 17-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(***) 27 sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

6. Fejn sit se jinbiegħ u fejn iseħħ tibdil fl-użu ta' l-art ta' sit li fih tkun qed titwettaq attività stipulata fil-paragrafu 2(b) jew li għalih id-dokumenti uffiċjali, bħal reġistri, juru li dan seħħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- a) il-pussessur jew ix-xerrej prospettiv għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti kif stipulat fil-paragrafu 2(a) u l-parti l-oħra fit-tranżazzjoni dwar l-attivitàjiet attwali u dawk tal-passat fis-sit u jipprovdur kull informazzjoni fil-pussess tagħhom dwar il-livelli ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi perikolużi fil-ħamrija. L-Istati Membri jistgħu jitolbu analiżi kimika li tiddermina dawn il-livelli ta' konċentrazzjoni;
- b) l-investigazzjoni u l-evalwazzjoni meħtieġa biex jiġi deċiż jekk sit huwa riskju għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent huwa dejjem komplut qabel ma tibda l-kostruzzjoni ta' kwalunkwe żvilupp ġdid.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-informazzjoni li tirriżulta mill-paragrafi 4 u 5 sabiex jidentifikaw is-siti kontaminati.

Fejn mitlub, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli lill-proprjetarju tas-sit jew lix-xerrej prospettiv l-informazzjoni diġa' eżistenti fuq is-siti msemmija fil-paragrafu 1.

7. Ir-rapporti ta' l-investigazzjonijiet skond il-paragrafi 3 u 6(a) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità kompetenti.

Artikolu 13

Rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija

1. Meta jkun se jinbiegħ sit li fih tkun qed isseħħ attività li potenzjalment tniġġes elenkata fl-Anness IV, jew li fih, skond ir-reġistri uffiċjali, bħalma huma reġistri nazzjonali, tkun seħħet fl-imgħoddi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetarju tas-sit jew ix-xerrej prospettiv jagħmel disponibbli għall-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 12 kif ukoll għall-parti l-oħra fit-tranżazzjoni rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija.

2. Ir-rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija għandu jinħareġ minn korp awtorizzat jew minn persuna mah-tura mill-Istat Membru. Għandu jinkludi d-dettalji li ġejjin:

- a) l-isfond storiku tas-sit, kif ikun disponibbli mir-reġistri uffiċjali;
- b) analiżi kimika li tiddetermina l-livelli ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi perikolużi fil-ħamrija, li tillimita ruħha għal dawk is-sustanzi li jkunu marbuta ma' l-attività b'potenzjal ta' tniġġis fis-sit;
- c) il-livelli ta' konċentrazzjoni li fihom ikun hemm raġunijiet suffiċjenti għall-fehma li s-sustanzi perikolużi kkonċernati jkunu jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija meħtieġa għad-determinazzjoni tal-livelli ta' konċentrazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(b).

4. L-informazzjoni fir-rapport dwar il-qagħda tal-ħamrija għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni tas-siti kontaminati skond l-Artikolu 12(1).

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

IT-TIENI SEZZJONI

It-Tranġar

Artikolu 14

It-Tranġar

1. L-Istati Membri għandhom sa ... (*) jżguraw li strateġija jew strateġiji ta' tranġar jkunu mfassla u jkunu pubblikati fil-livell amministrattiv li huma jqisu li huwa xieraq, anke mill-inqas miri ta' tranġar ġenerali, sens ta' prijorità, kalendarju għal implimentazzjoni ta' miżuri ta' tranġar għas-siti kontaminati u l-mekkaniżmu ta' ffinanzjar skond il-paragrafu 6.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura fl-Artikolu 18 ta' l-istrateġija jew strateġiji ta' tranġar.

2. L-Istati Membri għandhom jżguraw li s-siti kontaminati fit-**territorju** tagħhom jiġu rranġati, **b'konformità mal-prijoritajiet li jridu jitwaqqfu, jew li diġà twaqqfu, mill-Istati Membri nfushom.**

L-Istati Membri għandhom jżguraw ukoll li miżuri ta' sigurta' temporanji u urġenti huma adottati fejn hemm riskju serju ta' tixrid ta' kontaminazzjoni, li jhedded kemm is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

3. It-tranġar għandu jikkonsisti f'azzjonijiet fuq il-ħamrija bil-għan tat-tneħħija, il-kontroll, it-trażżin jew it-tnaqqis ta' kontaminanti b'tali mod li s-sit kontaminat, fil-qies ta' l-użu kurrenti u dak futur approvat tiegħu, ma jibqax jirrappreżenta riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

L-Istati Membri għandhom jżguraw l-użu ta' l-aħjar tekniki disponibbli għall-azzjoni ta' rranġar.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-miżura adattata filwaqt li jqisu, inter alia, l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' dik il-miżura.

5. Jekk il-mezzi meħtieġa għat-tranġar m'humix teknikament disponibbli, jew jirrappreżentaw spiża sproporzjonata fir-rigward tal-benefiċċji ambjentali mistennija, is-siti jistgħu jiġu kkundizzjonati b'tali mod li ma jippreżentawx riskju sinifikattiv lill-ambjent jew lis-saħħa umana, inkluż billi jiġi ristrett l-aċċess għalihom jew billi jitħalla li jseħħ l-irkuprar naturali. Jekk l-Istati Membri jagħżlu waħda minn dawn l-għażliet, għandhom jimmoniterjaw ir-riskju li jkun hemm għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa fuq livell nazzjonali (li jinkludu pereżempju fondi, għajjnuna għall-investment, eżenzjonijiet jew tnaqqis mit-taxxa, skemi ta' appoġġ dirett tal-prezz) biex jiffinanzjaw it-tranġar, **jew jipprovdu għat-tranġar ta' dawk iż-żoni** kkontaminati li għalihom, suġġett għall-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas, ma tkunx tista' tiġi identifikata l-persuna responsabbli għat-tniġġis, jew ma tkunx tista' tinżamm responsabbli skond il-liġi tal-Komunità jew dik nazzjonali, jew ma tkunx tista' tiġi mġiegħla tħallas l-ispejjeż tat-tranġar. **Bil-għan li jieħdu ħsieb it-tranġar, l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu li dawn il-mekkaniżmi jaħdmu kif xieraq sabiex iżommu l-fiducia ta' l-investitur u jiksbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva.**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċessi biex jimmaniġġjaw każijiet fejn ir-responsabilità għall-iffinanzjar tat-tranġar (jew parti mit-tranġar) trid tiġi trasferita minn persuna li tkun potenzjalment responsabbli għal oħra. Il-mekkaniżmi eżistenti ta' ffinanzjar fl-Istati Membri għandhom jinżammu jekk kienu effettivi.

(*) 9 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 15

Strateġija Nazzjonali għat-Tranġar

1. L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi ta' l-inventarju msemmi fl-Artikolu 12(4) u sa... (*), ifasslu Strateġija Nazzjonali għat-Tranġar, li jkunu jinkludu talanqas il-miri tat-tranġar, prijoritizzazzjoni, bl-ewwel dawk is-siti li jirrappreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, kalendarju għall-implimentazzjoni, u l-fondi allokati mill-awtoritajiet responsabbli għad-deċiżjonijiet tal-baġit fl-Istati Membri skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom.

Meta jiġu applikati t-trażżin jew l-irkupru naturali, għandha tiġi ssorveljata l-evoluzzjoni tar-riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

2. L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tranġar għandha tiġi applikata u ppubblikata mhux sa... (**)*. Għandha tiġi riveduta talanqas darba kull ħames snin.

Kapitolu IV

It-tkattir tal-kuxjenza, ir-rappurtar u l-iskambju ta' l-informazzjoni

Artikolu 16

It-tkattir tal-kuxjenza u l-parteċipazzjoni pubblika

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ikattru l-kuxjenza dwar l-importanza tal-ħamrija għas-sopravivenza tal-bniedem u ta' l-ekosistemi, u biex jipromwovu t-trasferiment ta' l-għarfien u l-esperjenza għall-użu sostenibbli tal-ħamrija.

2. L-Artikolu 2(1), (2), (3) u (5) tad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tfassil ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrelataw ma' l-ambjent⁽¹⁾ għandha tapplika għall-preparazzjoni, tibdil u reviżjoni tal-programmi ta' miżuri dwar iż-żoni ta' **prijorita** msemmija fl-Artikolu 9 u l-Istrateġija għat-Tranġar msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 17

Koperazzjoni bejn l-Istati Membri

Fejn Stat Membru huwa konxju li xi wieħed mill-oqsma ta' prijorità jew mis-siti kontaminati tiegħu jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor, jew f'każ li Stat Membru li għandu l-probabilità li jiġi affettwat b'dan il-mod jitolob dan, l-Istat Membru li fih jinsabu ż-żoni ta' prijorita' jew is-siti kontaminati għandu jinforma lill-Istat Membru l-ieħor u jikkonsultah dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta' effetti negattivi ta' dan it-tip.

Artikolu 18

Ir-Rappurtar

1. **Permezz ta' proċedura b'konformità ma' l-Artikolu 19**, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-possibiltà lill-Kummissjoni **biex ikollha aċċess għal data li jkun fiha informazzjoni skond l-Artikoli 6, 8, 12 u 14, u għal sommarju ta' inizjattivi meħuda biex ikattru l-kuxjenza fuq il-bażi ta' l-Artikolu 16.**

(*) 9 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(1) ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

2. *L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll is-sistemi tagħhom stess biex jiġbru l-informazzjoni, b'konformità mal-paragrafu 1.*

3. *Il-miżuri li jiksbu suċċess u l-programmi ta' miżuri evalwati u magħmula disponibbli skond dan l-Artikolu jistgħu jiġu inklużi fl-Anness I.*

Artikolu 19

L-iskambju ta' l-informazzjoni

1. Sa...^(*), il-Kummissjoni għandha tistabbilxxi pjattaforma għall-iskambju ta' l-informazzjoni **u koordinazzjoni** bejn l-Istati Membri, **l-awtoritajiet reġjonali u lokali** u l-partijiet interessati dwar:

(a) *l-aħjar prattiki dwar il-preservazzjoni u t-titjib tal-funzjoni tal-ħamrija biex taġixxi bħala ħażna tal-karbonju, skond l-Artikolu 3;*

(b) *l-identifikazzjoni ta' tipi prezzjużi ta' ħamrija u l-aħjar prattiki biex jiġu protetti, preżervati u mtejba l-karatteristiċi u l-funzjonijiet tagħhom;*

(c) *kodiċi ta' prattika tajba skond l-Artikolu 4(2), inklużi l-aħjar prattiki biex jiġu evitati u miġġielda l-erożjoni, it-tnaqqis fil-materja organika, il-kompatazzjoni, is-salinizzazzjoni, iż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet (valangi), l-effetti kuntrarji mill-bidla fil-klima, id-deżertifikazzjoni u t-tnaqqis tal-bijodiversità li tirriżulta mill-proċess tat-tarbit tal-ħamrija;*

(d) *id-diversi kodiċi ta' prattika tajba għas-siġillar skond l-Artikolu 6(3);*

(e) *l-identifikazzjoni taż-żoni ta' **prijorità** skond l-Artikolu 8;*

(f) *il-metodoloġġi għall-evalwazzjoni tar-riskji għas-siti **mniġġsa** li jkunu qed jintużaw jew qed jiġu żviluppati;*

(g) *informazzjoni xjentifika dwar il-ħarsien tal-ħamrija minn, fost oħrajn, is-Seba' Programm ta' Qafas u programmi oħra, u fuq l-esperjenza tal-prevenzjoni tat-tarbit tal-ħamrija u t-trattament tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3), linji ta' gwida għall-metodi ta' l-evalwazzjoni ta' riskji għas-siti kontaminati.*

2. *Fit-twaqqif tal-pjattaforma, il-Kummissjoni għandha tqis is-sistemi eżistenti fl-Istati Membri u l-kompatibilità mas-sistemi nazzjonali ta' informazzjoni. Ir-regoli tad-Direttiva 2007/2/KE m'għandhomx jinbidlu. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw il-Kummissjoni dwar il-kwalità tad-data u tal-metadata u l-użu tad-data mill-imgħoddi.*

3. *Jekk ikun jidher ċar, fuq il-bażi ta' l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, li l-metodi użati għall-evalwazzjoni tat-theddida tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija b'konformità ma' l-Artikolu 12 jridu jiġu armonizzati jew li d-Direttiva trid tiġi adattata skond l-avvanzi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha, skond l-Artikolu 251 tat-Trattat, tipproponi kriterji komuni għall-evalwazzjoni tar-riskju tal-kontaminazzjoni jew għall-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa.*

(*) Sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 20

Finanzjament

Il-miżuri li, skond din id-Direttiva, għandhom jittieħdu mill-Istati Membri, għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri. Il-kofinanzjament mill-Komunità għandu jkun possibbli biss meta dan ikun permess mill-kundizzjonijiet eżistenti tal-programmi attwali.

Kapitolu V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21

L-implimentazzjoni u l-adattament għall-progress tekniku

1. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3), tadatta l-Anness II għall-progress tekniku u xjentifiku.
2. Fejn, fuq il-bażi ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 19, tiġi identifikata hteġa għall-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija, il-Kummissjoni għandha tadotta kriterji komuni għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3).
3. Sa...^(*), il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 22(2), id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-kwalità tad-*data* u l-*metadata*, l-użu tad-*data* storika, il-metodi, l-aċċess, u l-formati għall-iskambju tad-*data* għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18.

Artikolu 22

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhjna minn kumitat, minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat".
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. **Ir-regoli għandhom iħallu lir-rappreżentanti tal-partijiet interessati jieħdu sehem fil-deliberazzjonijiet tal-Kumitat.**

5. **Il-Kumitat għandu jikkonsulta lill-partijiet ekonomiċi interessati affettwati u lill-assoċjazzjonijiet ambjentali qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu.**

^(*) 4 snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 23

Ir-rapport tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien sentejn mill-wasla tal-programmi ta' miżuri u ta' l-Istrateġiji Nazzjonali għat-Tranġar.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapporti ulterjuri kull ħames snin.

Għandha tressaq ir-rapporti quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

2. Ir-rapporti li dwarhom jipprovdni il-paragrafu 1 *għandhom jinkludu* reviżjoni tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fuq il-bażi ta' l-evalwazzjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni skond l-*Artikolu 18*.

Artikolu 24

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... (*) u, fejn dan ikun f'loku, tipproponi kwalunkwe emenda meħtieġa.

Artikolu 25

Penalitajiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għal ksuri tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati. Il-penali stabbiliti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-*Artikolu 26*, u jinnotifikawha wkoll bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet.

I

Artikolu 26

It-traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa ... (**). Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkompanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif ikun għandha ssir din ir-referenza.

Fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti jibqgħu fis-seħħ mingħajr tibdil, avviż ta' konformità jkun biżżejjed.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(*) 15-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Artikolu 27

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 28

Id-Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

**ELEMENTI POSSIBBLI FIL-KODIĊIJET TA' PRATTIKA TAJBA
GĦALL-PROTEZZJONI JEW IT-TITJIB TAL-ĦAMRIJA**

Kodiċijiet ta' prattika tajba għall-attivitajiet differenti ta' użu ta' l-art imsemmija fl-Artikolu 4(2) jista' jkun fihom l-elementi li ġejjin:

1. **deskrizzjoni ta' l-impatti fuq il-funzjonijiet tal-ħamrija li jistgħu jkunu mistennija (iridu jiġu kkunsidrati dawk il-funzjonijiet biss li x'aktarx jiġu mxekkla b'mod sinifikanti);**
2. **tekniki, metodi u Prattiki ta' ġestjoni ta' l-art li jistgħu jimminimizzaw it-tħarbit tal-funzjonijiet tal-ħamrija, filwaqt li jkun jista' jsir użu sostenibbli tal-ħamrija;**
3. **lista ta' sorsi ta' informazzjoni u awtoritajiet kompetenti li jistgħu jagħtu pariri lill-utent ta' l-art dwar kif wieħed juża l-ħamrija bl-inqas tħarbit tal-ħamrija;**
4. **lista ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Komunità rilevanti għall-ħarsien tal-ħamrija u applikabbli għall-attività speċifika;**
5. **gwida għall-metodoloġiji ta' l-evalwazzjoni tar-riskju.**

ANNEX II

SEZZJONI 1 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' EROŻJONI
Unità tipoloġika tal-ħamrija (STU) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (texture) tal-ħamrija
Id-densità u l-karatteristiċi idrawliċi tal-ħamrija (livell STU)
Kontentut tal-materja organika

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

SEZZJONI 1 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' EROŻJONI
It-topografija, bl-inklużjoni tal-grad u t-tul tal-pendil
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)
Il-klima (inkluża d-distribuzzjoni tax-xita u l-karatteristiċi tar-rjeh)
Il-kundizzjonijiet idroloġiċi u idroġeoloġiċi
Żona agroekoloġika
Fatturi antropoġeniċi (pereżempju xogħlijiet idrawliċi, eċċ.)
pH

SEZZJONI 2 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' TNAQQIS TAL-MATERJA ORGANIKA
Unità tipoloġika tal-ħamrija (STU) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (texture) tal-ħamrija/il-kontenut ta' tafal
Karbonju organiku fil-ħamrija (it-total u l-konċentrazzjoni tal-ħumus)
Karbonju organiku fil-ħamrija (stokk)
Il-klima (inkluża d-distribuzzjoni tax-xita u l-karatteristiċi tar-rjeh)
It-topografija
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)

SEZZJONI 3 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' KOMPATTAZZJONI
Unità tipoloġika tal-ħamrija (STU) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (texture) tal-ħamrija tal-wiċċ u tal-qiegħ (livell STU)
Id-densità tal-massa tal-ħamrija tal-wiċċ u tal-qiegħ (livell STU)
Il-materja organika fil-ħamrija (livell STU)
Il-klima
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)
It-topografija

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

SEZZJONI 4 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' SALINIZZAZZJONI
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija
Il-karatteristiċi idrawliċi tal-ħamrija
Iż-żoni tas-saqi, il-karatteristiċi kimiċi ta' l-ilma tas-saqi u t-tipi ta' metodi ta' saqi użati
Qagħda qrib tat-toroq
Tagħrif dwar l-ilma tal-pjan
Il-klima

SEZZJONI 5 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI FRISKJU TA' ŻERŻIQ MINN ĠNUB L-GHOLJIE
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
Okkorrenza/densità taż-żerżiq eżistenti
Il-blat tal-qiegħa
It-topografija
Kopertura ta' l-art
L-użu ta' l-art (inklużi l-ġestjoni ta' l-artijiet, is-sistemi agrikoli u l-koltivazzjoni tal-foresti)
Il-klima
Ir-riskju sismiku

SEZZJONI 6 ELEMENTI KOMUNI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻONI F'RISKJU TA' AĊIDIFIKAZZJONI
pH
Unità tipoloġika tal-ħamrija (<i>STU</i>) (it-tip ta' ħamrija)
In-nisġa (<i>texture</i>) tal-ħamrija
Il-klima
L-użu ta' l-art
Materja organika fil-ħamrija
Il-kapaċità ta' l-iskambju katjoniku (<i>CEC</i>)

ANNEX III

MIŻURI POSSIBBLI SKOND L-ARTIKOLU 9

MIŻURI POSSIBBLI KONTRA L-EROŻJONI

Bdil ta' art kultivabbli għal merġhat tal-ħaxix

Tħawwil ta' sisien tal-ħaxix, gruppi ta' siġar u afforestazzjoni

Restrizzjoni ta' xogħol ta' kostruzzjoni f'siti vulnerabbli ħafna

Newb adegwat tal-wiċċ/ ta' l-uċuħ tar-raba' u uċuħ tar-raba li jikbru bejn uċuħ oħra u uċuħ interim

Applikazzjoni tal-kompost

Tkabbir inqas ta' l-uċuħ

Kisi ta' l-għerug tas-siġar bil-ħuxlief

Użu ta' koperturi għax-Xitwa, strixex marġinali ta' protezzjoni u sisien tal-ħaxix

Użu xieraq tal-makkinarju

Kostruzzjoni u żamma tal-wesgħat imtarrġa

Prevenzjoni ta' nirien

Restrizzjoni ta' prattiki mhux xierqa fuq il-ġnub ta' l-għoljiet

Tekniki ta' ġestjoni kostali

MIŻURI POSSIBBLI KONTRA T-TNAQQIS TAL-MATERJA ORGANIKA

Bdil ta' art kultivabbli għal merġhat tal-ħaxix

Tħawwil tas-siġar

Applikazzjoni tal-kompost

Restrizzjoni ta' xogħol ta' kostruzzjoni f'siti vulnerabbli ħafna

Newb adegwat tal-wiċċ/ ta' l-uċuħ tar-raba' u uċuħ tar-raba li jikbru bejn uċuħ oħra u uċuħ interim

Introduzzjoni mill-ġdid tar-residwi ta' l-uċuħ tar-raba fil-ħamrija

Tkabbir inqas ta' l-uċuħ

Kisi ta' l-għerug tas-siġar bil-ħuxlief

Li jiġi evitat li jitneħħa l-ilma mill-artijiet mistagħdra sabiex tiġi mħarsa l-ħamrija tal-pit

MIŻURI POSSIBBLI KONTRA L-KOMPATTAZZJONI

Bdil ta' art kultivabbli għal merġhat tal-ħaxix

Tkabbir inqas ta' l-uċuħ

Applikazzjoni tal-kompost

Kultivazzjoni f'ħamrija bl-aqwa umdità

Restrizzjoni ta' l-użu ta' makkinarju kbir

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

Użu ta' tajers bi pressjoni baxxa ta' kuntatt u tajers bi pressjoni baxxa

Tneħħija xierqa ta' l-ilma

Rati xierqa ta' bhejjem u tat-tul tar-regħi

MIŻURI POSSIBBLI KONTRA S-SALINAZZJONI

Bdil ta' art kultivabbli għal mergħat tal-ħaxix

Newb adegwat tal-wiċċ/ ta' l-uċuħ tar-raba'

Applikazzjoni ta' tagħmir u tekniki ta' irrigazzjoni xierqa

Użu ta' ilma ta' kwalità xierqa

Tneħħija xierqa ta' ilma minn art saqwija

Użu ta' fertilizzanti organiċi (eż. kompost, demel)

Ħasil tal-ħamrija

MIŻURI POSSIBBLI KONTRA ż-żerżiq minn ġnub l-għoljiet

Restrizzjoni tal-kostruzzjonijiet li jżidu r-riskji ta' żerżiq minn ġnub l-għoljiet, speċjalment f'inħawi mżerżqa ħafna

Li tiġi evitata d-deforestazzjoni u li jitħawlu siġar biex il-ħamrija tinżamm f'posta

Prevenzjoni ta' l-abbandun ta' l-art

Twaqqif u żamma ta' elementi tal-pajsaġġ bħall-wesgħat imtarrġa, is-sisien tal-ħaxix, u l-ortijiet

ANNEX IV

L-ATTIVITAJIET STIPULATI FL-ARTIKOLU 12

■

1. *Żoni f'ajruporti fejn iseħħu jew fejn seħħew l-użu, l-immaniġġjar u l-ħażna ta' sustanzji perikolużi.*
2. *Żoni bbażati fuq l-art f'portijiet fejn iseħħ jew fejn seħħew l-użu, l-immaniġġjar u l-ħażna ta' sustanzji perikolużi.*
3. *Żoni f'siti li kienu militari fejn iseħħu jew ikunu seħħew l-użu, l-immaniġġjar u l-ħażna ta' sustanzji perikolużi.*
4. *Stazzjonijiet tal-petrol u l-mili tal-fjuwil.*
5. *Dry cleaners **industrijali**.*

■

6. *Stallazzjonijiet tat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart 'il fuq minn ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' 2 000 ruħ.*
 7. *Pipelines għat-trasport tas-sustanzi perikolużi.*
-

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0510

Kumitat ta' l-assigurazzjonijiet u tal-pensjonijiet tax-xogħol Ewropej (setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/675/KEE li tistabbilixxi kumitat ta' assigurazzjoniu tal-pensjonijiet tax-xogħol Ewropej, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2006)0925 — C6-0008/2007 — 2006/0292(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2006)0925),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 47(2) tat-Trattat tal-KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0008/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0236/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2006)0292

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Novembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/675/KEE li tistabbilixxi Kumitat Ewropew għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2008/21/KE.)

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0511

Ir-rekwiżiti ta' trasparenza fir-rigward ta' l-informazzjoni dwar dawk li jhorigu t-titoli (setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2006)0909 — C6-0026/2007 — 2006/0282(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

4. Jekk il-kundizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma jkunux qed jiġu aktar sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/71/KE u l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/109/KE li temenda d-deċiżjoni tagħha skond il-Paragrafu 1 fir-rigward ta' dawk l-istandards ta' kontabilità.

5. Qabel ma tikkonforma ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tikkonsulta s-CESR dwar il-programm ta' konverġenza jew dwar il-progress ta' adozzjoni ta' l-IFRS, skond il-każ."

*

* *

11. Jaċċetta l-miżuri ta' implimentazzjoni, sakemm il-punti msemmija hawn fuq jitqiesu mill-Kummissjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0528

EU-Russia Summit**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar il-Laqgħa Għolja UE-Russja***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, li daħlet fis-seħħ fl-1997 u tiskadi fl-2007,
 - wara li kkunsidra l-oġġettiv ta' l-UE u r-Russja, stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta maħruġa wara il-Ħdax-il Laqgħa Għolja UE-Russja, li saret fil-31 ta' Mejju 2003 f'San Petroburg, biex tiġi stabbilita żona ekonomika komuni, żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, żona komuni ta' koperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna u żona komuni ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi aspetti kulturali,
 - wara li kkunsidra r-riżultat ta' l-Għoxrin Laqgħa Għolja UE-Russja, li saret fis-26 ta' Ottubru 2007 f'Mafra, il-Portugall,
 - wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet ta' l-UE mar-Russja, b'mod partikulari ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Mejju 2007 dwar il-Laqgħa Għolja UE-Russja f'Samara fit-18 ta' Mejju 2007 ⁽²⁾ u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' l-UE mar-Russja ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. A billi koperazzjoni msaħħa u relazzjonijiet tal-viċinat tajbin bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità ta' l-Ewropa kollha,
- B. billi l-Federazzjoni Russa hi membru sħiħ tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u għalhekk impenjat ruħha għall-prinċipji tad-demokrazija u ta' elezzjonijiet demokratiċi stipulati minn dawk l-organizzazzjonijiet,
- C. billi hemm tħassib serju dwar l-iżviluppi fil-Federazzjoni Russa fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien tagħhom u għar-rispett għall-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri demokratiċi li ġew miftiehma b'mod komuni, b'mod partikulari meta wieħed iqis l-elezzjonijiet li ġejjin għad-Duma ta' l-Istat (2 ta' Diċembru 2007) u għall-Uffiċju ta' President tal-Federazzjoni Russa (Marzu 2008),
- D. billi l-elezzjonijiet parlamentari (Duma) u presidenzjali li ġejjin huma ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt fir-Russja;
- E. billi f'dawn l-aħħar xhur ir-Russja wettqet kampanja bil-vuċi dejjem iżjed qawwija kontra l-osservaturi elettorali ta' l-OSCE, u akkużathom b'imparzjalità u li jiffukaw kważi għal kollox fuq l-elezzjonijiet fuq in-naħa, 'tal-Lvant ta' Vjenna'; billi x-xahar li għadda d-delegazzjoni diplomatika tar-Russja fil-kwartieri ta' l-OSCE fi Vjenna ċċirkolat proposti biex tillimita l-missjonijiet ta' l-Uffiċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-OSCE (ODIHR) għal 50 ruħ u biex twaqqafhom milli jagħmlu evalwazzjonijiet pubbliċi immedjament wara l-elezzjonijiet; billi, skond Vladimir Churov, il-kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, ir-Russja se tistieden "minn 300 sa 400 osservatur barrani" għall-elezzjoni tat-2 ta' Diċembru 2007 — parti żgħira mill-1,165 osservatur li kienu preżenti waqt l-aħħar elezzjonijiet parlamentari f'Marzu 2003,

⁽¹⁾ ĠU L 327, 28.11.1997, p. 1.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0178.

⁽³⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0262.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- F. billi l-konklużjoni tal-PCA bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa tibqa' ta' importanza kbira għall-iżvilupp u l-intensifikazzjoni addizzjonali tal-koperazzjoni bejn iż-żewġ imsieħba,
- G. billi l-bidu tan-negozjati dwar il-PCA ġiet posposta u saret tiddependi fuq it-tneħħija mill-Gvern Russu tal-projbizzjoni li ddaħħlet fl-2005 fuq l-importazzjonijiet agrikoli tal-Polonja; billi qegħdin isiru sforzi mill-UE u mir-Russja biex jinstab kompromess dwar il-kwistjoni ta' l-importazzjonijiet tal-Polonja, sabiex jintemm dan l-impass politiku, u dwar l-għeluq tal-linja ta' pajpjjiet "Druzhba" għal-Litwanja, li deher li kien politikament motivat,
- H. billi kien hemm impenn ċar min-naħa tar-Russja fis-Samit UE-Russja li sar f'Samara fit-18 ta' Mejju 2007 biex tiffirma ftehimha dwar l-'over flights' Siberjani; billi l-prospetti li dan jgħri fil-ġejjieni jidhru remoti ħafna; billi reċentement kien hemm problemi bid-drittijiet tal-Lufthansa Cargo biex ittir fuq territorju Russu fuq rotot mill-Ewropa għax-xlokk ta' l-Ażja
- I. billi l-adeżjoni rapida tal-Federazzjoni Russa fid-WTO tagħti kontribut sostanzjali għal titjib ulterjuri tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn ir-Russja u l-UE, dejjem jekk ir-Russja tikkonforma bis-sħiħ ma' l-impjenji u l-obbligi tad-WTO u timplimentahom,
- J. billi l-implimentazzjoni rapida ta' l-erba' Spazji Komuni, bi Spazju Ekonomiku Komuni (CES), Spazju Komuni ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, Spazju Komuni ta' Sigurtà Esterna u Spazju Komuni ta' Riċerka, Edukazzjoni u Kultura, għandha tkun fil-qalba tan-negozjati dwar il-Ftehimha ta' Sħubija Strateġika l-għdida,
- K. billi reċentement ir-Russja inkludiet xi wħud mill-akbar kumpaniji ta' l-enerġija ta' l-UE fi rwol ta' sħubija strateġika f'bosta proġetti ta' l-enerġija ewlenin jew ippermettiet lill-kumpaniji ta' l-UE li jixtru ammont strateġiku ta' ishma minn kumpaniji Russi; jinnota madankollu, li ż-żarmar ta' Yukos u l-irkant ta' l-assi tagħha ma jipprovdex ambjent kummerċjali trasparenti; jinnota ulterjorment, id-deċiżjoni riċenti tat-13 ta' Awissu 2007 tat-Tribunal Federali Żvizzeru, li qatagħha li l-prosekuzzjoni ta' l-awtoritajiet Russi ta' Mikhail Khodorkovsky u ta' Yukos kienet illegali u motivata politikament,
- L. billi s-sigurtà tal-forniment ta' l-enerġija hija waħda mill-ikbar sfidi għall-Ewropa u waħda mill-oqsma ewlenin ta' koperazzjoni mar-Russja, u billi sforzi konġunti huma meħtieġa biex isir użu sħiħ u effiċjenti mis-sistemi ta' trasport ta' l-enerġija, kemm dawk li diġà jeżistu kif ukoll dawk li għadhom iridu jiġu żviluppati,
- M. billi l-kwistjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' forniment u trasport ta' l-enerġija għandhom jiġu riżolti permezz ta' negozjati, b'mod mhux diskriminatorju u trasparenti u m'għandhom qatt jintużaw bħala mezz ta' pressjoni politika fuq l-Istati Membri ta' l-UE jew fuq il-pajjiżi tal-viċinat komuni,
- N. billi ftehimha fil-futur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa għandha għalhekk tinkludi l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija,
- O. billi l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa jstgħu u għandu jkollhom irwol attiv flimkien fil-ħolqien tal-paċi u ta' l-istabilità fil-kontinent Ewropew, b'mod partikulari fil-viċinat komuni, u f'partijiet oħra tad-dinja, inkluż fl-Iran u fil-Lvant Nofsani; billi nibtu tensjonijiet ġodda fl-Abkażja u fl-Ossettja tan-Nofsinar u ma sar l-ebda progress lejn is-soluzzjoni tal-"kunflitti ffriżati" l-oħra bħal fit-Transnistria;
- P. billi għandha tingħata prijorità assoluta miż-żewġ imsieħba biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni ta' l-istatus futur tal-Kosovo li tista' tiġi aċċettata miż-żewġ partijiet involuti fil-konflitt,

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- Q. billi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Russi b'reazzjoni għall-pjanijiet ta' l-Istati Uniti li jistabbilixxu parti mis-sistema ta' difiża tagħha bit-tqegħid ta' missili fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka u t-tbeddida xejn xierqa tar-Russja li toħroġ mit-Trattat dwar il-Forzi Konvenzjonali fl-Ewropa (Trattat CFE) ħolqu tħassib serju dwar iż-żamma tal-paċi u ta' l-istabilità fil-kontinent Ewropew,
- R. billi huwa importanti li l-UE titkellem b'vuċi waħda, li turi solidarjetà u unità fir-relazzjonijiet tagħha mal-Federazzjoni Russa, u li tibbaża dawk ir-relazzjonijiet fuq interessi reċiproċi u valuri komuni,
1. Jafferma l-konvinzjoni tiegħu li r-Russja għadha sieħba importanti għall-iskop tal-bini ta' koperazzjoni strateġika bbażata fuq valuri komuni, li magħha l-UE għandha mhux biss interessi ekonomiċi u kummerċjali, iżda anki l-objettiv komuni ta' koperazzjoni mill-qrib fl-arena internazzjonali;
 2. Jistieden lill-Gvern Russu biex joħloq flimkien ma' l-UE l-kundizzjoni meħtieġa għal bidu rapidu tan-negożjati dwar PCA ġdida bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza l-importanza ta' unità u solidarjetà fost l-Istati Membri ta' l-UE fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Russja; jenfasizza għal darba oħra, f'din ir-rabta, li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem iridu jkun fil-qalba ta' kull fteħima futura mal-Federazzjoni Russa;
 3. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan ir-rigward, minkejja r-risultati limitati li nkisbu fil-Laqgħa Għolja ta' Mafra, l-atmosfera tal-laqgħa u l-istqarrijiet inkoraġġanti li ħarġu wara li jstgħu jwasslu biex fil-ġejjieni qarib is-sitwazzjoni ma tibqax staġnata; jinnota d-dinamiċi pożittivi fix-xogħol li għadu għaddej fuq l-implimentazzjoni prattika tal-pjanijiet direzzjonali għall-erba' Spazji Komuni, imsemmija hawn fuq, u jisħaq li l-approfondiment ulterjuri tas-sħubija jkun ta' benefiċċju għat-tnejn;
 4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fil-Laqgħa Għolja ta' Mafra rigward l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO li se jpoġġi lill-komunitajiet tan-negożju taż-żewġ naħat fuq livell indaq u li se jgħin ħafna lill-isforzi tar-Russja biex din tibni ekonomija moderna, diversifikata u li jkollha teknoloġija għolja; jistieden lir-Russja biex din tiegħu l-passi meħtieġa biex tneħħi l-ostakoli li fadal għall-proċess ta' adeżjoni, liema proċess jinsab fi stadju kritiku, u biex tkun tista' tikkonforma b'mod sħiħ u timplimenta l-impenji u l-obbligi tas-sħubija mad-WTO;
 5. Jesprimi t-tama li fteħima tkun tista' tintlaħaq malajr dwar il-kundizzjonijiet għal adeżjoni rapida tal-Federazzjoni Russa mad-WTO;
 6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iskambju kontinwu ta' opinjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Russja bħala parti mill-konsultazzjonijiet ta' l-UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza, iżda, li s-sitwazzjoni attwali fir-Russja toħloq tħassib serju f'termini tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija, tal-libertà ta' l-espressjoni u tad-drittijiet tas-soċjetà ċivili u ta' individwi li jjsfidaw lill-awtoritajiet u jżommuhom responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom; huwa inkwetat ħafna dwar in-nuqqas ta' risposta sostantiva mill-awtoritajiet Russi għad-diversi stqarrijiet dwar dan it-tħassib; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-liġi attwali dwar l-NGOs kellha impatt negattiv fuq ix-xogħol ta' bosta NGOs u jappoġġja l-inizjattivi kontinwi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' l-NGOs;
 7. Jenfasizza li s-sitwazzjoni taċ-Ċeċnja qed tkompli tkun punt ta' diżgwid tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja; jerġa' jtenni l-kritika qawwija tiegħu tal-politika tar-Russja fiċ-Ċeċnja u l-kundanna tiegħu tal-ħafna ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċeċnja; jistieden lill-Federazzjoni Russa bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex tiegħu passi konkreti sabiex teqred it-tortura u trattament ħażin ieħor, id-detenzjoni arbitrarja u "l-għajbien" fir-Repubblika taċ-Ċeċnja, u sabiex taffronta l-impunità ta' dan il-ksur ta' drittijiet;
 8. Ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jistiednu lill-Federazzjoni Russa biex tirratifika l-Protokoll Addizzjonali 14 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

9. Jitlob li jiżdied il-djalogu UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem u li dan il-proċess ikun miftuħ għal kontribut effettiv mill-Parlament Ewropew, mid-Duma ta' l-Istat u mis-soċjetà ċivili u minn organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li s-sitwazzjoni tal-minoritajiet fir-Russja tkun inkluża fl-aġenda tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lir-Russja biex tirrispetta bi sħiħ l-obbligi tagħha bħala membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa, inkluż ir-rispett tad-dritt ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal demostrazzjoni paċifika;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-kundizzjonijiet iebes ta' xogħol, pressjoni u intimidazzjoni tal-ġurnalisti, inklużi korrispondenti barranin, fil-Federazzjoni Russa;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-restrizzjoni tal-libertajiet demokratiċi fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet tad-Duma f'Diċembru 2007 u ta' l-elezzjonijiet presidenzjali f'Marzu 2008; jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jigarantixxu proċess ħieles u ġust fiż-żewġ elezzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-partiti ta' l-oppożizzjoni jkollhom il-possibiltà li jipparteċipaw f'dawn l-elezzjonijiet u l-opportunità li jagħmlu kampanja elettorali kompetittiva, filwaqt li jirrispettaw b'mod sħiħ il-prinċipju tal-libertà ta' l-espressjoni; jenfasizza li l-libertà tal-midja se tkun ta' importanza ewlenija sabiex l-elezzjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala ħielsa u ġusti; jenfasizza l-importanza ta' NGOs indipendenti minn gvernijiet nazzjonali għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili;

12. Jiddispijaċih, f'dan ir-rigward, minħabba d-dewmien ta' l-awtoritajiet Russi biex joħorġu stedina lill-OSCE biex tosserva l-elezzjoni, ħaġa li se żżomm lura milli ssir missjoni fuq medda twila ta' żmien, u minħabba li ppermettew biss għadd ristrett ta' osservaturi ta' l-OSCE biex jissorveljaw l-elezzjonijiet parlamentari; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-għadd limitat ta' osservaturi jdgħajjef b'mod qawwi l-kwalità tal-ħidma li trid titwettaq u l-kredibilità ġenerali tal-missjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex malajr kemm jista' jkun jagħtu l-visas meħtieġa lill-osservaturi internazzjonali;

13. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu għall-isforzi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa biex tirrestrinġi l-attivitajiet ta' l-ODHIR billi ressqet proposti lill-OSCE biex iċċekken id-daqs tal-missjonijiet ta' osservazzjoni u billi ċaħdu l-pubblikazzjoni tar-rapporti tagħhom immedjatament wara elezzjoni; jenfasizza l-irwol essenzjali u li ma jstax jinbidel li għandha din l-organizzazzjoni fit-tranżizzjoni minn reġimi totalitarji għal sistemi demokratiċi; jisħaq li proċess elettorali ħieles u ġust huwa fil-qalba ta' demokrazija operattiva, ġenwina u żviluppata għal kollox u li l-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' l-OSCE jistgħu jagħtu kontribut deċiżiv f'din id-direzzjoni;

14. Itenni, iktar u iktar, l-importanza li tiġi stabbilita Żona Ekonomika Komuni (CES) fuq imsemmija u li jiġu żviluppata iktar l-oġettivi miftiehma fuq il-pjan direzzjonali CES, speċjalment fir-rigward tal-ħolqien ta' suq miftuħ bejn l-UE u r-Russja;

15. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm titjib fil-klima għall-investment Ewropew fir-Russja, liema titjib jista' jseħħ biss billi jiġu promossi u ffaċilitati kundizzjonijiet ta' negozju mhux diskriminatorji u trasparenti, inqas burokrazija u investment miż-żewġ naħat; hu mħasseb dwar in-nuqqas ta' prevedibilità fl-applikazzjoni tar-regoli mill-awtoritajiet;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon id-djalogu intensifikat UE-Russja dwar kwistjonijiet ta' l-enerġija; jenfasizza l-importanza ta' importazzjonijiet ta' l-enerġija għall-ekonomiji Ewropej, li fil-fatt jirrappreżentaw opportunità potenzjali għal iktar koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza li l-prinċipji ta' interdipendenza u trasparenza għandhom ikunu l-bażi ta' tali koperazzjoni, flimkien ma' aċċess ugwali għal swieq, infrastruttura u investment; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, li, skond l-Artikolu 45 tiegħu, jorbot lir-Russja anki qabel ma jiġi ratifikat mid-Duma ta' l-Istat Russu, il-Protokoll ta' Tranżitu anness miegħu u l-konklużjonijiet tal-G8 ikunu inklużi f'PCA ġdida bejn l-UE u r-Russja, inkluża koperazzjoni ulterjuri dwar l-użu ta' l-enerġija, fl-iffrankar ta' l-enerġija u fl-enerġija li tiġġedded; jirrimarka li dawn il-prinċipji għandhom ikunu applikati għal proġetti ewlenin ta' infrastruttura ta' l-enerġija, bħal-linja ta' pajpijiet tal-gass fiż-żona tal-Baltiku; jistieden lill-UE biex tikkomunika mar-Russja b'vuċi waħda dwar dawn il-kwistjonijiet sensitivi ta' l-enerġija;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

17. Jistieden lill-Federazzjoni Russa sabiex tinvesti bil-kbir f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika, minħabba l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-problema tal-bidla fil-klima u l-benefiċċji soċjali li jġib miegħu investiment bħal dan; f'dan ir-rigward, ifakkar li l-mekkaniżmu ta' flessibilità previst fil-Protokoll ta' Kyoto jista' jġib lejha investimenti sabiex jimmodernizzaw is-settur Russu ta' l-enerġija u tal-prodotti enerġetiċi maħsuba għall-użu aħħari;
18. Jilqa' t-tisħiħ tal-koperazzjoni UE-Russja fil-qasam ta' l-ispazju fil-qafas tad-Djalogu dwar l-Ispazju fi Tliet Partijiet li ġie stabbilit f'Marzu 2006 bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u r-Roscosmos, li jinkludi l-applikazzjonijiet spazjali (navigazzjoni bis-satellita, osservazzjoni tad-dinja, u komunikazzjonijiet bis-satellita), l-aċċess għall-ispazju (launchers u sistemi ta' trasport spazjali futuri), ix-xjenza spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija spazjali; jinnotta li fi ħdan is-CES, il-koperazzjoni fl-ispazju ġiet identifikata bħala settur ta' prijorità;
19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar li sar fil-Laqgħa Għolja ta' Mafra ta' ftehma dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar, li żiedet il-kwoti għal prodotti ċatti u twal ta' l-azzar (flat steel and long steel products) sabiex jitqies it-tkabbir ta' l-UE li jinkludi l-Bulgarija u r-Rumanija u biex ikopri konsenji lil ċentri ta' servizzi ta' l-azzar fl-Istati Membri ta' l-UE;
20. Jistieden liż-żewġ partijiet sabiex isibu soluzzjoni għall-problema tad-dazju fuq l-esportazzjoni ta' l-injam skond ir-regoli tad-WTO;
21. Jilqa' l-progress li sar f'termini ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bbażati fuq il-prinċipju tal-finanzjament konġunt u ta' l-istatus ugwali fl-għażla tal-proġetti ta' prijorità; jilqa' b'mod partikulari t-tħabbira magħmula min-naħa Russa fis-Samit ta' Mafra li tgħid li lesta talloka l-fondi meħtieġa għal dawn il-programmi, billi tibda bl-ewwel somma ta' EUR 122 000 000;
22. Jenfasizza li kjuwijiet ta' 50 km ta' trakkijiet tul in-naħa tal-fruntiera ta' l-UE m'humiex aċċettabbli u għalhekk jistieden lir-Russja biex tissimplifika l-proċeduri tagħha fil-fruntieri u biex timplimenta l-miżuri li qabliet dwarhom ma' l-UE biex jitnaqqsu dawn il-konġestjonijiet;
23. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirdupjaw l-isforzi tagħhom biex isolvu l-problemi fil-qsim tal-fruntieri bejn l-UE u r-Russja, biex jinvolvu ruħhom fi proġetti konkreti u biex jagħmlu użu sħiħ mill-Istrument tal-Viċinat u tas-Sħubija l-ġdid u l-fondi INTERREG għall-koperazzjoni transkonfinali;
24. Jiddispaċiħ mill-fatt li r-Russja ma onortax l-impenn tagħha biex tnaqqas bil-mod il-mod il-ħlasijiet ta' l-'overflights' Siberjani, jistieden lir-Russja biex tiffirma l-ftehma li ntlaħqet fuq din il-kwistjoni fl-aħħar Samit u jenfasizza li mossja pożittiva mir-Russja tippermetti lill-UE biex tmexxi 'l quddiem is-Samit ta' l-Avjazzjoni li hu ppjanat li jsir f'Moska fir-rebbiegħa ta' l-2008 biex jiġi identifikat il-potenzjal enormi għal koperazzjoni f'dan is-settur prinċipali;
25. Jappella lill-Gvernijiet tar-Russja u ta' l-Istati Uniti biex jintensifikaw id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' difiża u sigurtà li jinvolvu b'mod dirett jew indirett lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Gvernijiet taż-żewġ stati biex jinvolvu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha b'mod sħiħ f'dawn id-diskussjonijiet u biex ma jieħdu l-ebda pass jew deċizzjoni li jista' jitqies bħala theddida għall-paċi u l-istabilità fil-kontinent Ewropew;
26. Iħeġġeġ lir-Russja biex terġa' tqis il-pjanijiet biex ma tibqax konformi mat-Trattat CFE u biex tagħżel it-triq tan-negozjati sabiex tħares l-interessi leġittimi tagħha u tevita li jiddgħajef it-Trattat CFE, billi dan jista' jwassal għal tigrja ġdida għall-armi u għal linji ġodda ta' konfrontazzjoni;
27. Jistieden lill-Gvern Russu biex jagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi tal-Grupp ta' Kuntatt għall-Kosovo u ta' l-UE biex tinstab soluzzjoni politika sostenibbli għall-istatus futur tal-Kosovo li tista' tiġi aċċet-tata mill-partijiet involuti fil-konflitt;
28. Jistieden lill-UE u lir-Russja, bħala membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni għall-kwistjoni nukleari Iranjana;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

29. Jilqa' t-tqegħid fis-seħħ ta' l-ewwel Kunsill tas-Sħubija Permanenti dwar il-Kultura; jenfasizza l-importanza tal-kuntatti bejn in-nies; jinnota li l-ftehma riċenti dwar faċilitazzjoni għall-ksib ta' viża bejn l-UE u r-Russja ikkontribwiet sa ċertu punt biex jingħelbu d-diffikultajiet eżistenti f'dan il-qasam, imma jenfasizza li teżisti l-hteġa għal faċilitazzjoni aktar ambizzjuża tal-viża li tkopri wkoll lil vjaġġaturi ordinarji bona fide li ma jiffurmaw parti minn ebda kategorija stabbilita minn qabel, u għal-liberalizzazzjoni fuq medda twila ta' żmien;
30. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi biex ikun hemm vjaġġar mingħajr viża bejn l-UE u r-Russja; jitlob li jkun hemm iktar koperazzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali, kontrolli mtejba ta' dokumenti ta' l-identità u skambju aħjar ta' informazzjoni dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; jenfasizza li l-Kunsill u l-Kummissjoni jridu jiżguraw li r-Russja tkun konformi mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fi kwalunkwe ftehma nnegożjata dwar l-eliminazzjoni tal-viżi bejn iż-żewġ naħat, sabiex ikun evitat kwalunkwe ksur tas-sigurtà u tad-demokrazija fl-Ewropa;
31. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontinwa kontra l-korruzzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fil-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni, tal-Kunsill ta' l-Ewropa, iżda jenfasizza li l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kodiċi ta' kondotta mhumiex biżżejjed jekk ma jiġux segwiti minn implimentazzjoni effettiva;
32. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar ta' memorandum ta' ftehim bejn is-Servizz Federali Russu għall-Kontroll tad-Drogi u ċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga li jitlob it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja fl-oqsma kollha tal-ġlieda kontra d-drogi, mill-ghajnunna medika għad-drogati sal-ħidma għal miżuri preventivi mal-midja u l-organizzazzjonijiet pubbliċi;
33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lil dak tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa.

P6_TA(2007)0529

Rapport dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet matul is-sena 2006**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet matul is-sena 2006 (2007/2132(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 194 tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 45 u 192(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet (A6-0392/2007),
- A. billi d-dritt ta' petizzjoni hu dritt fundamentali marbut maċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod li ma jistax jinħall.
- B. billi d-dritt ta' petizzjoni ġie mħaddan fit-Trattat KE sa mill-1992 u huwa kkonfermat fl-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 191 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- C. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma kollha marbuta bid-dispożizzjonijiet fit-Trattati dwar id-dritt ta' petizzjoni u qablu li jggarantixxu s-segwitu interistituzzjonali għall-petizzjonijiet,
- D. billi l-eżerċitar ta' dan id-dritt jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-isforzi ta' l-Unjoni Ewropea biex jerġa' jkun hemm kollegament maċ-ċittadini tagħha u toffri għarfien rigward l-aspettattivi tal-pubbliku Ewropew,
- E. billi l-petizzjonijiet huma mezz li bih iċ-ċittadini jistgħu jagħmlu l-kontribut tagħhom għall-monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali,
- F. billi l-petizzjonijiet jirrappreżentaw għodda biex ikun evalwat l-impatt tal-liġijiet u l-politiki Ewropej fuq individwi u biex twissi lill-Parlament Ewropew rigward l-ambiguitajiet u l-applikazzjonijiet ħżiena ta' dawn il-liġijiet u l-politiki b'impatt dirett fuq l-għanijiet proprji tagħhom,
- G. billi l-għadd ta' petizzjonijiet iddikjarati bħala inammissibbli baqa' kostanti fl-2006, flivell ta' kważi terz ta' l-ammont totali, li jirrifletti b'żonn kontinwu li jiġi żgurat li iċ-ċittadini ta' l-UE jkunu infurmati sew dwar il-kompetenzi ta' l-Unjoni Ewropea u dawk ta' l-istituzzjonijiet tagħha,
- H. billi jrid ikun indikat li, naturalment, mhux il-petizzjonijiet ammissibbli kollha li jkunu waslu u jkunu ġew investigati jagħtu sodisfazzjon liċ-ċittadini ta' l-UE iżda li proporzjon raġonevoli ta' petizzjonijiet fil-fatt iwasslu għas-soluzzjoni ta' problema partikulari, jew jenfasizzaw tħassib partikulari li iktar tard jista' jservi lill-Parlament meta jinnegozja leġislazzjoni Komunitarja ġdida,
- I. billi l-eżami tal-petizzjonijiet baqa' juri nuqqasijiet persistenti fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri, u billi jidher li hemm problemi strutturali relatati ma' l-implimentazzjoni ta' ċerti normi ambjentali, partikolarment, l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora⁽¹⁾ salvaġġi (id-Direttiva dwar il-Habitats) u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti li ċerti proġetti pubbliċi u privati għandhom fuq l-ambjent⁽²⁾, kif emendat mid-Direttiva 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997⁽³⁾,
- J. billi s-segwitu għal petizzjonijiet kontra ċerti proġetti infrastrutturali ewlenin urew il-bżonn għal konsistenza akbar fil-monitoraġġ tal-Kummissjoni għall-konformità ta' l-Istati Membri mad-Direttiva dwar il-Habitats, b'mod partikulari f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' l-Artikolu 6(4) ta' din id-Direttiva u biex żoni protetti jkunu salvagwardjati meta jeżistu alternattivi għal proġetti li, skond l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, x'aktarx se jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-integrità ta' sit protett mid-Direttiva dwar il-Habitats jew mid-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar salvaġġi⁽⁴⁾,
- K. billi, f'każijiet oħra, il-passi meħuda mill-Kummissjoni fit-twettiq tad-doveri tagħha skond l-Artikolu 211 tat-Trattat KE bħala "gwardjana tat-Trattati" — bħad-deċizzjoni f'waqtha li tiftaħ proċedimenti kontra Spanja għall-ksur tar-regoli tal-liġi Komunitarja dwar ix-xiri pubbliku u l-azzjoni pronta meħuda biex tiġi evitata ħsara irriversibbli għall-ambjent fil-Polonja — kienu ta' min ifaħħarhom,
- L. billi l-koperazzjoni bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni Ewropea tibqa' kruċjali biex il-petizzjonijiet ikunu ttrattati b'mod effettiv u biex min ressaq il-petizzjoni jingħata l-aħjar rimedju għall-problemi tiegħu,
- M. billi rimedju immedjat f'każijiet ta' applikazzjoni ħażina tal-leġislazzjoni tal-Komunità hija importanti ħafna u billi għandha titqies l-ispeċifità ta' kull każ meta jiġu rakkomandati soluzzjonijiet,

⁽¹⁾ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.

⁽³⁾ ĠU L 73, 14.3.1997, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

- N. billi, skond l-Artikolu 230 tat-Trattat KE, il-Parlament għandu d-dritt li jressaq azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-Kunsill u l-Kummissjoni, u billi skond l-Artikolu 201 tat-Trattat KE, il-Parlament għandu s-setgħa li jeżerċita kontroll fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni u b'hekk għandu disponibbli l-istrumenti legali u politiċi meħtieġa biex jirreagi xi b'mod iktar effettiv għat-tħassib leġittimu taċ-ċittadini,
- O. billi l-Parlament, madankollu, dejjem ippromwova koperazzjoni leali, partikolarment mal-Kummissjoni bħala l-gwardjana tat-Trattati, bħala mezz effettiv biex ikun hemm rimedju għall-problemi li wasslu liċ-ċittadini biex ifittxu l-għajnuna tiegħu,
- P. billi l-Parlament baqa' jirċievi petizzjonijiet li jallegaw ksur persistenti mill-Istati Membri tad-drittijiet umani u fundamentali ta' min ressaq il-petizzjonijiet, billi skond l-Artikolu 6(1) tat-Trattat ta' l-UE l-Unjoni hi mibnija fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt, u billi l-Artikolu 7(1) tat-Trattat UE jagħti lill-Parlament id-dritt li jibda proċedura biex jiddetermina jekk ikunx hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6(1),
- Q. billi l-Parlament jirrikonoxxi s-sensittività ta' ċerti każijiet u hu determinat li jieħu l-passi neċessarji kollha biex ikunu protetti d-drittijiet ta' min iressaq l-petizzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta personali tagħhom mingħajr ma tkun mhedda t-trasparenza tal-proċess stess tal-petizzjonijiet,
1. Jenfasizza l-importanza tal-proċess tal-petizzjonijiet li jiżgura li t-tħassib individwali taċ-ċittadini Ewropej dwar ir-rispett għad-drittijiet tagħhom skond it-Trattat u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità jirċievi risposti u soluzzjonijiet xierqa;
 2. Jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-ħidma tal-Parlament Ewropew bil-għan li jkun ta' kollegament mill-ġdid maċ-ċittadini ta' l-UE u jsaħħaħ il-leġittimità, it-trasparenza u r-responsabilità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE;
 3. Jemmen li l-petizzjonijiet joffru strument li bih jista' jitkejjel x'jistenna l-pubbliku Ewropew mill-Unjoni Ewropea u kemm jirnexxielha tirrendi l-Unjoni Ewropea;
 4. Ifakkar fl-irwol tal-petizzjonijiet bħala għodda li tippermetti liċ-ċittadini ta' l-UE kemm sabiex iwissu dwar xi vojti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità li minnha wieħed ikun jista' jaħrab mil-liġi u kemm sabiex iwissu lill-istituzzjonijiet Ewropej dwar kwalunkwe ksur jew applikazzjoni ħażina tal-leġiżlazzjoni;
 5. Jenfasizza l-opportunità li l-petizzjonijiet joffru lill-Parlament Ewropew sabiex jevalwa u, jekk meħtieġ, jieħu azzjoni sabiex jegħleb, l-ambigwitatijiet fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Komunità fil-livell Ewropew, nazżjonali, reġjonali u lokali;
 6. Jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni mal-Kummissjoni biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa għall-kwistjonijiet ta' tħassib li ċ-ċittadini Ewropej iressqu għall-attenzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, peress li huma jirriflettu l-impatt dirett tal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-attivitajiet tal-Komunità fuq l-individwi;
 7. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas komuni mill-Istati Membri biex jimplementaw b'mod korrett in-normi ambjentali tal-Komunità u jqis li hemm bżonn ta' konsistenza aħjar fil-monitoraġġ partikolarment tar-rispett tar-regoli tal-liġi Komunitarja dwar il-ħarsien tal-biodiversità u dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' ċerti proġetti u pjanijiet pubbliċi u privati fuq l-ambjent;
 8. Jilqa' b'sodisfazzjon it-23 Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja (COM(2006)0416), li jagħraf l-irwol tal-proċedura tal-petizzjonijiet biex jiġu identifikati l-vjolazzjonijiet;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

9. Jistieden mill-ġdid lill-Kummissjoni biex tinnotifika d-deċiżjonijiet dwar il-ftuħ ta' proċeduri ta' ksur hekk kif tiegħu din id-deċiżjoni, u anki deċiżjonijiet rilevanti mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikulari meta l-Parlament ikun irċieva petizzjonijiet rigward il-kwistjoni kkonċernata, u josserva li l-Kummissjoni ma ħaditx passi dwar sejħiet ripetuti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'dan il-qasam;

10. Jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jinnotifika, bil-miktub u fi żmien qasir, id-deċiżjonijiet tiegħu relatati ma' petizzjonijiet li hu jitratta fil-laqgħat tiegħu, sabiex jiġu evitati nuqqas ta' ftehim u interpretazzjonijiet ħżiena mill-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa u minn min iressaq il-petizzjoni;

11. Itenni l-importanza tal-kordinazzjoni fit-trattament ta' kwistjonijiet li huma suġġetti kemm għal petizzjoni lill-Parlament kif ukoll għal ilment lill-Kummissjoni, ladarba d-dritt li wieħed jippreżenta petizzjoni huwa dritt fundamentali, issalvagwardjat mit-Trattat, li l-Parlament jipprovi qafas trasparenti għal dibattiti, li huwa prerekwiżit għal responsabilizzazzjoni pubblika msaħħa, u li f'dan il-kuntest il-prijorità trid tingħata lill-proċess tal-petizzjonijiet;

12. Jerġa' jfisser it-tħassib tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-ammont mhux ġustifikat u eċċessiv ta' żmien — li spiss ikun ta' diversi snin — sabiex il-Kummissjoni tmexxi u tikkonkludi proċeduri ta' ksur u d-diżappunt tiegħu għall-eżempji frekwenti ta' nuqqas ta' konformità min-naħa ta' l-Istati Membri mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja; iqis li dan l-aġir idgħajef il-kredibilità tat-tfassil u l-applikazzjoni koerenti tal-liġi tal-Komunità u li jservi sabiex jiskredita l-għanijiet ta' l-UE;

13. Jerġa' jafferma l-ħtieġa li l-Kummissjoni taġhmel użu mill-possibilità li ttejjera lill-Istati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond l-Artikolu 228 tat-Trattat KE, sabiex multi fil-forma ta' somom f'daqqa u ħlasijiet ta' penali jkunu jistgħu jiġu imposti kull darba li Stati Membri jdumu ma jimplimentaw is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċeduri ta' ksur;

14. Huwa ta' l-opinjoni li, sabiex tkun żgurata l-kredibilità tal-liġi Komunitarja u jkun hemm kundizzjonijiet ugwali fis-suq intern, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni soda kontra l-ksur tal-liġi Komunitarja, mill-anqas f'każijiet ta' importanza nazzjonali li jgħolqu preċedent fil-każistika nazzjonali, u li tali azzjoni tista' tnaqqas b'mod sinifikanti kwalunkwe bżonn sussegwenti ta' ċittadini li jressqu l-ilmenti taġħhom quddiem il-Kummissjoni u jagħmlu petizzjonijiet fil-Parlament dwar kwistjonijiet analogi;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon id-djalogu kostanti bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet appoġġja r-Rapporti Speċjali dwar l-Iskejjeż Ewropej u dwar it-trasparenza tal-laqgħat tal-Kunsill, u laqa' b'sodisfazzjon is-soluzzjoni b'suċċess dwar il-mod kif il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-ilmenti li jallegaw xi vjolazzjoni, u appoġġja t-talba ta' l-Ombudsman għal żieda fil-baġit tiegħu;

16. Jinnota li, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza ta' l-4 ta' Ottubru 2006 fil-każ T-193/04 *Tillack vs Kummissjoni* ⁽¹⁾ li ddeċidiet li ma kienx hemm l-ebda ksur tal-liġi fir-rigward ta' l-azzjoni meħuda mill-OLAF, il-proċedimenti tal-Parlament dwar ir-Rapport Speċjali, li għadu pendenti, ta' l-Ombudsman li jagħmel referenza għall-ilment 2485/2004/GG, jeħtieġ li jingħalqu;

17. Jikkonferma l-ħtieġa għal aktar involviment min-naħa tal-Kunsill, bħala Istituzzjoni, fl-attivitatiet tal-Kumitat, u jinkuraġġixxi l-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat tal-kumitat fil-livell xieraq, kif imsemmi fil-Ftehma Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽²⁾, adottata fis-16 ta' Diċembru 2003 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni;

18. Itenni l-proposta li l-Kunsill jaħtar uffiċjal għoli biex jikkordina l-kwistjonijiet marbuta mal-petizzjonijiet, peress li ħafna petizzjonijiet jinvolvu kwistjonijiet politiċi sensitivi li jikkonċernaw it-traspożizzjoni mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni Komunitarja;

⁽¹⁾ [2006] ECR II-3995.

⁽²⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

19. Għal darb'oħra jenfasizza l-irwol importanti ta' l-Istati Membri li jimplementaw b'mod korrett il-leġiżlazzjoni Komunitarja, u jenfasizza li l-applikazzjoni prattika tagħha hija deċiżiva għall-għanijiet taż-żieda tar-relevanza ta' l-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini tagħha; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar parteċipazzjoni mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u tal-parlamenti tagħhom fid-dibattiti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;
20. Ifakkar li t-Trattat dwar l-UE jagħti lill-Parlament is-setgħa li jagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-UE, li jista' jwassal għall-ħatra ta' persuni indipendenti biex jirrapportaw dwar ir-riskju ta' ksur serju min-naħa ta' Stat Membru tal-prinċipji li fuqhom hija mwaqqfha l-Unjoni Ewropea, inkuż b'mod partikulari l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;
21. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attività tal-Kumitat Temporanju ta' Inkjesta fil-Kriżi ta' l-'Equitable Life Assurance Society' u tal-kontribut magħmul mill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u s-segretarjat tiegħu li ħadu sehem dirett fil-ħidma tiegħu; iqis li d-deċiżjoni li jitwaqqaf dan il-kumitat bħala segwitu għall-petizzjonijiet li waslu żiedet l-isforzi sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi Komunitarja fl-Istati Membri kollha;
22. Jinkuraġġixxi l-prattika li jintbagħtu missjonijiet ta' tiftix ta' fatti skond l-Artikolu 192 tar-Regoli ta' Proċedura lil diversi Stati Membri ta' l-UE sabiex jinvestigaw kwistjonijiet imqajma minn min iressaq il-petizzjoni bħala mezz kif ikunu ffaċilitati soluzzjonijiet effettivi u pragmatiċi, fl-interess taċ-ċittadini;
23. Jenfasizza l-importanza ta' dawn il-missjonijiet fl-isforzi sabiex titjeb il-komunikazzjoni maċ-ċittadini u sabiex iqajmu kuxjenza fl-Istati Membri dwar l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew, b'mod ġenerali, u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, b'mod partikolari;
24. Jenfasizza li fehim aħjar tal-funzjoni tal-petizzjonijiet bħala għodda li tippermetti liċ-ċittadini li jfittxu rimedju hija marbuta mill-qrib mal-kwalità ta' l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġenerali fl-Ewropa dwar il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-oġettivi tal-Komunità;
25. Jinnota li, matul it-tieni sena mit-tkabbir ta' l-UE għal 25 Stat Membru, in-numru ta' petizzjonijiet li rċieva l-Parlament baqa' relattivament kostanti; josserva, madankollu, li l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija f'Jannar 2007 x'aktarx se twassal għal għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet miċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi;
26. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim fi ħdan il-kumitat li wassal għal żieda fil-membri tiegħu għal 40 membru sħiħ, u jqis li dan x'aktarx jiżgura li ċ-ċittadini Ewropej u n-nies li qed jgħixu fit-territorju ta' l-UE jiksbu saħansitra fehim aħjar tal-każ tagħhom fil-kumitat, u b'hekk jippermetti lill-Parlament biex jirrispondi aħjar għall-aspettattivi ta' min iressaq il-petizzjoni;
27. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħa is-segretarjat tal-kumitat sabiex tiġi koperta l-ħtieġa għal kompetenza lingwistika, legali u politika, biex iż-żmien għal risposta jiqsar u l-investigazzjonijiet isiru aktar effettivi u biex is-servizz li huwa jipprovdni jkun disponibbli b'mod indaq għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE;
28. Itenni l-ħtieġa li jinstabu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-sistema tas-softwer għall-petizzjoni elettronika (E-petition software system), li tiffunzjona kemm bħala bażi ta' dejta kif ukoll bħala għodda ta' mmaniġġjar li tipprovdni informazzjoni dwar il-fluss tal-petizzjonijiet, b'hekk issaħħa it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-attività tal-Kumitat;
29. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex iwettaq reviżjoni urġenti tal-"portal taċ-Ċittadini" fil-websajt tal-Parlament Ewropew bil-għan li tiżied il-viżibilità tal-portal relatat maċ-dritt tal-petizzjonijiet, u li titjeb il-preżentazzjoni tiegħu sabiex ikunu żgurati l-komparabilità u l-kompatibilità tiegħu mal-websajt ta' l-Ombudsman Ewropew li, b'kuntrast mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, hu kkonċernat speċifikament ma' l-ilmenti taċ-ċittadini rigward allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina fi ħdan l-istituzzjonijiet jew fl-entitajiet ta' l-UE;

L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2007

30. Ifakkar li l-Parlament ilu mill-1998 jitlob għal revizzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tisħiħ tad-dritt għall-petizzjoni ⁽¹⁾; itenni t-talbiet urġenti tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iwettqu din ir-reviżjoni bil-għan li jstabilixxu mezz aktar effettiv ta' rimedju u sabiex jiddefinixxu qafas ċar u koerenti għall-koperazzjoni essenzjali bejn l-Istituzzjonijiet fil-qasam ikkonċernat;

31. Jilqa b'sodisfazzjon id-deċizzjoni li ssir revizzjoni tar-regoli attwali li jirregolaw il-proċedura tal-petizzjonijiet sabiex ikun hemm kjarifika fir-rigward ta' l-evalwazzjoni ta' l-ammissibilità tal-petizzjonijiet u sabiex jissaħħu l-proċeduri relatati mal-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità mingħajr ma tidghajef it-trasparenza essenzjali tal-proċess tal-petizzjonijiet innifsu;

32. Jenfasizza l-importanza li jitħarsu d-drittijiet ta' min iressaq il-petizzjoni, bħala element fundamentali tal-proċess tal-petizzjonijiet, u jilqa' b'sodisfazzjon il-qbil fi ħdan il-kumitat dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-petizzjonijiet pendenti dwar Lloyd's, speċjalment fir-rigward ta' l-għoti ta' appoġġ sħiħ lis-Sinjura X, li isimha ġie ppubblikat kontra x-xewqa tagħha;

33. Jenfasizza l-importanza li jitħares l-ambjent u jilqa' b'sodisfazzjon l-interess intensiv tal-Kumitat fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent li hu jitratta fil-laqgħat tiegħu;

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-kumitati għall-petizzjonijiet tagħhom u lill-ombudsmen tagħhom jew lil entitajiet simili kompetenti.

⁽¹⁾ ĠU C 120, 16.5.1989, p. 90.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

MINUTI

(2008/C 282 E/04)

PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESEDIET: Luisa MORGANTINI

Viċi-President

1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 10.00.

2. Rispons ta' l-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità: l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabbiltà u l-paċi (dibattitu)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Rispons ta' l-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità: l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabbiltà u l-paċi

Vladimír Špidla (Membru tal-Kummissjoni) għamel dikjarazzjoni.

Tkellmu: Nirj Deva fisem il-Grupp PPE-DE, Alain Hutchinson fisem il-Grupp PSE, Ryszard Czarnecki fisem il-Grupp UEN, Raül Romeva i Rueda fisem il-Grupp Verts/ALE, Pedro Guerreiro fisem il-Grupp GUE/NGL, Ana Maria Gomes fisem il-Grupp PSE, u Vladimír Špidla.

Mozzjoni għal riżoluzzjoni biex jingħalaq id-dibattitu skond l-Artikolu 103(2):

— Maria Martens u Nirj Deva fisem il-Grupp PPE-DE, Alain Hutchinson, Glenys Kinnock, Ana Maria Gomes u Thijs Berman fisem il-Grupp PSE, Thierry Cornillet fisem il-Grupp ALDE, Ryszard Czarnecki u Ewa Tomaszewska fisem il-Grupp UEN, Raül Romeva i Rueda fisem il-Grupp Verts/ALE, EU response to situations of fragility in developing countries (B6-0476/2007)

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 5.12 tal-Minuti ta' 15.11.2007.*

3. Rendikont tar-realtà soċjali (dibattitu)

Rapport dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali fl-2007 [2007/2104(INI)] — Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

Rapporteur: Elizabeth Lynne (A6-0400/2007)

Elizabeth Lynne ippreżentat ir-rapport.

Tkellem Vladimír Špidla (Membru tal-Kummissjoni).

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

Tkellmu: Miroslav Mikolášik (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat ENVI), Ilda Figueiredo (rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat FEMM), Edit Bauer fisem il-Grupp PPE-DE, Richard Falbr fisem il-Grupp PSE, Ona Juknevičienė fisem il-Grupp ALDE, Sepp Kustatscher fisem il-Grupp Verts/ALE, Eva-Britt Svensson fisem il-Grupp GUE/NGL, Kathy Sinnott fisem il-Grupp IND/DEM, Frank Vanhecke Membru mhux affiljat, u Gabriele Stauner.

IPPRESIEDA: Miguel Angel MARTÍNEZ MARTÍNEZ

Viċi-President

Tkellmu: Jan Andersson, Siiri Oviir, Ewa Tomaszewska, Carlo Fatuzzo, Karin Jöns, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Alejandro Cercas, Agnes Schierhuber, Proinsias De Rossa, Tomáš Zatloukal, Richard Howitt u Vladimír Špidla.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: punt 5.13 tal-Minuti ta' 15.11.2007.

(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta sa ma sar il-ħin għall-votazzjonijiet: 11.35 Ħin li fih tkomplet is-seduta: 12.00)

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

President

Tkellem José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra li esprima s-solidarjetà taċ-ċittadini ta' l-UE mal-vittmi ta' l-Uragan Noel (il-President ingħaqad ma' din it-turija ta' solidarjetà u li din ser tiġi trażmessa lill-Kummissjoni).

4. Avviż tal-pożizzjonijiet komuni tal-Kunsill

Il-President ħabbar, skond l-Artikolu 57 (1), li kien irċieva mingħand il-Kunsill il-pożizzjoni komuni li ġejja, flimkien mar-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill biex jadottaha, kif ukoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar:

- Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2007 bi ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (13593/6/2007 — C6-0410/2007 — 2006/0196(COD))
irreferut responsabbli: TRAN

Il-perjodu ta' tliet xhur għad-dispożizzjoni tal-Parlament sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu kellu jibda għalhekk mill-għada, 16.11.2007.

5. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati ddettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, votazzjonijiet separati u votazzjonijiet maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness 'Riżultati tal-Votazzjonijiet', meħmuż mal-Minuti.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

5.1. Regolamenti li jirregolaw partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar l-iffinanzjar tagħhom *I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli għall-finanzjament tagħhom [COM(2007)0364 — C6-0202/2007 — 2007/0130(COD)] — Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali.

Rapporteur: Jo Leinen (A6-0412/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

Jo Leinen (rapporteur) ippropona, fuq bażi ta' l-Artikolu 170(4), tar-Regoli ta' Proċedura, li l-votazzjoni ssir fis-sessjoni li jmiss.

Il-Parlament approva l-proposta.

5.2. L-istatistika ta' kwart is-sena dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità *I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kwart is-sena dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità [COM(2007)0076 — C6-0090/2007 — 2007/0033(COD)] — Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

Rapporteur: Alexandru Athanasiu (A6-0335/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi (P6_TA(2007)0530)

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata (P6_TA(2007)0530)

5.3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, f' Malta, fil-Polonja, fis-Slovenja u fis-Slovakkja * (votazzjoni)

Artikolu 12, paragrafu 1, subparagrafu 1 a (ġdid)

In-numru ta' bastimenti li jidher fuq il-lista għandu jikkorrispondi mal-kundizzjonijiet u l-kalkolu ta' l-isforz tas-sajd previsti mill-pjan ta' sajd imsemmi fl-Artikolu 3a.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 8

Artikolu 13, paragrafu 1, subparagrafu 1 a (ġdid)

In-numru ta' nases li jidher fuq il-lista għandu jikkorrispondi mal-kundizzjonijiet u l-kalkolu ta' l-isforz tas-sajd previsti mill-pjan ta' sajd imsemmi fl-Artikolu 3a.

Emenda 9

Artikolu 17, paragrafu 5 a (ġdid) 5a.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd għat-tunnaġġ jieqfu immedjatament f'dawk l-Istati Membri li ma jirrispettawx id-data ta' skadenza għar-rappurtaġġ stabbilita fil-paragrafu 5.

Emenda 10

Artikolu 21, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Fuq il-bażi tad-data dwar il-qabdiet ta' ħut ipprovduta min-nases u sabiex ikollha għajn importanti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ta' l-istokkijiet t-tunnaġġ, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat ta' l-ICCAT, għandha tħejji pjan biex in-nases ta' l-Atlantiku jiġu rijabilitati u biex dawk in-nases li m'għadhomx attivi aktar fil-Mediterran jiġu stabbiliti mill-ġdid.

Emenda 11

Artikolu 24, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw fl-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar miżuri ta' infurzar fir-rigward tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li dwarhom ikun ġie kkonfermat li ma kinux qed jirrispettaw l-obbligi li joħorġu minn dan ir-Regolament.

P6_TA(2007)0533

Suċċess fl-epoka tal-globalizzazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-Interess Ewropew: suċċess fl-epoka tal-globalizzazzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar is-sitwazzjoni ta' l-ekonomija Ewropea: Rapport preparatorju dwar il-linji gwida wesgħin għall-politika ekonomika għall-2007⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "l-Interess Ewropew: Suċċess fl-epoka tal-globalizzazzjoni" (COM(2007)0581),

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0051.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu “Wasal iż-żmien li ningranaw: is-sħubija l-ġdida għat-tkabbir u għall-impjiegi” (COM(2006)0030),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' l-4 ta' Ottubru 2004, tat-12 ta' Lulju 2005, tat-18 ta' Lulju 2006 u ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar linji gwida għall-politika ta' l-impjiegi ta' l-Istati Membri,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, li stabbilixxa l-approċċ ta' l-UE għall-enerġija u l-bidla fil-klima,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika ta' l-Impjiegi ta' l-Istati Membri ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ adottat mill-Kunsill Ewropew fit-22 u l-23 ta' Marzu 2005,
 - wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi adottat mill-Kunsill Ewropew fit-23 u l-24 ta' Marzu 2006,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu “L-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-2010: is-suċċess ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jiddependi minn riformi urġenti” (COM(2003)0685),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet fl-Unjoni Ewropea mkabbra: il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew 2006-2007 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali f'Guimarães dwar “12-il punt ewlieni biex niffaċċjaw l-isfidi li ġejjin” fil-5 u s-6 ta' Lulju 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi jekk il-linji politiċi pubbliċi jwasslux għal tkabbir jew le jiddependi mis-sorsi ta' tkabbir u mill-impedimenti għat-tkabbir li jeżistu fl-ekonomija kif ukoll mill-ammont kbir ta' restrizzjonijiet u ta' opportunitajiet li s-sitwazzjoni ekonomika globali tippreżenta,
- B. billi l-perijodu attwali ta' instabilità finanzjarja qed johlq inċertezza u jista' jkompli jnaqqas it-tkabbir ekonomiku u billi r-reviżjoni żgħira, mill-Kummissjoni, tat-tbassir tal-ħarifa, tista' wkoll iġġib bidla deċiżiva fiċ-ċiklu ekonomiku sakemm it-trasparenza fis-swieq u reazzjonijiet xierqa minn daww responsabbli mill-politika ma jerġgħux jiksbu l-fiduċja tal-konsumaturi,
- C. billi l-UE mkabbra hija taħlita unika ta' ekonomiji avvanzati u ekonomiji konverġenti bi prezz baxx, li tippermetti li jitnaqqsu l-ispejjeż, jintużaw ekonomiji ta' l-iskala interni u esterni u li jkun hemm reżistenza għal pressjonijiet deflazjonarji u inflazzjonarji minn ekonomiji li qed jiżviluppaw,
- D. billi s-suq wieħed ta' l-UE għandu profil u attrazzjoni dejjem akbar li qed iħeġġu l-immigrazzjoni ekonomika u appoġġ politiku u finanzjarju biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi madwar id-dinja kollha u dħul ta' fondi minn investituri privati u minn fondi ta' investment sovrani,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0048.

⁽²⁾ ĠU C 316 E, 22.12.2006, p. 370.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- E. billi l-prestazzjoni ta' l-UE fl-esportazzjoni kemm lejn ekonomiji żviluppati u kemm lejn ekonomiji ġodda hija ħafna drabi affettwata b'mod negattiv minn nuqqas ta' reċiproċità fil-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, minn ostakoli mhux tariffarji u minn Prattiki Inġusti tal-Kummerċ,
- F. billi l-UE mkabbra u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija kif ukoll l-iżvilupp politiku u soċjo-kulturali ta' l-Istati Membri tagħha jirrikjedu riformi u koperazzjoni mtejba fi ħdan is-sistema għall-iskop tat-tehdid ta' deċizzjonijiet politiċi,
- G. billi l-interdipendenza fiż-żona ta' l-euro hija aktar b'saħħitha milli fl-UE kollha, u billi dan għadu mhux qed jissarraf fi proċessi politiċi effettivi u koerenti — partikolarment rigward ir-rabta bejn finanzi pubbliċi fis-sod, inġuq ta' kwalita għolja u investment fi strateġiji ta' tkabbir tal-produttività,
- H. billi, meta jtfasslu l-linji gwida ġenerali ta' l-UE dwar il-politika ekonomika, daww responsabbli mill-politika jridu jiddikjaraw b'mod ċar u jindirizzaw l-isfidi komuni li l-ekonomiji ta' l-UE qed jiffaċċjaw u se jiffaċċjaw fis-snin li ġejjin,
- I. billi għarfien min-naħa taċ-ċittadini ta' l-UE u l-appoġġ attiv tagħhom huma prekondizzjonijiet biex il-miżuri tal-politika ekonomika jiġu implimentati b'suċċess,
- J. billi skond l-Istrateġija ta' Liżbona mġedda l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi (EES) teħtieġ aktar viżi-bilita, kapaċita ta' monitoraġġ u impetu parteċipattiv, b'mod partikulari fil-Programmi ta' Riforma Naz-zjonali (NRP) u fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali,
- K. billi hemm interrelazzjoni qawwija bejn it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, il-glida kontra l-faqar u l-inklużjoni soċjali; billi l-faqar tax-xogħol huwa enfazzat dejjem aktar bħala sfida ewlenija kemm fil-politika dwar l-impjiegi kif ukoll fil-politika dwar l-inklużjoni soċjali; billi għalhekk huwa essenzjali li l-Linji Gwida Integrati jilhq u l-objettivi soċjali u ambjentali tagħhom u jqisu s-sinerġiji bejn l-oqsma differenti,
- L. billi l-laqgħa informali hawn fuq msemmija tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali f'Guimarães ikkonkludiet li l-inklużjoni soċjali hija aspekk fundamentali ta' l-istrateġiji għall-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa billi tippovdi l-għodda biex jinħolqu l-opportunitajiet għal kulħadd u peress li għandha effetti pożittivi fuq l-impjiegi, il-ħiliet u l-iżvilupp tal-bniedem,

Dimensjoni Esterna ta' Liżbona

1. Jinnota li l-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija toħloq opportunitajiet ġodda għall-ekonomiji ta' l-UE li se jkollhom rwol aktar importanti fid-deċenni li ġejjin u jakkwistaw benefiċċji addizzjonali billi jisfruttaw l-ekonomiji fil-kobor, il-kapaċita, l-urbanizzazzjoni, in-netwerks u r-reputazzjoni pożittiva;
2. Jenfasizza li l-UE tista' biss tilħaq l-objettivi tagħha ta' Liżbona internament billi tkun attiva u magħ-quda fix-xena dinjija; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni li tiġi żviluppata dimensjoni esterna koerenti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona; iqis li approċċ komprensiv għall-politika esterna li jiffoka fuq il-koperazzjoni regolatorja, il-konverġenza ta' l-istandards u l-ekwivalenza tar-regoli jrid jippromwovi kemm il-kompetizzjoni ġusta kif ukoll il-kummerċ ġust; madankollu, f'dan il-kuntest iwissi biex ma tkunx sottovalutata l-importanza ta' aktar titjib fil-koperazzjoni interna u fil-proċessi ta' riforma;
3. Jenfasizza l-importanza ta' l-UE bħala protagonista globali u bħala waħda mill-benefiċjarji ewlenin ta' l-ekonomija dinjija miftuħa; iqis li, għalhekk, għandha responsabilita konsiderevoli li tittratta kwistjonijiet globali u li toħloq għodda ta' politika ekonomika esterna biex l-impatt estern tas-suq wieħed ta' l-UE jkun immaniġġjat kif xieraq;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

4. Jiġbed l-attenzjoni li mingħajr kordinazzjoni xierqa meta jinħoloq il-qafas superviżorju ta' l-UE u mingħajr infurzar qawwi tar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE, il-vantaġġi tas-suq wieħed u l-ekonomiji fil-kobor li jinkisbu mill-parteċipazzjoni ta' l-UE fsuq dinji bħala entità waħda jistgħu jonqsu;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tiżviluppa l-koperazzjoni regolatorja, il-konverġenza ta' l-istandards u l-ekwivalenza tar-regoli fid-diskussjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi impjiegi diċenti u l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol, tiġġieled kontra d-dumping soċjali, tinkludi kapitlu dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet tagħha dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tirrikjedi r-ratifika u l-infurzar ta' standards ewlenin ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol kif ukoll prinċipji tax-xogħol diċenti, u biex tapplika sistematikament il-valuri u l-prinċipji soċjali meta tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi;

Politika interna

Pont bejn l-Istrateġiji għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali u l-Linji gwida Integrati

6. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li se tingħata aktar attenzjoni lill-inklużjoni attiva u l-opportunitajiet indaqs, li għandha tkun promossa l-ġlieda għal ħarsien soċjali xieraq u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-faqar u li madwar l-Ewropa kollha jinħtieġu mezzi aktar effettivi biex ikunu garantiti d-drittijiet eżistenti taċ-ċittadini ta' aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa u forom oħra ta' ħarsien soċjali;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati u mtejbja l-integrazzjoni u l-viżibiltà tad-dimensjoni soċjali fiċ-ċiklu li jmiss ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, u, b'mod partikulari, fil-Linji gwida Integrati; iqis li hemm ħtieġa urġenti li jingħelbu d-djufijiet li jinħassu li hemm fil-Linji Gwida għall-Impjiegi, li ma jagħtux biżżejjed importanza lil ċerti objettivi soċjali bażiċi, bħal dawk bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' ħaddiema fqar u li jiżded l-aċċess għall-impjiegi ta' kwalità għolja, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u għal forom oħra ta' ħarsien soċjali għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni biex tadatta l-Linji gwida Integrati sabiex tkun tista' tiffaċċja l-isfidi ġodda u tegħleb dawn in-nuqqasijiet;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw approċċ sistematiku li jiżgura l-koerenza ta' livell għoli bejn il-proċess tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali bil-għan ta' tkabbir u ta' aktar impjiegi u impjiegi aqwa minn naħa waħda u l-proċess tal-ħarsien soċjali u ta' l-inklużjoni soċjali min-naħa l-oħra;

Implimentazzjoni tal-Linji gwida għall-Impjiegi

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tittratta d-diverġenza kbira bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-Linji gwida għall-Impjiegi billi tiżgura li l-Istati Membri japplikaw b'mod iktar komprensiv, l-indikaturi u l-objettivi EES, l-istrumenti għat-tagħlim matul il-ħajja u l-miżuri mfassla fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ, fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE 2006-2007 għall-Persuni b'Diżabilità; jitlob li dawk l-impenji, l-objettivi u r-referenzi kollha jiġu inkorporati għalkollox fil-Linji gwida Integrati sabiex jittejjbu l-koerenza u l-effiċjenza ta' l-EES;

10. Jisħaq l-importanza kbira li jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi tal-politika ta' l-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-proċessi ta' koperazzjoni tagħhom jagħtu attenzjoni partikulari lill-kwalità ta' l-impjiegi, il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol, tal-familja u l-ħajja personali, il-kwalità u d-disponibilità ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd, l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, it-tisħiħ ta' politika għall-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, u kwistjonijiet ta' immigrazzjoni;

11. Jappoġġja l-adozzjoni ta' sett bilanċjat ta' prinċipji komuni dwar il-flessigurtà, li jgħaqqad il-flessibilità u s-sigurtà għall-impjegati u għal min iħaddem fis-suq tax-xogħol; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jintegraw dawk il-prinċipji komuni fil-konsultazzjoni tagħhom dwar il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ma' l-imsieħba soċjali u jenfasizza l-irwol ewleni tat-taħriġ u tat-taħriġ mill-ġdid, tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol, tal-ħarsien soċjali xieraq u tat-tneħħija tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi jkunu żgurati drittijiet ta' l-impjeg għall-ħaddiema kollha;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007*Politiki ekonomiċi*

12. Jinnota l-proposta li hemm fir-rapport interim tal-Kummissjoni li l-inizjattivi tal-politiki differenti ta' l-UE jitqarrbu lejn xulxin fl-interess ta' risposta koerenti għall-isfidi interni u esterni; jistieden f'dan il-kuntest biex isir żvilupp ta' "inizjattiva għal żvilupp intelliġenti ta' l-UE li jqis l-ambjent" u li jgħaqqad l-għodda ekonomiċi prinċipali eżistenti kollha ta' l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tiseparax il-politiki ambjentali mill-politika ekonomika u mill-politika ta' l-impjegi; hu ta' l-opinjoni li l-għieda kontra l-bidla fil-klima għandha tkun is-sinsla tar-reviżjoni ta' l-UE taċ-ċiklu ta' tliet snin ta' Liżbona";

13. Jemmen li politiki ekonomiċi sodi jstgħu jgħinu biex tikber il-kunfidenza u tonqos l-inċertezza fil-kuntest tal-perijodu attwali ta' instabilità finanzjarja; jgħbed l-attenzjoni li wieħed mill-problemi fundamentali li l-ekonomija Ewropea qed tiffaċċja fis-snin riċenti kienet domanda domestika insuffiċjenti f'xi Stati Membri; jenfasizza f'dan il-kuntest li huwa importanti ħafna li jkun hemm kordinazzjoni msaħħa kemm dwar politiki fiskali sodi kif ukoll dwar finanzi pubbliċi ta' kwalità għolja, inklużi "investimenti ta' Liżbona" essenzjali;

14. Huwa tal-fehma li t-trasparenza tas-suq finanzjarju, regoli tal-kompetizzjoni effettivi u regolazzjoni u sorveljanza xierqa se jibqgħu jkunu kruċjali, meta jitqiesu l-globalizzazzjoni tas-swieq finanzjarji u l-ħtieġa li jkunu mħarsa d-drittijiet tal-konsumatur; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex telabora l-kwistjonijiet tas-suq finanzjarju f'inizjattivi ma' l-Ewropea kollha fil-qafas tal-programm Komunitarju ta' Liżbona;

15. Jenfasizza li t-tnaqqis fir-ritmu tal-produzzjoni hi kwistjoni ta' tħassib għall-politika ekonomika u jvarja minn pajjiż għall-ieħor ta' l-UE, jinnota, madankollu, sistema ġenerali komuni li jirrifletti punti dgħajfa fis-swieq, fid-distribuzzjoni u fis-servizzi finanzjarji;

16. Jirrimaka li r-riġidità strutturali ma tippermettix l-effiċjenza fl-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-aċċessibilità ta' netwerks f'industriji li għadhom lura; jemmen li l-linji gwida ta' politika ekonomika għandhom jinkludu azjonijiet min-naħa tal-fornituri sabiex jinħoloq ambjent tajjeb għal operazzjonijiet transkonfinali min-negozji u biex jitħaffef il-ħolqien ta' suq finanzjarju wieħed;

17. Jirrikonoxxi li fl-UE, l-innovazzjoni għandha tirriżulta aktar malajr fi prodotti u servizzi ġodda; jappoġġja għalhekk it-talba tal-Kummissjoni għal "trijangolu ta' taġħrif" magħmul mir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni; jistenna investimenti iktar effettivi f'ħiliet ġodda, taġħlim matul il-ħajja u sistemi moderni ta' edukazzjoni/taħriġ;

18. Huwa favur li jiġi appoġġjat ir-ristrutturar ta' l-ekonomija permezz ta' l-innovazzjoni fil-proċessi tattmexxija, fil-proċeduri u fl-istrutturi organizzattivi; huwa tal-fehma li kumpaniji ġodda f'dan il-qasam jeħtieġu aċċess aħjar għall-kapital u jeħtieġu li jkunu aktar kreattivi u li joffru bosta opportunitajiet lill-intrapriżi ż-żgħar u lill-ġenerazzjoni żagħżuġha;

19. Jinnota li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tkun komplementari għall-politika strutturali, tippreveni l-iżvilupp ta' kartelli u tiżgura li l-kundizzjonijiet tas-suq ma jippermettux li jitwarrbu n-negozji ż-żgħar;

20. Jinnota li ċ-ċittadini ta' l-UE ħafna drabi jassoċjaw il-globalizzazzjoni mat-tnaqqis fil-produzzjoni Ewropea u mat-telf ta' l-impjegi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinfurmaw aħjar liċ-ċittadini Ewropej dwar l-aspetti kollha tal-globalizzazzjoni u dwar il-bżonn għal politika fuq livell komunitarju biex jaffaċċjaw l-isfidi ta' ekonomija globalizzata;

21. Itenni li l-oġġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jstgħu jinkisbu b'mod sħiħ biss jekk isiru aktar sforzi biex tkun stabbiltà politika komuni ta' l-enerġija;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

22. Jirrikonoxxi li l-intrapriżi żgħar, medji u kbar, kollha għandhom parti x'jilagħbu fl-istrateġija ta' innovazzjoni dinamika u integrata, u li l-aċċess għar-riżorsi għal intrapriżi iżgħar u individwi huwa kruċjali biex jogħla l-livell ta' l-R&D u biex jiġu żviluppatti teknoloġiji ġodda; jinnotta li kemm iffinanzjar fi stadju bikri u ffinanzjar kostanti fuq medda ta' żmien suffiċjenti, biex il-prodotti jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq, għandhom jtkatru;

23. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konsultazzjoni proposta tal-Kummissjoni ma' l-SMEs u r-rappreżentanti tagħhom u t-tfassil sussegwenti ta' "L-Att għan-Negożji ż-Żgħar" għall-Ewropa; iħeġġeġ li tinstema' l-vuċi tan-negożji ż-żgħar fid-djalogu soċjali u li l-prinċipju ta' "naħsbu għaż-żgħir l-ewwel" għandu jkun integrat għal kollox fit-tfassil tal-politika;

24. Jiddefendi l-indipendenza ta' l-ECB fit-tfassil tal-politika monetarja u fl-immaniġġjar ta' l-effett ta' l-instabilità fis-swieq finanzjarji globali; jenfasizza li l-apprezzament tar-rata tal-kambju ta' l-Euro hija riżultat ta' l-iżbilanċ li qed jiżdied fpajjiżi terzi u ta' domanda baxxa fiż-żona ta' l-euro; huwa mħasseb dwar kemm it-tkabbir fl-UE se jkun b'saħħtu biżżejjed biex tiġi evitata l-instabilità tas-swieq finanzjarji dinjin u tar-rati tal-kambju;

25. Huwa tal-fehma li żieda f'daqqa tad-domanda għar-riżorsi naturali, għall-prodotti u s-servizzi bażiċi minħabba t-tkabbir ta' ekonomiji li qed jiżviluppaw jistgħu jwasslu għal pressjoni inflazzjonarja fuq l-ekonomiji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li s'issa kienet evitata minħabba l-kontribut tagħhom għaż-żieda tal-forniment dinji; iqis li l-Istati Membri għandhom iħejju għodda anti-inflazzjonarja ta' politika ekonomika bi strateġiji ta' tkabbir ekonomiku u b'qafas għal aġġustament makroekonomiku u kordinazzjoni mtejbja sabiex tiġi indirizzata din il-problema;

Treġġja globali

26. Jirrikonoxxi li hija meħtieġa azzjoni sovranażżjonali mill-aktar fis biex tiżviluppa linji politiċi li jnaqqsu l-effetti tal-bidla fil-klima u l-kriminalità organizzata internazzjonali u tara l-bżonn għal istituzzjonijiet sovranażżjonali biex jieħdu ħsieb l-isfidi sovranażżjonali;

27. Iqis li l-iżvilupp tar-regoli u l-istandards globali huma essenzjali sabiex tinkiseb konverġenza regolatorja; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tipparteċipa b'mod attiv fix-xogħol ta' l-aġenziji internazzjonali rilevanti kollha u ta' l-entitajiet li jistabbilixxu l-istandards, sabiex ikun hemm konsistenza ikbar bejn ir-regoli u l-prattiki ta' l-UE u dawk ta' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' l-UE;

28. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li ftehimiet kummerċjali bilaterali ta' l-UE u ftehimiet kummerċjali multilaterali tad-WTO jiġu finalizzati b'mod li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimha li tistabbilixxi d-WTO; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tkompli taħdem lejn ir-riżultat ambizzjuż tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha;

29. Iqis li s-suq transatlantiku jista' jkun strument xieraq biex jiżgura l-effiċjenza tad-difiża tal-kummerċ ta' l-UE, tal-kompetittività sostenibbli u ta' l-innovazzjoni;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-reċiproċità fil-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq tkun żgurata; jerġa' jtenni t-talba tiegħu għal Ftehimha ta' Sħubija ġdida UE-Stati Uniti, liema ftehimha jkollha l-għan li telimina jew tnaqqas b'mod sinifikanti l-ostakoli kollha li baqa' għall-kummerċ u l-investment waqt li jiġu rrispettati l-istandards Ewropej;

31. Jemmen li s-segwitu ta' liberalizzazzjoni kummerċjali ulterjuri jagħmilha saħansitra iżjed meħtieġa li l-UE tippreserva l-abilità tagħha li tħares lilha nfisha minn Prattiki kummerċjali iġusti; għalhekk, iqis l-Istrumenti ta' Difiża Kummerċjali, bħala element indispensabbli ta' l-istrateġija ta' l-UE;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

Il-migrazzjoni

32. Jenfasizza li l-UE teħtieġ li b'mod urġenti jkollha politika komuni tal-fruntieri u l-immigrazzjoni li tinkludi mhux biss il-kontroll integrat tal-fruntieri iżda anki strateġiji, kriterji u proċeduri armonizzati għall-immigrazzjoni ekonomika, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri individwali biex jiddeċiedu fuq l-għadd li se jħallu jidħlu; jenfasizza wkoll li għandhom isiru sforzi akbar biex jinstabu modi, permezz ta' skambju ta' esperjenzi, biex isir suċċess mill-immigrazzjoni għall-partijiet kollha, kemm mill-punt di vista soċjali kif ukoll minn dak ekonomiku;

Bidliet istituzzjonali

33. Huwa tal-fehma li l-influenza ta' l-ambjent ekonomiku fuq tkabbir għal perjodu twil ta' żmien m'hijex awtomatika u li l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet li jirreaġixxu għas-suq jiddetermina jekk l-ekonomija hijiex kapaċi jew le li twettaq il-potenzjal tagħha ta' tkabbir strutturali; għaldaqstant ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tressaq Linji gwida Integrati għall-2008-2010 li jkunu ġew aġġornati tassew;

34. Jiddispijaċih li ftehim dwar pjan u kodiċi ta' prattika ċari għandhom ma ntlaħqux bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni li jiggarantixxu koperazzjoni xierqa u l-involviment sħiħ tat-tliet istituzzjonijiet tal-Komunità kkonċernati fl-immaniġġjar ulterjuri xieraq ta' kwistjonijiet dwar il-globalizzazzjoni; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex minnufih iressqu proposti għal koperazzjoni mill-qrib bejn it-tliet istituzzjonijiet tal-Komunità fid-dawl tar-reviżjoni imminenti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

Involviment tal-partijiet interessati

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u, b'mod partikolari, fi ħdan il-proċess ta' NRP, biex jippromwovu l-pussess u jsaħħu l-involviment tal-parlamenti nazzjonali, ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili;

*
* * *

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati.

P6_TA(2007)0534

L-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet tal-liberta' tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju ta' l-Istati Membri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6, 13 u 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 61, 62, u 64 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 19, 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet tal-liberta' tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju ta' l-Istati Membri ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-drittijiet tal-minoritajiet nazzjonali,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-moviment ħieles tal-persuni, dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet u speċjalment ir-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-moviment ħieles tal-persuni hija libertà fundamentali u inaljenabbli, rikonoxxuta għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni mit-Trattati kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li din il-libertà hija waħda mill-pilastri taċ-ċittadinanza Ewropea,
- B. billi għal din ir-raġuni, id-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment ħieles taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u l-familji tagħhom li tipprevjeni l-possibilità għal Stat Membru li jbiegħed ċittadin ta' l-Unjoni, ipoġġi din il-possibilità flim投资 definiti sew, sabiex jiggarrantixxi l-libertajiet fundamentali,
- C. billi s-sigurtà u l-libertà huma drittijiet fundamentali u billi l-Unjoni għandha l-objettiv li tiżgura livell għoli ta' sigurtà f'kuntest ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tagħha,
- D. billi l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin huma sfidi transkonfinali u li l-moviment ħieles f'kuntest Ewropew huwa bbażat ukoll fuq it-tisħiħ tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fuq livell Ewropew f'inkjesti u attivitajiet ta' segwitu, bl-appoġġ tal-Eurojust u l-Europol,
- E. billi r-rispett tal-liġi fl-Istati Membri kollha hi kundizzjoni meħtieġa għall-koeżistenza u għall-inklużjoni soċjali fl-Unjoni; billi kull individwu huwa obligat jirrispetta l-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membri fejn ikun jinsab; billi r-responsabilità kriminali hija dejjem personali għall-individwu, billi ċ-ċittadini ta' l-Unjoni minbarra li jgawdu mid-drittijiet u mil-libertà mogħtija lilhom permezz tat-Trattat, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti marbuta ma' dawn id-drittijiet, b'mod partikulari kif stipulat fil-liġi Ewropea u fil-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru li qed jospitahom,
- F. billi l-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha trid tirispetta l-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2004/38/KE;
- G. billi l-ġlieda kontra kull forma ta' razzizzmu u ta' ksenofobija kif ukoll kontra kull forma ta' diskriminazzjoni tagħmel parti mill-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni,
- H. billi, b'konformità mal-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom li jgħixu b'mod liberu u legali fi Stat Membru għandhom jibbenefikaw minn trattament ugwali f'dan l-Istat meta mqabbel mat-trattament taċ-ċittadini nazzjonali,
- I. billi l-poplu Roma għadu jsofri minn diskriminazzjoni u abbuż fit-territorju ta' l-Unjoni u billi sfortunatament, l-integrazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni ta' din il-minoranza għandhom objettivi li għad iridu jintlaħqu,
- J. billi kien hemm aggressjoni u qtil brutali ta' mara f'Ruma, li ġie akkużat bih ċittadin Rumenu,

⁽¹⁾ ĠU L 158, 30.4.2004, p.77.

⁽²⁾ ĠU C 45, 23.02.2006, p.129.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- K. billi dan l-avveniment kien segwit minn aggressjoni razzista kontra ċittadini Rumeni,
- L. billi l-personalitajiet pubbliċi huma mistennija li ma jagħmlux stqarrijiet li jistgħu jiġu mifhuma bħala inkoraġġiment sabiex ċertu gruppi tal-popolazzjoni jiġu stigmatizzati,
- M. billi ttieħdet inizjattiva konġunta mill-Prim Ministru Rumenu u mill-President tal-Kunsill Taljan, kif ukoll saret ittra konġunta li huma ppreżentaw lill-President tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjoni tal-minoranza Rumena,
1. Jesprimi s-sogħba kbira tiegħu għall-qtil tas-Sinjura Giovanna Reggiani, li ġara f'Ruma fil-31 ta' Ottubru 2007, u jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familjari tagħha;
2. Jenfasizza mill-ġdid il-valur tal-liberta' tal-moviment ta' persuni bħala prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni, aspekk kostituzzjonali ta' ċittadinanza Ewropea u element fundamentali tas-suq intern;
3. Jenfasizza mill-ġdid l-għan li l-Unjoni ssir spazju fejn kull persuna tista' tgħix b'livell għoli ta' liberta', sigurta' u ġustizzja;
4. Ifakkar li d-Direttiva 2004/38/KE tinkludi l-possibilita' ta' tkeċċija ta' ċittadin mill-Unjoni fl-imiti preċiżi ħafna u li b'mod speċjali:
- skond l-Artikolu 27 tagħha, fejn l-Istati Membri ma jstgħux jillimitaw il-liberta' tal-moviment u ta' residenza ħlief għal raġunijiet ta' ordni pubblika, sigurta' pubblika jew saħħa pubblika u li dawn ir-raġunijiet ma jstgħux jiġu applikati għal skopijiet ekonomiċi; kull miżura għandha tkun proporzjonata u bbażata esklussivament fuq l-imġiba personali ta' l-individwu u fl-ebda każ fuq raġunijiet ta' prevenzjoni ġenerali;
 - skond l-Artikolu 28 tagħha, hija meħtieġa evalwazzjoni qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni ta' tkeċċija sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni personali ta' l-individwu kkonċernat, b'mod speċjali kemm ilu residenti, l-età tiegħu, l-istat tas-saħħa tiegħu, is-sitwazzjoni tal-familja tiegħu u dik ekonomika, l-integrazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti;
 - skond l-Artikolu 30, kwalunkwe deċiżjoni ta' tkeċċija għandha tiġi notifikata bil-miktub lill-parti interessata f'kundizzjonijiet li jagħtuh iċ-ċans li jifhem sewwa l-kontenut u l-konsegwenzi, li l-parti interessata għandha tkun infurmata dwar ir-raġunijiet kollha u preċiżi tad-deċiżjoni, dwar il-qorti jew l-awtorità amministrattiva li quddiemha jista' jagħmel appell kif ukoll dwar l-iskadenza għall-appell u, jekk ikun il-każ, dwar iż-żmien stipulat sabiex iħalli t-territorju, skadenza li ma tistax tkun ta' inqas minn xahar;
 - skond l-Artikolu 31, il-persuni kkonċernati għandu jkollhom aċċess għal proċeduri ta' rimedju ġudizzjarju u amministrattiv sabiex jappellaw id-deċiżjoni ta' tkeċċija fl-Istat Membru li qed jospitahom, u għandhom id-dritt sabiex jitolbu ordni temporanju biex jissospendu l-infurzar tad-deċiżjoni, talba li trid tintlaqa' ħlief f'każijiet speċifiċi eċċezzjonali;
 - skond l-Artikolu 36, is-sanzjonijiet previsti mill-Istati Membri għandhom ikunu effettivi u proporzjonati;
 - skond il-premessa 16 u l-Artikolu 14, ċittadin jista' jitkeċċa jekk ikun ta' piż mhux iġġustifikat għall-assistenza soċjali, iżda bil-kundizzjoni li jsir eżami fil-fond tal-każ individwali u li fl-ebda każ din il-kundizzjoni waħidha ma tista' tiġġustifika it-tkeċċija awtomatika;
5. Jafferma mill-ġdid li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha għandha tirrispetta b'mod strett dawn il-limiti u dawn il-garanziji, inkluż ukoll l-aċċess għal rikors legali kontra t-tkeċċija u għall-eżerċitar tad-drittijiet ta' difiża u li l-eċċezzjonijiet kollha definiti mid-direttiva 2004/38/KE għandhom jiġu interpretati b'mod strett; ifakkar li l-espulzjonijiet kollettivi huma projbiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

6. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żgħira tal-Prim Ministru Rumen fl-Italja u d-dikjarazzjoni konġunta tal-Prim Ministri Romano Prodi u Călin Popescu-Tăriceanu; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-appel tal-President u tal-Prim Ministru għal impenn ta' l-Unjoni favur l-integrazzjoni soċjali tal-popolazzjonijiet żvantaġġati u l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' ġestjoni taċ-ċaqliċ tal-popolazzjoni tagħhom, kif ukoll permezz ta' programmi ta' żvilupp u ta' għajnuna soċjali inklużi fil-Fondi Strutturali;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tippreżenta evalwazzjoni fid-dettall ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE u tat-traspożizzjoni korretta tagħha mill-Istati Membri kif ukoll proposti, b'konformità ma' l-Artikolu 39 tagħha;
8. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kummissjoni, jinkariga lill-komitati parlamentari kompetenti tiegħu sabiex minn issa sa l-1 ta' Ġunju 2008, b'kollaborazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, iħejji evalwazzjoni tal-problemi ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva sabiex jiġu enfasizzati l-aħjar prattiki kif ukoll il-miżuri li jistgħu jwasslu għal diskriminazzjonijiet bejn ċittadini Ewropej,
9. Jistieden lill-Istati Membri biex jegħlbu kwalunkwe eżitazzjoni u biex jipproċedu kemm jista' jkun malajr fl-infurzar ta' strumenti ta' koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fil-qasam kriminali fuq livell ta' l-Unjoni, sabiex tkun garantita għieda effikaċi kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin, fenomeni fuq dimensjoni trans-nazzjonali, filwaqt li jiġi assigurat qafas uniformi tal-garanziji ta' proċedura,
10. Jiċħad il-prinċipju tar-responsabilità kollettiva u jafferma mill-ġdid il-hteġġa li tiġi miġġielda kull forma ta' razzizzmu u ksenofobija u kull forma ta' diskriminazzjoni u ta' stigmatizzazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità u ta' l-orijini etnika, kif mitlub fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
11. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-urġenza li tiġi ppreżentata proposta ta' direttiva orizzontali kontra kull diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat KE, ipplanat fil-programm leġiżlattiv u ta' ħidma ta' l-2008;
12. Jikkunsidra li l-protezzjoni tad-drittijiet tar-Roma u l-integrazzjoni tagħhom huma sfida għall-Unjoni sħiħa u jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi mingħajr dewmien billi tiżviluppa strateġija globali għall-inklużjoni soċjali tar-Roma, filwaqt li tuża b'mod speċjali il-linji baġitarji disponibbli, kif ukoll il-Fondi Strutturali għall-appoġġ ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-inklużjoni soċjali tar-Roma;
13. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' network ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq l-integrazzjoni soċjali tar-Roma kif ukoll it-titjib ta' strumenti bil-għan li jiżviluppaw is-sensibilizzazzjoni rigward id-drittijiet u l-obbligi tal-komunità roma, fosthom l-iskambju ta' l-aħjar prattiki; f'dan il-kuntest, iqis li l-kollaborazzjoni strutturata u mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa hija importanti ħafna;
14. Huwa tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet reċenti tal-Viċi President tal-Kummissjoni, Franco Frattini, lill-istampa Taljana fl-okkażjoni ta' l-episodji serji li seħħu f'Ruma, imorru kontra l-ispirtu u t-tifsira tad-Direttiva 2004/38/KE, direttiva li huwa mitlub jirrispetta bis-sħiħ;
15. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0535

L-acquis ta' Schengen

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika ta' l-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika ta' l-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka (11722/2007),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni fuq imsem-mija tal-Kunsill ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ħolqien taż-żona ta' Schengen kienet waħda mill-akbar kisbiet, karatterizzata mit-tneħħija tal-kontrolli kollha fil-fruntieri komuni bejn l-istati parteċipanti kollha u l-introduzzjoni tal-libertà tal-movement fit-territorju ta' l-UE,
- B. billi b'mod paralleli mat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni, ġew implimentati xi miżuri kumpensatorji, inkluż it-twaqqif ta' kontrolli effiċjenti fil-fruntieri esterni, it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, tal-pulizija, u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri, politika ta' viża komuni u l-ħolqien tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),
- C. billi, skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ⁽²⁾ ta' l-2003, id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen għajr dawk imsemmija fl-Anness I ta' l-Att imsemmi għadhom japplikaw biss fi Stat Membru ġdid skond it-tifsira ta' dak l-istrument wara Deċiżjoni tal-Kunsill għal dak l-għan wara li jkun ġie vverifikat li ntlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-acquis,
- D. billi permezz tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1997 l-acquis ta' Schengen ġie inkorporat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea fejn ġie deċiż li l-applikazzjoni tiegħu tkun obligatorja għal kwalunkwe Stat Membru ġdid sussegwenti,
- E. billi huwa neċessarju li ssir verifika permezz ta' proċeduri ta' l-ewalwazzjoni sabiex ikun ikkontrollat li l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu applikati l-partijiet kollha ta' l-acquis konċernat (Ħarsien tad-Dejta, Fruntieri ta' l-Ajru, Fruntieri fuq l-Art, Koperazzjoni tal-Pulizija, is-SIS, Fruntieri tal-Baħar u Viżi) twettqu mill-Istati Membri l-ġodda; billi din hija kundizzjoni ewlenija biex il-Kunsill ikun jista' jieħu d-deċiżjonijiet għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-acquis ta' Schengen, inkluż it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma' u bejn dawk l-Istati Membri,
- F. billi l-estensjoni taż-żona ta' Schengen hija għalhekk pass ieħor għall-integrazzjoni sħiħa ta' l-Istati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0531.

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p.33.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- G. billi l-evalwazzjonijiet għal dawn l-Istati Membri l-ġodda bdew, wara talba (fl-2006) minn kull Stat Membru (dikjarazzjoni ta' thejjiġa); billi dawn saru f'kull Stat Membru ġdid wieħed wieħed taħt ir-responsabilità tal-grupp ta' ħidma ta' l-Evalwazzjoni ta' Schengen; billi bdew bi kwestjonarju lill-Istat Membru li jikkonċerna l-partijiet kollha ta' l-acquis ta' Schengen u komplew bi żjarat ta' l-evalwazzjoni; billi timijiet ta' esperti ntbagħtu fil-fruntieri, fil-konsolati, fl-SIS, eċċ, u ħejjew rapporti dettaljati li kien fihom deskrizzjonijiet fattwali, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jistgħu jeħtieġu miżuri addizzjonali u żjarat ta' segwitu; billi r-rapport finali għandu jistabbilixxi jekk l-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat, wara li jkun għadda mill-proċedura sħiħa ta' l-evalwazzjoni, jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni Prattika,
- H. billi l-Gvern Portugiż għandu jkun imfaħħar talli ressaq proposta li tipprovdi soluzzjoni teknika tranżizzjonali — SISone4all — li tippermetti lill-Istati Membri ġodda jkunu konnessi ma' l-SIS fl-2007 filwaqt li jkunu qed jistennew l-implimentazzjoni ta' SIS II ġdida mill-Kummissjoni,
- I. billi l-ħolqien ta' l-SIS II tibqa' prijorità għall-Parlament minħabba li kienet meħtieġa mhux biss bħala mezz li tippermetti lill-Istati Membri l-ġodda jkunu konnessi mas-sistema, iżda wkoll, fi ħdan il-qafas tal-Komunità, tibni għodda aktar soda u flessibbli, li tkun kapaċi tlaħħaq mal-ħtiġijiet li jinbidlu b'mod mgħaġġel; filwaqt li għandha tagħmilha possibbli li żżid is-sigurtà u tippermetti l-użu aktar effiċjenti tad-dta, tintroduċi funzjonalitajiet ġodda u tiegħu vantaġġ mill-iżviluppi teknoloġiċi,
- J. billi d-deċiżjoni tal-Kunsill 2007/471/KE tat-12 ta' Ġunju 2007⁽¹⁾ dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS f'disgħa mill-Istati Membri l-ġodda daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2007 u l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni korretta ta' l-SIS fl-Istati Membri kkonċernati setgħet tiġi ffinalizzata biss fl-aħħar ta' Settembru 2007,
- K. billi meta Stat Membru jaderixxi ma' l-Unjoni Ewropea jrid jaċċetta l-acquis ta' Schengen u, fl-istess ħin, ikollu l-aspettattiva leġittima li jkun jista' jgawdi mill-istess drittijiet bħall-Istati Membri l-oħra u li ċ-ċittadini tiegħu jkunu jistgħu jiċċaqalqu b'mod ħieles fit-territorju tagħhom,
- L. billi, sabiex jinżamm livell uniformi ta' sigurtà fiż-żona tal-Komunità huwa imperattiv li l-Istati Membri jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żona ta' Schengen b'mod strett u effiċjenti; billi, jekk dan l-għan ma jiġix meqjus, ikun ta' theddida għas-sigurtà taż-żona ta' Schengen kollha,
- M. billi huwa meqjus li l-ħeffa tal-proċess sħiħ ta' evalwazzjoni ma kkompromettix il-mod strett u effettiv li għandhom jitwettqu bih dawn il-proċeduri,
- N. billi hu ta' dispjaċir li, fil-bidu ta' din il-proċedura, meta l-Kunsill kkonsulta lill-Parlament, il-Kunsill irriffjuta, fi stadju inizzjali, li jagħti aċċess lill-Parlament għar-rapporti ta' evalwazzjoni ta' l-esperti minħabba raġunijiet ta' sigurtà,
- O. billi għandu jitqies li l-Parlament, u b'mod partikulari l-membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, għandu jkollu aċċess għall-evalwazzjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-oqma kollha ta' Schengen, qabel ma jagħti opinjoni raġunata u motivata dwar it-tneħħija tal-fruntieri interni,
- P. billi għandhom ikunu rikonoxxuti l-isforzi u r-rieda tajba li wriet il-Presidenza Portugiża sabiex ikun assigurat li l-Parlament, u b'mod partikulari l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, kien infurmat pass pass bil-qagħda preżenti tal-proċeduri ta' l-evalwazzjoni li twettqet fl-Istati Membri kkonċernati,

(¹) ĠU L 179, 7.7.2007, p.46.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul ta' l-Istati Membri ġodda fiż-żona ta' Schengen, filwaqt li jisħaq l-importanza storika ta' dan l-avveniment bl-għan li jintemmu d-diviżjonijiet ta' qabel fl-Ewropa u jifirħilhom għall-isforzi kbar li xi uħud minnhom għamlu sabiex ikunu lesti u jirrispettaw il-ħtiġijiet kollha ta' Schengen fi żmien daqshekk qasir;
2. Ifakkar lill-Istati Membri ġodda dwar il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' sigurtà u biex b'mod strett u effiċjenti jitwettqu f'kull ħin il-ħtiġijiet taż-żona ta' Schengen;
3. Jifraħ lill-Presidenza Portugiża talli ħolqot l-istrumenti meħtieġa sabiex testendi ż-żona ta' Schengen għall-Istati Membri ġodda fl-2007;
4. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jitħaffu l-preparamenti għall-bidu ta' SIS II li jaħdem b'mod sħiħ;
5. Ifakkar lill-Istati Membri li għandhom idaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun il-miżuri kollha meħtieġa sabiex ikunu rimedjati n-nuqqasijiet li għadhom jeżistu, iżda jinnota li, għalkemm xi kwistjonijiet għadhom m'humix riżolti u jeħtieġ li jiġu segwiti fil-futur, m'humix ta' xkiel biex l-acquis ta' Schengen jiġi applikat b'mod sħiħ għall-Istati Membri ġodda kkonċernati;
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jassigura li l-Parlament jinżamm infurmat, bil-miktub, matul is-semestru li jmiss, x'bi ħsiebu jagħmel dwar ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen u msemmija fis-segwitu għal kull Stat Membru kkonċernat;
7. Jiftakar fil-ħtieġa li ssir evalwazzjoni globali, fis-sentejn li ġejjin, dwar il-mod ta' kif is-sistema ġiet implimentata u qed taħdem f'kull pajjiż li qiegħed fiż-żona ta' Schengen, b'mod partikulari l-kisbiet, il-konsegwenzi u l-problemi li jiġu ffaċċjati fl-implimentazzjoni tas-sistema;
8. Jistenna li l-Kunsill jassigura li l-Parlament, fil-proċeduri leġiżlattivi kollha tiegħu, jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa u disponibbli sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni xierqa u jeżerċita l-iskrutinju demokratiku meħtieġ;
9. Jinkoraġixxi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jużaw l-esperjenzi, l-innovazzjonijiet u l-aħjar prattiki miksuba waqt il-proċess ta' evalwazzjoni riċenti għall-Istati Membri l-ġodda biex ikunu promossi ma' l-Istati Membri kollha;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0536

Pakistan**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-Pakistan**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Fteħma ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar Sħubija u Żvilupp ta' l-24 ta' Novembru 2001 u li daħlet fis-seħħ fl-2004 (imsejħa wkoll Fteħma ta' Koperazzjoni tat-Tielet Ġenerazzjoni), b'mod partikolari l-Artikolu 1 ta' din il-Fteħma li tistabbilixxi li "ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi... jikkostitwixxu element essenzjali ta' dan il-fteħim",

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta UE/Pakistan tat-8 ta' Frar 2007 fir-rigward tal-ftehma ta' Koperazzjoni ta' l-2004, ftehma li fiha ż-żewġ naħat intrabtu li jiżviluppaw djalogu politiku wiesgħa u formalizzat li jinkludi fost l-oħrajn il-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u t-tmexxija tajba,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007 dwar l-impożizzjoni ta' l-istat ta' emerġenza fil-Pakistan, kif ukoll l-isqarrijiet tar-Rappreżentant Għoli ta' l-UE Solana ta' l-4 ta' Novembru 2007 u dawk tal-Kapjiet tal-Missjonijiet u ambaxxati ta' l-UE f'Islamabad ta' l-4 ta' Novembru 2007,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-5 ta' Novembru 2007 dwar id-detenzjoni fil-Pakistan ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-oppożizzjoni, inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin,
 - wara li kkunsidra t-tħabbira tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Commonwealth fit-12 ta' Novembru 2007 li l-Pakistan ikun sospiż mill-Commonwealth jekk il-President Musharraf ma jkunx għadu rritorna lill-pajjiż għall-ordni kostituzzjonali sat-22 ta' Novembru 2007,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Pakistan, b'mod partikolari dawk tat-12 ta' Lulju⁽¹⁾ u tal-25 ta' Ottubru 2007⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-3 ta' Novembru 2007 l-President Musharraf ħareġ "Ordni Kostituzzjonali Proviżorja" (PCO), li biha ssuspenda l-Kostituzzjoni u l-Istat tad-Dritt u ssoitwixxihom bl-Istat ta' Emerġenza, liġi marzjali de facto,
- B. billi din il-bidla seħħet f'it qabel id-deċiżjoni mistennija tal-Qorti Suprema dwar il-legalità tat-tielet mandat tal-President, filwaqt li jibqa' kap tal-forzi armati; u billi bosta avukati u ċittadini mħassbin rreaġixxew billi ħarġu jipprotestaw fit-toroq, u eluf minnhom ġew imsawta b'mod brutali u arrestati,
- C. C, billi l-azzjonijiet reċenti tal-President Musharraf jistgħu jwasslu għal instabilità akbar fil-pajjiż u b'hekk jinkoraġġixxu l-vjolenza u l-estremiżmu; billi huwa mħasseb ħafna dwar theddid għall-paċi u l-istabbiltà fil-viċinat tal-Pakistan u fir-reġjun kollu kemm hu;
- D. billi l-Qorti Suprema tal-Pakistan għad trid tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar jekk l-elezzjoni tal-President Musharraf kinitx konformi mal-Kostituzzjoni;
- E. billi l-libertà ta' l-istampa, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-assemblea u l-libertà ta' l-attività politika, li huma l-karatteristiċi ta' sistema politika ċivilizzata, kienu rrevokati,
1. Jitlob b'mod ċar li l-istat ta' emerġenza jintemm għal kollox u li terġa' tiġi implimentata b'effett immedjat il-kostituzzjoni tal-Pakistan ta' l-1973;
2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-protesti leġittimi ta' eluf ta' avukati, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem u mexxejja politiki eminenti; jikkundanna l-vjolenza mill-pulizija kontra d-dimos-tranti u l-arresti li sehnew fuq skala kbira mingħajr akkuża jew fuq akkużi ta' terroriżmu mingħajr ebda bażi fattwali;

⁽¹⁾ Testi Adottati P6_TA(2007)0351.

⁽²⁾ Testi Adottati P6_TA(2007)0489.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

3. Huwa partikolarment imħasseb dwar l-arrest ta' aktar minn 3 000 ċittadin, inklużi l-mexxejja tal-partiti politiċi, avukati, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; jitlob li jitwaqqaf immedjatament l-arrest domiċiljari ta' Benazir Bhutto, mexxej tal-PPP, ta' Asma Jahangir, Chairperson tal-Kummissjoni indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem u rapporteur speċjali tan-NU tal-libertà tar-reliġjoni u t-twemmin u ta' I.A. Rehman, il-fundatur ta' dik l-organizzazzjoni; jinsab allarmat li għad hemm fis-seħħ ordni ta' detenzjoni kontra Hina Jilani, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;
4. Jitlob li terġa' tieħu postha l-indipendenza ġudizzjarja billi terġa' tidħol il-ġudikatura; jitlob ir-rilaxx immedjat tar-rappreżentanti kollha ta' l-assoċjazzjonijiet tal-Kamra ta' l-Avukati tal-Qorti Suprema li ġew arrestati wara protesti paċifiċi fit-toroq; jiddenunċja b'mod partikolari l-arrest illegali tal-Prim Imhalled Chaudhry u l-arrest ta' Aitzaz Ahsan, President tal-Kamra ta' l-Avukati tal-Qorti Suprema;
5. Jerġa' jitlob lill-President Musharraf biex jirrispetta l-verdett tal-Qorti Suprema — ladarba dan jerġa' jidħol fis-seħħ — dwar il-kostituzzjonalità tal-ħatra tiegħu bħala President; jitlob lill-President Musharraf biex jirrinunċja mill-kariga tiegħu bħala kap ta' l-armata qabel ma jieħu l-ġurament għal terminu presidenzjali ġdid u qabel ma' tiskadi, fil-15 ta' Novembru 2007, d-dispensa parlamentari biex ikollu kariga doppja ta' persuna pajżana u persuna militari;
6. Ifakkar li minħabba s-sospensjoni tal-Qorti Suprema, is-seduti ta' smigħ dwar mijiet ta' każi ta' għajbien infurzat skedati għat-13 ta' Novembru 2007 twaqqfu u jinsisti li l-inkjesti dwar fejn jinstabu l-persuni li għebu għandha tkompli u dawk kollha li dwarhom hemm is-suspett li qed jinżammu f'habisijiet statali sigrieti għandhom jinġiebu quddiem il-qrati,
7. Jitlob li jonqsu r-restrizzjonijiet kollha fuq il-midja u jitneħħew l-ordinanzi kollha li jirrestrinġu l-kopertura ħielsa ta' l-avvenimenti politiċi;
8. Jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex jimplementa l-kondizzjonijiet neċessarji ħalli jiggarantixxi li jseħħu elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti kif programmat; jinnota li f'dan il-kuntest it-tħabbira tal-President Musharraf tal-11 ta' Novembru 2007 li l-elezzjonijiet għall-assembleji provinċjali u l-assemblea nazzjonali se jintemmu sad-9 ta' Jannar 2008;
9. Jitlob li jiġi fformat gvern proviżorju kompletament newtrali, b'konformità mal-kostituzzjoni u b'konsultazzjoni mal-partiti ta' l-oppożizzjoni kollha, sabiex jissorvelja l-elezzjonijiet u t-twaqqif mill-ġdid tal-kummissjoni ta' l-elezzjoni; jistieden li l-mexxejja tal-partiti politiċi kollha jkunu jistgħu jikkuntestaw dawn l-elezzjonijiet, inkluż l-ex Prim Ministru Nawaz Sharif, li għandu jitħalla jerġa' lura lejn il-Pakistan u jippar-teċipa attivament fil-proċess ta' l-elezzjoni;
10. Ifakkar li l-kredibilità tal-proċess ta' l-elezzjoni se tiddependi fuq ir-rilaxx tal-primunieri politiċi kollha, inklużi dawk f'kustodja illegali ta' aġenziji ta' l-intelligence u fuq il-waqfien mill-għajbien tal-politiċi fl-oppożizzjoni, bi qbil mad-direttiva tal-Qorti Suprema; il-libertà tal-kelma, tal-moviment, ta' l-assoċjazzjoni u ta' l-assemblea jridu jiġu implimentati bis-sħiħ u jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-partiti politiċi li jimxu mal-liġi;
11. Jenfasizza li l-fatt li tintbagħat delegazzjoni ta' osservazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex tosserva l-elezzjonijiet parlamentari fil-Pakistan, fil-qafas ta' missjoni għall-osservanza ta' l-UE, jiddependi mit-twertiq tal-prekundizzjonijiet bażiċi sabiex l-awtoritajiet Pakistani jorganizzaw elezzjonijiet ħielsa u ġusti; jenfasizza, f'dan il-kuntest li elezzjonijiet li jkunu ppreparati u mwettqa taħt l-istat ta' emerġenza jkunu sinjal ċar ta' proċess mhux demokratiku;
12. Isejjaħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra bir-reqqa li tibgħat missjoni esploratorja oħra f'każ li jitneħħa l-istat ta' emerġenza, sabiex tevalwa l-vijabilità li tintbagħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali ta' l-UE fit-tul taż-żmien;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

13. Jappoġġja bis-sħiħ il-punti ta' referenza ċari stipulati fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007, li fuqhom se jiġi ġġudikat ir-ritorn ta' l-ordni kostituzzjonali fil-Pakistan;
14. Isejjaħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinsistu li l-gvern tal-Pakistan jiddefendi l-prinċipji kollha mnaqqxa fil-Ftehma ta' Koperazzjoni, b'mod partikolari l-klawżola dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehma ta' Koperazzjoni;
15. Isejjaħ — f'dan il-kuntest — lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra żżid l-għajnuna għall-edukazzjoni, għat-tnaqqis tal-faqar, għall-kura tas-saħħa u l-għajnuna umanitarja, biex twassal il-fondi permezz ta' NGOs sekulari;
16. Isejjaħ lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw bis-sħiħ il-kodiċi ta' imġiba ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.

P6_TA(2007)0537

Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-limitar tal-bidla fil-klima dinjija għal 2 gradi Celsius — it-triq lejn il-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima u lil hinn (COP 13 u COP/MOP3)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Il-limitar tal-Bidla fil-Klima Dinjija għal 2 gradi Celsius — It-triq lejn l-2020 u lil hinn" (COM(2007)0002),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), il-Protokoll ta' Kyoto għall-UNFCCC u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tiegħu,
- wara li kkunsidra d-dibattitu tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tas-17 ta' April 2007 dwar l-impatt tal-bidla fil-klima fuq il-paċi u s-sigurtà,
- wara li kkunsidra t-13-il Konferenza tal-Partijiet (COP 13) tal-UNFCCC u t-tielet Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kyoto (COP/MOP 3) li se jsiru f'Bali, fl-Indoneżja, bejn it-3 u l-14 ta' Diċembru 2007,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-bidla fil-klima, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tas-16 ta' Novembru 2005 dwar li nirbħu l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima dinjija ⁽¹⁾, ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-bidla fil-klima, li titratta r-riżultati tal-Konferenza ta' Montreal (COP 11- COP/MOP 1) ⁽²⁾, ir-riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 dwar tnaqqis fl-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima ⁽³⁾, u r-riżoluzzjoni ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar il-bidla fil-klima ⁽⁴⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p.120.

⁽²⁾ ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.182.

⁽³⁾ ĠU C 303 E, 13.12.2006, p.119.

⁽⁴⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0038.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Mistoqsijiet Orali B6-0379/2007 u B6-0380/2007 tal-Kumitat Temporanju għall-Bidla fil-Klima skond l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u wara li kkunsidra l-istqarrijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-bidla fil-klima hija sfida kbira għas-soċjetajiet tagħna fis-seklu 21, b'effetti negattivi ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi dinjija sinjifikanti, u jistgħu jheddu wkoll il-paċi u s-sigurtà internazzjonali,
- B. billi l-konsegwenzi negattivi huma mqassma b'mod inugwali, u li barra li hija diżastru ambjentali, il-bidla fil-klima tqajjem ukoll kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem u ma' l-ekwità dinjija,
- C. billi ma jistax jiġi miċħud id-dritt tal-fqar għal haġja deċenti,
- D. billi r-raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) jafferma li l-pass dejjem aktar mgħaġġel tal-bidla fil-klima hu riżultat ta' l-attività tal-bniedem u li diġà qed ikollu effetti ħżiena dinjija;
- E. billi ħafna nħawi fid-dinja diġà ġew affettwati mill-effetti ta' żieda fit-temperaturi medji globali, u billi l-aħħar evidenza xjentifika tissuġġerixxi li l-mira ta' l-UE fuq medda twila ta' żmien u li dwarha kien hemm qbil, li tillimita t-tisħin għal +2°C meta mqabbla mal-livelli ta' qabel l-era industrijali, tista' ma tkunx biżżejjed biex jiġu evitati l-effetti negattivi sinjifikanti tal-bidla fil-klima;
- F. billi gruppi ta' popolazzjoni diġà ġew spustjati minħabba l-effetti l-ħżiena tal-bidla fil-klima bħal f'Tuvalu, Bangladesh u r-reġjun tas-Sahel fl-Afrika;
- G. billi r-raba' Rapport ta' Evalwazzjoni ta' l-IPCC imsemmi hawn fuq jiddikjara li t-temperatura medja globali żdiedet b'0.74°C matul l-aħħar 100 sena u se tibqa' tiżdied b'madwar 0.7 °C minħabba l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) li diġà ħarġu; billi r-rapportu jikkalkula wkoll li se jkun hemm aktar żieda fit-temperatura medja globali ta' bejn 1.8 u 4 °C matul dan is-seklu, skond l-iżvilupp tas-soċjetà;
- H. billi din is-sena, skond l-aħħar data mis-satellita ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), is-silġ li nħall fis-sajf fil-Pol Nord kellu tali proporzjonijiet li, għall-ewwel darba, ippermetta lill-vapuri li jivvjaġġjaw min-Northwest Passage mill-Atlantiku għall-Paċifiku u billi din hi indikazzjoni oħra ta' bidla rapida fil-klima fl-Artiku;
- I. billi l-bidla fil-klima hi problema fit-tul u billi miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir mhux se jkun biżżejjed waħedhom biex iwasslu għal effetti pożittivi fuq il-klima;
- J. billi l-pajjiżi industrijalizzati għandhom responsabilità ewlenija għall-akkumulazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' GHG fl-atmosfera; billi huma l-ifqar pajjiżi u l-ifqar popolazzjonijiet li l-aktar ser jintlaqtu minn klima aktar instabbli,
- K. billi l-iktar 25 pajjiż li jniġġsu jikkontribwixxu għal 83 % ta' l-emissjonijiet globali GHG, u l-emissjonijiet per capita fil-pajjiżi żviluppati huma ħafna drabi oġhla minn dawk tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- L. billi fi Stern Review, l-ispejjeż ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa tan-nuqqas ta' azzjoni ġew stmati għal bejn 5 % u 20 % tal-PGD globali kull sena; billi skond il-UNFCCC u l-Kummissjoni Ewropea, l-ispejjeż ta' politika klimatika soda jnaqqsu t-tkabbir annwali globali tal-PGD bi ftit biss mit-tkabbir mistenni, jiġifieri bejn 0,12 % u 0,19 %, u dan mingħajr ma jitqiesu l-benefiċċji ambjentali u tas-saħħa jew it-titjib fis-sigurtà ta' l-enerġija;
- M. billi r-rapporti IPCC u Stern jikkonfermaw li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma partikolarment mhedda mill-bidla fil-klima, minħabba li huma aktar esposti u vulnerabbli; billi l-bidla fil-klima kkawżata mill-bniedem se twassal għal impatti li jagħmlu l-ħsara lill-biedja u lis-sistemi idroloġiċi, lill-foresti, lis-saħħa u lill-infrastruttura ekonomika u billi tali impatti se jżidu l-faqar u jkunu ta' theddida biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp;
- N. billi l-Bank Dinji jipprevedi li se jkun hemm bżonn ta' bejn USD10 — 40 biljun kull sena sabiex l-iżvilupp fl-ifqar pajjiżi jkun "kompatibbli mal-klima" u billi l-kontribuzzjonijiet għal fondi ta' adattament allokatu s'issa huma mbassra li jammontaw biss għal bejn USD150 — 300 miljun fis-sena;
- O. billi jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri li jorbtu għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet biex jipprovdu l-inċentivi neċessarji għal investiment mgħaġġel f'aktar żvilupp u tħaddim ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija, li huma effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, li jagħmlu użu minn riżorsi ta' enerġija li jiġġeddu u b'rata baxxa ta' emissjonijiet;
- P. billi ftehma internazzjonali wiesgħa dwar miri fuq medda twila ta' żmien għal tnaqqis fl-emissjonijiet hi assolutament essenzjali biex tipprovdi ċertezza fl-investiment għal teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett serra kif ukoll għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, u biex ikunu evitati investimenti f'infrastruttura ta' l-enerġija inkompatibbli;
1. Iħeġġeġ lill-UE sabiex tikkonferma l-irwol mexxej tagħha u tirsisti għal koperazzjoni konkreta fil-Konferenza ta' Bali dwar il-Klima u lil hinn minnha, u sabiex dik il-laqgħa twassal għal qbil dwar il-mandat ta' negozjar li huwa neċessarju sabiex jistabbilixxi qafas realistiku għal ftehma internazzjonali dwar il-klima għal wara s-sena 2012 li jkun konsistenti ma' l-oġettiv tal-limitar tal-bidla fil-klima għal inqas minn 2°C meta mqabbel mal-livelli ta' qabel l-industrijalizzazzjoni; iqis li l-UE tista' ssostni l-irwol mexxej tagħha billi tibgħat numru ta' kapijiet ta' gvernijiet f'Bali, li fl-istess ħin ikun qed jagħmilha ċara li l-bidla fil-klima hi problema b'ħafna faċċati li m'għandhiex tiġi diskussa biss mill-ministri ta' l-ambjent;
2. Iqis li reġim futur għandu jibni fuq il-prinċipji u l-mekkaniżmi ewlenin tal-UNFCCC u tal-Protokoll ta' Kyoto u jqis responsabilitajiet komuni imma differenzjati; iqis li l-mandat ta' Bali għandu jkun ibbażat fuq l-elementi li ġejjin:
- għan fuq medda twila ta' żmien li tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura medja globali għal inqas minn 2°C 'il fuq mill-livelli ta' qabel l-era industrijali, li jfisser tnaqqis fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett serra b'mill-inqas 50 % sas-sena 2050 meta mqabbla mal-livell ta' l-1990,
 - miri li jorbtu għall-pajjiżi industrijalizzati kollha,
 - parteċipazzjoni usa fl-isforzi għal tnaqqis, b'mod partikulari minn ekonomiji li qed jifaccaw, permezz ta' miri ġusti u proporzjonati,
 - sistema globali ta' "limiti massimi u skambji" ("cap and trade"),
 - mekkaniżmi finanzjarji msaħħa għall-adattament, b'attenzjoni speċjali għar-riżorsi ta' l-ilma,
 - inċentivi effettivi, inklużi strumenti bbażati fuq is-suq jekk ikun xieraq, sabiex tiġi evitata d-deforestazzjoni u l-emissjonijiet mill-użu ta' l-art, inkluża l-promozzjoni ta' Prattiki tal-biedja sostenibbli,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- strumenti finanzjarji u strumenti oħra sabiex l-iżvilupp u t-trasferiment u t-tħaddim tat-teknoloġija jkunu nodfa,
 - ftehim sa mhux aktar tard mill-2009;
3. Jenfasizza li l-miri għal użu sostenibbli tar-riżorsi u għat-tnaqqis fl-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-għan fuq medda twila ta' żmien; iqis li fid-dawl ta' l-għarfien attwali, huwa importanti ħafna li l-emissjonijiet globali jilhqgħu l-quċċata fl-għaxar snin li ġejjin, li l-konċentrazzjoni tas-CO₂ eq fl-atmosfera tinżamm taħt l-450 partícula kull miljun (ppm), u li l-emissjonijiet tal-GHG ikomplju jonqsu għal livell li jkun sostnut mill-kapaċità ta' assorbiment ta' assorbenti naturali;
4. Jitlob li jiġu meqjusa kif jixraq it-twissijiet tal-komunità xjentifika li jgħidulna li l-biċċa xogħol diġà diffiċli li t-tisħin globali jiġi ristrett għal 2°C ma tikkostitwix fiha nnifisha standard ta' sikurezza, peress li xorta għib magħha effetti u konsegwenzi estremament serji;
5. Ifakkar li l-pajjiżi industrijalizzati, inklużi dawk li għadhom ma rratifikawx il-protokoll ta' Kyoto, irid ikollhom irwol mexxej fl-indirizzar tal-bidla fil-klima fuq livell dinji u jridu jimpenjaw ruħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'mill-inqas 30% sas-sena 2020 u b'mill-inqas -60%-80% sas-sena 2050 meta mqabbla mas-sena 1990; jemmen li s-sistema futura għandha ssib triq sa l-2050 skond l-għan għal żmien twil, b'konformità ma' miri intermedjarji b'intervalli ta' ħames snin, meta l-miri li jorbtu għandhom jiġu stabbiliti u riveduti skond l-aħħar għarfien xjentifiku;
6. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-mira ta' l-UE adottata mill-Kunsill Ewropew imsemmi hawn fuq tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 li sa l-2020, l-emissjonijiet ta' GHG jonqsu bi 30% mil-livell ta' l-1990, sakemm il-pajjiżi żviluppatti l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis simili fl-emissjonijiet, u li pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu aktar avvanzati ekonomikament jagħmlu kontribut proporzjonat mal-kapaċitajiet u r-responsabilitajiet rispettivi tagħhom, u jirrikonoxxu l-obbligu aċċettat mill-UE — irrispettivament mill-konklużjoni ta' ftehim globali għall-perjodu ta' wara l-2012 — li sa l-2020, inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG b'mill-inqas 20% meta mqabbla mal-livell ta' l-1990;
7. Jenfasizza li tnaqqis notevoli fis-CO₂ jista' jintlaħaq biss fuq skala internazzjonali billi jiġu inklużi dawk li jarmu l-akbar ammonti ta' CO₂ fil-pajjiżi industrijalizzati, u wkoll billi jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li għadhom kif saru industrijalizzati;
8. Iqis li l-pajjiżi li qed jifacċaw għandhom jaċċettaw limiti fuq l-emissjonijiet tagħhom skond l-istadju ta' l-iżvilupp tagħhom, l-emissjonijiet per capita tagħhom, il-potenzjal tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet u l-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tagħhom;
9. Iqis li l-UE u pajjiżi industrijalizzati oħra għandhom jgħinu lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fit-tħaddim ta' teknoloġiji sostenibbli u effiċjenti permezz ta' ko-finanzjament, inkluża l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet, sabiex dawk minnhom li huma ekonomikament aktar avvanzati jkunu jistgħu jibdew inaqqsu l-emissjonijiet malli jkun jippermetti l-livell ta' żvilupp tagħhom, u sa mhux aktar tard mill-2020;
10. Ifakkar li l-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) fir-rapport riċenti tiegħu għal dawk li jagħmlu l-politiki jirrikonoxxu l-irwol ta' l-enerġija nukleari bħala għażla biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jemmen li, fejn ikun raġonevoli, il-ħtiġijiet enerġetiċi għandhom jintlaħqu permezz tas-sorsi kollha disponibbli li ma jipproduċux karbonju jew mit-teknoloġiji disponibbli kollha li għandhom rata baxxa ta' emissjonijiet, inklużi dawk nukleari;
11. Jenfasizza l-importanza li jiġu rrispettati u segwiti l-prinċipji ta' politika ambjentali soda fil-proġetti kollha ta' l-UE ta' għajnuna għall-iżvilupp għal pajjiżi terzi;
12. Iqis li jeħtieġ ukoll li jiġu inkoraġġuti soluzzjonijiet li jagħmluha possibbli li jintlaħaq l-oġettiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet GHG bi 30% sas-sena 2020;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

13. Huwa mħasseb dwar il-fatt li r-ritmu tad-deforestazzjoni tropikali li jammonta għal madwar 20 % ta' l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett serra u l-impatt negattiv fuq il-kapaċità globali ta' assorbiment ta' assorbenti naturali u l-bijodiversità kif ukoll fuq l-għajxien ta' komunitajiet fqar u jitlob, għaldaqstant, għall-inkorporazzjoni aktar intensiva ta' dan it-tip ta' inċentivi fl-allokazzjoni ta' għajnunha għall-iżvilupp minn donaturi fl-Ewropa u fid-dinja;
14. Iqis li se jkun vitali li tinħoloq sħubija strateġika mal-pajjiżi l-aktar konċernati fir-rigward tad-deforestazzjoni tropikali; jemmaen ħafna li inċentivi bbażati fuq prestazzjoni biex tiġi evitata d-deforestazzjoni għandhom ikunu parti minn reġim klimatiku tal-futur;
15. Iqis li dan it-tip ta' inċentivi jeħtieġ li jkunu f'preferenza mal-linji ta' bażi speċifiċi għall-pajjiż (filwaqt li titqies l-azzjoni bikrija) u jkunu akkumpanjati minn kriterji ekoloġiċi, regoli dwar is-sostenibilità u garanziji ta' governanza tajba; isostni li n-natura temporanja tal-krediti ta' assorbiment tisser li l-pajjiżi għandhom jibqgħu responsabbli tal-permanenza tagħhom meta jkunu utilizzati għall-konformità mal-miri obligatorji;
16. Jidhirlu li l-politiki prinċipali tan-NU dwar il-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni u l-bidla fil-klima u l-Konferenzi tal-Partijiet internazzjonali li għaddejjin bħalissa u li huma marbuta ma' dawn il-politiki jeħtieġu koordinazzjoni effettiva sabiex jintlaħqu għanijiet komuni; għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li tkun evitata kull kontradizzjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' adattament li ġew proposti sabiex ikunu żgurati l-koordinazzjoni u l-effiċjenza bejniethom;
17. Iqis fteħima ta' qafas internazzjonali u sistema ta' ċertifikazzjoni għall-karburanti bijoloġiċi (bijofjuwils) bħala meħtieġa, bil-għan li ssir il-prevenzjoni ta' effetti avversi fuq l-ambjent u ta' emissjonijiet eċċessivament oġhja tas-CO₂, li jirriżultaw, pereżempju, mid-deforestazzjoni u mill-ħruq tal-pantani tal-pit; f'dan ir-rigward, jidhirlu li r-riċerka, l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-karburanti bijoloġiċi tat-tieni ġenerazzjoni huma meħtieġa;
18. Jenfasizza l-obbligu morali tal-pajjiżi industrijalizzati li b'mod prevedibbli u koerenti jipprovdu aktar appoġġ finanzjarju u appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet għat-tnaqqis tar-riskju u għall-adattament għall-bidla fil-klima fil-pajjiżi bi dħul baxx u li huma vulnerabbli; jitlob, b'mod partikolari li jiġu msaħħa l-fondi eżistenti taħt il-UNFCCC bħal m'huma l-Fond għall-Adattament, il-Fond tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppanti (LDCF), il-Fond Speċjali għall-Bidla fil-Klima (SCCF) u l-Prijorità Strateġika dwar l-Adattament tal-GEF (SPA);
19. Jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jitkompla l-użu tal-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif ("Clean Development Mechanism" — CDM) bħala mezz ta' promozzjoni ta' teknoloġiji favur il-klima; jenfasizza li l-kundizzjonijiet għandhom jinħolqu mill-aktar fis possibbli; jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċakja permezz ta' kriterji aktar stretti ta' sostenibilità, governanza mtejba, proċeduri amministrattivi simplifikati, u l-moviment possibbli lejn CDM settorjali; madankollu jenfasizza li, bħala mekkaniżmu ta' kumpens, dan huwa biss soluzzjoni temporanja u l-għan għandu jibqa' li jiġi stabbilit limitu massimu dinji tal-karbonju li jkun ibbażat fuq allokazzjoni ta' kwoti ġusti u proporzjonati; isostni l-prinċipju miftehma skond il-Protokoll ta' Kyoto li l-użu ta' mekkaniżmi flessibbli irid jiġi supplimentat minn tnaqqis domestiku;
20. Jistieden lill-Kummissjoni biex meta tkun qed tirrevedi l-Iskema ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet (EU ETS) sabiex ittejjeb is-CDM, tagħti bidu għal bidla fid-direzzjoni ta' kif issir l-evalwazzjoni tal-krediti ta' l-emissjonijiet għal proġetti ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni u għal proġetti ta' mmaniġġjar sostenibbli tal-foresti;
21. Itenni t-talba tiegħu biex l-emissjonijiet mill-avjazzjoni u mit-trasport marittimu jiġu inklużi fl-impjenji internazzjonali għat-tnaqqis tal-GHG għall-perjodu ta' wara l-2012;
22. Jiddispjaċih li l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (International Civil Aviation Organization — ICAO) għadha ma kinitx lestali ssib xi tip ta' strument legali sabiex tillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni, anke jekk din il-ħidma nġhatat lill-ICAO aktar minn għaxar snin ilu;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

23. Jinsab imħasseb li proporzjon dejjem akbar tar-riżorsi tad-dinja huma użati għat-trobbija tal-bhejjem; ifakkar fir-rapport ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura intitolat "Id-Dell Twil tal-Bhejjem tat-Trobbija" minn Novembru 2006 li jikkalkula li l-industrija tal-laħam u t-trobbija tal-bhejjem hija responsabbli għal 18 % għall-emissjonijiet totali tal-GHG tad-dinja, jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir fteħima internazzjonali dwar il-klima wara l-2012 li tkun tinkludi qafas għal produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem tat-trobbija;
24. Jipproponi li jerġa' jiġi eżaminat sa fejn huwa possibbli li l-miżbljet, li jarmu sa 60 miljun tunnellata ta' metanu mondjalment fis-sena, ikunu jstgħu jiġu dekommissjonati u utilizzati biex jipproduċu l-enerġija sabiex jitnaqqas l-effett serra u l-perikli għall-bniedem;
25. Jirrikonoxxi l-possibilitajiet li ġġib il-għieda kontra l-bidla fil-klima billi jsir sforz favur l-iżvilupp teknoloġiku, l-iffrankar ta' l-enerġija u tar-riżorsi u l-ħolqien ta' soċjetajiet iktar sostenibbli; jikkunsidra li l-politiki biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata ser joffru opportunitajiet sinifikanti ta' negozju f'haqna oqsma tat-teknoloġija, bħall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, l-ilqugħ tal-karbonju u l-ħażna (CCS) eċċ., jitlob li jkun hemm aktar sforzi mill-Istati Membri sabiex tingħata spinta lil dan it-tip ta' investment u sabiex jiġu provduti inċentivi fiskali li jinkoraġġixxu r-riċerka f'teknoloġiji nodfa;
26. Iqis li d-dħul fis-suq ta' teknoloġiji nodfa huwa mxekkel minn ostakli bħas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, it-tariffi fuq l-importazzjoni u n-nuqqas ta' bażi ta' għarfien; jitlob għal sforzi konklużivi skond il-UNFCC u l-Protokoll ta' Kyoto sabiex jitneħħew dawn l-ostakli u sabiex jiġu stabbiliti inċentivi pożittivi għal investimenti f'teknoloġiji sostenibbli u għal użu akbar tal-mudelli ta' inċentivi intraprenditorjali, b'mod partikulari s-sħubija b'saħħitha u komprensiva bejn il-pajjiżi industrijalizzati u l-ekonomiji ġodda;
27. Isostni li t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet globali m'għandux iwassal għal theddidiet oħra bħal m'ħuma l-proliferazzjoni nukleari jew it-terroriżmu; jemmen, għaldaqstant, li l-enerġija nukleari għandha tibqa' eskluża mis-CDM u mill-Implementazzjoni Konġunta (JI) jew mekkaniżmi oħra mmirati lejn il-ħlas bi premju għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
28. Jagħraf li l-miżati għall-għoti tal-liċenzji għad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (IPR) fil-qasam tat-teknoloġija nadifa jstgħu jikkostitwixxu barriera għat-trasferiment ta' dan it-tip ta' teknoloġija lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw; jisħaq li fteħima għal wara l-2012 għandha tinvolvi qafas għal sħubijiet IPR bejn il-pajjiżi industrijalizzati u daww li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li tipprovdi mezzi alternattivi ta' kumpens għad-detenturi ta' l-IPR, sabiex ikun żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-proprietà waqt li fl-istess ħin jiġu faċilitati l-flussi teknoloġiċi;
29. Jirrikonoxxi li d-differenzi fil-prezz li jirriżultaw minn impenji nazzjonali diverġenti b'relazzjoni mal-bidla fil-klima jstgħu isiru għajn ta' tagħwiġ tal-kompetizzjoni, anke għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindirizza din il-kwistjoni b'mod serju, jiġifieri permezz ta' l-iżvilupp ta' strumenti li jwasslu għal livell ogħla ta' koerenza bejn l-oġettivi ambjentali u r-regoli ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ; jirrikonoxxi li l-benchmarks kif ukoll impenji internazzjonali li jorbtu u li jkopru lis-setturi kollha li huma vulnerabbli għall-kompetizzjoni ikunu preferibbli mill-adozzjoni possibbli ta' miżuri ta' aġġustament transkonfinali sabiex jiġi bilanċjat it-tagħwiġ fost l-imsieħba kummerċjali;
30. Jappoġġja, fin-nuqqas ta' sistema dinjija effettiva ta' "limiti massimi u skambji" għall-karbonju, miri settorjali għall-industriji li jużaw haqna enerġija f'pajjiżi li m'għamlux impenji li jorbtu għal tnaqqis fl-emissjonijiet bħala suppliment għall-miri li jorbtu ta' tnaqqis fl-emissjonijiet għal pajjiżi industrijalizzati mħallta ma' impenji għat-trasferiment tat-teknoloġija; iqis li dan it-tip ta' miri u/jew benchmarks huma importanti b'mod speċjali għas-setturi li jużaw haqna enerġija li jikkompetu globalment (l-azzar, il-karta u s-siment) u jstgħu ikunu l-ewwel pass sabiex jibbilanċjaw it-tagħwiġ fost l-imsieħba kummerċjali;
31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-UNFCCC, bit-talba li din tiġi ċċirkulata mal-partijiet kollha involuti li m'ħumiex relatati ma' l-UE u ma' l-osservaturi tal-Konvenzjoni.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0538

It-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (2007/2088(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-iżviluppi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) sa mill-2004, u b'mod partikulari r-Rapporti ta' Progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-ENP ta' l-4 ta' Diċembru 2006 (SEC(2006)1504/2, SEC(2006)1505/2, SEC(2006)1506/2, SEC(2006)1507/2, SEC(2006)1508/2, SEC(2006)1509/2, SEC(2006)1510/2, SEC(2006)1511/2, SEC(2006)1512/2),
- wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni li ġew adottati flimkien ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina, kif ukoll ma' l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana u t-Tuneżija,
- wara li kkunsidra l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI), marbut mill-qrib ma' l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni adottati b'mod konġunt, u li jieħu post l-ġhajnuna teknika li s'issa kienet provduta minn TACIS u minn MEDA,
- wara li kkunsidra n-Non-Paper tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2006, intitolata "X' tista' toffri l-UE lill-Belarus",
- wara l-kkunsidra l-Istrategġija rigward is-Sigurtà Ewropea, intitolata "Ewropa Sikura f'Dinja Aħjar", approvata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' l-4 ta' Diċembru 2006 (COM(2006)0726),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2007, intitolata "Sinergġija tal-Baħar l-Iswed — Inizjattiva ta' Koperazzjoni Reġjonali Ġdida" (COM(2007)0160),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, u r-Rapport tal-Progress tal-Presidenza Ġermaniża tal-15 ta' Ġunju 2007 intitolata "Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar Ewropa Usa' u dwar l-ENP, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat tad-19 ta' Jannar 2006 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiżi u r-reġjuni tal-viċinat ta' l-UE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-ENP u l-istrategġija tat-tkabbir ta' l-UE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-futur tad-Dimensjoni tat-Tramuntana ⁽²⁾ u tas-16 ta' Novembru 2006 dwar l-Istrategġija tal-Baħar Baltiku rigward id-Dimensjoni tat-Tramuntana, ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 312.

⁽²⁾ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 113.

⁽³⁾ ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 330.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra r-riżultati miġbura fir-Rapport tal-Programm għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem fid-Dinja Għarbija,
 - wara li kkunsidra l-Konferenza dwarl-ENP, organizzata mill-Kummissjoni u li saret fit-3 ta' Settembru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0414/2007),
- A. billi t-tisħiħ tas-sigurtà, l-istabilità demokratika u l-prosperità, u l-promozzjoni ta' governanza tajba u r-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem fil-viċinat ta' l-UE, huma kruċjali għall-istabilità u l-prosperità tal-kontinent Ewropew kollu,
- B. billi l-ENP tibqa' prijorità ewlenija tal-politika barranija ta' l-UE,
- C. billi l-ENP għandha tibqa' distinta mill-proċess tat-tkabbir; billi l-parteċipazzjoni fl-ENP ma tipprekludix, għall-ġirien tal-Lvant, li jistgħu bla diffikultà jiġu identifikati bħala pajjiżi Ewropej, xi perspettiva konnessa mas-sħubija possibbli fl-UE fil-futur imbiegħed; billi l-ENP hija opportunità għall-pajjiżi involuti kollha biex jintegraw iżjed mill-qrib ma' l-UE,
- D. billi, minkejja s-suċċess fit-tnedija ta' l-aġendi ta' riforma f-numru ta' pajjiżi tal-viċinat, l-ENP għadha ma ssodisfatx kompletament l-aspettattivi sabiex tqanqal u ssaħħaħ l-impenn tal-gvernijiet tal-pajjiżi ta' l-ENP biex jaslu għal riformi politiki u ekonomiċi,
- E. billi hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar inċentivi sabiex l-imsieħba jiġu motivati biex javvanzaw fit-triq tar-riforma; billi l-ENP teħtieġ li tissaħħaħ b'mod sostanzjali sabiex jitħaffef dan il-proċess, inkluża l-allokazzjoni ta' biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet u l-oġġettivi ddikjarati tagħha,
- F. billi kunflitti miftuħa u ffriżati għadhom jirrapreżentaw xkiel ewlieni għall-issodisfar ta' l-għanijiet ta' l-ENP; billi l-istabilità tista' tinkiseb biss permezz ta' soluzzjonijiet komprensivi u dejjiema ta' kunflitti eżistenti,
- G. billi l-aspetti speċifiċi tal-politika ta' l-UE fir-rigward ta' l-Istati tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, u ta' l-approċċ reġjonali ta' l-UE fir-rigward tal-Baħar l-Iswed, qegħdin jiġu ttrattati f'rapporti separati li tħejjew mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament,
1. Jappoġġja bis-sħiħ l-oġġettivi ewlenin ta' l-ENP immirati lejn l-iżvilupp ta' ċirku ta' prosperità, stabilità u sigurtà, sabiex jinħolqu rabtiet mill-qrib ma' u bejn l-istati ġirien tagħna u lejn l-impenn tagħhom ħalli jagħmlu riformi li jwasslu għad-demokrazija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza aħjar u l-iżvilupp sostenibbli, ekonomiku, u soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tad-drittijiet ugwali, b'mod partikulari t-titjib tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqşam mal-minoranzi u l-kapaċità tal-pajjiżi ġirien biex jegħlbu kunflitti etniċi, reliġjużi jew soċjali b'mezzi paċifiċi;
2. Jesprimi dubji rigward is-sens tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' l-ENP, billi din tinvolvi pajjiżi li ġeografikament huma Ewropej flimkien ma' pajjiżi Mediterranji li m'humiex Ewropej; madankollu jinnota li attwalment ma jkunx realistiku li jsir tibdil radikali f'dan il-qafas ta' politika komprensiva; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa għal iżjed sforz biex jiġu ddefiniti l-oġġettivi u l-istrumenti multilaterali ta' din il-politika sabiex l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha jkunu jistgħu jiffaċċjaw sfidi komuni, u fl-istess ħin biex jiġu rispettati l-kundizzjonijiet differenti u l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni u l-pajjiżi involuti;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

3. Għalhekk jappoġġja bis-shiĥ l-implimentazzjoni kollha tal-politika kemm jista' jkun għandha tiegħu kont ta' l-identitajiet differenti tal-pajjiżi kollha koperti mill-ENP, sabiex jiġu żviluppati l-inċentivi l-aktar xierqa u ta' ngħibbli għal żmien medju u fit-tul għar-riforma u sabiex jissaħħa l-impenn ta' dawn is-soċjetajiet lejn il-proċess ta' modernizzazzjoni u tal-koperazzjoni u l-integrazzjoni ma' l-UE;
4. Jinnota li l-kundizzjonalità ddikjarata fl-approċċ ta' l-ENP hija ispirata mill-esperjenza pożittiva tat-tkabbir; jikkunsidra li l-kundizzjonalità tista' tikkostitwixxi inċentiv xieraq sabiex jitħaffu l-proċessi ta' riforma fil-pajjiżi ta' l-ENP lejn il-konverġenza tagħhom ma' l-UE, jekk din tkun mifhuma b'mod pożittiv u ddiferenzjata skond il-ħtiġijiet u l-kapaċità speċifiċi tal-pajjiż inkwistjoni, u akkumpanjata bl-iżvilupp ta' viżjoni maqsuma bejn l-imsieħba fl-aspetti politiċi, istituzzjonali u ekonomiċi kollha tagħha;
5. Jenfasizza bis-saħħa li l-prinċipju ewlieni tal-politika ta' l-UE huwa r-rispett għad-drittijiet universali tal-bniedem; jisħaq li, immaterjalment mill-grad ta' volontà tal-gvernijiet tal-pajjiżi msieħba li jikkoperaw u li jaqsmu dawn il-valuri, is-soċjetà ċivili fil-pajjiżi kollha ta' l-ENP għandha tiġi appoġġjata bis-shiĥ u l-parteċi-pazzjoni tagħha fil-proċess tar-riforma u tad-demokratizzazzjoni għandha titħeġġeġ, u għandu jitħeġġeġ ukoll l-iżvilupp ta' media ħielsa u indipendenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tinneogzja t-twaqqif ta' sottokumitat għad-drittijiet tal-bniedem flimkien mal-pajjiżi ta' l-ENP kollha sabiex jiġi żgurat djalogu politiku effettiv f'dan il-qasam;
6. Jenfasizza l-importanza li l-UE żżid il-kuntatti tagħha mal-parlamenti, il-partiti politiċi, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet interessati l-oħrajn ta' l-ENP, bi ħsieb ta' l-involviment tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni; għalhekk iħeġġeġ biex il-fora ta' sħubija jittellgħu fuq bażi perijodika;
7. Jenfasizza l-importanza kbira ta' djalogu wiesa' mas-soċjetà ċivili u tal-kuntatti intensifikati bejn persuna u oħra, li jikkontribwixxu għal ftehim aħjar bejn is-soċjetajiet ta' l-UE u tal-pajjiżi ta' l-ENP u jikkontribwixxu l-benefiċċji tal-koperazzjoni taż-żewġ naħat; jikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-iskambji kulturali u ta' riċerka u lil dawk ta' bejn l-istudenti; jilqa' f'dan ir-rigward l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex twaqqaf aġenzji Komunitarji u programmi għall-pajjiżi ta' l-ENP, u jappoġġja b'mod partikulari l-involviment ulterjuri tal-pajjiżi ta' l-ENP kollha fil-programm Erasmus Mundus;
8. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jistabilixxu programmi ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet u r-reġjuni, u biex jipprovdu appoġġ adegwat għal programmi bħal dawn, sabiex jirrinforzaw il-kapaċità lokali u reġjonali fil-pajjiżi tal-viċinat, u biex jipromwovu programmi ta' skambju għas-soċjetà ċivili u għall-inizjattivi ta' proġetti fuq skala żgħira;
9. Jenfasizza l-bżonn ta' impenn politiku b'saħħtu min-naħa ta' l-UE u ta' l-Istati Membri sabiex l-ENP ikollha suċċess sostenibbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri ta' l-UE biex kemm jista' jkun possibbli jallinjaw il-politiki tagħhom stess fil-pajjiżi ta' l-ENP mal-prioritajiet stipulati fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi ta' l-ENP, sabiex jiġu garantiti l-kompatibilità, il-koerenza u l-kumplimentarjetà tal-politiki;
10. Jappoġġja l-approfondiment ta' djalogu politiku regolari bejn l-UE u l-pajjiżi ta' l-ENP; jilqa' l-fatt li l-Ukraina, il-Moldova, il-Ġeorġja u l-Armenja jikkonformaw mal-biċċa l-kbira tad-dikjarazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurta' Komuni (PESK) ta' l-UE, u jappoġġja d-deċiżjoni li bl-istess mod jiġi involut l-Azerbajġan; huwa konvint li din il-konformità mal-politika barranija ta' l-UE għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi l-oħra kollha ta' l-ENP;
11. Jilqa' l-mira fit-tul taż-żmien li tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles mal-viċinat kollu, kif ġie mfasal fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Diċembru 2006 msemmija hawn fuq; jappoġġja n-negozjati għal ftehim bilaterali ta' kummerċ ħieles fil-fond bejn l-UE u l-pajjiżi rispettivi ta' l-ENP, li għandhom, b'konformità ma' l-implimentazzjoni tar-riformi regolatorji, imorru lil hinn mit-tariffi u jħaddnu s-servizzi u l-ħarsien ta' investimenti; jisħaq li meta jiġu n-negozjati dawn il-ftehim, iridu jieħdu kont ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt soċjali u ambjentali; jiddispaċi li l-UE għadha ma kkunsidrathix possibbli li tiftaħ is-suq tagħha għal prodotti li l-pajjiżi ta' l-ENP jinsabu f'qagħda partikularment tajba li jipprovduhom bi prezzijiet kompetittivi, u li huma ta' kwalità li tilħaq l-istandards ta' l-UE;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

12. Jappoġġja l-iżvilupp ta' koperazzjoni multilaterali kumplimentarja bejn l-UE u l-imsieħba tagħha f'temi settorjali, sabiex ikompli jissaħħu r-rabtiet reġjonali u transkonfinali li jeżistu, foqhma bħall-ambjent, is-sigurtà ta' l-enerġija, il-kultura, it-trasport u l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni; jappoġġja, kull fejn ikun possibbli, in-negozjati ta' ftehim settorjali li jorbtu legalment u li jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' politiki komuni; jisħaq fuq il-bżonn partikulari li jissaħħu l-investimenti bl-estensjoni tan-networks ta' l-enerġija u tat-trasport trans-Ewropew lejn il-pajjiżi ta' l-ENP;

13. Jenfasizza l-bżonn li jintużaw l-organizzazzjonijiet multilaterali li diġà jeżistu sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-ENP; jisħaq b'mod partikulari fuq l-irwol tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u għall-Koperazzjoni fl-Ewropa fl-oqsma tal-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

14. Huwa favur in-negozjati ta' ftehim għat-tħaffif tal-viża u għar-rijammissjoni mal-pajjiżi ta' l-ENP kollha; jenfasizza l-bżonn li titjeb il-kapaċità tal-pajjiżi ta' l-ENP fl-immaniġġjar tal-flussi ta' migrazzjoni, fil-ġlieda effettiva kontra l-migrazzjoni illegali u biex jiżguraw li qed jiġu rispettati l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri, lill-UE u lill-pajjiż kollha ta' l-ENP biex jintensifikaw il-koperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, l-ittraffikar tal-bnedmin u l-ittraffikar tad-droga transkonfinali; jappoġġja l-interess tal-viċinat fl-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Koperazzjoni Operattiva mal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (Frontex) u l-Uffiċċju tal-Pulizija Ewropea (Europol); jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' rijammissjoni bħal dawn tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipju tan-"non-refoulement", u l-bżonn li jiġi żgurat l-aċċess għall-proċedura ta' asil ġust; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex torganizza kontrolli effettivi fuq it-trattament tal-persuni rritornati skond il-ftehim tar-rijammissjoni stabbilit mal-pajjiżi ta' l-ENP, b'mod partikulari fir-rigward tal-possibilità ta' "chain refoulement";

15. Ifakkar li l-ENP tipprovdi qafas eċċellenti għal koperazzjoni reġjonali u sub-reġjonali; jitlob sabiex ikun hemm koperazzjoni reġjonali mtejba fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u b'mod partikulari il-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-asil, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-persuni, l-immigrazzjoni illegali, it-terroriżmu, il-ħasil tal-flus u t-traffikar tad-drogi kif ukoll il-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija; jikkunsidra li l-koperazzjoni reġjonali u l-bini ta' kollegamenti dwar tali kwistjonijiet jistgħu jibnu fuq l-esperjeza miksuba inter alia, fil-qafas tal-"Proċess ta' Söderköping", li jinkludi l-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina u, fuq in-naħa ta' l-UE, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanja, l-Islovakkja u l-Iżvezja;

16. Jitlob b'urġenza lill-Istati Membri sabiex itejbu l-ipproċessar tal-viżi ħalli titħaffef il-mobilità u sabiex l-ivvjaġġar leġittimu fl-UE jkun anqas diffiċli, b'mod partikulari għall-gruppi bħalma huma l-istudenti, ix-xjenzanti, in-negozjanti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Istati Membri biex jitttrattaw b'mod effiċjenti l-problemi li jiffaċċjaw fis-servizzi konsulari tagħhom; iħeġġeġ it-twaqqif ta' ċentri komuni għall-applikazzjoni ta' viża Schengen fil-pajjiżi ta' l-ENP;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, fejn ikun xieraq, jidħlu f'negozjati bil-ġħan li jikkonkludu l-ftehim bilaterali mal-pajjiżi ta' l-ENP sabiex jiġi implimentat ir-reġim dwar it-traffiku fil-fruntiera lokali li ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru. 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li li jstabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art ta' l-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen⁽¹⁾;

18. Jilqa' b'interess il-proposta tal-Kummissjoni biex tfassal studju dwar il-vijabilità ta' Ftehim ta' Viċinanza dwar l-Enerġija² possibbli u għal dak il-ġħan iħeġġeġ lis-sħab ta' l-ENP sabiex jirrispettaw il-liġi internazzjonali u l-impenni li hađu fis-swieq dinjija;

19. Jappoġġja djalogu u koordinazzjoni aħjar u iżjed azzjonijiet konġunti bejn l-UE u l-Istati Uniti fit-tmexxija l-quddiem ta' għanijiet komuni bħall-promozzjoni tad-demokrazija, it-titjib tas-sigurtà ta' l-enerġija u t-tisħiħ tas-sigurtà reġjonali fil-viċinat ta' l-UE;

20. Jenfasizza wkoll il-bżonn ta' l-involviment u l-ħidma mill-qrib mal-pajjiżi taż-ŻEE (l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Liechtenstein) u l-Isvizzera u biex jagħmel użu sħiħ mill-esperjenza tagħhom ta' ħidma ma' l-Unjoni Ewropea;

(¹) ĠU L 405, 30.12.2006, p. 1.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

21. Jenfasizza l-bżonn ta' livelli ta' finanzjament xierqa u koperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra sabiex il-politika tal-vcinat ikollha suċċess, u huwa tal-fehma li għandu jittieħed vantaġġ mir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 ppjanata għall-2008-2009 sabiex jiżded il-baġit ta' l-ENPI; jilqa' l-introduzzjoni tal-Faċilità ta' Investiment tal-vcinat li tgħin biex jiġu mmobilitati l-fondi għall-imsieħba ta' l-ENP; jisħaq bis-saħħa fuq il-bżonn li jinżamm bilanċ ġenerali bejn il-partijiet tal-Lvant, tan-Nofsinhar ta' l-ENP, li jirrifletti l-ambizzjonijiet u l-oġettivi ta' l-UE fir-reġjuni, l-effettività ta' l-għajnuna preċedenti u l-qies tal-popolazzjoni kkonċernata;

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkoordina r-riżorsi finanzjarji u l-kapaċitajiet analitiċi fil-politika tagħha ma' dawk ta' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (il-Bank Ewropew ta' l-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Dinji), sabiex toħloq sinerġiji bil-għan li jippromwov u jistimulaw riformi fuq il-linji tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' l-ENP;

23. Jilqa' l-kunċett motivanti tal-Faċilità tal-Governanza sabiex jipprovdi appoġġ finanzjarju ulterjuri lil dawk il-pajjiżi bl-aħjar rendiment; jinsisti li dan għandu jipprema l-progress reali li jsir f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-oġettivi relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika, ikun ibbażat fuq kriterji ta' allokkazzjoni trasparenti, u jintuża biex ikompli jiġi appoġġat il-proċess ta' riforma;

24. Jirakkomanda sorveljanza mill-qrib u kostanti fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi stess, u li r-riżultati ta' din is-sorveljanza jintużaw bħala bażi biex jiġu determinati l-livelli ta' l-għajnuna;

Il-Vcinat tal-Lvant ta' l-Ewropa

25. Jinnota li, skond l-Artikolu 49 tat-Trattat Dwar l-Unjoni Ewropea, l-pajjiżi ġirien demokratiċi li jistgħu bla diffikultà jiġu identifikati bħala pajjiżi Ewropej u li jirrispettaw l-istat tad-dritt jistgħu, fil-prinċipju, japplikaw biex jissieħbu ma' l-UE, u li l-pass u l-profondità tal-proċess komuni Ewropew għandu jikkorrispondi kemm jista' jkun mal-kapaċitajiet ta' rigward l-implimentazzjoni tar-riformi adegwati u s-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet (il-Kriterji ta' Kopenhagen) fil-pajjiżi msieħba u fl-UE;

26. Itenni, filwaqt li jżomm dan f'moħħu, l-istqarrija ta' l-opinjoni fir-rakkomandazzjoni tal-Parlament lill-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2007 dwar mandat għan-negozjati għall-ftehim ġdid msaħħaħ bejn il-Kommunita' Ewropea u l-Istati membri tagħha fuq naħa u l-Ukraina fuq in-naħa l-oħra⁽¹⁾ li n-negozjati attwali ma' l-Ukraina għandhom jintemmu bil-konklużjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni li tikkontribwixxi b'mod effettiv u kredibbli għall-prospettivi ta' l-Ukraina fl-Ewropa u tħejji l-proċess korrispondenti, inkluża l-possibilità ta' sħubija fl-UE; huwa tal-fehma li għandu jittieħed approċċ korrispondenti fir-relazzjonijiet mal-Moldova, ladarba l-perjodu inizjali ta' għaxar snin tal-ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni ma dak il-pajjiż se jiskadi f'Ġunju 2008;

27. Jinnota l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tistieden lill-Belarus sabiex jattendi għall-Konferenza ta' l-ENP fit-3 ta' Settembru 2007 bħala osservatur; madankollu, jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' reazzjoni pożittiva min-naħa tal-gvern tal-Belarus għall-offerta ta' koperazzjoni b'kundizzjoni maħluqa mill-Kummissjoni non-paper tagħha msemmija hawn fuq ta l-21 ta' Novembru -2006; jikkundanna l-eżekuzzjonijiet kontinwi li jitwettqu fil-Belarus, l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu jimponi l-piena kapitali, u ksor ieħor tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet mill-awtoritajiet tal-Belarus, u jistidinhom biex jeħilsu lill-priġunieri politiċi kollha u biex iwaqqfu kwalunkwe oppressjoni tal-forzi demokratiċi, sabiex in-nies tal-Belarus ikunu jistgħu jibbenefikaw mil-libertà, id-demokrazija u l-integrazzjoni u mill-oppurtunitajiet kollha li jinħolqu permezz ta' integrazzjoni aktar mill-qrib ma' l-UE; jenfasizza li l-UE għandha ttiprovdi mill-aktar fis appoġġ aktar effettiv għas-soċjetà ċivili, media ħielsa u partiti politiċi impenjati għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Belarus sabiex japplika moratorju fuq il-piena kapitali bħala l-ewwel pass lejn it-tneħħija tal-piena kapitali, u sabiex jirratifika t-tieni Protokoll Mhux Obligatorju tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokollu rilevanti tagħha; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tuża l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) b'mod iktar effettiv, u biex tiżgura li l-mezzi mogħtija mill-istrumenti finanzjarji ta' l-UE ma jistgħux jintużaw ħażin mill-gvern Belarussu kontra ċ-ċittadini Belarussi u s-soċjetà ċivili Belarussa;

(¹) Testi Adottati, P6_TA(2007)0355.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi kuntatt dirett fost in-nies billi tnaqqas l-ispejjeż attwali tal-viżi għall-Belarus, speċjalment għall-istudenti, l-istudjużi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, bil-għan li dawn l-ispejjeż jiġu konformi ma' dawk tal-pajjiżi l-oħra ta' l-ENP bħall-Ukraina u r-Russja;
29. Jikkunsidra li l-Belarus għandu l-istess vokazzjoni u prospettivi Ewropej bħal dawk ta' l-Ukraina u l-Moldova, ladarba jħaddan id-demokrazija, jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jsahha l-istat tad-dritt;
30. Huwa konvint li għandu jitwaqqaf qafas motivanti b'miri ta' implimentazzjoni għal perjodu medju ta' żmien, ibbażat fuq ġenerazzjoni ġdida ta' ftehim ta' assoċjazzjoni li jridu jiġu nnegozjati mal-pajjiżi ta' l-ENP li jirrispettaw il-valuri fundamentali Ewropej, li huma lesti li jintegraw aktar mill-qrib ma' l-UE u li juru rendiment oġġettiv fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-ENP;
31. Huwa tal-fehma li dawk il-ftehim għandhom jaħsbu għall-iżvilupp tar-relazzjoni bilaterali ma' l-UE fi stadji progressivi, filwaqt li jiġu nnegozjati kundizzjonijiet konkreti u skadenzi li jridu jiġu rrispettati, jiġu inklużi punti ta' riferenza li jorbtu għar-rendiment u li jridu jiġu speċifikati fil-pjan ta' azzjoni adottat b'mod konġunt, flimkien ma' proċess ta' monitoraġġ regolari; itenni l-proposta preċedenti tiegħu biex jiġu żviluppati ma' dawk il-pajjiżi identifikati b'mod ċar bħala Ewropej, ftehim dettaljati ta' kummerċ ħieles fil-kuntast ta' "Żona Ekonomika Ewropea Plus";
32. Ifaħħar il-konklużjoni tal-ftehim dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi u dwar ir-rijammissjoni ma' l-Ukraina, kif ukoll il-bidu ta' proċess bħal dan mal-Moldova, u jħeġġeġ li ftehim simili jiġi negożjat mal-pajjiżi fil-Kawkasu t'Isfel; huwa konvint li l-prospett ta' sistema li ma tirrikjedix il-viżi għandha tkun maħsuba fil-futur imbiegħed, u għandhom jiġu mfassla l-passi meħtieġa biex dan iseħħ; jenfasizza li fil-każ tal-Ġeorġja, il-progress tar-riformi u l-impatt negattiv mhux maħsub tal-ftehim dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi bejn l-UE u r-Russia fuq it-tmiem tal-kunflitti fir-reġjuni dissidenti Ġeorġjani ta' l-Ossetia t'Isfel u ta' l-Abkhazia jirrikjedi konklużjoni mgħaġġla tal-ftehim dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi bejn il-Ġeorġja u l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex toħloq mekkaniżmi ta' monitoraġġ effiċjenti, b'mod speċjali fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem suġġetti għal ftehim ta' rijammissjoni; jenfasizza l-importanza li jkun hemm garanziji xierqa ta' aċċess għal proċedura ta' kenn ġusta għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari meta jiġu applikati "l-proċeduri mgħaġġla ta' rijammissjoni" għal persuni li jiġu interċettati fir-reġjuni tal-fruntieri, kif imsemmi fil-ftehim ta' rijammissjoni ma' l-Ukraina u fil-proposta għal-ftehim ta' rijammissjoni mal-Moldova;
33. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni intensiva tal-proġetti għat-trasport fir-reġjun li diġà jeżistu u li huma appoġġjati mill-UE, b'mod partikolari l-Medda ta' 'Trasport Ewropa-Kawkasu-Asja (TRA-SECA), il-proġett ta' trasport li jgħaqqad l-Ewropa, il-Kawkasu u l-Asja, filwaqt li jintuża l-potenzjal kollu tat-tranżitu tal-pajjiżi konċernati;
34. Jemmen li għandha sseh integrazzjoni gradwali tal-ġirien tal-lvant ta' l-UE fil-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija, u jħeġġeġ li riformi fis-setturi ta' l-enerġija jiġu implimentati bħala prijorità, filwaqt li jiġu infurzati l-prinċipji ta' ekonomija ta' suq miftuħ u tat-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzijiet, l-aċċess għan-networks u l-effiċjenza ta' l-enerġija; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li saru sabiex tiġi inkluża s-sigurtà ta' l-enerġija b'konformità mal-PESK bħala wieħed mill-pedamenti ta' l-ENP;
35. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni politika ta' l-ENP; huwa favur appoġġ aktar b'saħħtu għall-proġetti reġjonali ta' koperazzjoni politika bħall-Komunità ta' Għażla Demokratika, il-GUAM (Georgia, Ukraina, Azerbajjan u Moldova) u l-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) sabiex jiġu promossi d-demokrazija, il-fiduċja, l-koperazzjoni multilaterali u l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan ir-reġjun b'mod aktar effiċjenti;
36. Jenfasizza l-bżonn ta' parteċipazzjoni aktar b'saħħitha ta' l-UE fis-soluzzjoni ta' dawk li jissejħu konflitti ffriżati, inter alia permezz ta' programmi li jsaħħu l-kunfidenza, l-immaniġġjar ta' konflitt u ta' proġetti dwar l-edukazzjoni, il-kultura u l-bini ta' soċjetajiet ċivili f'territorji dissidenti; ifaħħar ix-xogħol tal-Missjoni ta' l-UE ta' assistenza lill-Ukraina u l-Moldova fuq il-Fruntieri (EUBAM) mal-fruntiera bejn; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiċċaraw li bil-parteeċipazzjoni fl-ENP, il-pajjiżi kkonċernati jimpenjaw ruħhom f'relazzjonijiet tajba mal-ġirien u li, sabiex ikun jista' jiġi sfruttat il-potenzjal kollu ta' l-ENP, jorbtu lill-pajjiżi kkonċernati sabiex jagħmlu sforzi ġodda, friski u ġenwini ħalli jsibu soluzzjonijiet dewwiema u sostenibbli għall-kunflitti fir-reġjun u jżommu lura minn sqarrijiet li jqanqlu l-ġlied, it-theddid u l-azzjonijiet li jistgħu jkople jiddeterjoraw is-sitwazzjoni u jdgħajfu l-isforzi tal-komunità internazzjonali;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

37. Jinkuraġġixxi lill-Ukraina, fi ħdan il-qafas tal-konformità tagħha mad-dikjarazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-PESK ta' l-UE, biex tingħaqad mal-miżuri restrittivi li ħadet l-UE kontra t-tmexxija tar-reġjun tat-Transnistrija tal-Moldova, u b'hekk tagħti kontribut aktar sinifikanti għall-waqfien paċifiku tal-kunflitt fit-Transnistrija;
38. Jilqa' b'sodisfazzjon l-għajnuna mogħtija mill-ENPI għal miżuri biex tinbena l-fiduċja fil-Ġeorġja u fir-reġjuni dissidenti tagħha ta' l-Abkhazia u l-Ossetia t'Isfel; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra il-possibiltà li tingħata l-għajnuna, permezz ta' proġetti lokali għall-bini tal-fiduċja u għar-rijabilitazzjoni ekonomika, lin-Nagorno Karabakh bil-għan li tingħata għajnuna sabiex jintemm il-kunflitt f'dawk l-inħawi;
39. Jistieden lit-Turkija biex tibni relazzjonijiet diplomatiċi normali u biex terġa' tiftaħ il-fruntiera terrestri tagħha ma' l-Armenja bħala parti mill-miżuri għall-bini tal-fiduċja meħtieġa għall-paċi dejjiema u l-integrazzjoni ekonomika fir-reġjun; jitlob lit-Turkija u lill-Armenja biex jibdedw diskussjoni sinċiera dwar il-kwistjonijiet kollha li għadhom pendenti;
40. Jenfasizza l-importanza li titfassal politika aktar sofistikata għaż-żona tal-Baħar l-Iswed, li tikkomplementa l-ENP, u jshaq fuq l-importanza li t-Turkija u r-Russja jkunu msieħba fl-iżvilupp ta' strateġija vijabbli għal dak ir-reġjun;
41. Jikkunsidra li huwa importanti li tissaħħa id-dimensjoni parlamentari ta' l-isħubija politika bejn il-Parlament Ewropew u l-pajjiżi involuti fil-parti tal-lvant ta' l-ENP; għalhekk, jissuġġerixxi li titwaqqaf Assemblea Parlamentari ta' l-UE għall-Viċinat tal-Lvant (EURO-NEST), skond l-eżempju ta' l-assemblej parlamentari multilaterali li diġà twaqqfu bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, u li tinvolvi lill-Parlamenti ta' l-Ukraina, tal-Moldova, ta' l-Armenja, tal-Ġeorġja u ta' l-Azerbajġan, kif ukoll lil osservaturi favur id-demokratizzazzjoni mill-Belarus;
42. Bil-ħsieb li tissaħħa id-dimensjoni parlamentari, jinkoraġġixxi lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, b'koperazzjoni mal-gvernijiet tal-pajjiżi involuti fil-parti tal-lvant ta' l-ENP, pjattaforma għall-koperazzjoni multilaterali reġjonali fil-livell ministerjali, sabiex tkompli tissaħħa id-dimensjoni politika ta' l-ENP fil-lvant ta' l-Ewropa;
43. Huwa konvint li tali assemblea u koperazzjoni ministerjali jikkontribwixxu b'mod utli għall-implimentazzjoni ta' l-ENP msaħħa u jgħibu magħhom valur miżjud għall-ħidma tad-delegazzjonijiet bilaterali interparlamentari, billi jippermettulill-partijiet kollha interessati li jsaħħu l-koperazzjoni, is-solidarjetà u l-fiduċja f'xulxin, li jagħtu kontribut biex jintemmu l-kunflitti pendenti, u li jsaħħu d-djalogu regolari multilaterali dwar suġġetti ta' interess komuni b'dimensjoni reġjonali ċara, bħall-enerġija, l-ambjent, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, eċċ.;
44. Jenfasizza l-bżonn li tintuża sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja sabiex issir insidenza fuq il-fatt li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, il-liġi internazzjonali, l-għażla demokratika u l-istat tad-dritt jiġu rrispettati bħala prinċipji li jmexxu l-approċċ taż-żewġ imsieħba għall-viċinat komuni; jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jassumu r-responsabilità tagħhom li jgħinu fir-restawr ta' l-integrità territorjali tal-pajjiżi ta' l-ENP, biex ikunu konformi ma' l-obbligu tar-Russja li tħares l-minoranzi f'żoni fejn hija involuta f'missjonijiet għaż-żamma tal-paċi, u biex ma jopponux l-involvement Ewropew li huwa possibbli f'operazzjonijiet ċivili u militari għaż-żamma tal-paċi fiż-żoni ta' kunflitti li għadhom ma ssolvewx, kif mitlub minn xi partijiet konċernati; jiddispijaċih li r-riżorsi ta' l-enerġija jintużaw bħala għodda biex jintlaħqu oġettivi politiċi; jistieden lir-Russja biex tibda djalogu kostruttiv ma' l-UE u mal-ġirien komuni tagħha dwar il-possibiltajiet ta' koperazzjoni multilaterali akbar fiż-żona tal-Baħar l-Iswed;
45. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva sabiex jissaħħu strateġikament ir-relazzjonijiet mal-ġirien tal-pajjiżi ta' l-ENP tal-lvant, b'mod partikolari l-pajjiżi ta' l-Asja Ċentrali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-istrateġija adottata riċentement fl-Asja Ċentrali; iqis f'dan il-qafas li għandha tkun żviluppata koperazzjoni partikulari u b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-Asja Ċentrali; jenfasizza li, minħabba l-irwol ewlieni fil-politika, l-ekonomija u l-enerġija tal-Kazakhstan f'dan ir-reġjun, kif ukoll l-istrutturi multi-entici,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

sekulari, distinti u ta' suċċess tiegħu, dan il-pajjiż għandu jkun l-eżempju ewlieni ta' relazzjoni msaħħa bejn daww il-pajjiżi u l-Unjoni Ewropea, madankollu suġġett għall-kundizzjoni li Kazakhstan jwettaq riformi politiċi estensivi, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi;

46. Jinsisti li l-implimentazzjoni ta' l-ENP għandha tibqa' ħidma politika komuni għall-Istati Membri kollha ta' l-UE; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li għandha titqies l-esperjenza unika tar-riformi marbuta mat-tranżizzjoni ta' daww l-Istati Membri li ssieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fis-seklu 21, sabiex jiġu żviluppatti u rfinatti iżjed il-mekkaniżmi l-ġodda li qed jaħdmu attwalment, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżi ta' l-ENP;

Il-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Mediterran

47. Jenfasizza r-rabtiet b'saħħithom u dejjiema bejn l-UE u l-pajjiżi tan-nofsinhar tal-Mediterran u jisħaq fuq il-koperazzjoni mill-qrib li hija fl-interess taż-żewġ naħat;

48. Ifakkar li l-Ujoni Ewropea għandha tappoġġja u tinkoraġġixxi b'mod attiv il-proċess ta' riforma fil-pajjiżi tan-Nofsinhar imsieħba fil-ENP, minħabba li l-benefiċċji potenzjali tar-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali profondi huma ħafna akbar mill-ispejjeż tagħhom; ifakkar ukoll li dan hu proċess gradwali, li jiddependi wkoll mill-involviment tal-pajjiżi msieħba sabiex iwettqu r-riformi;

49. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tkompli tesplora aktar fill-fond l-għażliet differenti possibbli għall-ġenerazzjoni li ġejja ta' ftehim b'miri wiesgħa mal-pajjiżi ta' l-ENP tan-Nofsinhar; jisħaq li f'dan il-ftehim għandhom jiġu inklużi mekkaniżmi għat-twettiq tal-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinnota li dan il-ftehim bilaterali m'għandhux iwaqqaf aktar koperazzjoni multilaterali fir-reġjun, u b'mod partikolari s-segwitu ta' l-oġġettivi tal-Proċess ta' Barcellona, fosthom il-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles; jitlob lill-Istati Membri sabiex jirriflettu fuq il-metodi possibbli ta' kif jistgħu isaħħu l-koperazzjoni, anke permezz ta' aktar flessibilità bil-ftuħ tas-swieq tal-biedja u tax-xogħol fil-futur, b'mod kompatibbli mal-protezzjoni soċjali u l-ekwità; jistieden lill-pajjiżi ta' l-ENP tan-Nofsinhar biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ftuħ ta' sistemi ekonomiċi u fl-armonizzazzjoni tar-regoli ekonomiċi tagħhom ma' l-aspetti relevanti ta' l-acquis ta' l-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-pajjiżi Mediterranji jingħataw id-dritt li jikkontrollaw ir-ritmu li bih jinfetħu s-swieq tagħhom u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali; jikkunsidra li użu iżjed effettiv ta' l-ENPI għal proġetti reġjonali għandu jagħmel possibbli titjib fis-sitwazzjoni sabiex tiffavorixxi spazju ekonomiku reali reġjonali u integrat;

50. Ifakkar li d-drittijiet universali tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri ta' l-UE; jiddispaċih għall-fatt li, sa mill-bidu tas-sħubija Ewro-Mediterranja (EMP), il-progress, minkejja li kien sostanzjali f'termini ta' demokrazzja u drittijiet tal-bniedem ma kienx biżżejjed, u jitlob lill-Kummissjoni li tkompli bil-koperazzjoni tagħhom mal-gvernijiet, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi konċernat; jenfasizza l-importanza tal-libertà ta' l-espressjoni fil-bini ta' kultura demokratika u fit-tisħiħ tas-soċjetà ċivili; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi djalogi reali f'dan il-qasam u sabiex tiżviluppa b'mod attiv politiki u programmi edukattivi komuni għall-promozzjoni ta' l-għarfien reċiproku, it-tolleranza u d-drittijiet tannisa, b'mod partikolari fost il-ġenerazzjonijiet il-ġodda; l-imsieħba tan-Nofsinhar għandhom, għal dan il-għan, ikunu aktar trasparenti u miftuħa għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili; madankollu, huwa konvint, li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx iwaqqfu lill-UE milli tagħmel kritika pubblika u li tadotta miżuri oħra fil-każ ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali;

51. Jirrikonoxxi ċ-ċirkustanzi, l-interessi u l-prijoritajiet differenti ta' kull pajjiż tan-nofsinhar, li jitkkunsidra fin-negozjati u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni; jenfasizza l-importanza kbira taż-żieda fil-koperazzjoni reġjonali fi ħdan il-qafas ta' l-EMP; jenfasizza li l-ENP bl-ebda mod ma jbidel jew jikkompeti ma' l-EMP, imma li ż-żewġ politiki huma kumplementari u jagħmluha possibbli li jgħaqqdu l-approċċ multi-

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

laterali tal-Proċess ta' Barcellona mal-prospettiva bilaterali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha ħalli tiċċara r-rabta bejn iż-żewġ politiki, kemm mal-pajjiżi msieħba kif ukoll mal-pubbliku Ewropew;

52. Ifakkar li tinħtieġ rieda politika b'saħħitha min-naħa ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u ta' l-Istati Membri sabiex jipparteċipaw b'mod attiv fis-soluzzjoni tal-konflitt fir-reġjun, filwaqt li jevitaw li dawn il-kunflitti ixekklju l-iżvilupp ta' l-ENP; jenfasizza li l-ENP mhux se tilħaq il-potenzjal kollu tagħha jekk ma tinstabx soluzzjoni għall-konflitti li qed jagħmlu l-koperazzjoni reġjonali diffiċli jew impossibbli; ifakkar li jaqbel li t-tisħiħ ta' l-attivitajiet ta' l-ENP ikun jista' jwassal għal soluzzjoni tal-kunflitti u li l-attivitajiet jikkonċentraw fuq miżuri li bihom tinbena l-fiduċja, bħall-immaniġġjar tal-fruntieri, l-appoġġ għall-proċessi ta' rikonċiljazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u l-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jenfasizza l-irwol importanti ta' l-istrument li jiffaċilita l-governanza fil-prevenzjoni u fit-tiftix ta' soluzzjoni tal-kunflitti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-bżonn għall-koerenza u l-komplimentarjetà bejn l-ENP u strumenti oħra u oqsma oħra ta' azzjoni, kif ukoll analiżi tal-kunflitti strutturata u sensitività lejn il-kunflitti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi;

53. Ifakkar li l-ENP, flimkien ma' l-EMP, tikkostitwixxi l-qafas għall-oqsma kollha ta' koperazzjoni; huwa tal-fehma li koperazzjoni msaħħa bejn il-partijiet interessati għandha tkun possibbli u faċilitata; josserva li l-kunsiderazzjoni ta' inizjattivi ġodda għat-tisħiħ tal-koperazzjoni fil-Mediterran għandha, f'kull każ, timplika l-għotja ta' impetu għid lill-EMP, li teħtieġ riflessjoni serja dwar il-limiti u d-diffikultajiet esperjenzati f'dawn l-aħħar snin; jinsisti li l-Mediterran għandu jibqa' kwistjoni ta' interess politiku komuni għall-Istati Membri kollha; ifakkar dwar l-importanza ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja; jenfasizza l-isperanza tiegħu li għad ikun possibbli li din l-istituzzjoni tiġi involuta fl-evalwazzjoni ta' l-iżvilupp tal-politiki Ewro-Mediterranji;

54. Jikkunsidra li huwa importanti li jiġu stabbiliti relazzjonijiet iżjed mill-qrib, anke permezz ta' relazzjonijiet ġodda, mal-pajjiżi li huma ġirien tal-ġirien tagħna, bħal ma huma l-pajjiżi tal-Kunsill għall-Koperazzjoni tal-Golf;

L-irwol tal-Parlament Ewropew

55. Itenni d-determinazzjoni tiegħu sabiex ikompli jagħmel kontroll profond ta' l-implimentazzjoni ta' l-ENP, billi juża s-setgħat tiegħu, inkluża s-setgħa baġitarja tiegħu, u billi jfittex id-djalogu mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-ENPI, kif ukoll ma' l-EIDHR, djalogu li beda fl-2007 u li għandu jkompli b'reviżjoni pjanata għall-2009; għandu l-intenzjoni li jevalwa regolarment ir-rapporti tal-progress ta' l-ENP; madankollu jiddispaċih bil-fatt li ma geix ikkonsultat dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-ENP, dwar l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tagħhom u dwar il-progress fid-diskussjonijiet fis-sottokomitatati tad-drittijiet tal-bniedem;

56. Huwa konxju mill-irwol tiegħu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' l-opinjoni u bħala forum għad-dibattitu pubbliku, u bi ħsiebu jsaħħaħ il-koperazzjoni tiegħu mal-parlamenti u mas-soċjetajiet ċivili fil-pajjiżi ta' l-ENP; għalhekk jinpenja ruħu li juża d-delegazzjonijiet tiegħu għall-korpi interparlamentari b'mod iktar effettiv; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tad-dimensjoni mhux governattiva, b'mod partikolari tal-pjattaforma tas-soċjetà ċivili Ewro-Mediterranja, biex tissaħħaħ id-dinamika politika fil-pajjiżi msieħba tan-nofsinar;

*

* *

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi kollha ta' l-ENP u tat-Turkija u l-Federazzjoni Russa.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0539

Il-Kummerċ u relazzjonijiet ekonomiċi ma' l-Ukrajna

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-Kummerċ u r-relazzjonijiet ekonomiċi ma' l-Ukrajna (2007/2022(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali li jstabilixxu Strument Ewropew tal-Viċinat u għas-Sħubija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' għaxar punti Ferrero-Waldner/Solana għall-Ukrajna, li l-Kunsill ikkonferma fil-21 ta' Frar 2005,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mill-Kummissarju Ferrero-Waldner tat-22 ta' Novembru 2005 bit-titolu "L-implimentazzjoni u l-promozzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat" (SEC(2005)1521),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "It-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat" (COM(2006)0726),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija Nazzjonali tal-Kummissjoni għall-2007-2013 u l-Programm Indikattiv Nazzjonali 2007-2010 għall-Ukrajna,
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim dwar il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, iffirmit fl-1 ta' Diċembru 2005,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "L-iżvilupp ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni ma' l-Ukrajna", (COM(2005)0451),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Dokument ta' Strateġija għall-Politika Ewropea tal-Viċinat" (COM(2004)0373),
- wara li kkunsidra d-"Dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat: Rapport tal-Progress tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Ukrajna. (COM(2006)0726)" SEC(2006)1505,
- wara li kkunsidra l-"Ftehim bejn l-Ukrajna u l-Komunità Ewropea dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Tessili", iffirmita fil-5 ta' Mejju 1993 u estiża u emendata fid-9 ta' Marzu 2005,
- wara li kkunsidra l-"Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Ukrajna" ⁽²⁾, iffirmita fl-14 ta' Ġunju 1994 u estiża u emendata fit-30 ta' Marzu 2004 u fis-27 ta' Marzu 2007,
- wara li kkunsidra l-"Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukrajna dwar il-Kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar" ⁽³⁾, iffirmita fid-22 ta' Novembru 2004,

⁽¹⁾ ĠU L 310, 9.11.2006, p.1.

⁽²⁾ ĠU L 49, 19.2.1998, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 384, 28.12.2004, p.23.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-“Ftehim ta’ Koperazzjoni dwar Sistema Satellitarja Globali ċivili tan-Navigazzjoni (GNSS) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-Ukrajna” u l-“Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta’ l-ajru”, it-tnejn li huma ffirmati fl-1 ta’ Diċembru 2005,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tas-Samits riċenti bejn l-UE u l-Ukrajna, inkluż dak li sar f’Helsinki fis-27 ta’ Ottubru 2006 u f’Kiev fl-14 ta’ Settembru 2007,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Jannar 2006 dwar il-“Politika Ewropea tal-Viċinat”⁽¹⁾ (ENP),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta’ Mejju 2007 dwar “Ewropa Globali — aspetti esterni tal-kompetittività”⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta’ Lulju 2007 lill-Kunsill dwar “mandat għal negozjar għal ftehim għdida mseddqa bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda u l-Ukrajna fuq in-naħa l-oħra”⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-attivitajiet tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kumitat għall-Koperazzjoni Parlamentari bejn l-UE u l-Ukrajna,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta’ Jannar 2007 dwar in-negozjati ta’ Ftehim Għdida Mseddqa (“New Enhanced Agreement” NEA),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0396/2007),
- A. billi l-Ukrajna hija ġara ta’ importanza strateġika għall-UE u “l-pont” naturali li jgħaqqad l-UE mar-Russja u ma’ l-Asja Ċentrali; billi d-daqs tagħha, ir-riżorsi tat-territorju tagħha u l-popolazzjoni u l-lok ġeografiku tagħha jagħtu lill-Ukrajna pożizzjoni distintiva fl-Ewropa u jagħmluha attur reġjonali determinanti,
- B. billi, wara t-tkabbir ta’-2004, l-UE saret l-akbar sieħba kummerċjali ta’ l-Ukrajna; billi l-adeżjoni ma’ l-UE ta’ pajjiżi li għandhom fruntiera komuni ma’ l-Ukrajna saħħet ir-rabtiet kummerċjali tagħha ma’ l-UE u fetħet opportunitajiet ġodda għal kummerċ reġjonali, koperazzjoni industrijali u tkabbir ekonomiku,
- C. billi wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Parlament Ewropew sa fejn għandha x’taqsam il-politika barranija hu li ssaħħa u trawwem il-Politika Ewropea tal-Viċinat (“European Neighbourhood Policy — ENP”), li għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp tad-demokrazija u ta’ l-ekonomija tas-suq fil-pajjiżi ġirien ta’ l-UE u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom ma’ l-UE u l-Istati Membri tagħha,
- D. billi, sabiex tiġi żviluppata politika tal-viċinat effettiva, għandha tingħata prijorità lill-multilateraliżmu, u għalhekk il-ftehim ta’ kummerċ ħieles (FTA) futura se tkun element ewlieni tal-Ftehim Għdida Mseddqa (NEA) li dwarha nbdew in-negozjati fil-5 ta’ Marzu 2007,
- E. billi l-adeżjoni ta’ l-Ukrajna fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), u r-ratiffika tagħha mill-Parlament ta’ l-Ukrajna, hija l-prekundizzjoni neċessarja sabiex il-pajjiż ikun jista’ jibda n-negozjati għal żona ta’ kummerċ ħieles ma’ l-UE fi ħdan il-qafas tan-NEA bil-ħsieb li ggħib l-ekonomija ta’ l-Ukrajna qrib kemm jista’ jkun ta’ l-ekonomija ta’ l-UE u b’mod aktar ġenerali sabiex ittejjeb il-prestazzjoni kummerċjali u ekonomika ta’ l-Ukrajna,

⁽¹⁾ ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 312.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0196.

⁽³⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0355.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- F. billi, fil-qasam tal-kummerċ, l-UE u l-Ukrajna jaqsmu interessi konverġenti u t-tnejn jistgħu jibbenefikaw minn aktar integrazzjoni tas-swieq rispettivi tagħhom; billi, f'dan il-kuntest, l-adozzjoni gradwali ta' l-*acquis* Komunitarju mill-Ukrajna kien jikkostitwixxi pass sinjifikanti lejn l-oġġettiv ta' l-Ukrajna li sseħħ l-integrazzjoni gradwali ekonomika u l-approfondiment tal-koperazzjoni politika ma' l-UE,
- G. billi l-ftehma ta' kummerċ ħieles (FTA) proposta bejn l-Ukrajna u l-Komunità Ewropea fil-bidu jista' jkollha effetti negattivi li jkunu jolqtu prinċipalment lill-gruppi l-aktar vulnerabbli ekonomikament u soċjalment; billi huwa meħtieġ li jinħolqu mekkaniżmi tranżizzjonali, billi tingħata spinta lill-għajnuna ekonomika lil gruppi tal-popolazzjoni, li jippermettu li sseħħ integrazzjoni gradwali u bilanċjata, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż,
- H. billi l-isforzi ta' l-UE m'għandhomx jiffokaw biss fuq l-integrazzjoni ekonomika ta' l-Ukrajna iżda għandhom ukoll joħlqu l-pedament għall-appoġġ soċjali, per eżempju billi jippermettu aċċess aktar ġust u aktar ugwalitarju għall-pensjonijiet ta' l-irtirar, għotjiet għall-ifqar nies, familji numerużi u l-popolazzjoni rurali, u billi jwaqqfu mekkaniżmi ta' finanzjament u faċilitajiet oħra għall-integrazzjoni tal-minoritajiet; billi dawn il-miżuri jipromwovu l-istabilità soċjali u politika meħtieġa għas-suċċess ta' l-integrazzjoni ekonomika ta' l-Ukrajna fid-WTO u għal sħubija aktar mill-qrib ma' l-UE,
- I. billi, kif kien ikkonfermat waqt laqgħat ta' livell għoli u samits li saru dan l-aħħar, l-UE u l-Ukrajna huma ddeterminati li javvanzaw rapidament biex jilhqqu l-għan li joħlqu żona komuni ta' kummerċ ħieles ladarba l-Ukrajna tkun temmet il-proċess tagħha ta' l-adeżjoni mad-WTO u ladarba l-Parlament ta' l-Ukrajna jkun irratifikah,
- J. billi jridu jitħallew spazju u żmien biex il-pajjiż jikkonsolida l-kapaċità tiegħu li jirrispondi għall-isfidi tal-globalizzazzjoni; billi jeħtieġ li jkun hemm ftuħ gradwali tas-suq Ukranjan, b'livell ta' flessibilità sabiex ikun evitat li tiġi imposta viżjoni ekonomika, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa fl-ekonomija tal-pajjiż u l-karatteristiċi interni tiegħu u l-pożizzjonijiet reġjonali tiegħu,
- K. billi l-UE u l-Ukrajna jiffaċċjaw sfidi komuni tal-politika kummerċjali u ekonomika relatati mal-globalizzazzjoni u mal-fatt li qed jiffaċċaw atturi ekonomiċi ġodda u b'saħħithom; billi koperazzjoni ekonomika mseddqa ma' l-UE tista' tagħti spinta lir-riformi meħtieġa u, flimkien ma' klima mtejba ta' investiment, tattira investimenti diretti barranin kemm minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) kif ukoll mis-settur privat għall-benefiċċju ta' l-ekonomija nazzjonali ta' l-Ukrajna,
- L. billi koperazzjoni ekonomika aktar mill-qrib ma' l-Ukrajna toffri wkoll prospetti pożittivi ta' tkabbir għall-ekonomiji ta' l-Istati Membri u sseddaq l-integrazzjoni tagħhom aktar fil-fond fis-suq waħdieni ta' l-UE,
- M. billi l-kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali l-ġodda fl-Ewropa tal-Lvant jikkostitwixxu sfidi komuni li jitolbu reazzjoni globali kkoordinata,

L-Adeżjoni mad-WTO

1. Jappoġġja l-konklużjoni tan-negozjati li saret b'suċċess dwar l-adeżjoni mad-WTO; jistieden lill-Ukrajna tneħħi l-ostakli li għad fadal, kemm dawk ta' natura leġiżlattiva u kemm dawk ta' natura teknika, li jikkontribwixxu għad-diffikultajiet marbuta mill-qrib ma' l-adeżjoni tagħha mad-WTO;
2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru aktar appoġġ politiku kif ukoll diplomatiku għall-adeżjoni ta' l-Ukrajna mad-WTO u jipprovdu lill-Ukrajna assistenza li tibqa' għaddejja sabiex tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Ukrajna biex tagħmel użu sħiħ tal-perjodi tranżizzjonali mogħtija biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti spiss eżiġenti li jappartienu lis-sħubija tagħha fid-WTO;
3. Jilqa' d-deċiżjonijiet ta' l-UE li tagħti lill-Ukrajna l-istejtus ta' ekonomija tas-suq, b'għarfien ta' l-isforzi mill-akbar li saru mill-Gvern ta' l-Ukrajna biex jistabbilixxi fil-pajjiż ekonomija tas-suq li tiffunzjona tajjeb; jistieden lill-Gvern ta' l-Ukrajna jikkonsolida dawn il-kisbiet billi jassikura li t-tagħwiġ serju tas-suq ikun indirizzat b'mod xieraq;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

Il-Ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Ukrajna

4. Jilqa' l-fatt li l-Evalwazzjonijiet ta' Impatt Sostenibbli tal-Kummerċ li għadha ghaddejjja bħalissa taħt l-awspiċju tal-Kummissjoni se titlesta sa meta jibdeu in-negozjati uffiċjali għall-FTA, ladarba l-Ukrajna tkun temmet il-proċess ta' l-adeżjoni mad-WTO u l-parlament ta' l-Ukrajna jkun irratifika r-riżultat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern ta' l-Ukrajna sabiex iqisu bir-reqqa r-riżultati ta' l-istudju ta' l-Evalwazzjonijiet ta' l-Impatt Sostenibbli ("Sustainable Impact Assessment — SIA") meta jkun qed jiġi ffinalizzat il-kontenut ta' l-FTA;
5. Jistieden lill-partijiet kontraenti sabiex jikkunsidraw bir-reqqa l-istabiliment ta' qafas istituzzjonali sod u effiċjenti li jkun jaħseb għat-twaqqif ta' Kumitati Konġunt ta' sorveljanza u għall-għoti ta' poteri lil dawn il-Kumitati awtorizzati li jagħmlu rakkomandazzjonijiet li jkomplu jtejbu aktar ir-relazzjonijiet reċiproki kummerċjali u ekonomiċi u jagħtu spinta lill-ħolqien ta' mekkaniżmu funzjonanti għas-soluzzjoni ta' tilwimiet;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern ta' l-Ukrajna biex jistabilixxu Forum ta' Żvilupp Sostenibbli, li jkun miftuħ għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, bil-bidla fil-klima bħala komponent qawwi, anke qabel ma sseħħ il-konklużjoni tan-negozjati dwar ftehma ta' kummerċ ħieles (FTA);
7. Jinnota li żona ta' kummerċ ħieles ma' l-Ukrajna żgur li se jkollu effetti pożittivi aktar ma jgħaddi ż-żmien iżda tista' wkoll tiġġenera riperkussjonijiet negattivi għal żmien qasir jew għal medda ta' żmien medja fuq l-Istati Membri ta' l-UE tal-Lvant li jeħtieġ li jiġu indirizzati;
8. Jistieden lill-Ukrajna tkompli tfassal u timplimenta l-leġiżlazzjoni doganali li hija konformi ma' l-istandards internazzjonali u ma' dawk ta' l-UE u biex ittejjeb il-funzjonament tas-servizzi tad-dwana billi tissimplifika u timmodernizza l-proċeduri doganali kemm fuq il-fruntieri u kemm 'il ġewwa fil-pajjiż; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-isforzi ta' l-Ukrajna f'dan il-qasam billi tipprovdi għajnuna teknika addizzjonali u appoġġ finanzjarju ddedikat;
9. Jinnota li, minkejja l-fatt li l-prodotti l-aktar kompetittivi importati mill-Ukrajna għal ġo l-UE m'humiex parti mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) ta' l-UE, din is-sistema kienet ta' għajnuna immensa għall-produtturi Ukranjani li xtaqu jidħlu fis-swieq tal-Komunità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw li tkompli ssir il-liberalizzazzjoni vis-à-vis l-Ukrajna billi jagħtu status ta' eliġibilità għal arranġamenti preferenzjali speċjali skond il-klawsola hekk imsejħa "tad-drittijiet tax-xogħol" (li tagħti trattament preferenzjali lil pajjiżi bħal m'hi l-Ukrajna li implimentaw il-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-drittijiet essenzjali tax-xogħol);

Il-politika industrijali

10. Ihegġegħ lill-Ukrajna biex tagħmel riformi domestiċi adizzjonali li jippermettu integrazzjoni sostenibbli fis-swieq globali tad-dinja u fil-ktajjen tal-valuri; jissottolinja li d-diversifikazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha primarjament tikkomplementa t-tisħiħ tas-suq domestiku biex l-esportazzjoni tkun tista' ssir sors ta' min jorbot fuqu ta' tkabbir ekonomiku futur fl-Ukrajna;
11. Jistieden lill-Ukrajna tippromwovi l-operazzjoni effiċjenti tas-servizzi pubbliċi u aċċessibilità ta' kwalita aħjar għaċ-ċittadini kollha għal dawn is-servizzi u tagħti attenzjoni akbar lil-liberalizzazzjoni tas-suq billi tiggarantixxi l-ilħuq b'suċċess tal-proċess tal-privatizzazzjoni, iż-żarmar tal-monopolji u l-indipendenza tal-bank nazzjonali ta' l-Ukrajna;
12. Jidhirlu li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn is-servizzi kummerċjali u s-servizzi pubbliċi, li permezz tagħha dawn ta' l-aħħar m'għandhomx ikunu affettwati mil-liberalizzazzjoni, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni u l-aċċess tajjeb għall-bżonnijiet pubbliċi essenzjali bħal m'huma l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma tax-xorb u l-enerġija;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

13. Jistieden lill-Ukrajna tibbilanċja d-drittijiet akbar ta' l-azzjonisti u ta' l-investituri li rriżultaw mis-subija mad-WTO billi ttejjeb l-aċċess għaċ-ċittadini tagħha kollha għat-tagħrif korporattiv, tiżgura l-applikazzjoni stretta tad-drittijiet soċjali, ekonomiċi u umani, u billi tersaq lejn l-istandards internazzjonali fir-responsabilità soċjali korporattiva (CSR), fil-kontabilità u fl-ivverifikar; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-qrati ċivili u kummerċjali ta' l-Ukrajna jkollhom irwol dejjem akbar fid-dissważjoni tad-diskriminazzjonijiet u l-abbużi;

14. Ihegġegħ lill-Ukrajna sabiex tistabilixxi sistema tat-taxxi koerenti u effettiva li tkun tikkonformi mal-leġiżlazzjoni u l-prattiki ta' l-UE; ifakkar li servizzi finanzjarji sodi u effettivi huma prekundizzjoni meħtieġa ta' kull tkabbir ekonomiku ieħor li se jsir fl-Ukrajna; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu aġġornati u estiżi r-regolamenti ta' kontra l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa; ihegġegħ lill-Ukrajna biex immedjatament twaqqaf milli titkompla kull Prattika fiskali diskriminatorja kontra operaturi barranin;

15. Jinnota bi tħassib li, minkejja l-isforzi tal-Gvern ta' l-Ukrajna, il-korruzzjoni għadha pprattikata sew madwar il-pajjiż u twestaq irwol mill-akbar fli tiskuraġġixxi t-tkabbir ekonomiku u ta' l-aċċess ta' kapital barrani; ihegġegħ lill-Gvern ta' l-Ukrajna jieħu l-inizjattivi xierqa biex jiġġieled kontra l-korruzzjoni b'mod partikulari billi jindirizza l-kawżi li huma fil-bażi tagħha;

16. Jinnota li s-settur tal-ħadid fondut u ta' l-azzar jirrappreżenta l-biċċa l-kbira ta' l-esportazzjoni tal-manifattura Ukranjana u l-akbar sors ta' dħul mill-kummerċ għall-pajjiż; jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tal-ftehma dwar l-azzar iffirmata fil-marġini tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina fit-18 ta' Ġunju 2007, li ppermettiet żieda sostanzjali fil-kwoti tal-prodotti ta' l-azzar l-Ukrajnani li jitħallew jiddaħħlu fil-Komunità u ffaċilitat liberalizzazzjoni aktar effettiva għalkemm aktar gradwali tal-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Ukrajna u l-UE; jemmen li din il-ftehma se tikkontribwixxi b'mod sinjifikanti għall-promozzjoni ta' l-obiettivi tal-ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) u se twitti t-triq għal swieq aktar integrati, skond id-dispożizzjonijiet tad-WTO, meta jitneħħew ir-restrizzjonijiet kwantitattivi;

17. Jistieden lill-Ukrajna sabiex telimina t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, li huwa sors ta' kummerċ inġust, u b'hekk tgħin biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' kummerċ armonjużi; bl-istess mod, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tassikura li l-Istrumenti tad-Difiża tal-Kummerċ ("Trade Defence Instruments — TDI") ikunu applikati biss fejn tgħawwiġ tal-kummerċ ikun wassal għal "dumping" inġurjuż jew għal-issussidjar;

18. Jistieden lill-Gvern ta' l-Ukrajna sabiex jieqaf milli jagħti sussidji illegali lill-kumpaniji ta' l-esportazzjoni ta' l-Ukrajna bi vjolazzjoni tar-regoli tad-WTO u sabiex tevita kull tgħawwiġ tas-suq;

19. Jinnota li r-ritmi preżenti tal-kummerċ ta' l-Ukrajna, li kibru b'mod sinjifikanti u qed ikomplu jikbru, jistgħu ma jkunux sostenibbli aktar 'il quddiem fuq medda twila ta' żmien minħabba li jiddependu b'mod qawwi fuq fatturi temporanji u ċikliċi, bħal m'hi ż-żieda drammatika fil-konsum u l-prezzijiet dinjija ta' l-azzar;

20. Jinkuraġġixxi l-approssimazzjoni u l-konverġenza ta' l-istandards fis-setturi ta' l-agrikoltura, l-industrija u tas-servizzi u jistiedem lill-Kummissjoni ttipprovdi l-għajnuna finanzjarja u teknika biex tkun żgurata l-konformità tagħhom ma' l-istandards Komunitarji;

21. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi baxxi tal-ħaddiema tal-minjieri u dwar numru dejjem jikber ta' diżgrazzji tal-minjieri fl-Ukrajna; ihegġegħ lill-Gvern ta' l-Ukrajna jiggarrantixxi li d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema rigward is-sikurezza u l-paga minima jkunu implimentati kif jixraq;

L-enerġija u kwistjonijiet relatati mat-tranżitu

22. Jitlob għar-rinfurzar ta' djalogu ta' livell għoli bejn l-Ukrajna u l-UE fis-settur ta' l-enerġija sabiex ikun implimentat b'mod sħiħ il-Memorandum ta' Fehim dwar koperazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija bejn l-UE u l-Ukrajna;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

23. Jidhirlu li, minħabba l-ħtieġa għal rittmi ta' kummerċ aktar sostenibbli sabiex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima, l-aċċess għal riżorsi ta' enerġija huwa kwistjoni ta' twaqqif ta' regoli b'manjiera multilaterali li m'għandux jiġi mdgħajjef minn ftehimiet kummerċjali bilaterali li jikkompetu għall-kundizzjonijiet ta' aċċess l-aktar favorevoli;
24. Jistieden lill-Ukrajna tiżviluppa approċċ konsistenti lejn l-enerġija mmirat biex jassigura d-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvisti ta' l-enerġija għaddejjin mit-territorju ta' l-Ukrajna, is-sikurezza nukleari, riforma tas-suq tagħha ta' l-enerġija domestika, l-iżvilupp u l-immodernizzar ta' l-infrastrutturi tas-settur ta' l-enerġija (inklużi pajpijiet twal li jwasslu l-enerġija minn post għall-ieħor), utilizzazzjoni effiċjenti ta' l-enerġija u sfruttar aħjar ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;
25. Jisħaq fuq l-importanza li tkun assigurata sistema ta' tranżitu ta' enerġija bejn l-Ukrajna u l-UE li tkun sikura, trasparenti u ta' min joqgħod fuqha;
26. Jappoġġja bil-qawwa l-inklużjoni gradwali ta' l-Ukrajna fin-networks ta' trasport trans-Ewropej; iqisu fattur ewlieni biex l-FTA bejn l-UE u l-Ukrajna tiffunzjona b'suċċess;

Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali

27. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Ukranjani, fi ħdan il-qafas tal-proċess ta' l-adeżjoni mad-WTO u l-ftehimiet bilaterali rilevanti tagħha ma' l-UE, sabiex iġibu l-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-proprjetà intellettuali u r-rinfurzar tal-liġi tagħha konformi ma' l-*acquis communautaire*, ir-regoli tad-WTO, b'mod partikulari l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali relatati mal-kummerċ (TRIPs), u ma' standards oħra internazzjonali rilevanti u jiżguraw implimentazzjoni sħiħa, konsistenti u sostnuta sabiex il-kontrafazzjoni u l-piraterija jistgħu jiġu miġġielda b'mod effettiv; ihegġegħ lil-leġiżlaturi Ukranjani jikkonsultaw ma' l-UE u mal-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikulari r-rappreżentanti ta' dawk li jippossiedu d-drittijiet, fi stadju bikri fil-proċess ta' l-abbozzar qabel ma' jiġu adottati xi bidliet fl-Att dwar il-Proprjetà Intellettuali, speċjalment fejn għandha x'taqsam l-introduzzjoni jew l-emendar ta' drittijiet diġitali, ir-regolamentazzjoni ta' l-immaniġġjar kollettiv ta' drittijiet u d-dispożizzjonijiet għall-infurzar;
28. Jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Ukranjani jimplementaw il-miżuri kollha meħtieġa u effettivi biex jinnewtralizzaw is-sorsi ta' attività illegali, bħal m'huma impjanti ta' diski ottiċi li jimmanifatturaw kopji infrangenti ta' prodotti koperti mid-dritt tal-proprjetà intellettuali u siti ta' l-Internet li jkun fihom b'mod illegali materjali koperti mid-dritt tal-proprjetà intellettuali, u biex jeradikaw il-piraterija mis-swieq, bħal m'hu s-suq ta' Petrovka f' Kiev; jinnota li dawk il-miżuri għandhom jinkludu spezzjonijiet irripetuti u li ma jkunux imħabbra minn qabel bil-koperazzjoni ta' dawk li jippossiedu d-drittijiet;
29. Jenfasizza l-ħtieġa li s-sistema preżenti tal-qorti tiġi adattata sabiex tipproteġi b'mod effettiv id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPRs) u tiżgura li l-prosekuzzjonijiet u l-issentenzjar tal-persuni kollha involuti fil-kummerċ illegali, i.e. kemm il-fabbrikanti u kemm il-bejjieġha, isiru iktar malajr; jinnota li l-ġudikatura u l-qrati Ukranjani għandhom jingħataw istruzzjonijiet biex bħala regola jikkonfiskaw u jeqirdu materjali li jkun ovvju li huma ppiratati jew kontrafatti;
30. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Ukranjani jirrevedu s-sistema ta' l-ologrammi għall-prodotti koperti mid-dritt tal-proprjetà intellettuali f'konsultazzjoni mill-qrib ma' dawk li jippossiedu d-drittijiet;
31. Ihegġegħ lill-awtoritajiet doganali Ukranjani jsaħħu sostanzjalment l-azzjonijiet tagħhom kontra l-importazzjoni ta' diski pirati maħduma fir-Russja u jtejbu l-koperazzjoni tagħhom mas-settur privat;

Koperazzjoni xjentifika u edukattiva

32. Ihegġegħ lill-Ukrajna tagħti prijorità akbar lill-iżvilupp ta' mudell ekonomiku bbażata fuq l-ekonomija ta' l-għarfien u li żżid b'mod sostanzjali l-proporzjon tal-prodott gross domestiku (PGD) allokat lir-riċerka xjentifika u lis-skambji akkademiċi; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku;
33. Jisħaq fuq il-punt li l-koperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija hija ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp ta' l-ekonomija nazzjonali u għall-ħolqien ta' klima favorevoli għall-investiment u l-innovazzjoni; hu tal-fehma li, għal dan il-għan, kemm ir-relazzjonijiet bilaterali ta' l-Istati Membri ta' l-UE ma' l-Ukrajna, kif ukoll il-politika komuni ta' l-UE lejn l-Ukrajna, jeħtieġ li jkomplu jiġu żviluppatti aktar;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern ta' l-Ukrajna jsejdu l-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-programmi ta' taħlim edukattivi u xjentifiċi, bħal m'huma l-Erasmus Mundus u l-Programm Jean Monet; jappoġġja t-twaqqif ta' rabtiet kulturali transkonfinali koperazzjoni aktar stretti fost l-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka;

35. Jisħaq li l-UE għandha tappoġġja s-sistema edukattiva Ukrajna permezz tal-ħolqien ta' programmi ta' appoġġ u inċentivi finanzjarji għall-iżvilupp tar-riċerka xjentifika u teknoloġika, li se jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku ogħla u aktar sostenibbli u għall-iżvilupp kulturali u xjentifiku tal-pajjiż;

Agrikoltura u kwistjonijiet ambjentali

36. Jilqa' l-iffirmar riċenti ta' Memorandum ta' Fehim dwar djalogu strutturat dwar kwistjonijiet agrikoli, iffirmit f'Ottubru 2006; jisħaq fuq il-punt li s-settur agrikolu jwettaq funzjonijiet importanti fir-rigward tal-preservazzjoni ambjentali, is-sovranià ta' l-ikel u l-ibbilanċjar soċjali f'dak li jirrigwarda diskrepanzi bejn żvilupp rurali u dak urban, li jistgħu jiġġustifikaw tariffi settorjali li jkunu ogħla minn tariffi fuq prodotti mhux agrikoli;

37. Ihegġegħ li l-popolazzjoni tal-biedja u rurali ikunu appoġġjati billi tittejjeb is-sitwazzjoni ekonomika u tas-saħħa tagħha u billi jiġu żviluppati żoni rurali; jisħaq li appoġġ bħal dan għandu jieħu s-sura ta' appoġġ finanzjarju u infrastrutturali, waqt li jkun iffaċilitat l-aċċess għal self għall-produtturi żgħar, tiddaħħal sistema ta' peżar għal għajmuna li tiffavorixxi l-intraprendituri żgħar u żgħażaġh, u jinħolqu programmi ta' taħriġ vokazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinholqu netwerk għall-interkonnnessjoni reġjonali ta' żoni rurali u urbani u li jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni f'żoni rurali;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti bidu għal diskussjonijiet bil-għan li taħdem għal koperazzjoni regolatorja fil-qasam ta' l-SPS (sanitarju u fitosanitarju); jistieden lill-Kummissjoni tagħti bidu għal negozjati ma' l-Ukrajna dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u biex tintegra r-riżultati ta' dawn in-negozjati fl-FTA futura;

39. Ihegġegħ lill-Ukrajna tneħħi b'effett immedjat il-kwoti restrittivi ta' l-esportazzjoni li hemm fuq il-qamħ li ġew stabbiliti f'Ottubru 2006 u li mhux biss ikkawżaw dannu serju lis-settur agrikolu ta' l-Ukrajna stess imma wkoll jissograw, bis-sistema tagħha li mhix trasparenti bbażata fuq il-liċenzji, li joħlqu opportunitajiet għall-korruzzjoni;

40. Jisħaq fuq l-importanza li l-Ukrajna tiżviluppa programmi ambjentali, b'segwitu għall-adozzjoni ta' "l-istrateġija nazzjonali għall-ambjent" (1998-2008) u għar-ratiffika tal-Protokoll ta' Kyoto, sabiex tkun iggarantita s-sigurtà ambjentali tar-reġjun, inklużi l-enerġija nukleari, in-netwerk tad-distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb u l-azzjoni għall-prevenzjoni tad-deterjorament tal-Baħar l-Iswed fost oħrajn;

41. Jisħaq fuq il-ħtieġa li, flimkien ma' l-integrazzjoni ta' l-Ukrajna fiż-żona tas-suq ħieles ta' l-UE, jiġu adottati regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-importaturi, l-esportaturi u t-trasport u li jsiru aktar stretti r-regoli sanitarji u fitosanitarji sabiex iseħħ it-tqarrib ta' dawn ir-regoli mar-regoli korrispondenti fis-seħħ fl-UE;

Relazzjonijiet ekonomiċi ma' sħab ġirien (inkluża r-Russja)

42. Jieħu nota ta' l-adeżjoni kundizzjonali ta' l-Ukrajna ma' l-ispazju ekonomiku waħdieni (SES) mar-Russja u Repubbliki oħra ta' l-ex-Unjoni Sovjetika; ifakkar li ċerti dispożizzjonijiet inklużi fil-ftehma ta' l-SES, jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ, jistgħu ikunu konfliġġenti ma' l-istabbiliment ta' FTA ma' l-UE li tkun tiffunzjona; jistieden lill-Ukrajna tiżviluppa r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħha mal-Federazzjoni Russa b'tali mod li ma jkunx ifixkel l-integrazzjoni progressiva u aktar profonda tal-pajjiż fis-Suq Waħdieni tal-Komunità;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

43. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi djalogu fi tliet direzzjonijiet bejn l-Ukrajna, ir-Russja u l-UE sabiex titrawwem klima ta' sigurtà u paċi fir-reġjun, djalogu li għandu jħalli lill-Ukrajna ssaħħaħ l-identità indipendenti tagħha stess mingħajr ma ssir iżolata; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi nkuraġġut djalogu dwar interessi komuni, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża, l-enerġija u l-iżvilupp ta' netwerk tat-trasport li jkun aktar effiċjenti kemm mil-lat kwantitattiv, kif ukoll mil-lat kwalitattiv, fost suġġetti oħra fl-aġenda internazzjonali;

Konsiderazzjonijiet ta' l-aħħar (inkluż l-ENP)

44. Innota bi pjaċir l-istqarrija adottata mill-Parlament Ukrajn fis-27 ta' Frar 2007 dwar il-ftuħ ta' negozjati bejn l-Ukrajna u l-UE bit-tama li tiġi konkluża PCA ġdida ma' l-UE;

45. Jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni ta' l-Ukrajna fl-istabbilizzazzjoni tar-reġjun tagħha u jinkoraġġixxi t-tisħiħ ta' l-irwol tagħha biex jiġu stabbiliti ftehimiet ta' koperazzjoni ekonomika, b'mod partikulari mal-pajjiżi ġirien li jinsabu fuq il-Baħar l-Iswed;

46. Jaghfes fuq l-importanza li jsir infurzar u implimentazzjoni b'mod rapidu tal-ftehma ma' l-Ukrajna dwar l-iffaċilitar tal-viża u dwar l-ammissjoni mill-ġdid;

47. Jappoġġja l-koperazzjoni internazzjonali, b'mod speċjali dik transkonfinali u dik interreġjonali, fil-qasam ekonomiku u f'oqsma oħra, bħal ma hi l-organizzazzjoni ta' l-tal-Kampjonati Ewropej tal-Futbol ta' l-2012 mal-Polonja;

48. Jistieden lill-Ukrajna tappoġġja u toħloq ambjent favorevoli għall-inrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tippromwovi spirtu intraprenditorjali u r-responsabilità personali;

49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern ta' l-Ukrajna jkomplu jimplementaw miżuri ta' moniterjar (iddefiniti skond ir-riżultati ta' evalwazzjoni xierqa) frelazzjoni ma' l-influenza li t-tkabbir riċenti ta' l-UE kellu fuq ir-ritmi kummerċjali bejn l-UE u l-Ukrajna; jisħaq fuq l-importanza li jiġi stabbilit djalogu li jevalwa l-influenza li kellu t-tkabbir ta' l-2007 fuq l-iżvilupp tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, li jippermetti li jiġu mfasla miżuri xierqa biex inaqqsu t-telfiet li jistgħu jseħħu;

50. Jenfasizza l-importanza strateġika ta' l-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu dimensjoni ġdida u aktar koerenti lir-relazzjonijiet bilaterali futuri, ibbażata fuq koperazzjoni komprensiva u solidarjetà, li tirrispetta n-natura privileġġjata tar-rabtiet imsawrin mill-viċinat u mill-istorja, b'mod partikulari fir-rigward tar-Russja;

51. Jinsab imħasseb min-nuqqas ta' definizzjonijiet u perspettivi ċari ta' l-ENP u ta' viżjoni strateġika fuq perjodu twil għall-iżvilupp u l-istabbilizzazzjoni fl-Ewropa tal-Lvant; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-proċess ta' integrazzjoni ta' l-Ukrajna jsir prijorità politika reali fl-aġenda ta' l-UE;

52. Jiftakar fit-talba konsistenti tiegħu biex il-Kunsill japplika b'mod sistematiku l-Klawsola tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fir-relazzjonijiet ma' dawk kollha li qed jipparteċipaw fl-ENP; jistieden lill-Kunsill jispjega kif bi ħsiebu japplika din il-klawsola għan-negozjar ta' ftehma ġdida mseddqa (NEA) ma' l-Ukrajna;

*

* *

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Gvern u lill-Parlament ta' l-Ukrajna.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0540

Sitwazzjonijiet ta' fraġilità

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar reazzjoni ta' l-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2007 "Lejn reazzjoni ta' l-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità — azzjoni f'sitwazzjonijiet diffiċli għal żvilupp sostenibbli, stabbiltà u paċi" COM(2007)0643 u d-dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni anness magħha (SEC(2007) 1417),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu mal-Kunsill, mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: "Il-Consensus Ewropew", iffirmata fl-20 ta' Diċembru 2005 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjar ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ⁽²⁾ (Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP), min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾, kif emendata bil-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija, iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽⁴⁾ (il-Ftehim ta' Cotonou),
 - wara li kkunsidra l-"Qafas ta' Politika ta' l-Unjoni Afrikana (UA) dwar Rikostruzzjoni u Żvilupp ta' Wara Konflitt (PCRD)", miftiehem mill-Istati Membri ta' l-AU fis-Sammit ta' Banjul fil-25 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju 2006,
 - wara li kkunsidra l-għaxar prinċipji għal azzjoni minn donatur xieraq f'sitwazzjonijiet u fi Stati fraġli appoġġjati mill-Grupp ta' Stati Fraġli ta' l-OECD/Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp DAC, maqbul fil-Laqgħa ta' Livell Għoli tad-DAC tat-3-4 ta' April 2007 f'Pariġi;
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU 60/1 ta' l-24 ta' Ottubru 2005 dwar ir-Riżultat tas-Samit Dinji ta' l-2005, u b'mod partikolari l-paragrafi 138 — 140 tagħha dwar ir-Responsabilità ta' Protezzjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mill-1990s, l-istati li m'għandhomx il-kapaċità biex jilhqgħu l-funzjonijiet "tradizzjonali" tagħhom u biex iwettqu progress fl-iżvilupp u li għandhom istituzzjonijiet fraġli kienu klassifikati "Stati Fraġli" mill-Bank Dinji (WB) u mill-komunità ta' żvilupp internazzjonali;
- B. billi l-fraġilità ta' l-istat hija aktar kunċett empiriku milli wieħed normativ u hija varjabbli dipendenti u mhux kundizzjoni oriġinali; billi sitwazzjoni ta' fraġilità tista' teżisti kemm qabel kif ukoll wara kriżi; billi r-responsabilità għal stabbiliment ta' meta stati m'humiex aktar "fraġli" għandha tkun dik taċ-ċittadini tagħhom;

⁽¹⁾ ĠU C 46, 24.2.2006, p.1.

⁽²⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p.41.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p.3.

⁽⁴⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p.27.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- C. billi minkejja l-fatt li m'hemm ebda definizzjoni li taħdem mhix ambigwa tal-kunċett, huwa possibbli li jkunu identifikati stati waqt sitwazzjonijiet ta' fraġilità u n-numru ta' Stati ġġudikati mill-WB bħala "fraġli" kważi rdoppja minn 14 sa 26 bejn l-2000 u l-2006, li 14 minnhom jinsabu fl-Afrika tas-SubSahara;
- D. billi huwa essenzjali li tifhem il-fatturi esterni u interni li jikkontribwixxu għal fraġilità biex tkun provduta assistenza u għajjnuna lil stati bħal dawn, għall-benefiċċju dirett taċ-ċittadini tagħhom u f'għieh il-paċi u l-prosperità reġjonali u globali;
- E. billi tipi differenti ta' fraġilità (pereżempju: l-istat ta' possibbiltà għolja ta' konflitt, li hekk imsejjaħ "resource curse", tmexxija mhix xierqa, ebda aċċess għal baħar) jirrikjedu tipi differenti ta' intervent; billi pajjiż partikolari jista' jkun klassifikat skond tipi differenti ta' fraġilità, b'hekk il-kategorizzar u l-azzjoni speċifika jkunu diffiċli;
- F. billi l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet fraġli huwa proċess fuq perjodu ta' żmien fit-tul u jeħtieġ impenn sostnut u fuq perjodu ta' żmien fit-tul kemm mill-pajjiżi affettwati kif ukoll mill-komunità internazzjonali;
- G. billi l-UA tirrikonoxxi li r-rikostruzzjoni hija primarjament kwistjoni politika iktar milli teknika; billi għalhekk hemm il-ħtieġa li tinbena awtorità leġittima ta' l-istat, għal tmexxija bbażata fuq il-kunsens, għal azzjoni affermattiva għal gruppi vulnerabbli u għal bini tal-kapaċità lokali fi ħdan il-qafas ta' distribuzzjoni ġusta ta' poter u responsabilità reċiproka, kif emfasizzat mill-Qafas ta' Politika ta' l-UA dwar il-PCRD;
- H. billi sitwazzjonijiet ta' fraġilità huma spiss konnessi mal-faqar u f'kundizzjonijiet ta' l-għajxien mhux xierqa, li jwasslu f'każi estremi għal kollass ta' l-istat u n-nuqqas ta' sikurezza permanenti; billi n-nuqqas ta' protezzjoni u drittijiet taċ-ċittadini tal-pajjiżi affettwati jeħtieġ — u jrid ikun fiċ-ċentru ta' — l-azzjoni mill-UE u mill-komunità internazzjonali;
- I. billi għad hemm nuqqas ta' qsim ta' esperjenzi ta' bini ta' stati f'pajjiżi u f'donaturi, b'hekk ikunu ostakolati l-proċessi ta' taġħlim;
- J. billi hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu doppju ta' responsabilità: bejn id-donaturi u l-pajjiżi reċipjenti u bejn dawn u l-popolazzjonijiet tagħhom;
- K. billi l-eżistenza ta' strumenti ta' finanzjar multipli twassal għal riskju ta' ħidma doppja jew ta' nuqqas ta' allokkament ta' riżorsi u jwasslu biex ir-responsabilità u l-parteċipazzjoni għal soċjetajiet diġà mdgħajfa aktar diffiċli;
1. Iqis li l-fraġilità hija sfida ta' żvilupp kumplessa u jenfasisza l-ħtieġa għal aġenda definita b'mod xieraq u ta' fraġilità koerenti, ibbażata fuq il-prinċipju ta' "mingħajr ħsara", i.e. adattata għas-sitwazzjoni u tqis kunsiderazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien fit-tul; u l-koordinament tal-miri u ta' l-approċċi multipli tal-partijiet li għandhom sehem differenti fir-rigward ta' l-oġettiv prinċipali u ġenerali tat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;
 2. Jilqa' l-preparazzjoni tar-reazzjoni ta' l-UE għal fraġilità u jenfasisza l-ħtieġa li jkunu involuti l-Parlamenti fil-fażijiet kollha ta' din l-istrategġja;
 3. Jafferma li sistema politika demokratika stabbli, li twassal għal żvilupp, l-istat tad-dritt, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tmexxija xierqa u prevenzjoni tal-konflitt b'mod paċifiku hija l-aqwa mod biex tin-temm is-sitwazzjoni ta' fraġilità u fil-mixja lejn istituzzjonijiet miftuħin li jiffunzjonaw u għal tfassil tal-politika effiċjenti u ġusta;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

4. Jinnota li l-ipprogrammar u l-azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jeħtieġ li jkunu komprensivi u koe-renti u jkollhom bħala elementi ċentrali l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi affettwati kif ukoll il-popolazzjonijiet ta' dawk il-pajjiżi; iqis li għandu jkun hemm approċċ li jieħu kont tal-fraġilità sabiex ikunu armonizzati strumenti u mekkaniżmi attwali u jaqbel b'mod sħiħ li l-potenzjal ta' Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u l-programmi tematiċi, preparati bi sħubija, biex jevitaw il-fraġilità jeħtieġ li jkunu msaħħa;
5. Jenfasizza li l-komponenti prinċipali ta' l-aġenda ta' fraġilità għandhom ikunu fi tliet partijiet b'emfasi fuq il-faqar u fuq il-prevenzjoni: il-promozzjoni tas-sigurtà umana, titjib fl-iżvilupp u żgurar tal-paċi; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tali komponenti jkunu implimentati fil-qasam b'konsistenza;
6. Iqis li pjanar strateġiku fuq perjodu ta' żmien fit-tul jeħtieġ li jkun koordinat bl-implimentazzjoni ta' programmi fl-aktar livell baxx li jridu jibqgħu flessibbli u li jadattaw infushom u jeħtieġ li jwieġeb għall-kuntest tal-pajjiż in kwistjoni; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi żvilupp fuq perjodu ta' żmien fit-tul, iżda biex tipprovi wkoll servizzi bażiċi bħas-saħħa u l-edukazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir;
7. Jenfasizza li programmi ta' żvilupp f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità għandhom jikkonformaw ma' l-istess prinċipji stabbiliti bħal programmar ta' żvilupp f'partijiet oħrajn, li jfisser, pussess, sħubija, responsabilità reċiproka u sostenibilità;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja djalogu li jinkludi b'mod komplet il-paċi u l-politika u proċessi ta' rikonċiljazzjoni u biex issaħħa il-parteċipazzjoni ta' komunitajiet u tas-soċjetà ċivili fl-aspetti kollha taċ-ċiklu ta' rkupru u l-istrateġiji ta' żvilupp;
9. Jenfasizza li l-paċi sostenibbli tista' tinkiseb biss jekk issir il-ġustizzja, u tidher li l-ġustizzja qed issir, b'mod partikulari fir-rigward tal-krimini tal-gwerra u tal-krimini kontra l-umanità; jistieden lill-Kummissjoni biex f'dan il-kuntest tappoġġja t-tisħiħ tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' Stati fraġli, biex tiżgura li protagonisti ta' reati serji kontra l-umanità jitressqu għal ġustizzja, iżda biex tippermetti wkoll l-avanz parallel tal-ġustizzja u l-inizjattivi ta' rikonċiljazzjoni;
10. Jistieden għat-tisħiħ tad-drittijiet legali individwali, inkluż dawk dwar il-pussess ta' art ta' l-ifqar, u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja sforzi mwettqa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiddiversifikaw il-produzzjoni agrikola tagħhom biex tippermettilhom biex joħorġu minn sitwazzjonijiet ta' ekonomiji vulnerabbli b'mod konsiderevoli ta' uċuh uniċi u b'hekk ikunu evitati sitwazzjonijiet fraġli li jirriżultaw minn kollass ekonomiku;
11. Itenni l-ħtieġa għal azzjoni umanitarja u ta' żvilupp ta' l-UE biex tagħmel enfasi aktar b'saħħitha fuq miżuri preventivi, sistemi ta' twissija minn kmieni u analiżi tar-riskju biex ikunu evitati diżastri kemm ikkawżati mill-bniedem kif ukoll dawk naturali li jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fraġli;
12. Jafferma li mudell komprensiv dwar fraġilità u żvilupp jeħtieġ li jqis inizjattivi lokali, reġjonali u kontinentali attwali bħall-Qafas ta' Politika ta' l-UA dwar PCRD, is-Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp fl-Afrika (NEPAD), il-Mekkaniżmu Afrikan ta' Reviżjoni tal-Membri u ċ-Charter dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u t-Tmexxija fl-Afrika; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja sforzi biex tissaħħa il-koperazzjoni bejn il-pajjiżi tan-Nofsinar f'dan il-qasam;
13. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura mhux biss li l-partijiet li għandhom sehem domestiku jkunu inklużi b'mod sħiħ fl-isforzi biex jintgħelbu sitwazzjonijiet ta' fraġilità, iżda biex l-opinjoni u d-definizzjoni tagħhom stess ta' bini ta' stat u l-mudell ta' stat tagħhom jitqiesu wkoll u li tintuża l-kompetenza lokali;
14. Jenfasizza l-irwol kruċjali tan-nisa u ta' gruppi vulnerabbli fil-promozzjoni ta' l-iżvilupp u tal-paċi u jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi li dawn jingħataw setgħa, b'mod partikulari billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u s-sitwazzjoni f'ċirkustanzi ta' fraġilità;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

15. Jilqa' l-fatt li skond il-qafas ta' l-Istrateġija konġunta UE-Afrika, l-UE u l-Afrika se jwettqu djalogu dwar il-kunċett ta' "sitwazzjonijiet ta' fraġilità" mmirat lejn il-kisba ta' qbil komuni u qbil dwar passi li jistgħu jittieħdu u li dan id-djalogu diġà huwa previst fil-Pjan ta' Azzjoni;
16. Ifakkar li kull stat individwali għandu r-responsabilità li jipproteġi l-popolazzjonijiet tiegħu mill-ġenoċidju, mill-krimini tal-gwerra, mill-qtil etniku u mill-krimini kontra l-umanità u li l-UE tappoġġja b'mod qawwi tali responsabilità tal-protezzjoni, bi qbil mar-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU 60/1 ta' l-24 ta' Ottubru 2005; jenfasizza li r-responsabilità tal-protezzjoni tinkludi l-applikazzjoni ta' pressjoni u theddid diplomatiċi, ekonomiċi u legali sostnuti, b'intervent militari aggressiv jibqa' l-aħħar azzjoni u bil-ħtieġa li jkun ikkontrollat b'mod strett;
17. Jenfasizza li l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' fraġilità huwa kumpless u jeħtieġ riżorsi finanzjarji u umani sinifikattivi, kif ukoll impenji fuq perjodu ta' żmien fit-tul; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li dawn ir-riżorsi jkunu disponibbli b'mod suffiċjenti, adegwat u prevedibbli u li jkun hemm koerenza bejn l-aġenziji donaturi;
18. Jenfasizza li l-użu ta' appoġġ tal-baġit mhux xieraq f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità, fejn il-kapaċitajiet ta' verifika u ta' mmonitorjar huma dgħajfa jew ma jeżistux; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tuża forom oħrajn ta' finanzjar f'sitwazzjonijiet bħal dawn, sakemm hija tista' tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar kif il-fondi qed jintefqu;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Parlament bi pjan dettaljat ta' donaturi u protagonisti internazzjonali u t-tip ta' ħidma li huma qed iwettqu, biex tippermetti l-immonitorjar ta' l-aqwa użu ta' għodod u riżorsi disponibbli;
20. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Ko-Presidenti ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE u lill-Unjoni Afrikana.

P6_TA(2007)0541

Inventarju tar-realtà soċjali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar inventarju tar-realtà soċjali (2007/2104(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Proposta għal Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2007" (COM(2007)0013), u r-rapport konġunt kif adottat mill-Kunsill EPSCO fit-22 ta' Frar 2007,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Inventarju tar-Realtà Soċjali — Rapport temporanju għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 (COM(2007)0063),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Rifugiati tan-NU ta' l-1951,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tan-NU ta' l-1966,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU ta' l-1989,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Familji tagħhom tan-NU ta' l-1990;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tan-NU dwar it-Tixjiħ 2002,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-2005,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-NU ta' l-2006 u il-Protokoll Mhux Obbligatorju tagħha,
- wara li kkunsidra l-artikoli 34, 35 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, li jiddefinixxu b'mod speċifiku d-dritt għall-ghajjnuna soċjali u għall-akkomodazzjoni, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tad-dimensjoni soċjali ta' l-istrateġija ta' Liżbona: Rijorganizzazzjoni tal-koordinazzjoni miftuħa fil-qasam tal-ħarsien soċjali (COM(2003) 0261),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-ħarsien soċjali għall-iżvilupp ta' livell għoli fil-kura fis-saħħa, għal kura tas-saħħa aċċessibbli u sostenibbli u għal kura fit-tul: appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali li jużaw il-“metodu miftuħ ta' koordinazzjoni” (COM(2004)0304),
- wara li kkunsidra l-'Green Paper' tal-Kummissjoni bl-isem “Quddiem it-tibdiliet demografiċi: solidarjeta' għida bejn il-ġenerazzjonijiet” (COM(2005)0094),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward konsultazzjoni għal azzjoni fuq livell ta' UE biex tiġi promossa l-inklużjoni attiva tan-nies li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol (COM(2006)0044) u r-Rapport ta' Sinteżi dwar ir-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni,
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni rigward l-Istrateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimint, il-Piż Żejjed u l-Obeżità (COM(2007)0279) (White Paper dwar in-Nutrimint),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-Istrateġija ta' l-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara rrelata ma' l-alkoħol (COM(2006)0625),
- wara li kkunsidra l- Green paper intitolata, “Lejn Ewropa ħielsa mid-dħaħen tat-tabakk: għażliet politiċi fuq livell ta' l-UE” (COM(2007)0027),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (COM(2007) 0249),
- wara li kkunsidra l-fehma li ġiet espressa waqt is-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent tal-Komunità Ewropea 2002-2012, jiġifieri li ambjent nadif u b'saħħtu huwa prekundizzjoni għall-benesseri tal-bniedem;
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ⁽²⁾ u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-28 t'April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 364, 18.12.2000, p.1.

⁽²⁾ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

⁽³⁾ ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 129.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2002 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni: Abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-inklużjoni soċjali ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar l-applikazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Settembru 2003 dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kummissjoni u l-Kunsill dwar pensjonijiet xierqa u sostenibbli ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar il-programm leġiżlattiv u ta' ħidma għall-2006 ⁽⁵⁾
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-23 ta' Marzu 2006 dwar sfidi demografiċi u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar it-titjib fis-saħħa mentali tal-popolazzjoni. Lejn strateġija dwar is-saħħa mentali fl-Unjoni Ewropea, ⁽⁷⁾
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-qagħda ta' persuni b'diżabilitajiet fl-Unjoni Ewropea mkabbra: il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew 2006-2007 ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0400/2007),
- A. Billi, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000 ġie miftiehem qabel li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jiġġielel kontra l-esklużjoni soċjali,
- B. Billi, fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7-9 ta' Diċembru 2000, l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex juru tnaqqis sinifikattiv u li jista' jitkejjel fil-faqar u l-esklużjoni soċjali sas-sena 2010; billi l-progress biex jintlaħaq dak l-oġettiv mhux biżżejjed,
- C. Billi l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali huma valuri bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea u drittijiet fundamentali għall-individwi kollha, indipendentement mill-oriġini etnika, l-età, is-sess, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew ir-reliġjon,
- D. Billi aktar minn 50 miljun ċittadin jew madwar 16 % tal-popolazzjoni kollha li taħdem ta' l-Unjoni Ewropea huma persuni b'diżabilità u li r-rata tal-qgħad fosthom hija għolja d-doppju meta mqabbla ma' dik tal-persuni li m'għandhomx diżabilità,

⁽¹⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p.16.

⁽²⁾ ĠU C 261 E, 30.10.2003, p. 136.

⁽³⁾ ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 604.

⁽⁴⁾ ĠU C 77 E, 26.3.2004, p. 251.

⁽⁵⁾ ĠU C 286 E, 23.11.2006, p.487.

⁽⁶⁾ ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 131.

⁽⁷⁾ ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 148.

⁽⁸⁾ ĠU C 316 E, 22.12.2006, p. 370.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- E. Billi 78 miljun ċittadin Ewropew għadhom jgħixu fil-faqar, li fl-Unjoni Ewropea 8 % tal-ħaddiema huma fqar u li d-differenza bejn l-għonja u l-fqar f'ħafna Stati Membri ta' l-UE qed tiżdied,
- F. Billi l-Ewropa llum hija soċjetà multietnika, ta' ħafna reliġjonijiet u l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-liġijiet tagħhom jirriflettu d-diversità, u jħarsu l-individwi kollha mill-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-intimidazzjoni,
- G. Billi l-effetti ta' l-inugwaljanza, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' opportunità huma relatati kollha ma' xulxin, u jesiġu strateġija koerenti fuq livell ta' Stat Membru, li tiffoka mhux biss fuq id-dħul u l-ġid, iżda wkoll fuq kwistjonijiet bħall-aċċess għall-impjieg, għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, għas-soċjetà ta' l-informazzjoni, għall-kultura u għat-trasport u l-opportunitajiet għal ġenerazzjonijiet futuri,
- H. Billi l-faqar u l-qgħad ġew marbuta ma' problemi ta' saħħa u aċċess insuffiċjenti għall-kura tas-saħħa minħabba fatturi bħal nutrizzjoni fqira, kundizzjonijiet ta' l-għajxien inferjuri f'żoni żvataġġati, akkomodazzjoni mhux adegwata u l-istress,
- I. Billi fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri it-tfal huma aktar esposti għall-faqar u għall-esklużjoni soċjali mill-adulti,
- J. Billi l-faqar u l-inugwaljanza jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat; billi d-dħul medju tan-nisa huwa biss 55 % ta' dak ta' l-irġiel, u li n-nisa ta' età akbar għandhom aktar diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol,
- K. Billi l-faqar jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-persuni b'livell ta' edukazzjoni baxx u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipproponu azzjoni konġunta biex itejbu l-aċċess u d-dritt għat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja,
- L. Billi hemm rabta mill-qrib bejn fenomeni soċjali bħat-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità organizzata, id-diskriminazzjoni bejn is-sessi u l-prostituzzjoni,
- M. Billi l-livelli tal-qgħad għal persuni b'diżabilità, li jinkludu persuni bi problemi ta' saħħa mentali, persuni ta' età ikbar u minoranzi etniċi madwar l-Unjoni Ewropea, jibqgħu għolja b'mod mhux aċċettabbli,
- N. Billi l-persuni li jagħtu l-assistenza, l-ikbar forza tax-xogħol li ma titħallasx fl-UE, jistħoqqilhom rikonoxximent għall-irwol ċentrali li għandhom fl-assistenza fil-Komunità,
- O. Billi s-servizzi qed isiru dejjem aktar inaċċessibli għall-ifqar kategoriji tas-soċjetà,
- P. Billi l-inugwaljanza fid-dħul qed tiżdied f'ħafna mill-Istati Membri,

Punti ġenerali

1. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aqwa użu tal-potenzjal offrut mill-Metodu miftuħ ta' Koordinazzjoni;
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jibdli bejniethom l-aħjar Prattiki u biex isegwu eżempji tajbin fil-qasam tal-ħarsien soċjali u l-integrazzjoni soċjali;
3. Jemmen li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jistgħu jkunu ffaċċjati biss billi jkunu ggarantiti d-drittijiet soċjali u ekonomiċi ta' kulħadd;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

4. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, it-tneħħija tal-faqar, u l-esklużjoni soċjali għandhom isiru priorità politika għall-Unjoni Ewropea; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta futura tal-Kummissjoni biex tiddikjara s-sena 2010 bħala s-Sena Ewropea tal-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jispesifikaw u jsegwu objettiv ambizzjuż li jitnaqqas il-faqar, speċjalment fost in-nies li jaħdmu, fl-Ewropa;
5. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Brussell tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006 u tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, skond liema l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex malajr u b'mod sinifikanti jnaqqsu l-faqar tat-tfal, billi jipprovdur lit-tfal kollha b'opportunitajiet indaqs, ikun li jkun l-isfond soċjali tagħhom;
6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-iskambju ta' l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, anke fil-qasam ta' "traineeships";
7. Jenfasizza li l-impjeg li jiggarantixxi pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti jrid jitqies, flimkien ma' l-edukazzjoni u ma' sistemi ta' sigurtà soċjali effettivi u effiċjenti, bħala wieħed mill-iktar salvagwardji effettivi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali — għalkemm wieħed għandu jżomm f'moħħu li dan mhux, madankollu, biżżejjed biex jiżgura l-inklużjoni ta' ċerti gruppi soċjali li tipikament huma l-aktar żvantaġġati; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplementaw b'mod effettiv id-Direttiva 2000/78/KE; jilqa' l-eżami li l-Kummissjoni qed tagħmel bħalissa dwar it-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tieħu l-azzjoni meħtieġa fil-każijiet fejn it-traspożizzjoni ma tkunx saret kif suppost; jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza fir-rapport tagħha bħala riżultat tal-konsultazzjoni mmedja fil-komunikazzjoni tagħha dwar rendikont tar-realtà soċjali l-kwistjonijiet marbuta mal-kwalità tax-xogħol';
8. Jenfasizza l-ħtieġa għall-appoġġ li għandu jingħata lill-manifattura, lill-mikronegozji, lin-negozji zġhar u ta' daqs medju (SMEs), lill-intrapriżi agrikoli zġhar, lill-azjendi agrikoli tal-familja u lill-ekonomija soċjali, b'kunsiderazzjoni għall-irwol importanti tagħhom fil-ħolqien tax-xogħol u tal-benesseri;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jiggarantixxu li l-persuni kollha li jaħdmu fi Stat Membru ieħor igawdu bis-sħiħ id-drittijiet umani, soċjali u politiċi;
10. Jenfasizza li l-aċċess għal prodotti u servizzi għandu jkun dritt ta' kull ċittadin ta' l-UE u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq direttivi speċifiċi għall-oqsma kollha mhux koperti mill-istrumenti adottati skond l-Artikolu 13 tat-Trattat sabiex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fl-aċċess għal prodotti u servizzi inklużi d-diżabilità, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin jew l-orjentazzjoni sesswali;
11. Jenfasizza li r-responsabilità soċjali ta' l-intrapriżi mhix limitata għall-ħolqien u ż-żamma tax-xogħol, iżda tikkonċerna wkoll, pereżempju, il-kwalità tax-xogħol, il-ħlas ta' pagi indaqs u l-promozzjoni tat-taħriġ tul il-ħajja;
12. Jenfasizza li diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha għandha tingħata attenzjoni indaqs;
13. Jenfasizza l-irwol kbir li għandhom is-servizzi pubbliċi fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, li hu rikonoxxut mit-Trattat, u bħala konsegwenza l-ħtieġa li s-servizzi pubbliċi jingħataw livell għoli ta' sigurtà u aċċessibilità, l-ugwaljanza fit-trattament u l-promozzjoni ta' l-aċċess universali u tad-drittijiet ta' l-utenti;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tisfrutta d-dimensjoni Ewropea biex tippromwovi, fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, sussidji, kampanji ta' informazzjoni fuq l-ikel u l-attività fiżika mfassla għall-ħtiġijiet ta' gruppi fil-mira speċifiċi, b'mod partikulari t-tfal, li huma l-objettivi li l-Kummissjoni tat lilha nfisha fil-White Paper dwar in-Nutrimint, il-Piż Żejjed u l-Obeżità, u li huma l-kwistjonijiet li jolqtu b'mod sproporzjonat il-gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

15. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod aktar effettiv il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti fil-qasam ta' l-impjieġ u l-politika soċjali, b'attenzjoni speċjali għar-rekwiżiti ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjieġi 2007-2008 jeżaminaw kif l-Ewropa tista' ttiprovdi kundizzjonijiet soċjali indaqs sabiex tinqered il-kompetizzjoni inġusta fis-suq intern;
16. Jiddispijaċih li fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-bilanċ tar-realtà soċjali, il-Kummissjoni tagħti l-impressjoni li ħafna inizjattivi ta' politika soċjali huma antikwati u tenfasizza minflok li s-sigurtà soċjali u l-politika soċjali huma forza għall-produttività u l-innovazzjoni u essenzjali bħala bażi biex fuqha tinbena ekonomija ta' għarfien wiesgħa u ta' suċċess;
17. Jilqa' l-kontribut għall-ħarsien tas-saħħa pubblika fl-Ewropa minn, fost oħrajn, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u s-Sistema Ewropea ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni rapida għat-theddid għas-saħħa pubblika (EWRS) fl-applikazzjoni tar-regolament sanitarju internazzjonali;
18. Jenfasizza l-importanza li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jagħtu lill-konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni Komunitarja tiġi applikata kif xieraq, mhux biss fuq il-kwalità ta' l-ilma, l-arja u l-ħamrija u fuq it-tnaqqis tat-tniġġis bil-ħsejjes, l-applikazzjoni tar-REACH u s-sorveljanza aktar stretta fuq il-prodotti kimiċi, il-manifattura ta' l-ikel, imma wkoll fuq il-projbizzjoni ta' riklami qarrieqa jew fuq riklami ta' prodotti ta' l-ikel għat-tfal u għall-kbar.
19. Jenfasizza li n-nies kif ukoll l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu mgħammra b'edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja, inkluż it-taħriġ vokazzjonali, sabiex jadattaw għall-bidliet tas-suq tax-xogħol u l-isfidi tal-globalizzazzjoni;
20. Jenfasizza li l-għajbien tax-xogħlijiet industrijali tradizzjonali għandu jiġi affrontat b'serje ta' miżuri addizzjonali inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp ta' industriji ġodda, l-appoġġ għall-SMEs u l-iżvilupp ta' l-ekonomija soċjali;
21. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiffokaw fuq approċċ "win-win" li fih id-drittijiet eżistenti tal-ħaddiema huma kumplimentati u estenzi bi drittijiet ġodda bħad-dritt għall-aċċess ta' taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, u d-dritt għall-arranġamenti tax-xogħol kompatibbli mal-familja;
22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinfurzwaw leġiżlazzjoni li tikkonċilja l-ħajja tax-xogħol u tal-familja, li tgħin lill-ġenituri biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol jew li jergħu jidħlu lura fih faċilment;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità massima lill-integrazzjoni soċjali tan-nisa u lid-drittijiet tan-nisa, billi konsegwentement jibdlu l-politiki rispettivi tagħhom, inkluża l-politika dwar it-tqassim tad-dħul;

L-Inklużjoni soċjali

24. Jikkunsidra li sforzi biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom jinżammu u jkunu estenzi sabiex titjeb il-qagħda ta' dawk in-nies l-iktar fil-periklu tal-faqar u l-esklużjoni;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkorpora aħjar kwistjonijiet ta' ugwaljanza u diżabilità fl-oqsma kollha ta' politika rilevanti;
26. Jikkunsidra li l-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' dawk li jesperjenzaw il-faqar fl-iżvilupp tal-politiki u tal-miżuri prattiċi li jindirizzaw is-sitwazzjoni hija essenzjali biex jiġu żgurati riżultati aktar effettivi;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

27. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-ġenituri waħdihom u lin-nisa waħidhom ta' età akbar, li jikkostitwixxu grupp partikularment vulnerabbli ħafna u spiss huma l-ewwel li jintlaqtu mill-faqar f'każ ta' reċessjoni ekonomika;
28. Jirrikonoxxi li f'ħafna Stati Membri individwi jiġu provduti b'xibka ta' sikurezza li tiggarantixxi dħul minimu deċenti u jemmen li permezz ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattiki l-Istati Membri li m'għandhomx tali xibka ta' sikurezza għandhom ikunu mħeġġa biex jistabbilixxu waħda;
29. Jirrikonoxxi li fejn hemm dispożizzjoni għal għajnuna soċjali, l-Istati Membri għandhom id-dmir li jiżguraw li ċ-ċittadini jifhmu u jkollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom;
30. Jenfasizza li ħadd minn dawk li jirċievu assistenza soċjali m'għandu jitħalla bi dħul li jitqies li jkun inqas mill-livell tal-faqar għal dak l-Istat Membru;
31. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw l-ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi fl-iskemi kollha tal-pensjoni ta' l-Istat;
32. Jemmen bis-sħiħ li għandha tkun stabbilita paga minima deċenti biex wieħed jgħix fil-livell ta' Stat Membru b'koperazzjoni ma' l-imsieħba soċjali fejn ikun il-każ, sabiex ix-xogħol ikun vijabbli mil-lat finanzjarju; iżda jirrikonoxxi li f'ħafna Stati Membri l-paga minima hija stabbilita fuq livell baxx ħafna jew taħt il-livell tal-għajxien; fl-istess ħin, jiċħad l-argument li l-istabbiliment ta' paga minima tiskoraġġixxi lil min iħaddem milli joħloq l-impjiegi, jikkunsidra li huwa vitali li l-ħaddiema jitħallsu paga deċenti għall-għajxien;
33. Jikkunsidra l-Istati Membri għandhom jimmiraw biex jadattaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom sabiex jgħinu biex tinħoloq tranżizzjoni bejn il-perjodi ta' xogħol jew taħriġ imħallsa u l-qgħad, sabiex tiġi evitata l-hekk imsejħa "nassa tal-faqar" iżda wkoll biex jirriflettu l-evoluzzjoni tan-natura ta' l-impjiegi;
34. Jikkunsidra li huwa vitali li l-Istati Membri jgħinu n-nies jerġgħu lura għax-xogħol billi jiżguraw li individwi jirċievu għajnuna personalizzata u mmirata u appoġġ biex jghinohom jiksbu l-kunfidenza u jitgħallmu ħiliet ġodda;
35. Jemmen li huwa vitali għall-Istati Membri biex jgħinu lil dawk li jsiru diżabbli waqt li jkunu impjegati biex iżommu l-impjeg tagħhom;
36. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni fuq bosta livelli, li għandha impatt serju u ħafna drabi mhux meqjus fuq l-inklużjoni soċjali;
37. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-koperazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern — lokali, reġjonali, nazżjonali u Ewropew — fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;
38. Jemmen li l-kura tas-saħħa u soċjali bbażata fil-komunità u ta' kwalità għolja, żviluppata fejn hu possibbli f'koperazzjoni ma' l-utenti u l-pazjenti, jista' jkollha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
39. Jinnota li hemm rabta qawwija u kumplessa bejn il-faqar u l-kriminalità, li l-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali jistgħu jwasslu għal attivitajiet kriminali u li l-priġunerija mingħajr rijabilitazzjoni u edukazzjoni xierqa ġieli jwasslu biss għal aktar esklużjoni soċjali u qgħad;
40. Jenfasizza l-ħtieġa li jkunu pprovduti edukazzjoni, taħriġ u xogħol fl-istituzzjonijiet penitenzjarji, li joffru lill-priġunieri attivitajiet li jagħtuhom appoġġ morali, jgħinuhom psikoloġikament u jfornuhom b'ħiliet utli għar-ritorn futur tagħhom fis-suk tax-xogħol;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

41. Jikkunsidra li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jagħmlu enfasi akbar fuq il-problemi marbuta mad-dipendenza fuq il-logħob ta' l-ażżard; josserva li l-familji li fihom membru wieħed jew aktar huma lagħaba patoloġiċi, huma esposti għal riskju akbar ta' tnaqqis fil-livell ta' l-għajxien, ta' esklużjoni soċjali u ta' faqar, fejn it-tfal ta' spiss daww l-aktar affettwati; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex jikkontribwixxu għat-tixrid ta' informazzjoni dwar il-perikli, is-sintomi u l-konsegwenzi tal-logħob patoloġiku; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-rapport tagħha dwar il-bilanċ tar-realtà soċjali jinkludi l-problema tal-logħob patoloġiku u l-effetti tiegħu fuq l-esklużjoni soċjali u l-faqar;
42. Jistieden lill-Istati Membri biex joqogħdu attenti għad-dejn li jiżdied li jwassal għal riskju akbar ta' faqar;
43. Jemmen li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni diċenti u bi prezzijiet li jintlaħqu minn kulħadd fl-Istati Membri kollha hija fattur li jikkontribwixxi biex in-nies jispiċċaw fil-faqar u jinqabdu hemm; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-prerogattivi ta' l-Istati Membri fid-definizzjoni u fil-finanzjament ta' l-akkomodazzjoni soċjali, b'kunsiderazzjoni għall-irwol vitali li dawn ta' l-aħħar għandhom fil-politiki ta' inklużjoni soċjali;
44. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet u l-protokoll fakultattiv tagħha;
45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'koperazzjoni mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità, biex jiżviluppaw inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali biex jippromwovu opportunitajiet ta' impjieg fattibbli għall-persuni b'diżabilità; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-għbir ta' statistiċi affidabbli u kumparabbli dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol;
46. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skond il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;
47. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-użu ta' tekniki ġodda ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, li jikkontribwixxu b'mod importanti ħafna biex jassiguraw l-ugwaljanza fl-opportunitajiet għall-persuni b'diżabilità, billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni u x-xogħol, waqt li jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq terzi persuni u jippromwovu wkoll l-awtonomija tagħhom;
48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu t-tfassil u l-iżvilupp ta' forom innovattivi ta' għajna u ta' apparat, li jiffaċilitaw l-aċċess għall-persuni b'diżabilità u lill-persuni ta' età avvanzata għall-prodotti u servizzi;
49. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' l-istituzzjonalizzazzjoni ta' nies b'diżabilità iżda jinnota li hu meħtieġ livell suffiċjenti ta' servizzi ta' kwalità bbażati fil-komunità li jiffavorixxu l-għajxien indipendenti, id-dritt għall-assistenza personali, id-dritt ta' l-indipendenza ekonomika u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà fl-Istati Membri;
50. Jikkunsidra li jibqa' mhux skużabbli li infrastruttura ġdida li tinbena minn riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew minn Fondi Strutturali oħrajn tkun inaċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet u persuni ta' età akbar,
51. Jistieden lill-Istati Membri, b'mod partikolari fid-dawl tat-tixjijiet tal-popolazzjoni, biex jindirizzaw problemi ffaċċjati minn daww li jagħtu l-kura, b'mod partikolari d-dritt li jagħżlu liberament jekk iridux ikunu persuni li jagħtu l-kura u safejn għandha tasal il-kura li jipprovdu, il-possibilità li jikkombinaw is-servizz tagħhom ma' xogħol bi ħlas u ma' impjieg kif ukoll l-aċċess għas-sistemi tas-sigurtà soċjali u għall-pensjonijiet tax-xjuħija sabiex jevitaw il-faqar b'riżultat tas-servizz ta' l-għoti tal-kura;
52. Jistieden lill-Istati Membri biex jistudjaw metodi ta' rikonoxximent tal-kompetenzi mhux uffiċjali akkwistati bl-għoti tal-kura lit-tfal u lill-adulti dipendenti bħala forma ta' taħriġ akkwistat u esperjenza ta' xogħol, u b'hekk ikun iffaċilitat l-aċċess għas-suq tax-xogħol għal daww ikkonċernati;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

53. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu lil dawk li jimpjegaw fis-settur pubbliku biex joħlqu postijiet tax-xogħol li huma l-iktar rappreżentattivi tal-komunitajiet li huma jservu, filwaqt li fl-istess ħin jikkunsidraw il-kandidati kollha għall-impjeg ikun x'ikun is-sess, l-etniċità, ir-reliġjon, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
54. Jenfasizza l-importanza ta' l-involvement attiv ta' min iħaddem fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-effetti pożittivi tad-diversità fuq il-post tax-xogħol;
55. Huwa tal-fehma li d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-persuni transġeneru fis-suq tax-xogħol u fis-settur tas-sigurtà soċjali hija problema li għadha mhix magħrufa sew, u jstieden lill-Istati Membri biex jaffrontaw ukoll din il-forma ta' diskriminazzjoni; jstieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studju dwar din il-kwistjoni;
56. Jenfasizza l-hteġa li l-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi dwar it-tixjir fuq bażi lokali, reġjonali u nazzjonali;
57. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu riżorsi xierqa biex jiffaċilitaw l-aċċess għal programmi ta' taġlim tul il-ħajja kollha bħala mezz biex tkun limitata l-esklużjoni ta' l-anzjani fost oħrajn mill-impjeg u sabiex titrawwem il-parteċipazzjoni kontinwa tagħhom fil-ħajja soċjali, kulturali u ċivika;
58. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, jekk għadhom m'għamlux hekk, biex jimxu lejn il-provvediment ta' kura personali ta' kwalità għolja u li wieħed jiflaħ iħallas għaliha għall-anzjani u għal persuni b'diżabilitajiet;
59. Jistieden lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-ahajar Prattiki biex jinkoraġġixxu lill-istudenti biex ma jieqfux mill-iskola mingħajr ma jkunu akkwistaw il-ħiliet meħtieġa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew f'istituzzjonijiet vokazzjonali jew ta' edukazzjoni superjuri u biex iwittu t-triq għat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol;
60. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet edukattivi jistgħu jagħtu prova ta' flessibilità akbar rigward l-abbandun minn kmieni ta' l-edukazzjoni miż-żgħażaġh u għandhom jipprovdu għajnunha lil dawk li flimkien ma' l-istudji tagħhom, għandhom responsabilitajiet ta' familja;
61. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini tagħhom ikunu jafu jaqraw u jiktbu u jkollhom il-ħiliet u l-għarfien sabiex jiksbu impjeg utili u jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà;
62. Jiddispaċih li, minkejja l-isforzi utli lejn aktar parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla, hemm nuqqas serju ta' rappreżentazzjoni ta' persuni li ġejjin minn sfond inqas sinjur; jinnota li l-Istati Membri għandhom ikunu inkoraġġiti biex jintroduċu, iżommu, isaħħu, jintroduċu u jinvestu fit-taħriġ vokazzjonali, fl-apprendistati bbażati fuq ix-xogħol u forum oħra ta' taħriġ applikat;
63. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrifjutaw li tiċċajpar id-differenza bejn il-migrazzjoni ekonomika u t-tiftix għall-ażil, u bejn il-migrazzjoni ekonomika u t-tiftix għall-ażil min-naħa l-waħda u l-immigrazzjoni illegali min-naħa l-oħra;

Il-Ħarsien Soċjali

64. Jemmen li għandha tittieħed aktar azzjoni biex jiġu ffaċċjati l-vjolenza domestika u l-abbuż tat-tfal u ta' l-anzjani;
65. Jinnota bi tħassib kbir li l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru iżżid l-esklużjoni soċjali u politika tan-nisa, u b'hekk iżżommhom milli jgawdu d-drittijiet umani tagħhom; jstieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-leġiżlazzjoni u jiskambjaw Prattiki tajba f'dan il-qasam;
66. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

67. Jistieden lill-Istati Membri biex jipproponu linji gwida u pariri aktar ċari dwar il-pensjonijiet biex jiżguraw li n-nies jirċievu l-informazzjoni li jeħtieġu biex jipplanaw l-irtirar tagħhom u sabiex isiru riformi nazzjonali fuq il-bażi ta' konsensus l-aktar wiesa' possibbli;
68. Jinnota li l-inugwaljanzi fir-riżultati tas-saħħa, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fihom, għadhom wiesgħa u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaffrontawhom, b'mod partikolari billi jiżguraw aċċess effettiv għall-kura tas-saħħa għall-kulħadd;
69. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu sistemi ta' ħarsien tat-tfal aktar effettivi li jinkludu servizzi ta' intervent kmieni biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tat-tfal vulnerabbli u l-forniment ta' servizzi terapewtiċi biex jgħinu lit-tfal maltrattati jegħlbu l-effetti ta' l-abbuż;
70. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ iktar kostruttiv lejn il-politika tad-drogi bl-enfasi fuq il-prevenzjoni, l-edukazzjoni u t-trattament tad-dipendenza minflok fuq sanzjonijiet kriminali;
71. Jistieden li jkun hemm skambju aħjar ta' l-aqwa Prattiki madwar l-Unjoni Ewropea fid-djanjosi, fil-prevenzjoni u fit-trattament ta' mard kroniku;
72. Jinnota li hemm nuqqas ta' metodi u data komparabbli rigward il-kura fit-tul u għalhekk jikkunsidra li jkun importanti li jissaħħaħ l-iskambju immirat ta' esperjenzi fost l-Istati Membri f'dan il-qasam, sabiex tiżdied il-kuxjenza ta' kif il-kura ta' kwalità għolja tkun organizzata, garantita u titwassal bl-aħjar mod u bi spiża raġonevoli, kif ukoll liema metodi huma adattati l-aktar sabiex ikun żgurat li l-anzjani, fosthom dawk dejjem jiżdiedu li jbatu bid-dimenzja, ikunu jistgħu jgħixu ħajja dinjituża;
73. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu prijorità miżuri tas-saħħa pubblika li jfittxu li jiffaċċjaw direttament l-inugwaljanza li teżisti fis-saħħa u fl-aċċess għall-kura tas-saħħa; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri speċifiċi li jimmiraw il-ħtiġijiet tal-minoranzi etniċi;
74. Jinnota li fl-Istati Membri kollha, l-abbuż ta' alkoħol u tad-droga jista' jwassal għall-kriminalità, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali; jinnota wkoll li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jistgħu jwasslu għall-abbuż ta' alkoħol u droga; jikkunsidra li huwiex aċċettabli li għal ħafna nies l-uniku aċċess li għandhom għal trattament u pariri huwa permezz tas-sistema tal-ħabs u jistieden lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar Prattiki bil-għan li jsaħħu l-programmi biex jiġġieldu u jaffrontaw dan il-fenomeni;
75. Jenfasizza li n-nies jista' jkollhom ħafna forom ta' diżabilità, inklużi problemi ta' mobilità, ta' vista, ta' smiegħ, ta' saħħa mentali, ta' mard kroniku u ta' diżabilitajiet fit-tagħlim; jenfasizza l-fatt li persuni b'diversi diżabilitajiet għandhom problemi eċċezzjonali, kif għandhom il-persuni suġġetti għal diversi tipi ta' diskriminazzjoni;
76. Jistieden li tinqered l-istigma li jsofru persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni b'diżabilitajiet fit-tagħlim, għall-promozzjoni tas-saħħa mentali u tal-benesseri, il-prevenzjoni ta' mard mentali kif ukoll għal żieda fir-riżorsi għat-trattament u għall-kura;
77. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tippubblika varji studji dwar il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità u ta' tfal bi bżonnijiet speċjali għat-tagħlim, li jkunu rilevanti għal diversi aspetti tal-ħajja, inklużi dawk ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ;
78. Jistieden lill-Istati Membri biex isegwu b'mod attiv politiki li jnaqqsu problemi ta' saħħa kkawżati mill-alkoħol, it-tabakk u d-drogi legali kif ukoll illegali;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

79. Jidhirli li l-politika fil-qasam ta' l-alkoħol u t-tippjip, u kontra l-abbuż tad-drogi u tal-mediċini bir-riċetti, hija l-ewwelnett ta' kompetenza ta' l-Istati Membri, iżda jhegġegħ lill-Kummissjoni biex ikollha rwol proattiv fil-ġbir u l-komunikazzjoni ta' l-esperjenza ta' l-Istati Membri individwali, ladarba hija tipproponi fil-Komunikazzjoni tagħha strateġija ta' l-UE li tappoġġja lill-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara rrelatata ma' l-alkoħol u biex tibda proċess ta' konsultazzjoni u ta' dibattitu pubbliku dwar l-aħjar mod sabiex titkompla l-ġlieda kontra t-tippjip passiv, kif propost fil-Green Paper tagħha bit-titolu "Lejn Ewropa ħielsa mid-dħaħen tat-tabakk: għażliet politiċi fuq livell ta' l-UE";
80. Itenni l-punti li għamel fir-risoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tal-15 ta' Diċembru 2005, b'mod partikulari rigward it-theddid għas-saħħa pubblika bħall-mard kardjo-vaskulari, id-dijabete, il-kanċer, il-mard mentali u l-HIV/AIDS, u dwar il-livelli għolja ta' tniġġis fil-bliet u ż-żoni urbani;
81. Jenfasizza l-importanza ta' l-eżerċizzju għall-benesseri ġenerali tan-nies u biex jiġi evitat mard varju li huwa ta' theddida għas-saħħa pubblika; ihegġegħ lill-Istati Membri biex jinvestu fit-titjib tal-faċilitajiet biex in-nies ikunu jistgħu jaġhmlu l-eżerċizzju u sabiex jippromwovu l-ħolqien ta' ambjenti residenzjali li jaġhmluha eħfef biex in-nies jgħixu haġja attiva u indipendenti;
82. Jirrikonoxxi li l-abbuż ta' l-alkoħol jew il-konsum tad-drogi jista' jwassal għall-esklużjoni soċjali, jaq-bad lit-tfal u l-familji fin-nasba tal-faqar u jesponi lit-tfal għal riskju ikbar ta' abbuż;
83. Jilqa' l-fatt li l-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali saru prijorità politika aktar importanti fl-Istati Membri kollha fis-snin reċenti; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqblu fuq miri kwantifikabbli lejn l-oġjettiv tal-qirda tal-fenomenu kumpless tal-faqar tat-tfal u l-allokazzjoni ta' riżorsi xierqa sabiex tintlaħaq il-mira li jkun evitat li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jinżlu minn ġenerazzjoni għall-oħra, b'kunsiderazzjoni speċjali għat-tfal abbandunati, tfal li jgħixu fit-toroq u tfal li jgħixu fl-istituzzjonijiet;
84. Jemmen li servizzi edukattivi, tas-saħħa u s-servizzi soċjali ta' kwalità għolja, li jappoġġjaw lit-tfal u l-familji tagħhom, inkluż il-kura tat-tfal u l-aċċess għal djar bi prezzijiet li jintlaħqu minn kulħadd huma kruċjali għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar tat-tfal, ta' l-esklużjoni soċjali u tad-diskriminazzjoni u sabiex il-faqar jitwaqqaf milli jintiret minn ġenerazzjoni għal oħra;
85. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħarsien soċjali ta' familji b'ġenitur wieħed, li huma friskju akbar ta' faqar;
86. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal ikollhom aċċess għas-servizzi u l-opportunitajiet li jassiguraw il-benesseri preżenti u futur tagħhom u jippermettulhom jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom; jistieden ukoll lill-Istati Membri, għalhekk, biex jinkludu edukazzjoni finanzjarja bażika fil-kurrikuli ta' l-iskola;
87. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw il-ġbir tad-data dwar il-faqar tat-tfal u biex janalizzaw is-sitwazzjoni tat-tfal li qegħdin friskju tal-faqar, b'mod partikulari fir-rigward ta' dawk friskju għoli bħal tfal b'diżabilità, tfal Roma, tfal fl-istituzzjonijiet, tfal migranti u tfal li jgħixu fit-toroq, u biex jimmoniterjaw u jevalwaw il-politiki tagħhom f'dak il-qasam u biex jiżguraw l-evalwazzjoni sistematika ta' l-impatt ta' dawk il-politiki;
88. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi ulterjuri li jistgħu jiġu kkombinati ma' l-indikaturi tal-faqar eżistenti sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-faqar tat-tfal;
89. Jenfasizza fuq is-sehem fundamentali li għandhom is-servizzi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali ġenerali fil-mudell soċjali Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi dak l-irwol meta tapplika l-liġi tas-suq intern u tal-kompetizzjoni; jenfasizza li l-iffinanzjar għal dawk is-servizzi m'huwiex biżżejjed, l-aktar fxi Stati Membri ta' l-Ewropa tal-Lvant;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

90. Jikkunsidra li l-liberalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa tista' twassal għal inugwaljanza akbar fl-aċċess tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja;
91. Jistieden lill-Istati Membri biex jgħollu l-profil ta' l-għaqdiet ta' kreditu sabiex joffru lill-individwi ambjent sikur u regolat għal persuni biex ifaddlu u jsejlfu flus u biex jiġġieldu kontra l-problema dejjem iktar kbira tad-dejn personali; Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-individwi jkollhom id-dritt li jiftħu kont bankarju li jifilħu għalih, peress li dan huwa mezz essenzjali biex wieħed jipparteċipa kemm fattivijiet ekonomiċi kif ukoll fis-soċjetà;
92. Jirrikonoxxi li t-traffikar tal-bnedmin jirriżulta fi tbatija kbira u jistieden lill-Istati Membri biex jinforzaw leġiżlazzjoni kontra t-traffikar u kontra d-diskriminazzjoni, jintegraw mill-ġdid lill-vittmi tat-traffikar fis-soċjetà, isaħħu l-koperazzjoni transkonfinali, u, b'mod partikulari, jiffirmaw, jirratifikaw u jimplementaw il-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-ħarsien tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin b'mod partikolari lill-vittmi tfal u l-implementazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom;
93. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tipprovi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali u jistieden lill-Istati Membri biex iressqu leġiżlazzjoni u biex jimplementaw aħjar leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti biex jevitaw l-isfruttament ta' ħaddiema vulnerabbli minn gruppi kriminali u jiffirmaw u jirratifikaw, jekk għadhom m'għamlux dan, il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Familji tagħhom;
94. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jissalvagwardjaw il-politika ta' l-ażil imsejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem skond il-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Rifugiati u liġijiet oħra rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, waqt li jaħdmu biex itemmu d-dipendenza fuq il-benefiċċji ta' persuni li qed jitlobu l-ażil billi jippermettullhom li jaħdmu, u biex jikkunsidraw l-iżvilupp ta' aktar rotot ta' immigrazzjoni legali; jikkritika bil-qawwa l-ksur li qed isir tal-Konvenzjoni dwar ir-Rifugiati u ta' liġijiet oħra tad-drittijiet tal-bniedem mill-Istati Membri;
95. Jitlob li tingħata iktar attenzjoni mill-Istati Membri lill-persuni bla dar, b'mod speċjali fl-aċċess għal djar, saħħa, edukazzjoni u impjeg;
96. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jeliminaw in-nuqqasijiet fl-ghajjnuna lill-gruppi soċjali li ma jistgħux ikunu integrati fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-servizzi maħsuba għalihom, u biex jiżguraw li din l-ghajjnuna u dawn is-servizzi jkunu ġusti, aċċessibli għal kulħadd u sostenibbli;

*
* *

97. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

P6_TA(2007)0542

Komunitajiet Kristjani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ġrajjiet serji li jikkompromettu l-eżistenza ta' komunitajiet Kristjani u dawk ta' komunitajiet reliġjużi oħra

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 18 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) ta' l-1948,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) ta' l-1950,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) ta' l-1966,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar t-Tneħħija tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni bbażata fuq Reliġjon u Twemmin ta' l-1981,
 - wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin u b'mod partikolari r-rapporti tat-8 ta' Marzu 2007, ta' l-20 ta' Lulju 2007 u ta' l-20 ta' Awwissu 2007,
 - wara li kkunsidra r-rapporti annwali tiegħu dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-minoranzi reliġjużi fid-dinja,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Pakistan⁽¹⁾ u l-Iran⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2004 u l-politika ta' l-UE fuq il-kwistjoni⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2005 dwar l-Unjoni Ewropea u l-Iraq — Qafas għal Impenn⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2006 dwar l-Iraq: il-komunità Assirjana; il-qagħda tal-ħabsijiet fl-Iraq⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Mejju 2007 dwar ir-riformi fid-dinja Għarbija: liema strateġija għandha tadotta l-Unjoni Ewropea?⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni Ewropea tafferma u tmexxi 'l quddiem il-valuri tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi, ir-rispett reċiproku bejn il-ġnus u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem,
- B. billi f'bosta okkażjonijiet hu esprima ruħu favur id-drittijiet ta' komunitajiet reliġjużi u l-ħarsien ta' l-identità tagħhom madwar id-dinja kollha u favur ir-rikonoxximent u l-ħarsien tal-minoranzi reliġjużi, mingħajr ebda distinzjoni,
- C. jinsab imħasseb f'dan ir-rigward, dwar il-proliferazzjoni ta' episodji ta' intolleranza u ta' repressjoni kontra komunitajiet Kristjani, partikolarment fil-pajjiżi ta' l-Afrika, ta' l-Ażja u tal-Lvant Nofsani,
- D. ifakkar fl-impenn tiegħu lejn il-prinċipji tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon u l-libertà ta' l-osservanza reliġjuża fid-dinja kollha, u lejn il-prinċipju li l-Istat u l-istituzzjonijiet pubbliċi tiegħu għandhom ikunu sekulari; jenfasizza li, fid-dinja kollha, dawn l-awtoritajiet għandhom id-dmir li jiggarrantixxu dawn il-libertajiet, inkluża l-libertà li tibdel ir-reliġjon,
- E. wara li kkunsidra l-importanza tad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet biex il-paċi u l-fehim bejn il-ġnus jimxu 'l quddiem,
- F. billi l-mexxejja politiċi u reliġjużi għandhom id-dmir f'kull livell li jiġġieldu kontra l-estremiżmi u jip-promwovu r-rispett reċiproku,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0489.⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0488.⁽³⁾ ĠU C 45 E, 23.2.2006, p.107.⁽⁴⁾ ĠU C 157 E, 6.7.2006, p.390.⁽⁵⁾ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p.322.⁽⁶⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0179.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- G. billi, skond il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; dan id-dritt jinkludi l-libertà li jidbel ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-libertà li waħdu jew f'komunità ma' oħrajn u fil-pubbliku jew fil-privat, jimmanifesta r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu billi jadura, jgħallem, jipprattika u josserva,
- H. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin jenfasizza sitwazzjonijiet ta' tħassib li fihom il-libertà li tadotta, tibdel jew tirrinunzja reliġjon jew twemmin ma ġietx irrispettata u jirrapporta wkoll bosta każijiet ta' diskriminazzjoni interreliġjuża u vjolenza, qtil u detenzjoni arbitrarja għal raġunijiet ta' reliġjon jew ta' twemmin,
- I. billi gruppi oħra ta' nies bħal refuġjati, persuni mċaqalqa f'pajjiżhom, persuni li jfittxu ażil, migranti, persuni mċaħħda l-libertà tagħhom, minoranzi etniċi, reliġjużi u lingwistiċi u tfal ta' dawk li għandhom twemmin, kollha jaffaċċjaw numru dejjem akbar ta' ksur tad-dritt tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom; ifakkar, f'dan ir-rigward, il-prinċipju tan-*non-refoulement*, skond l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati,
- J. imħasseb dwar il-ġrajjet vjolenti li sehew dan l-aħħar fl-Iraq, li jinkludu l-ħtif ta' żewġ saċerdoti Katolici, Patri Pius Afas u Patri Mazen Ishoa, fl-14 ta' Ottubru 2007 f'Mosul, il-qtil ta' żewġ membri Kristjani Assirjani ta' l-organizzazzjoni Unjoni Nazzjonali ta' Bet-Nahrin, Zuhair Youssef Astavo Kermles u Luay Solomon Numan, fit-28 ta' Ġunju 2007 f'Mosul, il-qtil ta' saċerdot Kaldew, P. Ragheed Ganni, u ta' tliet dekani li kienu l-assistenti tiegħu fit-3 ta' Ġunju 2007 f'Mosul,
- K. jikkundanna l-qagħda tal-villaġġi Assirjani fiż-żoni tal-fruntiera tat-Turkija bħal fil-każ tal-villaġġ Kani Masi,
- L. imħasseb mill-ġrajjet vjolenti li sehew dan l-aħħar fil-Pakistan, li jinkludu l-attakk fuq knisja Kristjana fl-10 ta' Ottubru 2007 f'Godwinh fuq in-naħa ta' barra ta' Lahore, l-isplużjoni ta' bomba fil-15 ta' Settembru 2007 li għamlet ħsarat kbar fis-skola mmexxija mill-missjunarji ta' Mill Hill fid-distrett ta' Bannu, u l-qtil ta' l-Isqof Protestant Arif Khan u l-mara tiegħu fid-29 ta' Awwissu 2007 f'Islamabad,
- M. jikkundanna l-qtil f'Gaża ta' Rami Khader Ayyad, is-sid ta' libreriya Kristjana, fis-7 ta' Ottubru 2007,
- N. dispjaċut bil-qtil ta' żewġ zghażaġh Kopti, Wasfi Sadek Ishaq u Karam Klieb Endarawis, fit-3 ta' Ottubru 2007 f'Awlad Toq Garb fl-Eġittu,
- O. ixxukkjat mill-attakki fuq dar tal-pubblikazzjoni Kristjana Zirve fit-18 ta' April 2007 f'Malatya (it-Turkija), li matulhom inqatlu tliet Kristjani, Tilmann Geske, Necati Aydin u Ugur Yuksel; ifakkar ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija⁽¹⁾ u l-kundanna qawwiya tiegħu tal-qtil ta' Hrant Dink u tas-saċerdot Kattoliku Andrea Santoro,
- P. jikkundanna l-ħatfa tas-saċerdot Kattoliku Giancarlo Bossi fil-Filippini,
- Q. jenfasizza b'mod partikolari il-gravità tal-qagħda ta' komunitajiet Kristjani fis-Sudan, fejn l-awtoritajiet ta' Khartoum għadhom qed iwettqu oppressjoni fuq il-membri tagħhom,
- R. billi matul dawn l-aħħar snin mijiet ta' familji Kristjani Assirjani li kienu jgħixu fil-viċinat ta' Dora fin-nofsinar ta' Baghdad telqu l-belt minħabba intimidazzjoni, theddid u vjolenza,
- S. billi l-eżodu tal-Kristjani mill-Iraq huwa kawża ta' tħassib serju, kif enfasizzat mill-fatt li, fl-2006, minn total ta' 38,000 Iraqqin irreġistrat mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) fis-Sirja, madwar 24% kienu Kristjani u billi aktar minn żewġ miljun persuna ġew mċaqalqa fl-Iraq, il-maġġoranza l-kbira tagħhom jiffurmaw parti mill-minoranzi Kristjani u li qed imorru prinċipalment lejn il-panura ta' Nineveh,

(¹) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0472.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- T. wara li kkunsidra l-gravità tal-qagħda rigward il-libertà reliġjuża fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, fejn l-awtoritajiet għadhom qed iwettqu oppressjoni fuq kull espressjoni reliġjuża, partikolarment mill-Knisja Kattolika, bosta mill-membri u isqijiet tagħha ġew arrestati għal għadd ta' snin u wħud minhom mienu fil-ħabs,
- U. billi anki fil-Vjetnam, l-attivitajiet tal-Knisja Kattolika u ta' komunitajiet reliġjużi oħra ġew repressi b'mod qawwi, kif muri bil-qagħda serja li qed jaffrontaw il-komunitajiet ta' "montagnards" Vjetnamiżi,
- V. billi f'xi każijiet il-qagħda li qed jaffrontaw il-komunitajiet Kristjani tqiegħed fil-periklu l-eżistenza tagħhom fil-ġejjieni, u jekk kellhom jisparixxu, dan jimplika t-telf ta' parti sinifikanti mill-wirt reliġjuż ta' dawn il-pajjiżi,
1. Jikkundanna bis-sħiħ kull att vjolenti kontra komunitajiet Kristjani, huma fejn huma, u jħeġġeġ lill-gvernijiet ikkonċernati biex iressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk li wettqu dawn il-krimini;
 2. Jikkundanna bis-sħiħ kull forma ta' diskriminazzjoni u intolleranza bbażata fuq reliġjon u twemmin u atti ta' vjolenta kontra kull komunità reliġjuża; iħeġġeġ lill-pajjiżi kkonċernati biex jiżguraw li s-sistemi kostituzzjonali u leġislattivi tagħhom jipprovdu garanziji adegwati u effettivi għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin kif ukoll rimedji legali effettivi għall-vittmi fejn id-dritt tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin ma ġietx irrispettata;
 3. Jinnota li d-dritt tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon hija dritt fundamentali tal-bniedem li huwa garantit minn bosta għodda legali internazzjonali; ifakkar, fl-istess ħin, l-impenn tiegħu għall-kunċett fundamentali ta' l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem;
 4. Iħeġġeġ bis-sħiħ kull inizjattiva li tippromwovi d-dialogu u r-rispett reċiproku bejn ir-reliġjonijiet; jistieden l-awtoritajiet reliġjużi kollha biex jippromwovu t-tolleranza u biex jieħdu inizjattivi kontra l-mibegħda u r-radikalizzazzjoni vjolenta u estremista;
 5. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati biex itejbu l-qagħda tas-sigurtà tal-komunitajiet Kristjani; jenfasizza għalhekk li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dmir li jħarsu kull komunità reliġjuża, inklużi l-komunitajiet Kristjani, mid-diskriminazzjoni u r-repressjoni;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iqajmu s-suġġett tal-qagħda tal-komunitajiet Kristjani fil-qafas tad-dialogu politiku, mal-pajjiżi fejn huma mhedda, permezz tal-promozzjoni ta' impenn strateġiku mill-pajjiżi kkonċernati fuq il-bażi tat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jagħmlu kontribuzzjonijiet ulterjuri għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt bl-użu ta' kull għodda ta' politika barranija ta' l-UE;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-qagħda tal-komunitajiet reliġjużi, inklużi l-komunitajiet Kristjani, f'dawk il-pajjiżi fejn huma mhedda, waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ta' żvilupp u ta' programmi ta' għajjnuna ma' dawn l-istess pajjiżi;
 9. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jallokaw aktar fondi għall-attivitajiet ta' l-UNHCR u għall-għajjnuna umanitarja mmexxija minn din l-organizzazzjoni;
 10. Jirrakkomanda li l-kumitati rilevanti tiegħu jqisu l-qagħda tal-komunitajiet Kristjani, prinċipalment fil-Lvant Nofsani;
 11. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0543

Uzbekistan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-Uzbekistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' qabel dwar l-Uzbekistan tas-26 ta' Ottubru 2006 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Karta Strateġika tal-Kummissjoni dwar l-Ażja Ċentrali (2007-2012),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Barranin tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2007,
 - wara li kkunsidra l-ittri, mibgħuta mill-President tiegħu Hans-Gert Pöttering lill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Uzbekistan, tal-15 ta' Mejju 2007 u tat-3 ta' Lulju 2007,
 - wara li kkunsidra l-ftehma ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni li tistabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Uzbekistan min-naħa l-oħra ⁽²⁾, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999,
 - wara li kkunsidra l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehma fuq imsemmija,
 - wara li kkunsidra l-istqarrijiet tal-Presidenza tal-Kunsill ta' l-2005 u l-2006 dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bnedmin fl-Uzbekistan,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Barranin impona u estenda sanzjonijiet fuq l-Uzbekistan wara l-ġrajjet li seħħew f'Mejju ta' l-2005 f'Andijan,
- B. billi l-gvern Uzbek għadu ma indirizzax il-kundizzjonijiet kollha stipulati mill-Kunsill meta ġew applikati s-sanzjonijiet,
- C. billi l-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2007 għedded għal perjodu ta' tna-x il xahar l-embargo fuq l-armi, li kien stipulat fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/787/CFSP ⁽³⁾ u r-restrizzjonijiet fuq il-viżi għal individwi elenkati fl-anness tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/338/CFSP ⁽⁴⁾,
- D. billi l-Kunsill, fl-istess okkażjoni, neħħa l-projbizzjoni fuq il-viżi għal uffiċjali mill-Uzbekistan kif stipulat fl-anness tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/338/CFSP għal sitt xhur, sabiex jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet ta' l-Uzbekistan sabiex jieħdu passi pożittivi oħra biex itejbu l-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem,
- E. billi matul l-2007 l-awtoritajiet Użbeki wrew ir-rieda li jidħlu fi djalogu ma' l-UE billi jniedu żewġ sensiliet ta' taħditiet minn esperti dwar il-ġrajjet f'Andijan kif ukoll, għall-ewwel darba, rawnd ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Uzbekistan;

⁽¹⁾ ĠU C 313 E, 20.12.2006, p.466.

⁽²⁾ ĠU L 229, 31.8.1999, p.3.

⁽³⁾ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/787/CFSP tat-13 ta' Novembru 2006 li għedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan (ĠU L 318, 17.11.2006, p.43).

⁽⁴⁾ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/338/CFSP ta' l-14 ta' Mejju 2007 li għedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan (ĠU L 128, 16.5.2007, p.50).

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

1. Jafferma mill-ġdid it-tħassib serju tiegħu dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fl-Uzbekistan;
2. Itenni mill-ġdid l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Uzbekistan u jirrikonoxxi l-irwol kruċjali ta' l-Uzbekistan fir-reġjun ta' l-Ażja Ċentrali, iżda jenfasizza li dawn ir-relazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq rispettt reċiproku tal-prinċipji tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat b'mod ċar fil-Ftehma ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn l-UE u l-Uzbekistan;
3. Jirrimarka li l-politika ta' sanzjonijiet immirati ma wasslitx għal riżultati pożittivi sa issa; għalhekk iqis li huwa ġustifikat li wieħed iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' l-Uzbekistan billi jneħħi l-projbizzjoni fuq il-viżi għall-uffiċjali Użbeki kif stipulat fl-anness tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/338/CFSP għal sitt xhur;
4. Jistieden lill-Kunsill Ewropew biex wara sitt xhur jissorvelja u jevalwa b'mod ċar l-effetti ta' din il-miżura fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Uzbekistan u possibilmment ifassal il-konklużjonijiet rilevanti fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni;
5. Jilqa' bil-ferħ il-progress ġenerali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Uzbekistan li sar matul l-2007;
6. Jinnota b'mod partikulari r-rieda li wrew l-awtoritajiet Użbeki li jidħlu fi djalogu ma' l-UE billi jniedu żewġ sensiliet ta' taħditiet minn esperti dwar il-ġrajjet f'Andijan kif ukoll, għall-ewwel darba, rawnd ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Uzbekistan;
7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Użbeki biex jagħmlu aktar progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Użbeki sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-obbligi internazzjoni tagħhom favur il-libertajiet fundamentali, il-libertà ta' l-istampa u tal-midja kif ukoll l-istat tad-dritt;
9. Juri t-tħassib tiegħu dwar ir-rifjut mill-Ministeru tal-Ġustizzja fl-Uzbekistan li jirrikonoxxi uffiċjalment l-Uffiċċju tal-Human Rights Watch, u jitlob lill-awtoritajiet Użbeki biex iqisu din id-deċiżjoni mill-ġdid sabiex juru l-impenn tagħhom favur l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili f'pajjiżhom;
10. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' l-Uzbekistan biex jeħles il-ħmistax-il difensur Uzbek tad-drittijiet tal-bniedem billi għall-UE l-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huwa kwistjoni ewlenija tal-politiki esterni tagħha, b'mod partikulari permezz tal-Linji ta' Gwida ta' l-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottati fl-14 ta' Ġunju 2004;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għall-Ażja Ċentrali, lill-Gvern u lill-Parlament ta' l-Uzbekistan u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

P6_TA(2007)0544

Somalja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 dwar is-Somalja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Somalja,
- wara li kkunsidra l-istqarrijiet preċedenti tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni, Javier Solana, u tal-Kummissarju Louis Michel,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- wara li kkunsidra l-Istqarrija ta' Tħassib rigward il-katastrofi umanitarja li qed tinfirex fis-Somalja ffir-mata minn 40 NGOs internazzjonali u nazzjonali.
 - wara li kkunsidra l-pjan tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali mressaq fir-Riżoluzzjoni 1744 (2007), adottata mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU fl-20 ta' Frar 2007, wara r-rebħa ta' l-Etopja fuq l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi,
 - wara li kkunsidra l-Laqgħa Għolja UE-Afrika li se ssir fl-Liżbona fit- 8 u d-9 ta' Diċembru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi nqatlu mill-inqas 80 persuna fil-ġlied reċenti bejn ir-ribelli ta' l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi u t-truppi alleati ta' l-Etopja u tal-Gvern Federali ta' Tranżizzjoni (TFG),
- B. waqt li jfakkar li s-Somalja ilu ma jkollha gvern li jiffunzjona sa mill-waqgħa tar-reġim ta' Siad Barre u minn dak iż-żmien is-sitwazzjoni politika hija waħda ta' anarkija, ikkaratterizzata bi ġlied bejn gruppi interni u brigantaġġ,
- C. billi l-Kommissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati jikkalkula li mill-inqas 100,000 ruħ kienu spustati minħabba l-ġlied reċenti bejn l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi u t-truppi alleati ta' l-Etopja u t-TFG; billi dan il-ġlied ikkawża t-telf ta' ħajjiet ta' bosta nies ċivili; billi s-sigurtà tal-bqija tal-popolazzjoni qiegħda tikkawża tħassib kbir,
- D. billi l-istat tas-sigurtà fil-belt kapitali tas-Somalja, Mogadishu, li sejjer mill-ħażin għall-agħar, żamm lill-NGOs nazzjonali u internazzjonali milli jlaħħqu mal-katastrofi umanitarja li qiegħda sseħħ kif ukoll milli jirreaġixxu għall-emerġenzi,
- E. billi skond l-Unità ta' l-Analiżi tas-Sikurezza ta' l-Ikel, madwar 38 000 tifel u tifla taħt il-ħames snin fost il-popolazzjoni rurali huma stmati li huma nieqsa mill-ikel b'mod gravi u madwar 10,000 huma stmati li huma nieqsa mill-ikel b'mod serju u jinsabu fir-riskju tal-mewt jekk ma tingħatalhomx il-kura xierqa,
- F. billi kienu kkonfermati każijiet ta' kolera fir-reġjun; u għalhekk huwa kruċjali li jkun hemm miżuri urġenti biex jiġi provdut ilma tajjeb għax-xorb u faċilitajiet ta' sanità għall-persuni spustati internament biex jitrażżan it-tixrid tal-marda,
- G. billi skond l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni ta' l-Affarijiet Umanitarji (OCHA) fis-Somalja — madwar 450 000 ruħ ġew spustati minħabba l-ġlied fl-2007, biex b'hekk it-total tal-persuni spustati fis-Somalja huwa ta' aktar minn 850 000, fosthom madwar 400 000 persuna minn meta bdiet il-gwerra ċivili fis-snin 90,
- H. billi minn popolazzjoni ta' 10 miljun abitant, madwar 1.5 miljun Somali jeħtieġu għajjnuna internazzjonali,
- I. billi hu mħasseb bil-gwerra ċivili fis-Somalja li qiegħda tieħu fit-tul u bl-implikazzjonijiet tagħha għall-paċi u l-proċess ta' rikonċiljazzjoni f'dak il-pajjiż, kif ukoll bis-sigurtà u bl-istabilità tal-Qarn ta' l-Afrika kollu kemm hu,
- J. billi Ali Mohammed Gedi, il-Prim Ministru tas-Somalja, irriżenja wara ġlieda mal-President, Abdullahi Yusuf Ahmed; billi dan ħarrax l-intopp politiku fil-pajjiż,
- K. billi r-ribelli ta' l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi bbojkotjaw laqgħa ta' rikonċiljazzjoni mnedija mill-gvern tranżizzjonali x-xahar li għadda; billi l-Prim Ministru ta' l-Etopja, Meles Zenawi, qal li t-truppi ta' l-Etopja jirtiraw meta membri ta' l-Unjoni Afrikani għaż-żamma tal-paċi jaslu f'Mogadishu,

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

- L. billi r-ribelli ta' l-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi jeskludu kull kuntatt politiku mat-TFG sakemm l-armata ta' l-Etjopja tibqa' fis-Somalja, billi t-tul ta' l-intervent ta' l-Etjopja qiegħed ikompli jikkomplika l-qagħda fir-reġjun, l-istess bħal ma qiegħed jagħmel l-appoġġ allegat ta' pajjiżi oħra għall-Unjoni tal-Qrati Iżlamiċi — b'referenza speċifika għall-Eritrea,
- M. billi dawk li wettqu l-biċċa kbira tal-qtil ta' ġurnalisti individwali fl-2007 għadhom mhux magħrufa u sa lllum uffiċjali tal-gvern tas-Somalja baqgħu ma kkundannawx dan il-qtil, inqas u inqas investigaw, arrestaw jew ipproċedew kontra xi ħadd b'rabta mal-qtil,
1. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur serju tal-liġijiet umanitarji internazzjonali u tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-partijiet kollha fil-kunflitt tas-Somalja; jitlob biex ikun hemm waqfien tal-ġlied minnufih; jitlob li l-fazzjonijiet kollha mdaħħla fil-ġlied jieqfu milli jagħmlu attacchi bla distinzjoni fuq nies ċivili u jitlob biex ikun hemm bord indipendenti biex jinvestiga r-reati tal-gwerra u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
 2. Ifakkar li l-komunità internazzjonali u l-partijiet kollha fil-kunflitt attwali għandhom r-responsabilità li jħarsu n-nies ċivili, li jippermettu li tingħata l-assistenza, u li jirrispettaw l-ispazju umanitarju u s-sikurezza tal-ħaddiema umanitarji; jesiġi, għalhekk, li mill-aktar fis jinħolqu l-kundizzjonijiet tajba biex ikun hemm rispons adegwat għall-katastrofi umanitarja fis-Somalja;
 3. Iwissi li sakemm ma jittiħdux miżuri ibsin u f'waqthom mill-komunità internazzjonali bil-qagħda tistabilizza ruħha u titjeb bil-mod il-mod, hemm riskju ċar li l-kunflitt fis-Somalja jeskala għal gwerra reġjonali li teffettwa l-Qarn ta' l-Afrika kollu kemm hu;
 4. Jistieden lill-komunità internazzjonali biex iżżid u ssostni l-isforzi diplomatiċi biex tintemm il-vjolenza li għadha għaddeja u tipproponi li jitwaqqaf mekkaniżmu permanenti biex jiġi nnegożjat u mmonitorjat waqfien mill-ġlied immedjat;
 5. Jistieden lit-TFG biex jikkomunika mal-partijiet ewlenin Somali interessati u jibda proċess konsultattiv li jwassal għall-ħatra ta' Prim Ministru ġdid; iħeġġeġ lill-partijiet Somali interessati kollha biex iġeddu l-isforzi tagħhom għal djalogu politiku u biex jibqgħu ffukati ħalli jinbeda l-proċess imfassal mill-Karta Federali ta' Tranżizzjoni tar-Repubblika Somala fl-2004; jenfasizza li djalogu u rikonċiljazzjoni li jirnexxu huma kruċjali sabiex ikun żgurat li jsiru elezzjonijiet liberi u ġusti fl-2009 biex jiġu stabbiliti paċi u stabbiltà dejjiema fis-Somalja;
 6. Jitlob il-waqfien ta' kull intervent militari barrani fis-Somalja;
 7. Jitlob tisħiħ ta' l-irwol tas-soċjetà ċivili — partikolarment tan-nisa — fil-proċess tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali;
 8. Jilqa' l-isforzi ta' l-Unjoni Afrikana biex tgħaqqad forza għaż-żamma tal-paċi sabiex tgħin fil-proċess tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali iżda jiddeplora l-fatt li s'issa ntbagħtu 1600 biss mit-8000 suldat li l-Unjoni Afrikana kienet ftiehmet li tibgħat; għaldaqstant jistieden lill-Unjoni Afrikana sabiex tħeġġeġ il-membri tagħha ħalli jżommu l-impenji li ħadu għall-kontribuzzjoni tal-forza għaż-żamma tal-paċi; f'dan ir-rigward jistieden lill-UE sabiex iżżid l-isforzi tagħha biex tipprovdi l-appoġġ politiku, finanzjarju u loġistiku neċes-sarju għat-tqassim tat-truppi taż-żamma tal-paċi ta' l-Unjoni Afrikana, kif ukoll biex tieħu l-passi kollha l-oħra li jwasslu għall-iffaċilitar tal-proċess ta' paċi;
 9. Jistieden lill-komunità internazzjonali sabiex issaħħaħ l-isforzi diplomatiċi tagħha lejn il-paċi u l-istabbiltà fis-Somalja u biex tevita perċezzjonijiet simpliċistiċi tad-theddid terroristiku fil-Qarn ta' l-Afrika, li ġieli ntużaw sabiex titwarrab l-attenzjoni mill-problemi interni u biex titwitta t-triq għall-intervent militari barrani;
 10. Itenni t-talba tiegħu lill-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali għas-Somalja, li hu magħmul mill-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Italja, it-Tanzanija u oħrajn, sabiex iħeġġeġ żviluppi politiċi pożittivi u parteċipazzjoni mal-partijiet interessati fis-Somalja, bil-għan li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-Karta Federali ta' Tranżizzjoni u l-Istituzzjonijiet, biex tiġi stabbilita governanza u stabbiltà effettivi u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet internazzjonali tal-komunità fir-rigward tat-terroriżmu;

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007

11. Jitlob lill-komunità internazzjonali, u b'mod partikolari lill-UE sabiex iżidu d-dispożizzjoni ta' l-għaj-nuna umanitarja għall-persuni internament spustjati u dawk fil-bżonn;
 12. Iħeġġeġ l-applikazzjoni stretta u mġedda u l-monitoraġġ ta' l-embargo fuq l-armi kontra s-Somalja, impost min-NU fl-1992, u li f'it li xejn jiġi rispettati; jitlob li dawk li jiksru l-embargo ta' l-armi fis-Somalja jibdwu jitqiesu responsabbli;
 13. Jenfasizza b'mod partikolari l-bżonn urġenti li jiġu protetti l-ġurnalisti u jikkundanna t-tkasbir sistematiku tat-TFG fir-rigward tal-ġurnalisti, l-għeluq tal-positjiet tal-midja tiegħu u l-falliment tiegħu fir-rigward ta' l-investigazzjonijiet tal-qtil tal-ġurnalisti, li kollha kemm huma għamlu ħsara kbira lir-rappurtaġġ indipendenti fis-Somalja; jistieden lit-TFG biex jinvestiga dawn l-attakki kif ukoll biex iwaqqaf it-tkasbir minnu stess tal-mezzi ta' komunikazzjoni;
 14. Isejjaħ lil-Laqqha Għolja UE-Afrika biex jagħti konsiderazzjoni urġenti lis-sitwazzjoni gravi li teżisti bħalissa fis-Somalja;
 15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarji Ġenerali ta' l-Unjoni Afrikana, lin-NU u lill-Awtorità Intergovernamentali għall-Iżvilupp (IGAD), lill-President tal-Gvern Federali Tranżitorju tas-Somalja, lill-Gvern ta' l-Etopja u lill-Parlament Pan-Afrikan.
-